6 5 2 **Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 - Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.		

## Kummenti

## Artikolu Ġdid

Dan l-Artikolu huwa maħsub sabiex jilqa' korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) - Taqsima Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIGF), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (SAPARD), relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006.

L-ammonti allokatu għal dan l-Artikolu għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' għajjnuna kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/99, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kull leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal din l-għajjnuna fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'hekk għandha tapplika għal dik l-għajjnuna jew il-proġetti kkonċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti kkonċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġiżlazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u partikolarment l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-għajjnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u ta' l-vant matul il-perjodu ta' qabel l-Adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Ġunju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13/08/1999, p. 1)

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI** (ikompli)**6 5 2** (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13/08/1999, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajjnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1386/2002 tad-29 ta' Lulju 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-għajjnuna mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni u l-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

**6 5 3** **Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 - Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.		

**Kummenti****Artikolu Ġdid**

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES), u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

L-ammonti allokatu għal dan l-Artikolu jstgħu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġislazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI** (*ikompli*)**6 5 3** (*ikompli*)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

**6 5 4** ***Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 - Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.		

*Kummenti**Artikolu Ġdid*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd (FEMS), il-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Aktar Foqra (FEAD) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020.

L-ammonti allokatu għal dan l-Artikolu għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).



**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (ikompli)****6 5 4 (ikompli)**

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.03.2014, p. 11).

**KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA****6 6 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra****6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra assenjati — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	512 989 937,39

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali biex tkun iffinanzjata n-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

**6 6 0 1 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra nonassenjati**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
60 000 000	60 000 000	42 606 139,40

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex takkomoda kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li ma jintużax, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI****6 7 0 Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija****6 7 0 1 Approvazzjoni ta' kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	593 564 006,54

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li joħorġu minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (Taqsimha Garanzija) fl-Intestatura 1 tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fl-Intestatura 2 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007-2013 u 2014-2020 skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Hija tinkludi korrezzjonijiet relatati man-nuqqas ta' konformità mal-iskadenzi tal-ħlasijiet skont l-Artikolu 40 ta' dak ir-Regolament.

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (ikompli)****6 7 0** (ikompli)

6 7 0 1 (ikompli)

Din il-partita hija maħsuba wkoll biex takkomoda ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet tal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika favur il-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tan-nefqa finanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 li ntemm fit-30 ta' Settembru 2012.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim.

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat li hu EUR 1 198 600 000, inklużi EUR 330 000 000 trasferiti mill-2014 għall-2015 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Finanzjarju. Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2015, ġie kkunsidrat ammont ta' EUR 469 300 000 għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri taħt l-Artikolu 05 02 08 u ammont ta' EUR 54 300 000 ġie kkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri taħt l-Artikolu 05 02 12 u l-ammont li kien fadal ta' EUR 675 000 000 ġie kkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri skont l-Artikolu 05 03 01.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 0 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	155 144 099,11

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inklużi l-interessi relatati, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi riċevuti, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji miċħuda fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsim Gwida) fl-Intestatura 1 tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), fl-Intestatura 2 tal-Qafas Pluriennali Finanzjarju tal-2007-2013 u tal-2014-2020 skont l-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (ikompli)

**6 7 0** (ikompli)

**6 7 0 2** (ikompli)

Din il-partita hi maħsuba wkoll biex takkomoda l-ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew żbalji, inklużi interessi, penali u titoli akkwistati, li jirriżultaw min-nefqa ffinanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 320/2006, li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2012.

Din il-partita hija wkoll maħsuba biex takkomoda l-ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % kif stipulat fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprijazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima.

Id-dħul taħt din il-partita ġie smat għal EUR 165 000 000. Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2015, dan l-ammont tqies għall-iffinanzjar tal-ħtiġijiet ta' miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**6 7 0 3** Superlevy minn produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	80 246 086,87

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti li jkunu relatati mal-imposta fuq l-ammont żejjed li tapplika għas-sistema tal-kwoti tal-ħalib li jinġabru jew jiġu rkuprati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, b'mod partikolari l-Artikolu 78 tiegħu.

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (ikompli)**6 7 0** (ikompli)

6 7 0 3 (ikompli)

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approporzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat għal EUR 405 000 000. Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2015, dan l-ammont tqies għall-iffinanzjar tal-ħtiġijiet ta' miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispozzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

**6 7 1** **Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**

6 7 1 1 Approvazzjoni ta' kontijiet Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	212 191 255,33

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. L-ammonti marbuta mal-ħlas lura ta' ħlasijiet fuq il-kont skont il-FAEŻR huma wkoll irreġistrati f'din il-partita.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approporzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit fil-FAEŻR.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2015, ma ġie previst ebda ammont speċifiku għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** (ikompli)

**6 7 1** (ikompli)

6 7 1 1 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 1 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inklużi l-interessi relatati, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi miġbura, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji ċeduti fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) skont l-Artikoli 54 u 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit fil-FAEŻR.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2015, ma ġie previst ebda ammont speċifiku għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KUMMISSJONI

## TITOLU 7

## IMGĦAX DWAR ARRETRATI U MULTI

KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI

KAPITOLU 7 1 — MULTI

KAPITOLU 7 2 — IMGĦAX FUQ DEPOŻITI U MULTI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013	% 2013/2015
	KAPITOLU 7 0				
<b>7 0 0</b>	<b>Imgħax fuq arretrati</b>				
7 0 0 0	Imgħax dovut fuq arretrati fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri	5 000 000	5 000 000	21 269 225,04	425,38
7 0 0 1	Imgħax ieħor fuq arretrati	3 000 000	3 000 000	739 442,82	24,65
	<i>Artikolu 7 0 0 — Total</i>	8 000 000	8 000 000	22 008 667,86	275,11
<b>7 0 1</b>	<b>Imgħax fuq arretrati u mgħax ieħor fuq il-multi</b>	15 000 000	329 000 000	248 687 696,88	1 657,92
	KAPITOLU 7 0 — TOTAL	23 000 000	337 000 000	270 696 364,74	1 176,94
	KAPITOLU 7 1				
<b>7 1 0</b>	<b>Multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra</b>	100 000 000	3 636 000 000	2 674 688 673,85	2 674,69
7 1 1	Primjums għall-emissjonijiet eċċessivi għal karozzi ġodda tal-passiġġieri	p.m.	p.m.	0,—	
7 1 2	Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat	p.m.	p.m.	27 398 000,—	
	KAPITOLU 7 1 — TOTAL	100 000 000	3 636 000 000	2 702 086 673,85	2 702,09
	KAPITOLU 7 2				
<b>7 2 0</b>	<b>Imgħax fuq depożiti u multi</b>				
7 2 0 0	Imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 7 2 0 — Total</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 7 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Titolu 7 — Total</b>	<b>123 000 000</b>	<b>3 973 000 000</b>	<b>2 972 783 038,59</b>	<b>2 416,90</b>

## TITOLU 7

## IMGĦAX DWAR ARRETRATI U MULTI

## KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI

7 0 0 *Imgħax fuq arretrati*

## 7 0 0 0 Imgħax dovut fuq arretrati fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
5 000 000	5 000 000	21 269 225,04

*Kummenti*

Kwalunkwe dewma minn xi Stat Membru biex jagħmel l-entrata fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, iwassal għall-ħlas ta' imgħax mill-Istat Membru kkonċernat.

Fil-każ ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, ir-rata tal-imgħax għandha tkun l-istess bħar-rata kif ipublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C li l-Bank Ċentrali Ewropew applika għall-operazzjonijiet tiegħu ta' rifinanzjament, fl-ewwel jum tax-xahar li fih kienet id-data ta' skadenza, żdiedet b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewma.

Fil-każ ta' Stati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, ir-rata għandha tkun daqs ir-rata applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni mill-Banek Ċentrali għall-operazzjonijiet prinċipali tagħhom ta' rifinanzjament, miżjuda b'żewġ punti perċentwali, jew, għall-Istati Membri li għalihom ir-rata tal-Bank Ċentrali mhix disponibbli, l-iktar rata ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni fis-suq tal-flus tal-Istat Membru, miżjud b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewma.

Ir-rata tal-imgħax tapplika għall-entrati kollha tar-riżorsi proprji enumerati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

## 7 0 0 1 Imgħax ieħor fuq arretrati

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
3 000 000	3 000 000	739 442,82

## KUMMISSJONI

**KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI** (ikompli)**7 0 0** (ikompli)

7 0 0 1 (ikompli)

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex jiġi rreġistrat imġax fuq il-pagamenti tardivi ta' intitolamenti għajr dawk tar-riżorsi proprji.

*Bażi ġuridika*

Ftehma dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tal-Protokoll 32 tagħha.

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25), u b'mod partikolari l-Artikolu 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

**7 0 1** *Imġax fuq arretrati u mġax ieħor fuq il-multi*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
15 000 000	329 000 000	248 687 696,88

*Kummenti*

Dan l-Artikolu hu maħsub biex jirreġistra l-imġax provenjent fuq il-kontijiet speċjali għal multi u imġax fuq pagamenti tardivi marbuta mal-multi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impreżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.



**KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI** (ikompli)**7 0 1** (ikompli)

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

**KAPITOLU 7 1 — MULTI****7 1 0 Multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
100 000 000	3 636 000 000	2 674 688 673,85

*Kummenti*

Il-Kummissjoni tista' timponi multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra fuq impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi għaliex ma jkunux irrispettaw il-projbizzjonijiet jew ma jkunux wettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti numerati hawn taħt jew skont l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-multi għandhom normalment jitħallsu fi żmien tliet xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni mhux se tiġbor l-ammont dovut meta l-impriża tkun ressqet appell mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; l-impriża għandha tifhem li għandu jitħallas l-imgħax fuq id-dejn wara d-data finali tal-ħlas u l-Kummissjoni tkun provduta b'garanzija bankarja li tkopri kemm il-kapital tad-dejn kif ukoll l-imgħax jew soprataxxa sad-data finali tal-ħlas.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## KAPITOLU 7 1 — MULTI (ikompli)

7 1 1 **Primjums għall-emissjonijiet eċċessivi għal karożżi ġodda tal-passiġġieri**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kwalunkwe primjum għall-emissjonijiet eċċessivi imposti mill-Kummissjoni.

L-għan tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 huwa li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Unjoni, għan li jiffirma parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi ħfief filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern.

Madankollu fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2012 'il quddiem li għaliha l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> ta' manifattur jaqbu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi f'dik is-sena, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, jew fil-każ ta' għaqda, il-manijer tal-għaqda.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/100/UE tas-17 ta' Frar 2012 dwar metodu għall-ġbir ta' primjums għal emissjonijiet eċċessivi ta' CO<sub>2</sub> minn karożżi ġodda tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 47, 18.2.2012, p.71).

7 1 2 **Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	27 398 000,—

*Bażi ġuridika*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 260(2) tiegħu.

## KAPITOLU 7 2 — IMGĦAX FUQ DEPOŻITI U MULTI

7 2 0 **Imgħax fuq depożiti u multi**

## 7 2 0 0 Imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

**KAPITOLU 7 2 — IMGĦAX FUQ DEPOŻITI U MULTI** (*ikompli*)**7 2 0** (*ikompli*)**7 2 0 0** (*ikompli*)*Kummenti*

Dħul ġej minn imġax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

Skont l-Artikolu 21(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

KUMMISSJONI

## TITOLU 8

## OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI

**KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI**

**KAPITOLU 8 1 — SELFJET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI**

**KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI**

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013	% 2013/2015
	KAPITOLU 8 0				
8 0 0	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni bħala sostenn għall-bilanċ tal-pagamenti</i>	p.m.	p.m.	0,—	
8 0 1	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Euratom</i>	p.m.	p.m.	0,—	
8 0 2	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud biex tingħata assistenza finanzjarja skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 1				
8 1 0	<i>Rimborsi kapitali u mgħax fir-rigward ta' selfiet speċjali u kapital ta' riskju mogħti fil-qafas ta' kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi terzi Mediterranji</i>	p.m.	151 000 000	0,—	
8 1 3	<i>Rimborsi kapitali u interessi marbuta ma' self u kapital ta' riskju mogħtija mill-Kummissjoni lil pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-reġjun Mediterranju u l-Afrika t'Isfel taħt l-operazzjoni tas-Sħab ta' Investment tal-Komunità Ewropea</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 1 — TOTAL	p.m.	151 000 000	0,—	
	KAPITOLU 8 2				
8 2 7	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-programmi ta' teħid b'self ikkuntrattati mill-Unjoni sabiex tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi</i>	p.m.	p.m.	0,—	
8 2 8	<i>Garanzija għal teħid b'self mill-Euratom biex jittejjeb il-livell ta' effiċjenza u tas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant u l-Commonwealth ta' Stati Indipendenti</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	

**KAPITOLU 8 3 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELFJET MOGĦTIJA MINN STABILIMENTI FINANZJARJI LILL-PAJJIŻI TERZI**

**KAPITOLU 8 5 — DĦUL MINN KONTRIBUZZJONIJIET MINN KORPI TA' GARANZIJA**

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013	% 2013/2015
8 3 5	KAPITOLU 8 3				
	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfjet mill-Bank Ewropew tal-Investment lil pajjiżi terzi</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 3 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
8 5 0	KAPITOLU 8 5				
	<i>Dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew tal-Investment</i>	6 890 000	2 477 000	1 839 600,—	26,70
	KAPITOLU 8 5 — TOTAL	6 890 000	2 477 000	1 839 600,—	26,70
<b>Titolu 8 — Total</b>		<b>6 890 000</b>	<b>153 477 000</b>	<b>1 839 600,—</b>	<b>26,70</b>

KUMMISSJONI

## TITOLU 8

## OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI

## KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI

8 0 0 *Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni bħala sostenn għall-bilanċ tal-pagamenti*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Il-garanzija tal-Unjoni hija għal self li sar fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont ta' kapital ta' self li mbgħad jista' lill-Istati Membri huwa limitat għal EUR 50 000 000 000.

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward tal-garanzija skont l-Artikolu 01 02 02, iżda dan il-dħul m'għandux jitnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 02 02 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsim.

8 0 1 *Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Euratom*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward tal-garanzija skont l-Artikolu 01 04 03, iżda dan il-dħul m'għandux jitnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 04 03 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsim.

**KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI** (ikompli)

**8 0 2** *Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud biex tingħata assistenza finanzjarja skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Il-garanzija tal-Unjoni hija għal self li sar fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont pendenti ta' self jew ta' linji ta' kreditu li għandhom jingħataw lill-Istati Membri għandhom ikunu fil-limiti stipulati fil-bażi ġuridika.

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċitar ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 02 03, sakemm dan id-dħul ma tnaqqasx min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 02 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

**KAPITOLU 8 1 — SELFJET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI**

**8 1 0** *Rimborsi kapitali u mgħax fir-rigward ta' selfjet speċjali u kapital ta' riskju mogħti fil-qafas ta' kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi terzi Mediterranji*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	151 000 000	0,—

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra r-rimborsi kapitali u l-pagamenti ta' interessi fuq self speċjali u kapital ta' riskju mogħtija mill-approprjazzjonijiet fil-Kapitoli 21 03 u 22 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim lil pajjiżi terzi Mediterranji.

Tkopri wkoll rimborsi kapitali u pagamenti tal-imgħax fuq selfjet speċjali u kapital ta' riskju mogħtija lil ċerti Stati Membri Mediterranji li, madankollu, jirrappreżentaw proporzjon żgħir ħafna tal-ammont ġenerali. Is-selfjet/kapital tar-riskju ngħataw fi żmien meta l-pajjiżi kienu għadhom ma' ssieħbux fl-Unjoni.

Id-dħul miksub b'mod normali jeċċedi l-ammonti mbassra fil-baġit minħabba l-ħlas tal-interessi fuq self speċjali li jista' xorta waħda jinħareġ matul is-sena finanzjarja preċedenti kuf ukoll matul is-sena finanzjarja kurrenti. L-interessi fuq is-self speċjali u l-kapital tar-riskju jiġi ċċarġjat mill-mument li jinħareġ is-self, l-interessi fuq is-self speċjali jitħallas bin-nifs kull sitt xhur u ġeneralment l-interessi fuq il-kapital tar-riskju kull sena.

Din il-partita tista' takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju dħul assenjat li jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

## KUMMISSJONI

## KAPITOLU 8 1 — SELFIET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI (ikompli)

## 8 1 0 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika ara l-kummenti għall-Kapitoli 21 03 u 22 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

## 8 1 3

**Rimborsi kapitali u interessi marbuta ma' self u kapital ta' riskju mogħtija mill-Kummissjoni lil pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-reġjun Mediterranju u l-Afrika t'Isfel taħt l-operazzjoni tas-Sħab ta' Investment tal-Komunità Ewropea**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirrekordja rimborsi u pagamenti ta' interessi fuq self u kapital ta' riskju mogħtija mill-approprjazzjonijiet fl-Artikoli 21 02 51 u 21 03 51 taħt l-operazzjoni tas-Sħab ta' Investment tal-Komunità Ewropea.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Għall-bażi ġuridika, ara wkoll il-kummenti għall-Artikoli 21 02 51 u 21 03 51 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.

**KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI**

## 8 2 7

**Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-programmi ta' teħid b'self ikkuntrattati mill-Unjoni sabiex tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

## Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 03 03, iżda dan id-dħul m'għandux ikun imnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsim.

## Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim.



**KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI (ikompli)**

**8 2 8 Garanzija għal teħid b'self mill-Euratom biex jittejjeb il-livell ta' effiċjenza u tas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant u l-Commonwealth ta' Stati Indipendenti**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 03 04, iżda dan id-dħul m'għandux ikun imnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

**KAPITOLU 8 3 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELFJET MOGĦTIJA MINN STABILIMENTI FINANZJARJI LILL-PAJJIŻI TERZI**

**8 3 5 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfiet mill-Bank Ewropew tal-Investment lil pajjiżi terzi**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu hu maħsub biex jirreġistra kull dħul li joħroġ mill-eżerċizzju tad-drittijiet frabta ma' garanzija skont l-Artikolu 01 03 05 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi ġuridika*

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 05 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsima.

**KAPITOLU 8 5 — DĦUL MINN KONTRIBUZZJONIJIET MINN KORPI TA' GARANZIJA**

**8 5 0 Dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew tal-Investment**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
6 890 000	2 477 000	1 839 600,—

## KUMMISSJONI

## KAPITOLU 8 5 — DĦUL MINN KONTRIBUZZJONIJIET MINN KORPI TA' GARANZIJA (ikompli)

**8 5 0** (ikompli)*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi kwalunkwe dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew ta' Investiment fir-rigward ta' din il-kontribuzzjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/EC tas-6 ta' Ġunju 1994 fuq sħubija Komunitarja fil-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 dwar il-parteciċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda kapitali fil-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 107, 25.4.2007, p. 5).

Id-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteciċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda tal-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investment (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 1).



KUMMISSJONI

**TITOLU 9****DĦUL MIXXELLANJU****KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU****9 0 0**      ***Dħul mixxellanju***

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
30 000 000	30 000 000	22 017 690,62

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul mixxellanju.

**RIASSUNT ĠENERALI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET (2015 U 2014) U EŻITU (2013)**

## KUMMISSJONI

Titolu	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
01	AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI	371 022 341	459 000 044	253 013 066	320 994 951	516 692 397,59	400 139 387,76
	Riżervi (40 02 41)			2 000 000	2 000 000		
		371 022 341	459 000 044	255 013 066	322 994 951	516 692 397,59	400 139 387,76
02	INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA	2 535 531 735	2 266 389 455	2 515 114 410	2 158 422 405	1 238 085 555,90	1 452 589 303,52
03	KOMPETIZZJONI	97 651 538	97 651 538	94 449 737	94 449 737	94 089 015,64	94 089 015,64
04	IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUZZJONI	13 096 287 655	10 929 478 715	13 839 015 158	11 290 667 447	12 131 114 422,88	14 111 172 824,20
05	AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI	57 603 499 558	54 942 151 061	58 046 833 802	55 607 081 983	60 166 941 143,18	58 339 418 873,96
06	MOBILITÀ U TRASPORT	3 281 291 171	2 056 297 929	2 867 184 572	1 003 421 856	1 803 988 848,25	1 058 026 656,55
07	AMBJENT	431 362 730	397 271 217	407 273 961	345 906 574	455 719 750,54	365 801 587,64
08	RIĊERKA U INNOVAZZJONI	6 699 218 471	5 987 288 220	6 198 702 491	4 090 645 420	7 954 956 855,58	5 815 310 568,23
09	NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA	1 727 107 636	1 726 822 969	1 637 393 330	1 065 238 820	2 086 129 428,41	1 828 162 250,31
10	RIĊERKA DIRETTA	403 970 215	402 052 368	419 601 970	414 982 955	517 956 140,63	500 456 078,24
11	AFFARIJJIET MARITTIMI U SAJD	994 277 718	918 939 442	945 484 523	735 433 493	996 754 844,96	820 959 947,94
	Riżervi (40 02 41)	87 802 756	87 802 756	44 342 000	42 775 000		
		1 082 080 474	1 006 742 198	989 826 523	778 208 493	996 754 844,96	820 959 947,94
12	SUQ INTERN U S-SERVIZZI	119 361 070	115 369 982	116 892 170	115 128 367	116 997 837,89	116 632 086,03
13	POLITIKA REĠJONALI U URBANA	35 346 780 636	40 720 763 984	33 199 974 062	43 017 623 117	44 170 117 421,67	43 496 250 495,04
14	TASSAZZJONI U UNJONI DOGANALI	161 232 912	137 132 884	157 040 580	132 361 974	147 057 581,66	129 288 097,20
15	EDUKAZZJONI U KULTURA	2 917 681 891	2 661 096 749	2 820 016 221	2 420 679 427	3 302 510 118,96	3 055 079 198,09
16	KOMUNIKAZZJONI	244 938 742	239 530 719	246 345 359	250 385 333	268 748 977,69	253 298 743,70
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 02 77 18	Proġett pilota — Investituri privati nisa	1,1	1 000 000	250 000					
02 02 77 19	Proġett Pilota — Turiżmu li jgħaqqad id-dinja	1,1	750 000	375 000					
02 02 77 20	Proġett pilota — Lejn Konverġenza Ekonomika Reġjonali tal-UE (TREC)	1,1	500 000	250 000					
02 02 77 21	Azzjoni Preparatorja — Prodott taturizmu Ewropew transnazzjonali marbut mal-kultura	1,1	1 500 000	750 000					
	<i>Artikolu 02 02 77 — Subtotal</i>		5 250 000	6 303 000	3 690 000	6 506 000	4 890 586,39	5 221 155,54	82,84
	<b>Kapitolu 02 02 — Total</b>		<b>288 603 548</b>	<b>214 798 246</b>	<b>247 057 275</b>	<b>118 952 585</b>	<b>91 675 038,39</b>	<b>123 136 954,14</b>	<b>57,33</b>

**02 02 01 Promozzjoni tal-intraprenditorija u titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
108 561 823	72 183 633	102 709 687	14 575 804		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li ssaħħaħ il-kompetittività tal-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u li thegġegħ kultura ta' intrapriża filwaqt li tippromwovi l-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs.

Il-miżuri li se jiġu implimentati se jkunu, b'mod speċifiku:

- netwerks li jgħaqqdu diversi partijiet involuti,
- proġetti tal-ewwel applikazzjoni kummerċjali,
- azzjonijiet ta' analiżi, produzzjoni u koordinazzjoni ta' politiki mal-pajjiżi parteċipanti,
- studji dwar id-diskriminazzjoni abbażi tas-sessi b'rabta mal-intraprenditorija tan-nisa u implimentazzjoni tal-politiki għat-trawwim tal-intraprenditorija tan-nisa,
- attivitajiet ta' skambju u tixrid ta' tagħrif, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni,
- l-appoġġ għal azzjonijiet konġunti tal-Istati Membri jew ir-reġjuni, kif ukoll miżuri oħra previsti fil-programm Cosme.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 01 (ikompli)**

L-Unjoni se tappoġġa inizjattiva bħan-“Netwerk Enterprise Europe” u l-azzjonijiet ta' promozzjoni tal-ispirtu ta' intrapriża. Se tippovdi appoġġ ukoll għal proġetti marbutin mal-ewwel applikazzjoni jew mal-kummerċjalizzazzjoni ta' tekniki, prattiki jew prodotti (ngħidu aħna fil-qasam tal-kunċetti ġodda ta' intrapriża għall-prodotti ta' konsum) li jippreżentaw interess għall-Unjoni, u li diġà għaddew minn testijiet mil-lat tekniku, iżda li, minħabba riskju residwali, għad m'għandhomx preżenza sinifikanti fis-suq. Dawn il-proġetti se jiġu kkonċepiti b'mod li jippromwvu użu usa' fil-pajjiżi parteċipanti, u li jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-suq.

Il-proġetti se jfittxu wkoll li jtejbu l-kundizzjonijiet qafas inkluż permezz tal-bini tal-kapaċità fraggruppamenti u networks tan-negozju oħrajn notevolment fir-rigward tas-sostenn tal-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs sabiex ikun żgurat li l-intrapriżi tal-Unjoni huma kompetittivi u sostenibbli, inkluż fis-settur tat-turiżmu, billi jostnu l-koerenza u l-konsistenza fl-implimentazzjoni, kif ukoll tfassil ta' politika informata fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-proġetti se jiddaħħlu fis-seħħ bħala sostenn għall-implimentazzjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żġħar għall-Ewropa. Azzjonijiet ta' sostenn, marbuta direttament mal-kisba ta' dawn l-oġettivi huma wkoll ikkunsidrati għall-finanzjament: laqgħat, studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, parteċipazzjoni fi gruppi ta' studju, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma.

Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, proġetti li jippromwvu l-pożizzjoni ta' intraprendituri nisa jirċievu attenzjoni partikolari sabiex jiġu meġhluca ostakli bbażati fuq il-ġeneru li n-nisa jħabbtu wiċċhom magħhom u biex tinkiseb rappreżentazzjoni ugwali ta' imprendituri rġiel u nisa fl-Unjoni.

L-attivitajiet turistiċi sostenibbli għandhom jirċievu enfasi speċjali bi prijorità inizjali li għandha tingħata lill-mobilità ratba, networks għar-roti, eko-turiżmu u ħarsien tan-natura. L-aċċessibilità għal kulħadd b'mod partikolari għal persuni b'mobilità mnaqqsa u għal persuni żvantaġġati soċjalment hu ukoll ta' importanza għolja f'dan il-kuntest.

L-Unjoni tikkoordina, tippromwvi u tappoġġa azzjonijiet għat-turiżmu sostenibbli, bħal pereżempju:

- il-preservazzjoni tar-riżorsi tat-turiżmu sostenibbli fit-tul permezz tal-protezzjoni tal-patrimonju naturali, kulturali, storiku u industrijali,
- il-koordinazzjoni u l-appoġġ għall-aċċess għall-informazzjoni u s-servizzi ta' turiżmu sostenibbli għaċ-ċittadini żvantaġġati li qed jgħixu fil-faqar, kif ukoll għall-persuni b'mobilità mnaqqsa,
- il-koordinazzjoni transfruntiera tan-networks taċ-ċikliżmu Ewropej flimkien ma' informazzjoni u servizzi ferrovjarji u tax-xarabanks fuq distanzi twal.

L-azzjoni “Erasmus għall-Intraprendituri” timmira li tixpruna l-intraprenditorija Ewropea, l-iskambju ta' taġhrif u ta' prassi tajbin, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' networks u ta' sħubijiet mill-aktar siewja.

Minħabba l-kriżi ekonomika attwali diffiċli huwa indispensabbli li jiġu appoġġati l-intrapriżi Ewropej, b' mod partikolari negozji innovattivi li jkun qed jinfetħu minn żgħażaġh u l-intraprendituri nisa kif ukoll li titrawwem l-intraprenditorija billi jiġu assenjati biżżejjed fondi għal programmi bħall-Programm għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME). B'mod partikolari, il-Programm “Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażaġħ” kien ta' suċċess kbir u jista' jikkontribwixxi b'suċċess lejn il-ġlieda kontra l-qgħad madwar l-Ewropa.

Il-mezzi finanzjarji għall-programm “Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażaġħ” iridu jiżiedu b'mod partikolari minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 01** (ikompli)

- il-programm jgħin fit-trawwim tal-intraprenditorija Ewropea, il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar Prattiki kif ukoll il-ħolqien ta' networks u sħubijiet prezzjużi,
- il-programm kellu ħafna suċċess u wera għadd ta' parteċipanti li f'dawn l-aħħar snin żdied u li hu mistenni li jkompli jiżdied,
- il-programm jaffronta b'mod effikaċi l-problema tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ peress li jgħin liż-żgħażaġħ bla xogħol jibdedw jaħdmu għal rashom u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju eżistenti joħlqu l-impjegji billi jespandu jew jinternazzjonalizzaw in-negozju tagħhom,
- il-għadd ta' applikazzjonijiet hu ferm oltre l-possibilitajiet li tista' twettaq il-Kummissjoni bil-mezzi finanzjarji attwalment disponibbli.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jtnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014–2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(a) sa (c) tiegħu.

**02 02 02 Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'forma ta' ekwità u dejn**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
174 791 725	99 027 161	140 657 588	71 204 126		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni għandha tintuża biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs f'forma ta' ekwità u dejn fil-fażijiet tagħhom ta' bidu, ta' tkabbir u ta' trasferiment.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 02 (ikompli)**

Faċilità ta' garanzija fuq is-self (LGF) għandha tipprovdi kontrogaranziji, garanziji diretti u arranġamenti oħra għall-kondiviżjoni tar-riskji għal finanzjament tad-dejn li għandu jnaqqas id-diffikultajiet speċifiċi li l-SMEs vijabbli jaffaċċjaw meta jiġu biex jaċċessaw il-finanzi, minħabba l-perċezzjoni ta' riskju oġġla jew minħabba li ma jkollhomx biżżejjed kollateral disponibbli u għal it-titolizzazzjoni tal-portafolji tal-finanzjament tad-dejn tal-SMEs.

Faċilità ta' ekwità għat-*tkabbir* (EFG) għandha tippermetti investimenti f'fondi b'kapital ta' riskju li jinvestu fl-SMEs fl-istadju tal-espansjoni u t-*tkabbir*, filwaqt li jieħdu approċċ sensitiv għall-*ġeneri* u mhux diskriminatorju, u b'mod partikolari f'dawk li joperaw b'mod transfruntier. Għandu jkun hemm il-possibilità ta' investment f'fondi ta' stadju bikri flimkien mal-faċilità ta' ekwità għall-RDI skont l-Orizzont 2020. F'każijiet ta' investimenti konġunti f'fondi b'diversi stadji, l-investimenti se jingħataw fuq bażi pro rata mill-EFG tal-Cosme u mill-faċilità ta' ekwità għall-RDI skont l-Orizzont 2020. L-appoġġ mill-EFG għandu jingħata direttament mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) jew minn entitajiet oħra fdati bl-implimentazzjoni f'isem il-Kummissjoni jew minn fondi ta' fondi jew minn strumenti ta' investment li jinvestu b'mod transfruntier.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-*Żona Ekonomika Ewropea*, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 140 (6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi r-rimborżi kapitali, il-garanziji rilaxxati, u r-rimborż tas-self prinċipali, rimborżati lill-Kummissjoni u mdaħħla taħt il-Partita 6341 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-*żġġhar* u ta' daqs medju (COSME) (2014–2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(d) tiegħu.

**02 02 51 Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-kompetittività u l-intraprenditorija***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	37 284 452	p.m.	26 666 655	86 784 452,—	117 915 798,60

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.



**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 51 (ikompli)**

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiddiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jtnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/490/KEE tat-28 ta' Lulju 1989 dwar it-titjib tal-ambjent tan-negożju u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intrapriżi, l-aktar dawk żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 239, 16.8.1989, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/179/KEE tal-25 ta' Marzu 1991 dwar l-aċċettazzjoni tat-termini tar-riferenza tal-Grupp Internazzjonali tal-Istudju tar-Ram (ĠU L 89, 10.4.1991, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/319/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 li tirrevedi l-programm dwar it-titjib tal-ambjent tan-negożju u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intrapriżi, l-aktar dawk żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 175, 4.7.1991, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/537/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-aċċettazzjoni tat-termini ta' referenza tal-grupp ta' Studju Internazzjonali dwar in-Nikil (ĠU L 293, 24.10.1991, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/278/KEE tat-18 ta' Mejju 1992 li tikkonferma l-konsolidazzjoni taċ-Ċentru KE-Ġappun għall-kooperazzjoni Industrijali (92/278/KEE) (ĠU L 144, 26.5.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/379/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar programm multiannwali għal miżuri Komunitarji sabiex jiġu intensifikati l-oqsma prijoritarji u sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-konsolidament tal-politika għall-intrapriża, partikolarment l-intrapriżi żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 161, 2.7.1993, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/413/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Industrija Ewropea (96/413/KE) (ĠU L 167, 6.7.1996, p. 55).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/15/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar it-tielet programm multiannwali għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fl-Unjoni Ewropea. (mill-1997 sal-2000) (ĠU L 6, 10.1.1997, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (IŻM) (2001-2005) (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 84).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/221/KE tat-12 ta' Marzu 2001 li tikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar iċ-Ċomb u ż-Żingu (2001/221/KE) (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 21).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

## 02 02 51 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/651/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma (ĠU L 215, 10.8.2002, p. 13).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 593/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Lulju 2004 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (2001-2005) (ĠU L 268, 16.8.2004, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 1776/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) (2001-2005) (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 14).

Id-Deċiżjoni 2006/77/KE tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2005 li twaqqaf Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività, l-Enerġija u l-Ambjent (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

02 02 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

## 02 02 77 02 Proġett pilota — Erasmus għal Intraprendituri Żgħażaġħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 77** (ikompli)

02 02 77 03 Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażaġħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	835 000	0,—	1 169 218,79

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 06 Azzjoni ta' tħejjija — Turiżmu sostenibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	323 109,97

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

L-Artikolu 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

## 02 02 77 (ikompli)

## 02 02 77 07 Azzjoni preparatorja — Turiżmu soċjali fl-Ewropa

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	484 905,16

## Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejjiya.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' thejjiya fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 02 02 77 08 Azzjoni preparatorja — Promozzjoni ta' prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu b'enfasi speċjali fuq prodotti kulturali u industrijali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 252 000	2 000 000	2 000 000	1 890 586,39	999 176,05

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex li l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejjiya.

Skont it-Trattat ta' Lisbona, għall-ewwel darba l-Unjoni ngħatat kompetenza fil-qasam tat-turiżmu. Din l-azzjoni ta' thejjiya ġdida tfittex li ssostni prodotti turistiċi tematiċi transfruntieri li jirriflettu, b'mod partikolari, il-wirt kulturali u industrijali komuni Ewropew u t-tradizzjonijiet lokali, u se tfittEx li tibni fuq azzjonijiet preċedenti f'dan il-qasam u fuq l-esperjenza konsolidata ta' sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-Nazzjonijiet Uniti (UNWTO), il-Kummissjoni tal-Ivvjaġġar tal-Ewropa (ETC), eċċ.

B'mod partikolari, biex tinkoraġġixxi lis-settur turistiku Ewropew isir aktar kompetittiv, din l-azzjoni preparatorja se tippromwovi d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-prodotti turistiċi. Hemm potenzjal eċċellenti għat-tkabbir f'numru ta' prodotti u servizzi turistiċi tematiċi transnazzjonali, pereżempju, f'itinerarji kulturali u industrijali li jkopru diversi reġjuni jew Stati Membri. Dawk il-prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu għandhom ikunu promossi wkoll f'pajjiżi terzi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ETC, sabiex tissaħħaħ l-immagna tal-Ewropa bħala destinazzjoni unika fis-wieq tal-ivvjaġġar fuq distanzi twal.

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 77** (ikompli)**02 02 77 08** (ikompli)

L-azzjoni ta' tħejija għandha l-oġġettivi ewlenin li ġejjin:

- bil-finanzjament ta' prodotti turistiċi transfruntiera, li ttejjeb il-kwalità tal-prodotti u d-destinazzjonijiet turistiċi b'mod ġenerali madwar l-Unjoni,
- li tkompli tiżviluppa l-prodotti u t-turiżmu kulturali bħala parti integrali minn ekonomija sostenibbli, u li ssostni l-ekonomiji reġjonali,
- li tippromwovi t-turiżmu f'reġjuni ta' rikonverżjoni sabiex tingħata spinta lill-impjiegi u t-tkabbir f'dawn ir-reġjuni,
- li tistabbilixxi netwerk ta' partijiet interessati u ta' daww involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli reġjonali, nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikulari fil-qasam tat-turiżmu kulturali u industrijali,
- li tippromwovi l-valur ta' prodotti kulturali u turiżmu kulturali madwar l-Ewropa u li ssaħħaħ l-immagħni tal-Ewropa bħala l-aqwa destinazzjoni għat-turisti madwar id-dinja kollha,
- li tappoġġa temi u prodotti kulturali jew industrijali transnazzjonali li jgħinu biex isaħħu sens akbar ta' identità Ewropea.

Skont din l-azzjoni ta' tħejija, għandu jitkompla l-appoġġ għal proġetti relatati mar-rotot kulturali Ewropej (rikonoxxuti mill-Kunsill tal-Ewropa u oħrajn).

Billi dawn ir-rotot jaqsmu diversi reġjuni jew pajjiżi, dawn jirrappreżentaw bażi tajba għall-promozzjoni tat-turiżmu kulturali Ewropea fil-varjetà u l-kumplessità kollha tiegħu.

Ir-rotot kulturali għandhom potenzjal turistiku qawwi, li fil-maġġorparti tiegħu għadu mhux esplorat. Dawn huma kemm transnazzjonali u kemm rappreżentattivi tal-patrimonju u l-valuri komuni tal-Ewropa. Dawn jitqiesu wkoll bħala mudell sostenibbli, etiku u soċjali, billi dawn jibnu fuq l-għarfien lokali, il-ħiliet u l-beni patrimonjali u spiss jippromwovu destinazzjonijiet Ewropej anqas magħrufa.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**02 02 77 09** Azzjoni preparatorja — Turiżmu u aċċessibilità għal kulħadd*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	305 000	690 000	1 035 000	1 000 000,—	346 162,16

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 09 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex li l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejji.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, it-turiżmu żdied mal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni, li tista' tikkoordina u tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Sabiex jitravwem dan il-kompitu ġdid importanti tal-Unjoni, ġie propost li fl-2012 titnieda azzjoni preparatorja bl-iskop li twitti t-triq għal inizjattivi futuri fil-qasam tat-turiżmu u l-aċċessibilità. L-iskop prinċipali tagħha huwa li jiġi żviluppat għarfien aħjar tal-aċċessibilità fit-turiżmu bi ffukar speċjali fuq il-kwistjoni tad-diżabilità u l-bżonnijiet speċjali ta' ċerti kategoriji ta' nies. Fil-fatt, minkejja l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, iffirmata mill-Istati Membri kollha, numru kbir ta' persuni b'diżabilità għadhom qed jiffaċċjaw problemi fl-aċċess għas-servizzi fil-qasam tat-turiżmu u t-trasport.

L-azzjoni ta' tħejji għandha l-oġġettivi ewlenin li ġejjin:

- it-ktabbir tal-għarfien pubbliku, inkluż permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, dwar l-aċċessibilità ta' prodotti u servizzi turistiċi, kif ukoll it-titjib tad-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà, persuni bi bżonnijiet speċjali b'mod ġenerali u l-industrija tat-turiżmu, sabiex tiffavorixxi soċjetà aktar inklużiva u tiggarrantixxi l-moviment liberu u ta' kwalità għolja tal-bnedmin fl-Ewropa,
- il-kontribut għall-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' taħriġ speċifiku għall-persunal dwar l-għarfien dwar id-diżabbiltajiet, b'mod partikolari fil-qasam tal-prevenzjoni tan-nar u s-sikurezza tal-akkomodazzjoni b'mod ġenerali,
- l-iżvilupp ta' ċittadini u professjonisti ta' ħila, imħarrġa u infurmati tajjeb dwar il-kunċett tal-ospitalità b'rabta mal-aċċessibilità, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib u sinerġiji ma' universitajiet u skejjel,
- l-inċentivar u l-ippremjar ta' destinazzjonijiet Ewropej li jagħmlu l-aċċessibilità prijorità ewlenija fl-offerti promozzjonali tagħhom,
- l-inċentivar ta' użu aħjar tal-innovazzjoni sabiex tittejjeb l-aċċessibilità fis-servizzi turistiċi għal kulħadd,
- l-inċentivar tal-adattament ta' prodotti turistiċi għall-bżonnijiet ta' persuni b'mobbiltà mnaqqa u persuni bi bżonnijiet speċjali b'mod ġenerali,
- il-kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli u aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà, persuni b'mobbiltà mnaqqa u persuni bi bżonnijiet speċjali fl-oqsma kollha, partikolarment fis-servizzi tat-trasport (mobbiltà), l-akkomodazzjoni, il-catering u t-turiżmu b'mod ġenerali,
- iż-żieda ta' kampanji u azzjonijiet ta' informazzjoni rigward id-drittijiet ta' persuni b'mobbiltà mnaqqa, u persuni bi bżonnijiet speċjali meta jivvjaġġaw barra mill-pajjiż, sabiex jiġi żgurat li l-kljenti jkollhom iktar informazzjoni u aċċess aħjar,

KUMMISSJONI  
TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 09 (ikompli)

— it-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera sabiex ikun żviluppat turiżmu aċċessibbli fi ħdan l-industrija li jggarantixxi l-eżerċizzju tad-drittijiet kemm għaċ-ċittadini Ewropej u kemm għall-viżitaturi minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk b'diżabbiltajiet u bi bżonnijiet speċjali,

— kontribuzzjoni għall-iżvilupp, fit-terminu twil, ta' standards minimi komuni ta' aċċessibilità, ibbażati fuq il-kwalità, għall-oqsma kollha relatati mat-turiżmu u indirizzati għaċ-ċittadini kollha, inklużi persuni b'diżabilità, persuni b'mobilità mnaqqa u persuni bi bżonnijiet speċjali.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejġija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 10 Azzjoni ta' thejġija — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 310 000	p.m.	1 000 000	2 000 000,—	187 032,61

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejġija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejġija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 11 Proġett pilota — Faċilitar tal-aċċess għall-assigurazzjoni mill-bennejja li jaħdmu għal rashom u kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-ekoteknoloġiji fl-Unjoni Ewropea

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	374 000	p.m.	286 000	0,—	285 738,—

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 11 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 12 Proġett pilota — Network Ewropew ta' kompetenza dwar elementi terrestri rari

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	337 000	p.m.	p.m.	0,—	580 599,—

## Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 13 Proġett pilota — Żvilupp tad-“distretti kreattivi” Ewropej

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	350 000	p.m.	350 000	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.



**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 77** (ikompli)

02 02 77 13 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 14 Proġett pilota — Eżekuzzjoni rapida u effiċjenti ta' pretensjonijiet pendenti ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li joperaw lil hinn mill-fruntieri

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	845 213,80

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 15 Azzjoni preparatorja — Proċessi u standards armonizzati tan-negozju-e bejn l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) Ewropej ta' setturi industrijali relatati

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejġija.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 15 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 16 Proġett pilota — dwar il-Futur tal-Manifattura

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota se jespjora xenarji għar-riindustrializzazzjoni tal-Ewropa u l-kwistjonijiet relatati mal-impjiegi skont il-mira li jkber is-sehem tal-PDG Ewropew tal-industrija mil-livell li jinsab illum minn madwar 16% sa 20% sal-2020.

Dan se jkompli jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, jiffaċilita l-iskambju tal-aqwa prattiki billi juża l-għarfien espert u l-assistenza tal-Eurofound u se jappoġġa wkoll il-monitoraġġ tal-prestazzjoni bħala parti mis-Semestru Ewropew u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Dan il-proġett pilota se jagħmel enfasi importanti fuq il-manifattura, li tikkostitwixxi prijorità fi ħdan l-Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali tal-Kummissjoni, li tistipula strateġija dettaljata għall-indirizzar ta' wħud mill-fatturi li jistgħu jikkontribwixxu lejn l-irkupru ekonomiku. Lil hinn mill-kuntest tal-politika industrijali tiegħu, il-proġett se jkollu dimensjoni dwar l-impjiegi ċara ħafna, filwaqt li jindirizza kwistjonijiet relatati mal-ħolqien tax-xogħol u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, ix-xejriet tar-ristrukturazzjoni, id-dimensjoni tal-ġeneru, il-ħiliet/it-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet, l-intraprenditorija, u l-preżenza tal-SME fi swieq barra l-Unjoni.

Dan il-proġett pilota se jinvestiga u jpoġġi fil-prattika metodi sabiex jiġi previst il-futur tal-manifattura. B'mod partikolari, il-Proġett Pilota se:

- jappoġġa strateġija Ewropea dwar l-industrializzazzjoni mill-ġdid li hija kapaċi tirrispondi għall-bidliet rapidi kkawżati mill-globalizzazzjoni,
- jespjora l-ixpruni ewlenin li se jappoġġaw żviluppi pożittivi fil-manifattura, fejn l-impatt tal-impjiegi se jkun ċentrali; il-każ ta' rinaxximent tal-manifattura Ewropea, xi drabi huwa aktar ekonomiku milli teknoloġiku: billi t-teknoloġija biex jiġu ffrankati l-ħaddiema tnaqqas il-ħtieġa għall-fattur produttiv tax-xogħol, l-ispejjeż tax-xogħol fil-manifattura se jkunu inqas importanti għad-determinazzjoni tas-sit tal-operazzjonijiet, barra minn hekk, id-differenza bejn il-pagi bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja tista' ċertament biss tonqos maż-żmien,

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 77** (ikompli)**02 02 77 16** (ikompli)

- jinvolvi esplorazzjoni kwantitattiva dettaljata tad-dimensjoni tax-xogħol: hemm raġunijiet tajbin sabiex wieħed jemmen li l-maġġorparti tal-impjeggi maħluqa miż-żamma u ż-żieda tal-manifattura fl-Ewropa se jkun relatat fil-fatt ma' attivitajiet mhux tal-manifattura, jiġifieri s-servizzi tan-negozju, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni u stadji oħra fil-katina tal-forniment tal-manifattura; dan se jkattar l-effetti pożittivi tax-xogħol,
- jinkludi studji sabiex jikkwantifikaw dawn l-effetti katina b'rabta mal-impjeggi, li se jkunu analiżi kwantitattivi li jagħtu stima tal-effetti ta' sostituzzjoni u kumplimentarjetà,
- jesplora kif il-progress fl-industrija politika u l-prestazzjoni jistgħu jirriżultaw f'żieda fl-impjeggi, biex jinkoraġġixxi "tkabbir għani fl-impjeggi",
- jinvolvi numru ta' studji ta' każijiet li jesploraw kif kumpaniji kbar jibqgħu jew imorru lura fl-Ewropa, u b'hekk jinħolqu l-impjeggi f'attivitajiet ewlenin u tul il-katina tal-forniment,
- jinkludi dimensjonijiet emerġenti ewlenin tal-intraprenditorija, pereżempju fir-rigward ta' 'Born Global' (jiġifieri, negozji li għadhom jifidu diġà b'operazzjonijiet fil-livell globali); tali kumpaniji spiss ikollhom enfażi teknoloġika għolja ħafna fuq pereżempju x-xjenzi tal-ħajja u l-ICT; dan għandu rabta mill-qrib mal-pjan ta' azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 u waħda mill-miri tagħha: il-preżenza ta' 25 % tal-SMEs fi swieq barra mill-Unjoni,
- jesplora xi jfissru llum l-effetti katina eżistenti għall-impjeggi tal-irġiel u tan-nisa u għad-distribuzzjoni tal-ġeneru fil-futur,
- jesplora l-kwistjoni tal-ħiliet/taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet, b'mod partikolari bħala għodda strateġika għall-bidla strutturali; jista' jiġi kkunsidrat studju dettaljat dwar is-sistemi doppji u vokazzjonali sabiex jinholqo ċentru ta' professjonisti industrijali u riċerkaturi filwaqt li jkun hemm kooperazzjoni mas-CEDEFOP.

Il-Eurofound maċ-Ċentru Ewropew tagħha ta' Monitoraġġ dwar il-Bidla huma f'pożizzjoni tajba sabiex iwettqu dan il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**02 02 77 17** Proġett pilota — Trasferiment ta' Negozji u Mudell ta' Kooperattivi: l-iżgurar tas-Sostenibbiltà tal-SMEs*Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjati)*

Approprazzjonijiet 2015		Approprazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 17 (ikompli)

## Kummenti

L-SMEs fl-Ewropa qed jaffaċċjaw l-isfida tat-tixjiħ tal-intraprendituri li, jekk ma jsibu l-ebda suċċessuri, jistgħu jispiċċaw bl-impriża tagħhom li tispiċċa. Minħabba l-ammont ta' fallimenti finanzjarji jew fallimenti ta' negozji li tal-inqas parti min-negozju tagħhom tagħmel profitt, il-potenzjal li jiġu salvati l-attivitajiet u l-impjegati huwa konsiderevoli. Meta negozju jagħlaq, jintilfu l-impjegati, kif ukoll l-għarfien, il-prodotti, is-servizzi li jipprovdu n-negozji, kif ukoll l-impjegati indirett fost il-fornituri tas-servizzi lokali. L-SMEs b'mod partikolari isibuha diffiċli biex jippreparaw it-trasferiment tan-negozju minħabba nuqqas ta' żmien, flus u għarfien. Nuqqas ta' tħejjija għat-trasferiment tan-negozju jwassal għal diffikultajiet biex jinsabu suċċessuri u fondi, kif ukoll biex jiġu riorganizzati n-negozji.

L-għan tal-proġett pilota hu li jiġu żviluppati u implimentati azzjonijiet konkreti li jgħinu biex jirnexxu t-trasferimenti ta' negozju ta' suċċess permezz tal-parteċipazzjoni tal-impjegati. Il-proġett pilota huwa konformi mar-rapport tall-grupp ta' "ħidma kooperattiva mnedija mill-Kummissarju Tajani. L-objettiv globali huwa li jiġi ffaċilitat it-trasferiment ta' negozji "b'saħħithom" għall-impjegati u l-akkwizzizzjonijiet maġġoritarji mill-impjegati ta' intrapriżi li ma rnexxewx jew li fallaw, it-tnejn taħt il-forma ta' kooperattiva. L-esperjenza mill-prattika wriet li l-mudell ta' kooperattivi huwa dak magħżul l-aktar ta' spiss mill-impjegati matul il-proċessi ta' ristrutturar. Dan il-proġett pilota se jgħin għas-sensibilizzazzjoni fost l-intraprendituri, l-impjegati, trade unions, negozji u assoċjazzjonijiet kummerċjali, fornituri ta' servizzi ta' sostenn għall-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi dwar il-valur miżjud ta' din il-possibilità għat-trasferiment ta' negozji. Ħafna fallimenti jkunu jistgħu jiġu evitati jekk wieħed jippjana t-trasferimenti sew minn qabel u jfittex parir speċjalizzat. Il-ħidma lejn trasferimenti ta' negozju ta' suċċess għandhom għalhekk jitqiesu bħala investment aktar milli kost. Il-proġett jappoġġja wkoll attivitajiet li jagħmlu lis-sidien tan-negozji aktar konxji tal-bżonn għal tħejjija fil-ħin. L-esperjenza turi li aktar mat-trasferiment jiġi ppjanat sew minn qabel, aktar ikunu għoljin iċ-ċansijiet li jirnexxu. L-Istati Membri għandhom iħeġġu b'mod attiv u jappoġġjaw l-iskemi ta' mentoring li jinvolvu t-trasferiment tal-għarfien u l-kompetenzi bażiċi essenzjali biex in-negozji jiġu trasferiti lill-impjegati bħala kooperattivi. Il-gruppi ewlenin fil-mira għall-attivitajiet pilota huma l-intraprendituri u l-impjegati tal-SMEs.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 18 Proġett pilota — Investituri privati nisa

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

## Kummenti

L-Ewropa mhijiex tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal intraprenditorjali tagħha u għadha lura fir-rigward ta' negozji ġodda u impjegati indipendenti. In-nisa b'mod partikolari jsibuha bi tqila joħolqu n-negozji tagħhom stess. L-Unjoni rrikonoxxiet li l-impreditorjat fost in-nisa jrid jiġi promoss u appoġġat b'mod li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa.

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)**

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 18 (ikompli)

Wieħed mill-ostakoli ewlenin għan-nisa b'mod ġenerali huwa n-nuqqas ta' aċċess li għandhom għall-finanzjament. L-istudji juru li meta mqabbla mas-sħab irġiel tagħhom, għall-impreditturi nisa huwa sinifikament aktar diffiċli jiksbu finanzjament tas-self. Fl-istess waqt huma għandhom ukoll nuqqas ta' aċċess għal netwerks tekniċi, xjentifiċi u dawk tan-negozju ġenerali. Dawk in-netwerks huma essenzjali għal bosta raġunijiet għall-ħolqien u l-espansjoni ta' negozju, b'mod partikolari sabiex jinstabu investituri, sħab tan-negozju u mentors.

*Bażi ġuridika*

Proġett piloa skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 19 Proġett Pilota — Turiżmu li jgħaqqad id-dinja

*Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjati)*

Approprazzjonijiet 2015		Approprazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
750 000	375 000				

*Kummenti*

L-Ewropa għandha tibbenefika mit-turiżmu li jgħaqqad id-dinja minħabba ż-żieda fis-sehem tal-PDG koprut mis-settur tat-turiżmu. Dan jista' joħloq tkabbir ekonomiku sinifikanti, inkluż il-ħolqien ta' impjeġi sostenibbli. L-Ewropa għandha tħejji ruħha għad-diffikultajiet u l-isfidi li jinħolqu mal-wasla ta' aktar viżitaturi minn pajjiżi bi drawwiet kulturali differenti, bħaċ-Ċina. L-Ewropa għandha ssir l-ewwel ekonomija fil-konkorrenza mondjali fir-rigward tat-turiżmu.

Matul dawn l-aħħar deċennji, it-turiżmu sar wieħed mill-ikbar setturi ekonomiċi li fih it-tkabbir kien l-aktar rapidu fid-dinja. L-għadd ta' wasliet ta' turisti internazzjonali żdied minn 278 miljun fl-1980 għal 1 035 mijun fl-2012 u medjament mistenni jżdied bi 3,3 % fis-sena sal-2030. L-Ewropa tibqa' l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja, peress li tirrappreżenta nofs il-wasliet ta' turisti internazzjonali kollha li jaslu minn madwar id-dinja – bi tliet kwarti minn dawk l-Istati Membri. Madankollu, il-pożizzjoni tagħha qed tiġi kkontestata minn destinazzjonijiet turistiċi ġodda f'ekonomiji emerġenti.

It-turisti minn ekonomiji emerġenti bħall-Brażil, ir-Russja, iċ-Ċina u l-Indja żdiedu matul dawn l-aħħar snin. L-istatistika turi li ġew maħruġa 1 026 000 viżi fl-2011 lil turisti Ċiniżi, meta mqabbel ma' 560 000 fl-2008. Fl-2011, il-viżitaturi barranin nefqu aktar minn EUR 330 biljun u, skont estimi riċenti, dan l-ammont jista' jitla' għal madwar EUR 430 biljun fl-2022. Fl-2012 tnehdiet il-kampanja "Europe — Whenever you're ready" (L-Ewropa — Meta trid), li tenfasizza d-diversità tal-wirt kulturali u naturali tal-Ewropa u timmira għal turisti potenzjali, speċjalment dawk mill-Brażil, l-Indja u ċ-Ċina. Dan il-programm kien ta' suċċess kbir u kiseb riżultati pożittivi ħafna bis-saħħa tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika komuni dwar il-viża. Il-faċilitazzjoni tal-viża żiedet b'5 sa 25 % l-għadd ta' wasliet ta' turisti internazzjonali mis-swieq rilevanti. Iżda il-viżi mhuwmiex l-unika kwistjoni, peress li l-viżitaturi barranin kollha għandhom ħtiġijiet u aspettattivi differenti.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 19 (ikompli)

Fost l-ekonomiji emerġenti msemmija hawn fuq, l-attenzjoni għandha tkun fuq iċ-Ċina, li tirrappreżenta is-suq li huwa is-sors ta' turiżmu bi tkabbir l-aktar rapidu fid-dinja. Skont ir-rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu dwar il-flussi turistiċi 'l barra miċ-Ċina (2013), il-propensità ta' turisti Ċiniżi li jivvjaġġaw barra minn pajjiżhom mistennija tkompli tiżdied fid-deċennji li ġejjin. Barra minn hekk, lil hinn mill-Asja u l-Paċifiku, l-Ewropa hija l-akbar destinazzjoni reġjonali għall-vjaġġaturi Ċiniżi. Billi l-Ewropa għandha post prominenti fil-lista ta' destinazzjoni taċ-Ċiniżi, huwa meħtieġ li naħsbu dwar kif l-Istati Membri jistgħu jilqgħu aħjar lit-turisti Ċiniżi. Din hija kwistjoni ta' fehim reċiproku kif ukoll ta' taħriġ kontinwu u sostenibbli tal-impjegati fis-settur tat-turiżmu fl-Ewropa kollha.

Barra minn hekk, l-Ewropa għandha tħejji ruħha għall-isfidi marbuta mal-wasla ta' ħafna turisti Ċiniżi, inklużi s-sigurtà pubblika, il-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċittadini barranin, u l-possibbiltà ta' attitudnijiet razzisti u ksenofobiċi li jirriżultaw minn differenzi kulturali bejn is-soċjetajiet tagħna.

Dan il-proġett pilota għandu l-oġġettivi prinċipali li ġejjin:

- jiffaċilita l-iżvilupp ta' networks u ta' skambju tal-aħjar Prattiki fost daww responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet u rappreżentanti tal-industrija tat-turiżmu,
- jipromwovi opportunitajiet biex jinħolqu impjegati ġodda u sostenibbli fis-settur tas-servizzi madwar l-Ewropa,
- jistabbilixxi djalogu professjonali u strutturat fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni,
- jidentifika l-aħjar Prattiki rigward il-profil tal-vjaġġatur Ċiniż (kif jista' jiġi ospitat aħjar) u jipromwovihom fl-industrija Ewropea tat-turiżmu inklużi l-fornituri ta' servizz (lukandi, ristoranti),
- itejjeb id-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn l-operaturi turistiċi u l-aġenziji tal-ivvjaġġar Ċiniżi u Ewropej,
- jiffaċilita l-iżvilupp ta' taħriġ speċifiku għall-persunal (pereżempju t-titjib tal-ħiliet lingwistiċi u l-għarfien kulturali),
- ikabbar is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku permezz ta' kampanji dwar il-multikulturaliżmu f'kooperazzjoni mal-istituti kulturali Ċiniżi (Istituti Konfuċju),
- jinċentivizza l-adattazzjoni ta' prodotti u servizzi tat-turisti għall-ħtiġijiet tat-turisti Ċiniżi inklużi l-għodda ta' kummerċjalizzazzjoni (websajts u fuljetti biċ-Ċiniż) u l-promozzjoni tagħhom fuq networks soċjali Ċiniżi (Weibo),
- iżid il-kooperazzjoni transkonfinali biex isahha l-immaġini tal-Ewropa u l-identità Ewropea - dan il-proġett jista' jorbot mal-azzjoni ta' tħejji "Promozzjoni ta' prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu b'enfasi speċjali fuq prodotti kulturali u industrijali" — pereżempju bit-tħejji ta' vidjow promozzjonali uniku biċ-Ċiniż dwar l-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 20 Proġett pilota — Lejn Konverġenza Ekonomika Reġjonali tal-UE (TREC)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

## Kummenti

Sabiex tiffaċċja l-isfidi soċjetali ewlenin tagħha, l-Unjoni waqqfet programm ta' investiment fil-qasam tar-R&Ż tal-Orizzont 2020 għal Ewropa kompetittiva u sostenibbli; u sabiex tgħin lir-reġjuni tal-Unjoni jsegwu perkors tajjeb komuni, permezz ta' speċjalizzazzjoni reġjonali intelliġenti, l-Unjoni introduċiet l-Istrateġiji ta' Riċerka u Innovazzjoni tagħha għall-inizjattiva għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (RIS3).

Dan il-proġett pilota joħloq rabtiet eqreb bejn l-Orizzont 2020 u l-RIS3 sabiex jaċċelera kemm l-użu tar-riżultati tar-R&Ż kif ukoll il-konverġenza ekonomika reġjonali fl-istess ħin. Minkejja li l-Orizzont 2020 u l-RIS3 it-tnejn huma programmi mmirati sew, pont bejniethom li jiffoka fuq il-konverġenza soċjali u ekonomika bejn ir-reġjuni tal-Unjoni għin biex jippromwovi s-suċċess tagħhom.

Il-proġett pilota TREC jinkludi sejħa għall-offerti indirizzata liċ-ċentri tat-teknoloġija Ewropej u r-raggruppamenti industrijali relatati, skont dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- raggruppamenti rrappreżentanti għandhom ikunu magħżula fil-pjanijiet strateġiċi reġjonali RIS3 tagħhom,
- proposta komuni għandha tiġi ppreżentata minn raggruppamenti minn tal-anqas tliet Stati Membri,
- għanda tiġi ppreżentata stampa ekonomika komprensiva tar-raggruppamenti,
- għandu jkun hemm ir-rieda li jiġu kondiviżi l-informazzjoni u l-aħjar prattiki.

Fost il-kandidati għall-proġett, mill-anqas tlieta għandhom jintgħażlu biex jirċievu l-finanzjament għal proġett li jinvolvu:

- il-punt ta' riferiment komplut tar-raggruppamenti,
- id-detezzjoni tal-ostakoli u l-opportunitajiet għal titjib;
- it-tiftix ta' riżultati disponibbli tar-R&Ż u t-tfassil tal-pjan ta' applikazzjoni tagħhom,
- it-tfassil ta' pjan ta' investiment u taħriġ biex jiġu sodisfati l-ħtiġijiet misjuba,
- it-twettiq ta' investimenti tat-teknoloġija meħtieġa u l-implimentazzjoni tal-pjani ta' taħriġ definiti,
- il-valutazzjoni u t-tixrid tar-riżultati miksuba.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 20 (ikompli)

Minħabba d-diffikultajiet biex jiġu stmati d-dewmien u l-livelli ta' investimenti neċessarji, il-proġett pilota jikkonsisti f'żewġ fażijiet, l-ewwel wieħed ikopri l-ewwel erba' attivitajiet imsemmija hawn fuq, it-tieni wieħed ikopri l-implementazzjoni u l-valutazzjoni u t-tixrid.

L-ewwel fażi tista' ddum sa sena u l-finanzjament neċessarju tal-Unjoni jista' jkun madwar EUR 500 000. It-tieni fażi tista' ddum sa tliet snien u tirrikjedi sa EUR 4 000 000 u tkun kofinanzjata minn kumpaniji u/jew pajjiżi parteċipanti.

Fir-rigward tal-prestazzjoni, il-proġetti magħżula jridu juru żieda tal-produttività tar-raggruppament ta' mill-anqas 10% u tixrid ta' madwar +/- 3% fost ir-raggruppamenti.

L-għan aħħari huwa li janalizza l-impatt ta' politiki industrijali speċifiċi li jistgħu jitwettqu mill-Unjoni. Il-proġett pilota TREC jfittex li jiddetermina kif entità innovattiva tista' tapplika innovazzjoni eżistenti bl-aqwa mod biex jitjieb l-isfruttar tar-riżultati tal-R&D u jitnaqqas il-qgħad, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir u għal aktar impjiegi fl-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 21 Azzjoni Preparatorja — Prodott tat-turiżmu Ewropew transnazzjonali marbut mal-kultura

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	750 000				

*Kummenti*

L-azzjoni ta' thejġija jkollha l-oġġettivi ewlenin li ġejjin:

- id-diversifikazzjoni ta' dak li għandu x'joffri t-turiżmu Ewropew,
- it-tiqsir tal-impatt tal-istaġunalità fid-destinazzjonijiet Ewropej,
- it-tiżhij tal-profil tal-Ewropa bħala destinazzjoni unika ta' turiżmu.



**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) (ikompli)****02 02 77** (ikompli)**02 02 77 21** (ikompli)

Il-logo tal-Unesco huwa magħruf mad-dinja kollha; huwa garanzija tar-rilevanza kulturali speċjali ta' sit, iżda huwa wkoll mezz li bih jiġu attirati flussi ġodda ta' turiżmu. Kooperazzjoni mal-Unesco, organizzazzjoni speċjalizzata tan-NU, tista' tkun essenzjali għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali man-NU u l-iżvilupp ta' strateġija reġjonali għall-promozzjoni ta' siti Ewropej fil-lista tal-Unesco. Mappa ta' siti emblematiċi tal-Unesco miġbura flimkien skont it-tema (pereżempju b'liet medjevali, wirt ta' taħt l-ilma, siti arkeoloġiċi Griegi/Rumani) jew ir-rakkuntar ta' storja li tgħaqqad flimkien l-elementi komuni ta' tagħhom tgħin il-promozzjoni tat-turiżmu kulturali kemm fis-suq domestiku kif ukoll f'dawk aktar imbiegħda. Għodod ta' komunikazzjoni differenti jistgħu jiġu żviluppati fuq il-bażi ta' mappa Ewropea tas-siti Unesco. Din l-azzjoni ta' tħejjija tesplora aktar ir-relazzjoni bejn it-turiżmu u l-kultura.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Paga- menti 2013/ 2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 03	SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI								
<b>02 03 01</b>	<b>Operat u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali</b>								
02 03 02	Standardizzazzjoni u approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni	1,1	18 696 000	14 012 346	18 100 000	16 210 176	20 871 845,95	15 929 083,16	113,68
02 03 02 01	Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI	1,1	17 843 714	16 100 331	17 370 000	12 968 141	25 046 337,60	17 163 706,81	106,60
02 03 02 02	Sostenn lil organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u partijiet soċjetali interessati fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni	1,1	3 816 286	2 175 774	3 700 000	2 778 887	2 273 271,48	269 308,59	12,38
	Artikolu 02 03 02 — Subtotal		21 660 000	18 276 105	21 070 000	15 747 028	27 319 609,08	17 433 015,40	95,39
<b>02 03 03</b>	<b>Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar il-kimiki</b>								
02 03 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji	1,1	7 800 000	7 800 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—	0
02 03 77 01	Azzjoni ta' tħejija — RECAP: riċiklaġġ fuq skala lokali ta' skart ta' plastik intern maħluq minn reġjuni ewlenin tal-UE li jikkonvertu l-poli-meri	2	p.m.	597 360	p.m.	373 350	0,—	373 350,—	62,50
	Artikolu 02 03 77 — Subtotal		p.m.	597 360	p.m.	373 350	0,—	373 350,—	62,50
	<b>Kapitolu 02 03 — Total</b>		<b>48 156 000</b>	<b>40 685 811</b>	<b>39 170 000</b>	<b>32 330 554</b>	<b>48 191 455,03</b>	<b>33 735 448,56</b>	<b>82,92</b>

## 02 03 01

**Operat u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 696 000	14 012 346	18 100 000	16 210 176	20 871 845,95	15 929 083,16

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-neqfa dwar l-azzjonijiet biex itejbu l-operat tas-suq intern:

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** (ikompli)**02 03 01** (ikompli)

- tqarrib tal-istandards, u l-introduzzjoni ta' sistema ta' informazzjoni għall-istandards u regolamenti tekniċi,
- finanzjament ta' koordinazzjoni amministrattiva u kooperazzjoni bejn il-korpi notifikati,
- eżami tar-regoli notifikati mill-Istati Membri, Stati tal-EFTA u t-Turkija u t-traduzzjoni tar-regolamenti tekniċi abbozzati,
- applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq it-tagħmir mediku, il-kożmetiċi, l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti tat-tessut, il-prodotti mediċinali, il-kimiki, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi u s-soluzzjonijiet, il-karozzi u s-sikurezza, il-ġugarelli, il-metroloġija legali u l-ippakkjar minn qabel, u l-kwalità tal-ambjent,
- approssimazzjoni settorali akbar fl-oqsma tal-applikazzjoni tad-direttivi tal-“approċċ il-ġdid”, speċjalment l-estensjoni tal-“approċċ il-ġdid” f'setturi oħra,
- provvedimenti ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 765/2008, kemm għall-infrastrutturi kif ukoll għas-sorveljanza tas-suq,
- provvedimenti ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 764/2008 għall-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor,
- provvedimenti ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 2009/43/KE dwar l-issimplifikar tal-patti u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fl-Unjoni,
- organizzazzjoni tas-shubji mal-Istati Membri, sostenn lill-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern għas-sorveljanza tas-suq,
- għotjiet b'sostenn ta' proġetti ta' interess tal-Unjoni mwettqa minn korpi esterni,
- tagħrif u miżuri pubbliċitarji, sensibilizzazzjoni akbar dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,
- implimentazzjoni ta' programm strateġiku fuq is-suq intern u monitoraġġ tas-suq,
- għotjiet b'sostenn għall-Organizzazzjoni għall-Approvazzjoni Teknika Ewropea (EOTA),
- għotjiet lill-Kunsill tal-Ewropa fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Elaborazzjoni ta' Farmakopea Ewropea,
- parteċipazzjoni fin-negozjati ta' ftehimiet fuq ir-rikonossiment reċiproku u, fl-ambitu tal-ftehimiet Ewropej, sostenn għall-pajjiżi assoċjati biex jippermettilhom jadottaw l-acquis tal-Unjoni,
- miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, speċjalment dawk li jirriżultaw mir-reviżjoni tar-REACH (komunikazzjoni COM(2013) 49 final).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, fil-forma ta' manutenzjoni, aġġornament u żvilupp ta' sistemi tal-informatika relatati ma' regolamenti tekniċi, u kull nefqa oħra fuq għajjnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI (ikompli)

## 02 03 01 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 34 sa 36 (ĠU C 326, 26.10.2012).

Id-Direttiva tal-Kunsill 75/107/KEE tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' flexken użati bħala reċipjenti ta' kejl.

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar tal-1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel.

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-Prodotti kosmetiċi (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169).

Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE tal-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE.

Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkun parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa (ĠU L 040, 11.2.1989, p. 8).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu fxi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (8300/92) tal-21 ta' Settembru 1992 li tawtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi mhux membri dwar għarfien reċiproku.

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/5/KEE tal-25 ta' Frar 1993, dwar assistenza lill-Kummissjoni u koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżami xjentifiku ta' kwistjonijiet dwar l-ikel (ĠU L 52, 4.3.1993, p. 18).

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** (*ikompli*)**02 03 01** (*ikompli*)

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 74, 27.3.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-supervizzjoni ta' splussivi għall-użu ċivili (ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, tat-12.7.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE, li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/358/KE tas-16 ta' Ġunju 1994 li taċċetta, għan nom tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni dwar l-elaborazzjoni ta' Pharmacopea Ewropea (ĠU L 158, 25.6.1994, p. 17).

Id-Direttiva 96/100/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill tas-17 ta' Frar 1997 li temenda l-Anness tad-Direttiva 93/7/KEE fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura imneħħija b'mod illegali mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 60, 1.3.1997, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 8453/97 li tikkonferma l-Artikolu 113 tal-interpretazzjoni tal-Kumitat tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 1992 li tagħti lill-Kummissjoni Id-Direttivi għall-innegozjar ta' ftehimiet Ewropej ta' valutazzjoni tal-konformita.

Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

Id-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998 li temenda d-Direttiva 98/34/KE li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18).

Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri (ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8).

Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE tad-29 ta' April 1999 dwar it-tagħmir tal-prensa trasportabbli (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 20).

Id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi (ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1).

Id-Direttiva 2000/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (ĠU L 106, 3.5.2000, p. 21).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI (ikompli)

## 02 03 01 (ikompli)

Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2000 tal-20 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3448/93 li jstabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali li japplikaw għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).

Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19).

Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 22.1.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2003/102/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-protezzjoni ta' pedestrians u utenti vulnerabbli oħra tat-triq qabel u fil-każ ta' xi ħabta ma' vettura bil-mutur (ĠU L 321, 6.12.2003, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursori tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji ta' laboratorji (GLP) (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 28).

Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' Prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44).

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti, (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 19-28)

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** (ikompli)**02 03 01** (ikompli)

Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl.

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1).

Id-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi regoli dwar kwantitajiet nominali għal prodotti mballati minn qabel, li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE.

Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21).

Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-itikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Id-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi

Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku (ĠU L 106, 28.4.2009, p. 7).

Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli.

Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI (ikompli)

## 02 03 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessuti u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttiva 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

Id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimentaw l-approċċ il-ġdid f'ċerti setturi, bħal dawk relatati mal-makkinarju, il-kompatibilità elettromanjetika, it-tagħmir tar-radju u t-tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjoni, it-tagħmir elettriku ta' vultaġġ baxx, it-tagħmir protettiv personali, il-liftijiet, l-atmosferi splussivi, it-tagħmir mediku, il-ġugarelli, it-tagħmir ta' pressjoni, l-oġġetti li jaħdmu bil-gass, il-bini, l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, il-bċejjeċ tal-baħar rikreazzjonali, it-tajers, l-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur, l-isplussivi, l-oġġetti pirotekniċi, l-installazzjonijiet fir-rotot b'kabljaġġ, eċċ.

Id-Direttivi tal-Kunsill adottati biex jitneħħew l-ostakli tekniċi għall-kummerċ f'oqsma mhux koperti mill-“istrateġija l-ġdida”.

02 03 02 **Standardizzazzjoni u approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni**

02 03 02 01 Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 843 714	16 100 331	17 370 000	12 968 141	25 046 337,60	17 163 706,81

## Kummenti

Skont l-għan ġenerali li jinżamm il-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-kompetittività tal-industrija Ewropea, partikolarment permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' standards u t-twaqqif ta' standards Ewropej f'każijiet idonei, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- obbligazzjonijiet finanzjarji ġejjin mill-kuntratti li jkunu ffirmati mal-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej (bħal ETSI, CEN u Cenelec), għall-iżvilupp ta' standards,
- verifika u ċertifikazzjoni ta' konformità mal-istandards, u proġetti dimostrattivi,
- nefqa kuntrattwali għall-eżekuzzjoni tal-programm u proġetti indikati hawn fuq. Dawn il-kuntratti jkopru li ġejj: riċerka, assoċjazzjoni, evalwazzjoni, operazzjonijiet tekniċi, koordinazzjoni, boroż ta' studju, għotjiet, taħriġ u mobilità ta' persunal xjentifiku, parteċipazzjoni fi ftehimiet internazzjonali u parteċipazzjoni fin-nefqa fuq apparat,
- titjib fil-prestazzjoni tal-kopi tal-istandards,
- promozzjoni tal-kwalità fl-istandardizzazzjoni, u l-verifika tagħhom,
- sostenn għat-traspożizzjoni ta' standards Ewropej fi standards nazzjonali, partikolarment permezz tat-traduzzjoni tagħhom,
- miżuri dwar l-informazzjoni, il-promozzjoni u t-tiħiħ tal-istandardizzazzjoni u l-promozzjoni ta' interessi Ewropej fl-istandardizzazzjoni internazzjonali,



**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** (ikompli)**02 03 02** (ikompli)

## 02 03 02 01 (ikompli)

- servizzi segretarjali għall-kumitati tekniċi,
- proġetti tekniċi fil-qasam ta' testijiet għall-konformità mal-istandards,
- eżami tal-konformità tal-istandards abbozzati mal-mandati rilevanti,
- programmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u assistenza lilhom,
- twettiq tax-xogħol meħtieġ biex ikunu applikati standards internazzjonali tat-teknoloġija tal-informazzjoni b'mod uniformi fl-Unjoni kollha,
- speċifikazzjoni ta' metodi għaċ-ċertifikazzjoni u l-istipular tal-metodi tekniċi ta' ċertifikazzjoni,
- tħeġġiġ tal-użu ta' dawn l-istandards fil-kuntratt tal-akkwist pubbliku,
- koordinazzjoni tad-diversi operazzjonijiet għall-preparazzjoni ta' standards u biex isir iżjed fl-implimentazzjoni tagħhom (gwidu għall-utenti, dimostrazzjoni, eċċ.).

Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun użat biex tiġi inkwadrata u implimentata l-operazzjoni ta' standardizzazzjoni f'konsultazzjoni mal-parteċipanti ewlenin: industrija, rappreżentanti tal-ħaddiema, konsumaturi, intrapriżi żgħar u medji, l-istituzzjonijiet tal-istandardizzazzjoni nazzjonali u Ewropej, l-aġenziji tal-akkwistpubbliku fl-Istati Membri, l-utenti kollha u d-diriġenti tal-politika industrijali fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni.

Fil-każ ta' tagħmir informatiku, u b'appoġġ għall-interoperabbiltà, dispożizzjonijiet speċifiċi huma inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika u tat-telekomunikazzjoni (ĠU L 36, 7.2.1987, p. 31), li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li, f'ordnijiet ta' akkwist pubbliku, issir referenza għal standards Ewropej jew internazzjonali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

## 02 03 02 02 Sostenn lil organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u partijiet soċjetali interessati fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 816 286	2 175 774	3 700 000	2 778 887	2 273 271,48	269 308,59

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI (ikompli)

## 02 03 02 (ikompli)

## 02 03 02 02 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kostijiet tal-funzjonament u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governamentali u mingħajr skop ta' qligħ, li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs u tal-konsumaturi, kif ukoll l-interessi ambjentali u soċjali, f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni.

Tali rappreżentazzjoni fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew jiffirma parti mill-obiettivi statutorji ta' tali organizzazzjonijiet, u ġew iddelegati minn organizzazzjonijiet nazzjonali bla skop ta' qligħ, f'tal-anqas żewġ terzi mill-Istati Membri, biex jirrappreżentaw tali interessi.

Il-kontribuzzjonijiet lil tali organizzazzjonijiet Ewropej qabel kienu koperti mill-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni, il-politika tal-konsumaturi u l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent, LIFE+. Fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 l-azzjonijiet fil-qasam tal-istandardizzazzjoni ffinanzjati minn programmi speċifiċi ngābru f'daqqa fatt legali wieħed.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

Id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 17).

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

02 03 03 **Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar il-kimiki**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 800 000	7 800 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex li n-nefqa fuq il-persunal u amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** (ikompli)**02 03 03** (ikompli)

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jiġi ddebitat mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Fl-2015, id-"Dħul minn tariffi u imposti" tal-Aġenzija u l-eċċess riportat mis-sena preċedenti mhux ser ikun biżżejjed biex ikopri n-nefqa mistennija, li jimplika l-ħtieġa ta' sussidju mill-Kummissjoni. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 7 800 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-itikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

**02 03 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

02 03 77 01 Azzjoni ta' tħejjija — RECAP: riċiklaġġ fuq skala lokali ta' skart ta' plastik intern maħluq minn reġjuni ewlenin tal-UE li jikkonvertu l-polimeri

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	597 360	p.m.	373 350	0,—	373 350,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejjija.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI (*ikompli*)

**02 03 77** (*ikompli*)

02 03 77 01 (*ikompli*)

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Paga- menti 2013/ 2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 04	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR- RIGWARD TAL- INTRAPRIŻI								
<b>02 04 02</b>	<b>Rwol ta' tmExxija industrijali</b>								
02 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fl- ispazju	1,1	176 847 152	113 594 175	161 352 331	14 704 483			
02 04 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir- riċerka u l-innovazz- joni	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
02 04 02 03	Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)	1,1	35 905 989	17 650 787	32 512 243	2 962 930			
	<i>Artikolu 02 04 02 — Subtotal</i>		212 753 141	131 244 962	193 864 574	17 667 413			
<b>02 04 03</b>	<b>Sfidi soċjetali</b>								
02 04 03 01	Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil- klima u provvista sostenibbli ta' materja prima	1,1	77 604 264	30 583 047	69 306 327	5 986 022			
02 04 03 02	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri	1,1	153 235 857	51 650 398	138 347 362	10 865 760			
	<i>Artikolu 02 04 03 — Subtotal</i>		230 840 121	82 233 445	207 653 689	16 851 782			
<b>02 04 50</b>	<b>Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku</b>								
02 04 50 01	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
02 04 50 02	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	49 488 811,88	29 980 793,09	
	<i>Artikolu 02 04 50 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	49 488 811,88	29 980 793,09	

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Paga-menti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 04 51	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	179 347 726	p.m.	410 942 214	778 917 543,17	623 488 946,47	347,64
02 04 52	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	502 883,55	
02 04 53	Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	36 262 756	p.m.	41 095 242	69 707 100,72	62 867 685,26	173,37
02 04 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
02 04 77 01	Proġett pilota — It-fassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' arkitettura teknika madwar l-UE kollha li tevalwa jekk il-112 PSAP humiex lesti li jmexxu l-lokalizzazzjoni GNSS u data oħra mill-112 emergency apps għall-PSAP Ewropej b'mod sikur u affidabbli	1,1	1 000 000	500 000					
02 04 77 02	Proġett pilota — Riċerka fil-qasam tal-PSDK	1,1	1 000 000	500 000					
	Artikolu 02 04 77 — Subtotal		2 000 000	1 000 000					
	<b>Kapitolu 02 04 — Total</b>		<b>445 593 262</b>	<b>430 088 889</b>	<b>401 518 263</b>	<b>486 556 651</b>	<b>898 113 455,77</b>	<b>716 840 308,37</b>	<b>166,67</b>

## Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi kollha tal-baġit f'dan il-Kapitolu.

Din l-approprijazzjoni se tintuża għall-Programm Kwadru Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020.

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, speċifikament "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għat-twaqqif ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha, billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjament addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Dan se jitwettaq biex jitkompla x-xogħol sabiex jinkisbu l-oġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)**

Taħt dawn l-Artikoli u Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell ogħli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa fisem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni mill-Unjoni, inter alia, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-appropriazzjoni se tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Għal xi wħud minn dawn il-proġetti hija prevista l-possibiltà li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jipparteċipaw fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul tista' tagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-Istati li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-partiċipazzjoni taqgħom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partiti 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn korpi esterni għall-attivitajiet tal-Unjoni mdaħħal fil-Partiti 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Appropriazzjonijiet addizzjonali se jiġu disposti mill-Partiti 02 04 50 01.

L-appropriazzjonijiet addizzjonali ta' dan il-Kapitolu se jiġu disposti taħt l-Artikolu 02 01 05.

**02 04 02 Rwol ta' tmExxija industrijali***Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li l-Ewropa ssir post aktar attraenti fejn wieħed jinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni billi tippromwovi attivitajiet fejn ikunu n-negozji li jfasslu l-aġenda, kif ukoll li taċċelera l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jservu ta' bażi għan-negozji futuri u għat-tkabbir ekonomiku. Din se ttiprovdri investiment kbir f'teknoloġiji industrijali ewlenin, timmassimizza l-potenzjal ta' tkabbir tal-kumpaniji Ewropej billi ttiprovdilhom livelli xierqa ta' finanzi u tgħin lil SMEs innovattivi jiżviluppaw f'kumpaniji li jkunu fuq quddiem f'livell dinji.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 02 (ikompli)

## 02 04 02 01 Rwol ta' tmexxija fl-ispazju

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
176 847 152	113 594 175	161 352 331	14 704 483		

## Kummenti

L-iskop ta' din l-approprijazzjoni huwa:

- li trawwem industrija spazjali kompetittiva u innovattiva u komunità ta' riċerka biex tiġi żviluppata u sfruttata l-infrastruttura spazjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri politiċi u soċjetali tal-Unjoni. Il-linji tal-attivitajiet huma: li jippermettu l-kompetittività Ewropea, in-nondipendenza u l-innovazzjoni tas-settur spazjali Ewropew, li jippermettu l-avvanzi fit-teknoloġiji spazjali, li jippermettu l-esplojtazzjoni tad-dejta spazjali u li jippermettu r-riċerka Ewropea bħala sostenn għas-sħubijiet spazjali internazzjonali,
- li jitrawmu l-mezzi industrijali tal-produzzjoni tal-lum lejn manifattura u proċessar aktar sostenibbli u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju li jirriżultaw fi prodotti, proċessi u servizzi aktar innovattivi. B'mod partikolari, it-teknoloġiji sostenibbli u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju fl-industriji bi proċessi intensivi fl-enerġija se jkunu fil-mira biex tiżdied il-kompetittività tal-industriji tal-proċessi, billi jitjiebu drastikament l-effiċjenzi fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija u jitnaqqas l-impatt ambjentali ta' tali attivitajiet industrijali tul il-katina tal-valur kollha, filwaqt li tiġi promossa l-adozzjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(a)(vi) tiegħu.

## 02 04 02 02 Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		



## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

02 04 02 (ikompli)

02 04 02 02 (ikompli)

## Kummenti

L-iskop ta' din l-appropriazzjoni huwa li tgħin biex tirrimedja għan-nuqqasijiet tas-suq fl-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, il-faċilità ta' ekwità se tiffoka fuq l-investimenti f'fondi b'kapital ta' riskju li jagħmlu investimenti fi stadju bikri. Din għandha tippermetti l-investimenti ta' ekwità, fost l-oħrajn, f'fondi b'kapital inizjali, fondi inizjali transfruntiera, strumenti ta' investment konġunt ta' investituri informali u fondi ta' kapital ta' riskju ta' stadju bikri. Il-faċilità ta' ekwità, li se topera skont id-domanda, għandha tuża approċċ tal-portafoll, fejn il-fondi b'kapital ta' riskju u intermedjarji komparabbli oħrajn jagħżlu d-ditti li għandu jsir investment fihom.

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 140 (6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi r-rimborżi kapitali, il-garanziji rilaxxati, u r-rimborż tas-self prinċipali, rimborżati lill-Kummissjoni u mdaħħla taħt il-Partita 6341 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b) tiegħu.

02 04 02 03 Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
35 905 989	17 650 787	32 512 243	2 962 930		

## Kummenti

L-iskop ta' din l-appropriazzjoni huwa li:

— tipprovdi finanzjament għan-Netzwerk Enterprise Europe stabbilit taħt il-programm Cosme għas-servizzi rinfurzati tagħhom marbutin ma' Orizzont 2020. Is-sostenn jista' jvarja minn titjib tas-servizzi ta' informazzjoni u konsulenza permezz ta' attivitajiet ta' tfittxija ta' sħab għall-SMEs li jkunu jixtiequ jiżviluppaw proġetti ta' innovazzjoni transfruntiera, għall-provvista ta' servizzi ta' sostenn għall-innovazzjoni,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 02 (ikompli)

## 02 04 02 03 (ikompli)

- issostni l-implimentazzjoni u tikkumplimentat l-miżuri speċifiċi għal kull SME f'Orizzont 2020, speċifikament biex tittejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-SMEs. L-attivitajiet jistgħu jinkludu kampanji ta' għarfien, l-għoti tal-informazzjoni u d-disseminazzjoni tagħha, attivitajiet ta' taħriġ u ta' mobilità, networking u skambju tal-aħjar prattiki, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi u servizzi ta' kwalità għolja li jsostnu l-innovazzjoni b'valur miżjud kbir għall-SMEs (pereżempju proprjetà intellettuali u ġestjoni tal-innovazzjoni, trasferiment tal-għarfien), kif ukoll l-għoti ta' għajnunha lill-SMEs biex dawn jiltaqgħu ma' sħab fir-riċerka u fl-innovazzjoni minn madwar l-Unjoni, biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fit-teknoloġija u jiżviluppaw il-kapaċità ta' innovazzjoni tagħhom. L-organizzazzjonijiet intermedjarji li jirrappreżentaw gruppi ta' SMEs innovattivi jiġu mistiedna jorganizzaw attivitajiet innovattivi transsettorjali u transreġjonali ma' SMEs b'kompetenzi rinforzanti reċiprokament, sabiex jiġu żviluppati ktajjen ta' valur industrijali ġodda,
- issostni l-innovazzjoni mmotivata mis-suq bl-għan li tittejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-impriżi billi jittejjbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni, kif ukoll biex jiġu indirizzati l-ostakoli speċifiċi li jxekklu t-tkabbir ta' impriżi innovattivi, partikolarment l-SMEs u l-intrapriżi ta' daqs medju b'potenzjal ta' tkabbir rapidu. Jista' wkoll jingħata sostenn speċjalizzat għall-innovazzjoni (pereżempju b'rabta mal-esplojtazzjoni tal-IP, networks ta' akkwirenti, sostenn lill-uffiċċji tat-trasferiment tat-teknoloġija, tfassil strateġiku) u jistgħu jiġu sostnuti r-reviżjonijiet ta' politiki pubbliċi b'rabta mal-innovazzjoni.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju, inklużi kontribuzzjoni CESES in natura għall-proġetti tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(c) tiegħu.

02 04 03 *Sfidi soċjetali**Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 hija tweġiba diretta għall-prijoritajiet politiċi u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jlaqqa' flimkien ir-riżorsi u l-għarfien minn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi għda fuq l-attivitajiet marbutin mal-innovazzjoni bħal pereżempju l-proġetti pilota, id-dimostrazzjoni, il-banek tat-testijiet, is-sostenn tal-akkwisti pubbliċi, it-tfassil, l-innovazzjoni mmotivata mill-utenti finali, l-innovazzjoni soċjali u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet min-naħa tas-suq. L-attivitajiet se jsostnu b'mod dirett il-kompetenzi korrispondenti tal-politika settorjali fil-livell tal-Unjoni.

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 03 (ikompli)

02 04 03 01 Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
77 604 264	30 583 047	69 306 327	5 986 022		

## Kummenti

L-għan ta' din l-approprijazzjoni se jkun is-sostenn ta' provvista sikura ta' materja prima sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali li qed tikber fi ħdan limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta. L-attivitajiet se jimmiraw għat-titjib tal-bażi tal-għarfien dwar il-materja prima u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-esplorazzjoni, estrazzjoni, proċessar, riċiklaġġ u rkupru ta' materja prima kosteffettivi u ekoloġiċi u għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi ekonomikament attraenti.

Se jiġi pprovdut ukoll appoġġ biex jiġu ttrattati l-ostakli li jimpedixxu l-użu ta' mudelli ċirkolari ta' negozju ekonomiku, b'mod partikolari mill-SMEs, bħal pereżempju l-użu ta' materjali minn flussi ta' skart, l-iżvilupp ta' proċessi ta' simbożi industrijali u l-bini ta' klusters tal-industrija ekoloġika.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(e) tiegħu.

02 04 03 02 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
153 235 857	51 650 398	138 347 362	10 865 760		

## Kummenti

L-iskop ta' din l-approprijazzjoni huwa li:

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 03 (ikompli)

## 02 04 03 02 (ikompli)

- ssostni l-politiki tal-Unjoni dwar is-sigurtà interna u esterna, filwaqt li ttejjeb il-kompetittività u l-bażi teknoloġika tal-industrija tas-sigurtà tal-Unjoni u li tistimola l-kooperazzjoni bejn il-fornituri u l-utenti tas-soluzzjonijiet tas-sigurtà. Se jkun hemm attivitajiet li jimmiraw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw il-lakuni, u li jwasslu għall-prevenzjoni tat-treddid għas-sigurtà. L-enfasi tal-attivitajiet se tkun li jiġġieldu l-kriminalità u t-terroriżmu, inkluża l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika; it-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri; iż-żieda fir-reżiljenza tal-Ewropa fil-kriżijiet u d-diżastri, filwaqt li jiġu mħarsa d-dejta personali u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem,
- issostni t-tisħiħ tal-bażi tal-evidenza u s-sostenn għall-Unjoni tal-Innovazzjoni u l-ERA, li huma meħtieġa biex irawmu l-iżvilupp ta' soċjetajiet u politiki innovattivi fl-Ewropa bl-involvement taċ-ċittadini, l-intrapriżi u l-utenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-promozzjoni ta' riċerka kkoordinata u politiki ta' innovazzjoni fil-kuntast tal-globalizzazzjoni.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) – u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(g) tagħha.

02 04 50 **Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku**

## 02 04 50 01 Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)****02 04 50** (ikompli)

02 04 50 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu 2014 sal-2020.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

02 04 50 02 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	49 488 811,88	29 980 793,09

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu qabel l-2014.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**02 04 51 Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)***Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	179 347 726	p.m.	410 942 214	778 917 543,17	623 488 946,47

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 51 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jtnissu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Din l-approprijazzjoni tkun tkopri wkoll in-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn (barra ż-Żona Ekonomika Ewropea) partijiet terzi jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-żvilupp teknoloġiku.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabillixxi r-regoli għall-partiċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

02 04 52 **Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	502 883,55

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li saru aktar kmieni u li huma marbutin mal-programmi ta' qafas tar-riċerka qabel l-2013.

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** (ikompli)**02 04 52** (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jtnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, (KEE) tat-28 ta' Settembru 1987 dwar programm ta' qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, (KEE) tat-23 ta' April 1990 dwar programm ta' qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, (KEE) tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221/Euratom, (KEE) dwar il-Programm ta' Qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) wara d-dħul tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-Sitt Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li taddotta programm speċifiku għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni: Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea (2002–2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 44).

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 53 Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	36 262 756	p.m.	41 095 242	69 707 100,72	62 867 685,26

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jtnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

## 02 04 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

02 04 77 01 Proġett pilota — It-tfassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' arkitettura teknika madwar l-UE kollha li tevalwa jekk il-112 PSAP humiex lesti li jmexxu l-lokalizzazzjoni GNSS u data oħra mill-112 emergency apps għall-PSAP Ewropej b'mod sikur u affidabbli

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

Kummenti

In-nies jagħmlu użu minn smartphones u minn apps għall-attivitajiet ta' kuljum. Il-penetrazzjoni tal-ismartphone qed tikber malajr u, filwaqt li s-soċjetà tibbenefika mid-dinja diġitali, mhuwiex daqstant ċar kif se nagħmlu telefonati ta' emerġenza fil-futur, bl-użu tal-apps. Id-data ta' lokalizzazzjoni bbażata fuq GNSS preċiża u affidabbli qed tintuża għal skopijiet kummerċjali u oħrajn, iżda mhijiex aċċessibbli għas-servizzi ta' emerġenza meta ċ-ċittadini jagħmlu telefonata ta' emerġenza.



**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)****02 04 77** (ikompli)

02 04 77 01 (ikompli)

Minħabba f'hekk, inħolqu ħafna apps li għandhom x'jaqsmu mal-112 u huma disponibbli llum, iżda b'funzjonalità u aċċessibilità limitati. Reċentement, kważi s-servizzi tal-emerġenza Ewropea kollha ġew ikkuntattjati minn żviluppaturi tal-apps u li għamlu proposti biex jiżviluppaw apps tal-112 sabiex jistabbilixxu konnessjoni tal-vuċi u jitrażmettu data ta' lokalizzazzjoni u data oħra direttament lil ċentri tal-112.

Sfortunatament, dawn l-apps jistgħu jintużaw biss minn ċittadini li jgħixu f'żoni ġeografiki partikolari u spiss ma jaħdmux l-istess jekk dawn jinsabu lil hinn mill-konfini ta' żona partikolari ta' Ċentri li Jirċievu t-Telefonati ta' Emerġenza (PSAP). Għalhekk in-norma hi li apps żviluppatti f'reġjun/pajjiż ma jaħdmux f'reġjun/pajjiż ieħor, biex b'hekk isiru inutli barra mir-reġjuni/pajjiżi tagħhom.

Għaldaqstant, attwalment ma teżisti l-ebda arkitettura komuni fl-Unjoni kollha għall-użu ta' apps tal-112.

Il-Viċi Presidenti Kroes u Kallas iddeċidew li jaħdmu b'mod konġunt dwar din il-kwistjoni, u fl-2010 iddikjaraw li kellhom l-intenzjoni li jiżguraw li kull Ewropew ikun jista' jaċċedi għal app tal-ismartphone tal-112 fil-lingwa tal-użu tagħhom. Fis-snin reċenti ġew żviluppatti bosta apps tal-mowbajl tal-112, iżda għad fadal ħafna xi jsir f'dan il-qasam.

Jidher ċar li ż-żewġ Viċi Presidenti identifikaw il-bżonn għal approċċ komuni għall-iżvilupp ta' arkitettura fl-Unjoni kollha għal apps tal-112.

Dan il-proġett għandu l-għan li jiżgura li l-PSAP jkun lest li jopera permezz tal-finanzjament tal-ħolqien ta' arkitettura komuni madwar l-Unjoni li tagħmilha possibbli li tintbagħat data, inkluż data ta' lokalizzazzjoni GNSS u informazzjoni essenzjali oħra bl-użu ta' apps tal-112 eżistenti lill-aktar PSAP adegwat. Dan jiżgura l-libertà tas-suq, li għandha toffri benefiċċji soċjetali diretti. Serje ta' testijiet ta' interoperabilità u kapaċità kemm tal-apps kif ukoll tal-pjattaformi li minnhom jitħaddmu jistgħu jitwettqu fuq il-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

Il-benefiċċji għas-soċjetà jinkludu li-ċittadini kollha u għandu jkollhom impatt pożittiv dirett għaċ-ċittadini b'diżabilità.

Il-proġett pilota se jiġi implimentat b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti tal-Kummissjoni, li attwalment qegħdin jeżaminaw l-użu tad-data ta' lokalizzazzjoni GNSS għas-servizzi tal-112, bl-użu tal-EGNOS u Galileo. L-arkitettura teknika mfassla bħala parti mill-proġett għandha sseġwi b'mod strett ir-rekwiżiti ta' dawk il-partijiet interessati, u tiżgura l-parteċipazzjoni tal-PSAPs tal-112 u tħejji it-triq biex tintbagħat data addizzjoni b'mod armonizzat.

Il-proġett:

- jidentifika r-rekwiżiti ewlenin tas-servizzi ta' emerġenza (l-aspett tat-talba), fuq il-perjodu ta' żmien medju, billi jibni fuq ir-riċerka estensiva li diġà twettqet kif ukoll it-tweġġiq ta' riċerka ulterjuri,
- jinvolvi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' metodu biex iwettaq testijiet ta' "interoperabilità fuq apps tal-112 u l-pjattaformi tagħhom f" numru ta' Stati Membri,
- jinvolvi testijiet ta' tħejji u kompatibilità fuq numru ta' PSAPs madwar l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-proġett pilota,
- ikun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, inklużi dawk b'diżabilità jew bżonnijiet speċjali, bil-ħolqien ta' ambjent u infrastruttura meħtieġa li jippermettu lill-fornituri ta' teknoloġija tal-apps u l-fornituri ta' soluzzjonijiet (min-naħa tal-provvista) biex jibgħatu data ta' lokalizzazzjoni GNSS u data oħra lill-aktar PSAP adegwat,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

## 02 04 77 (ikompli)

## 02 04 77 01 (ikompli)

- ikompli fuq il-ħidma b'suċċess mwettqa fi ħdan il-proġett REACH112, li jidentifika r-rekwiżiti biex ikun żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess akbar għas-servizzi tal-112, u għall-proġett ta' riċerka PEACE, li eżamina l-applikazzjonijiet u s-servizzi ta' emerġenza bbażati fuq l-IP għan-netwerks tal-ġenerazzjoni li jmiss,
- iġhaqqad fi sħubija l-awtoritajiet ta' protezzjoni tad-data Ewropej, il-fornituri tat-teknoloġija Ewropej, il-komunitajiet tal-free softwer, l-organizzazzjonijiet tas-servizzi tal-emerġenza, il-laboratorji ta' riċerka u żvilupp, l-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet, il-fornituri ta' netwerks ta' telekomunikazzjoni, il-fornituri ta' Voice Over IP u fornituri oħrajn ta' softwer biex jkomplu jsaħħu l-għarfien espert b'sens ta' kollaborazzjoni,
- ifasslu mappa tal-futur tal-apps tal-112 skont il-bżonnijiet u r-rekwiżiti taċ-ċittadini u tas-servizzi tal-emerġenza sabiex tinkiseb il-viżjoni ta' effiċjenzi akbar u servizzi ta' impatt u effiċjenza akbar għas-soċjetà tagħna.

Attwalment, il-maġġoranza tal-PSAPs tal-112 fl-Ewropa huma msejsa fuq teknoloġiji analogue antiki u fuq legacy-based networks. Minħabba f'hekk il-PSAPs għandhom kapaċità limitata ħafna biex jitrattaw komunikazzjonijiet ta' emerġenza li jmorru lil hinn mill-użu tal-voċi u jinsabu ħafna lura meta mqabbel mal-ħeffa tas-sistemi ta' komunikazzjoni moderni. L-aspettattivi taċ-ċittadini huma sinifikattivament ogħla mill-kapaċità tas-servizzi tal-emerġenza, u bosta miċ-ċittadini b'diżabilitajiet mhumiex qegħdin jirċievu servizz ekwivalenti. Ir-rapport COCOM 2014 jenfasizza ukoll in-nuqqas ta' aċċessibilità għaċ-ċittadini b'diżabilità u ukoll ta' informazzjoni ta' lokalizzazzjoni preċiża, affidabbli u fil-ħin ta' min qiegħed iċempel.

Bosta Stati Membri qegħdin jiffaċċjaw diffikultà biex jifhmu l-impatt u l-portata tas-servizzi abbażi tal-apps u, speċjalment, kif dawn is-servizzi jaċċedu u jinteraġixxu mal-112. L-awtoritajiet nazzjonali Ewropej għandhom tagħrif limitat dwar is-servizzi abbażi tal-apps u għandhom hteġa urġenti li jittestjaw il-limitazzjonijiet tagħhom biex ikunu jistgħu jirregolaw b'mod effikaċi u proporzjonat u biex jiproteġu l-konsumatur b'mod xieraq. Minħabba n-nuqqas ta' koeżjoni u koordinament mas-servizzi u mat-teknoloġiji tal-apps, hemm bżonn li tali servizzi jiġu żviluppati u ttestjati biex jaġġornaw il-kapaċità tagħhom ma' approċċ ta' standardizzazzjoni u regolamentazzjoni xieraq u effikaċi li jinkludi l-valutazzjoni tal-privatezza, is-serq tad-data u r-riskji ta' sorveljanza.

Minħabba f'hekk, il-partijiet interessati kollha jeħtieġu li jingħataw arkitettura newtrali, mhux diskriminatorja u innovativa li tiżgura l-interoperabilità u li tgħin fit-tfassil ta' soluzzjoni tal-apps li jippermettu servizz ta' 112 aktar effikaċi u effettiv għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej u tal-viżitaturi.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 02 04 77 02 Proġett pilota — Riċerka fil-qasam tal-PSDK

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI (ikompli)

02 04 77 (ikompli)

02 04 77 02 (ikompli)

*Kummenti*

Il-proġett jinvolvi:

- l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) fir-rigward tal-implimentazzjoni mill-Aġenzija tal-oġettivi tal-Unjoni u l-ġestjoni tagħha tal-appropriazzjonijiet tal-baġit tal-Unjoni, kif previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/411/PESK;
- il-finanzjament ta' żewġ attivitajiet ta' riċerka u żvilupp:
  - attività ta' riċerka b'riskju għoli u b'rendiment għoli li r-riżultat tagħha jista' potenzjalment jagħti forma ġdida lill-operazzjonijiet futuri. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' kompetizzjoni ta' ideat. L-EDA twettaq l-attività fisem l-Unjoni. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-SEAE jżommu ħarsthom fuq l-attività f'funzjoni konsultattiva. Stati terzi u organizzazzjonijiet li kkonkludew arranġament amministrattiv mal-EDA jistgħu wkoll jiġu mistiedna jimmonitorjaw din l-attività,
  - attività ta' riċerka u żvilupp għaċ-ċertifikazzjoni skont rekwiżiti militari u - jekk applikabbli - ċivili. L-Istati Membri u stati terzi u organizzazzjonijiet li kkonkludew arranġament amministrattiv mal-EDA jiġu mistiedna jikkontribwixxu għall-attività. L-EDA tamministra l-attività fisem l-Unjoni u membri kontribwenti oħra,
- il-monitoraġġ taż-żewġ proċessi sabiex jinsiltu tagħlimiet għal azzjoni futura tal-Unjoni favur l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża rilevanti għall-PSDK u għall-Istati Membri. Il-Persunal Militari tal-Unjoni għandu jipparteċipa fit-tim ta' monitoraġġ.

Fejn xieraq, is-Segretarju Ġenerali tan-NATO għandu jiġi mistieden jibgħat osservatur għal-laqgħat li jsiru skont dan il-proġett pilota.

Il-ħidma fuq l-armi li, minħabba n-natura tagħhom stess, ma jkunux konformi mad-dritt umanitarju internazzjonali, ħidma fuq armi letali jew eċċessivament distruttivi u teknoloġiji tal-gwerra relatati, kif ukoll ħidma fuq diskriminazzjoni awtonoma mmirata u gwerra mingħajr interazzjoni umana, mhumiex se jiġu ffinanzjati taħt dan il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 05	PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO)								
02 05 01	Żvilupp u forniment ta' infrastruttura u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2019	1,1	817 199 000	650 499 661	1 097 830 000	737 658 621			
02 05 02	Forniment ta' servizzi b'bażi satellitari b'titjib tal-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment ikun kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal-2020 (EGNOS)	1,1	240 000 000	200 824 669	225 000 000	170 148 008			
02 05 11	Aġenzija Ewropea GNSS	1,1	26 791 000	26 791 000	24 587 000	24 587 000	13 973 518,59	13 973 518,59	52,16
02 05 51	Tlestija ta' programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)	1,1	p.m.	77 585 659	p.m.	281 994 299	8 865 895,—	394 174 150,—	508,05
	<b>Kapitolu 02 05 — Total</b>		<b>1 083 990 000</b>	<b>955 700 989</b>	<b>1 347 417 000</b>	<b>1 214 387 928</b>	<b>22 839 413,59</b>	<b>408 147 668,59</b>	<b>42,71</b>

## 02 05 01 Żvilupp u forniment ta' infrastruttura u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2019

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
817 199 000	650 499 661	1 097 830 000	737 658 621		

Kummenti

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi Ewropej GNSS tingħata bl-għan li jiġu ffinanzjati attivitajiet marbutin ma':

- it-tlestija tal-fażi ta' varar tal-programm Galileo, li tikkonsisti mill-kostruzzjoni, l-istabbiliment, il-protezzjoni tal-infrastruttura tal-ispazju u tal-art, kif ukoll l-attivitajiet preparatorji għall-fażi ta' esplotazzjoni inklużi l-attivitajiet marbutin mal-preparazzjoni għall-provvista tas-servizz,

**KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO) (ikompli)****02 05 01** (ikompli)

— il-fażi ta' esplojtazzjoni tal-programm Galileo, li tikkonsisti mill-ġestjoni, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, l-evoluzzjoni u l-ħarsien tal-infrastruttura spazjali u dik tal-art, l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri tas-sistema u l-evoluzzjoni tas-servizzi pprovduti mis-sistema, l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u ta' standardizzazzjoni, il-provvista u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi pprovduti mis-sistema, u l-attivitajiet l-oħra kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-programm jopera bla xkiel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) sa (d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għal elementi speċifiċi tal-programmi tista' tiżdied mal-approprijazzjonijiet mdaħħlin f'dan l-Artikolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tiegħu.

**02 05 02 Forniment ta' servizzi b'bażi satellitari b'titjib tal-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment ikun kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal-2020 (EGNOS)***Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
240 000 000	200 824 669	225 000 000	170 148 008		

*Kummenti*

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi tal-GNSS Ewropej tingħata bl-għan li jiġu ffinanzjati l-attivitajiet relatati mal-esplojtazzjoni tas-sistema EGNOS, inklużi l-elementi kollha li jiġġustifikaw l-affidabilità tas-sistema u l-esplojtazzjoni tagħha.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) sa (d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO) (ikompli)

## 02 05 02 (ikompli)

Il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għal elementi speċifiċi tal-programmi tista' tiżdied mal-appropriazzjonijiet mdaħħlin f'dan l-Artikolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tiegħu.

02 05 11 **Aġenzija Ewropea GNSS**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
26 791 000	24 587 000	13 973 518,59

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnissu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jiġi ddebitat mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea GNSS tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 26 840 000. Ammont ta' EUR 49 000, li ġej mir-riżerva tal-eċċess, jiżdied mal-ammont ta' EUR 26 791 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 512/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 72).

## KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO) (ikompli)

02 05 51 *Tlestija ta' programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	77 585 659	p.m.	281 994 299	8 865 895,—	394 174 150,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiddiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnissu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jaqgħu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 06 — PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 06	PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA								
02 06 01	<i>It-twassil ta' servizzi operattivi li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u dejta in situ (Copernicus)</i>	1,1	113 650 000	81 952 171	58 500 000	54 927 050			
02 06 02	<i>Il-bini ta' kapaċità awtonoma tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-Unjoni (Copernicus)</i>	1,1	440 220 000	427 844 424	301 933 000	112 727 494			
02 06 51	<i>Tlestija tal-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES)</i>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	17 962 958	57 485 794,—	49 598 537,74	
02 06 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
02 06 77 01	Azzjoni preparatorja — servizzi operazzjonali tal-GMES	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	1 058 313	0,—	1 349 987,—	
	Artikolu 02 06 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	1 058 313	0,—	1 349 987,—	
	<b>Kapitolu 02 06 — Total</b>		<b>553 870 000</b>	<b>509 796 595</b>	<b>360 433 000</b>	<b>186 675 815</b>	<b>57 485 794,—</b>	<b>50 948 524,74</b>	<b>9,99</b>

**02 06 01 It-twassil ta' servizzi operattivi li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u dejta in situ (Copernicus)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
113 650 000	81 952 171	58 500 000	54 927 050		

## Kummenti

L-iskop ta' din l-appropriazzjoni huwa li:

- tippermetti l-operat tas-servizzi Copernicus, imfasslin apposta għall-bżonnijiet tal-utenti,
- tikkontribwixxi biex tiżgura aċċess għad-data tal-infrastruttura tal-osservazzjoni neċessarja biex jiġu operati s-servizzi ta' Copernicus,
- toħloq opportunitajiet biex ikun hemm aktar użu tas-sorsi ta' tagħrif min-naħa tas-settur privat, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz tal-valur miżjud.



**KAPITOLU 02 06 — PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA** (ikompli)**02 06 01** (ikompli)

Din l-appropriazzjoni, b'mod partikolari, tiffinanzja l-istabbilment u l-operat tas-sitt sevizzi msemmija fir-Regolament (UE) Nru 377/2014 u l-attivitajiet relatati.

Din l-appropriazzjoni tista' tiffinanzja wkoll attivitajiet trażversali fost is-servizzi jew l-artikulazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom, kif ukoll għall-koordinazzjoni in situ, it-tnedija mill-utent u t-taħriġ u l-komunikazzjoni.

Il-pakkett tal-baġit ikun amministrat direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni jew indirettament permezz ta' ftehimiet ta' delega mal-aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali, jew kwalunkwe entità eliġibbli skont l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

Meta l-Kummissjoni tamministra l-baġit direttament, tista' tinkariga l-kompiti ta' sostenn xjentifiku u tekniku liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Il-finanzjament ta' dawn il-kompiti jista' jiddaħħal fil-baġit indirett tal-JRC skont l-Artikolu 183(2)(c) u (6) tar-Regolament Finanzjarju.

Barra minn hekk, bħala sostenn tal-kompetittività u t-tkabbir, din l-appropriazzjoni tista' tiffinanzja wkoll d-disseminazzjoni tad-data u l-inkubazzjoni ta' negozji ġodda billi ssostni strutturi tal-IT aktar robusti u innovattivi fl-Ewropa.

Is-servizzi ta' Copernicus jiffaċilitaw l-aċċess għal data ewlenija meħtieġa fil-formulazzjoni tal-politika fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali foqsmha bħall-agrikoltura, il-monitoraġġ tal-foresti, l-immaniġġjar tal-ilma, it-trasport, l-ippjanar urban, it-tibdil fil-klima u ħafna oħrajn. Din l-appropriazzjoni tkopri primarjament l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' delega għall-programm Copernicus, skont l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jtnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti mill-baġit ġenerali. Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6031 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi, imdaħħal fil-Partita XX tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħti lok għall-istipular ta' appropriazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu f'din il-Partita f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-programm Copernicus u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44).

**02 06 02** *Il-bini ta' kapacià awtonoma tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-Unjoni (Copernicus)*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
440 220 000	427 844 424	301 933 000	112 727 494		

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

## KAPITOLU 02 06 — PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA (ikompli)

## 02 06 02 (ikompli)

*Kummenti*

L-iskop ta' din l-appropriazzjoni huwa li:

- tibni kapaċità awtonoma ta' osservazzjoni tad-Dinja tal-Unjoni billi tiffinanzja l-infrastruttura spazjali u tiffavorixxi l-industrija Ewropea f'dak ir-rigward, l-iktar fil-kostruzzjoni u l-varar ta' satelliti,
- tikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-kapaċità tal-osservazzjoni neċessarja biex tħaddem is-servizzi ta' Copernicus, b'mod partikolari permezz tal-operazzjonijiet tas-segment terrestri tal-infrastruttura spazjali,
- toħloq opportunitajiet biex ikun hemm aktar użu tas-sorsi ta' tagħrif min-naħa tas-settur privat, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz tal-valur miżjud.

L-iżvilupp ta' infrastruttura spazjali Ewropea għandha rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-innovazzjoni, u tirrikjedi interventzjoni pubblika konsistenti biex issostni l-isforz industrijali.

Din l-appropriazzjoni tiffinanzja l-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' satelliti, kif ukoll l-operat tagħhom. Id-data u l-informazzjoni miksuba permezz tal-infrastruttura spazjali hija suġġett għal politika ta' data bla pagament, kompluta u miftuħa, li żżid id-disponibbiltà tagħhom u b'hekk tħeġġeġ is-suq downstream.

Din l-appropriazzjoni, biex tissupplimenta d-data meħtieġa mill-utenti, tista' tiffinanzja wkoll l-akkwist tad-data minn partijiet terzi u l-aċċess għall-missjoni tal-kontribuzzjoni minn Stati Membri, kif ukoll il-pjattaforma ta' disseminazzjoni dedikata (segment terrestri prinċipali) li jservu, bħala prijorità, s-servizzi operazzjonali ffinanzjati permezz tal-Artikolu 02 06 01.

Il-pakkett tal-baġit jiġi amministrat direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni jew indirettament permezz ta' ftehimiet ta' delega mal-aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali, jew kwalunkwe entità eliġibbli skont l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

Meta l-Kummissjoni tamministra l-baġit direttament, tista' tinkariga l-kompiti ta' sostenn xjentifiku u tekniku liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Il-finanzjament ta' dawn il-kompiti jista' jiddaħħal fil-baġit indirett tal-JRC skont l-Artikolu 183(2)(c) u (6) tar-Regolament Finanzjarju.

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
233 778 750	89 137 637	273 324 915	p.m.		

## Kummenti

L-objettiv tal-partita “Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-modi tat-trasport u t-titjib tal-interoperabbiltà, is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport” jirreferi għall-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

Dan l-objettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi evalwata permezz tan-numru ta' portijiet interni u marittimi u ajruporti konnessi man-netwerk ferrovjarju, permezz tan-numru ta' pjattaformi loġistiċi multimodali mtejba, in-numru ta' konnessjonijiet imtejba permezz ta' awtostradi tal-baħar u permezz tan-numru ta' punti ta' provvista f'sorsi alternattivi tal-enerġija fuq in-netwerk ewlieni.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(c) tiegħu.

06 02 01 04 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — allokkazzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 215 582 454	392 121 515	983 000 000	p.m.		

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni skont il-Mira tat-Tkabir u l-Impjegi għall-infrastruttura tat-trasport skont il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa f'konformità mal-Artikolu 84(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 01** (ikompli)

## 06 02 01 04 (ikompli)

F'konformità mal-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, għandu jiġi trasferit ammont ta' EUR 11 305 500 000 fi prezzijiet kostanti mill-Fond ta' Koeżjoni biex jintefqu f'konformità ma' dak ir-Regolament esklużivament fl-Istati Membri, li huma eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

F'konformità mal-Artikolu 11, dan l-oġġettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali, li jinfetħu esklużivament għall-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament skont il-Fond ta' Koeżjoni. Dawn il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali jikkostitwixxu d-Deċiżjonijiet ta' Finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

F'konformità mal-Artikolu 2(7) u l-Artikolu 5(2), mhux iktar minn 1 % tal-pakkett finanzjarju għandhom jiġu allokati għall-“azzjonijiet ta' sostenn għall-programmi”.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari:

- l-Artikolu 5(1)(a) relatat mat-trasferiment ta' EUR 11 305 500 000 mill-Fond ta' Koeżjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa,
- l-Artikolu 11 relatat mas-sejħiet speċifiċi għall-fondi trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni,
- l-Artikolu 2(7) u l-Artikolu 5(2) relatati mal-“azzjonijiet ta' sostenn għall-programmi” li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

## 06 02 01 05 Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
70 000 000	43 657 683	240 681 250	p.m.		

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 01 (ikompli)

06 02 01 05 (ikompli)

## Kummenti

Dan l-oġġettiv tal-“Ħolqien ta’ ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport” jimmira li jimplimenta l-proġetti ta’ interessi komuni permezz tal-istrumenti finanzjarji, ibbażati fuq valutazzjoni ex ante kif jeħtieġ l-Artikolu 224 tar-Regolament ta’ Delega (UE) Nru 1268/2012. F’konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, minn 10 % sa 20 % tal-pakkett finanzjarju għat-trasport ta’ CEF għandu jkun disponibbli għal strumenti ta’ finanzjament innovattivi bħall-Istrument tal-Bonds tal-Proġetti, l-Istrument ta’ Garanzija fuq is-Self u strumenti oħrajn bħal impriżi konġunti u l-istrumenti ta’ ekwità biex jiġbru flimkien ir-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati biex jaċċelleraw l-investimenti fl-infrastruttura fl-Ewropa. L-istrumenti finanzjarji huma intenzjonati li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament privat u għaldaqstant biex jaċċelleraw jew jagħmlu possibbli l-finanzjament tal-proġetti TEN-T eliġibbli skont il-Linji Gwida tat-TEN-T u r-Regolament (UE) Nru 1316/2013. L-istrumenti finanzjarji huma intenzjonati li jiġu stabbiliti bħala oqfsa ta’ “dejn” jew “ekwità” u għandhom jindirizzaw fallimenti tas-suq speċifiċi u jipprovdu soluzzjonijiet ta’ finanzjament xierqa. Huma intenzjonati li jiġu implimentati bħala ġestjoni diretta mill-entitajiet inkarigati, fis-sens tar-Regolament Finanzjarju jew flimkien mal-entitajiet inkarigati. L-entitajiet inkarigati jridu jkunu akkreditati biex jipprovdu garanziji lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f’konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe rimbors mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborsi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimbors tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali f’konformità mal-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jstabilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b’mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

06 02 02 **Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni**

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
35 634 767	35 634 767	34 173 871	34 173 871	36 884 828,49	35 829 562,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta’ ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta’ stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness “Persunal” għal din it-taqsim.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (*ikompli*)**06 02 02** (*ikompli*)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jaqgħu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jtniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 36 370 000. Ammont ta' EUR 735 233 li ġej mill-irkupru tal-eċċess, jiżied mal-ammont ta' EUR 35 634 767 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 79, 19.3.2008, p 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar metodi ta' ħidma għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni għat-tweqqif ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni (ĠU L 129, 17. 5. 2006, p. 10).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplementa d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni (ĠU L 134 20 5. 2006, p. 16).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007 tal-31 ta' Mejju 2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 593/2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46).

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

**06 02 03**      **Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima**

06 02 03 01      Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
30 282 323	30 282 323	30 703 795	30 703 795	34 102 932,12	33 924 821,91

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3) bl-eċċezzjoni tal-miżuri kontra t-tniġġis (ara l-partita 06 02 03 02).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 inklużi miżuri kontra t-tniġġis tammonta għal total ta' EUR 52 656 000. Ammont ta' EUR 1 773 677 li ġej mill-irkupru tal-eċċess, jiżied mal-ammont ta' EUR 50 882 323 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1) kif emendat.

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).



**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 03** (ikompli)

## 06 02 03 02 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima— Miżuri kontra t-tniġġis

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 600 000	12 968 852	19 675 000	7 727 442		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri kontra t-tniġġis kif previst fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

Hija skont id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-ħidmiet tal-EMSA biex jiġu inklużi l-monitoraġġ tas-sikurezza u t-tnaqqas tat-tniġġis minn installazzjonijiet offshore għall-esplorazzjoni taż-żejt u tal-gass.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1) kif emendat.

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 115).

**06 02 04** **Aġenzija Ferrovarja Ewropea**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
24 659 000	23 573 064	25 703 799,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 04 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 25 613 000. Ammont ta' EUR 954 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 24 659 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Ir-Regolament tal-Aġenzija) (ĠU L 164, 30. 4. 2004, p. 1; rettifika: ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3).

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (COM(2013)0027).

## 06 02 05

**Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 363 000	17 405 878	20 019 000	13 894 437	22 933 268,50	23 364 091,34

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji u laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi idmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-konferenzi u l-avvenimenti li jippromwovu attivitajiet fis-settur tat-trasport kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-politika tat-trasport, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe tip li hija meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, għal kwalunkwe mod tat-trasport (tat-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u fuq passaġġi tal-ilma interni) u għas-setturi kollha tat-trasport (is-sikurezza tat-trasport, is-suq intern tat-trasport bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, l-ottimizzazzjoni tan-netwerk tat-trasport, id-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport, l-użu ta' fjuwils alternattivi fil-modi kollha tat-trasport, il-mobilità urbana, kif ukoll għal kwalunkwe settur ieħor relatat mat-trasport). L-azzjonijiet u l-oġġettivi prinċipali approvati huma maħsuba biex jappoġġaw il-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, l-assistenza teknika għall-modi u s-setturi kollha tat-trasport, it-taħriġ speċifiku, id-definizzjoni tar-regoli tas-sikurezza tat-trasport, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, l-użu ta' teknoloġiji tal-ICT, il-promozzjoni ta' politika komuni tat-trasport li tinkludi t-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-orjentazzjoni tan-netwerk trans-Ewropew approvat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport u t-titjib fl-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolamenti eżistenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn ir-Regolamenti, diretti kemm lejn l-industrija tat-trasport kif ukoll lejn il-pubbliku li jivvjaġġa.

*It-trasport marittimu u l-loġistika*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni (valutazzjoni tal-impatt) tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà marittima tal-Unjoni.

Dawn l-attivitajiet għandhom jippromwovu u jappoġġaw mobilità intermodali mingħajr xkiel għal persuni b'mobilità mnaqqsa.

B'rabta mar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kompens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1), il-Kummissjoni hija meħtieġa li tiżviluppa miżuri addizzjonali biex tagħmel l-infurzar tar-Regolament iktar effiċjenti.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14) teħtieġ azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni minħabba rekwiżiti ta' rappurtar legali tal-Kummissjoni u minħabba l-interazzjoni kumplessa ta' strutturi amministrattivi reġjonali, nazzjonali u internazzjonali (COTIF) involuti fl-implimentazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1), li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Diċembru 2012, u r-Regolament (UE) Nru 181/2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1), li se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2013, jeħtieġ azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u l-infurzar ta' dawn ir-Regolamenti fl-Istati Membri u l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar legali li għandhom l-Istati Membri lejn il-Kummissjoni.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (*ikompli*)06 02 05 (*ikompli*)

Bħala miżura importanti ta' sostenn għall-implimentazzjoni, il-Kummissjoni qed twestaq azzjonijiet immirati li jkopru l-Istati Membri kollha biex jitqajjem l-għarfien tal-pubbliku dwar il-jeddijiet tal-passiġġieri.

Dawn l-azzjonijiet u l-għanijiet jistgħu jiġu appoġġati fl-livelli differenti (lokali, reġjonali, nazzjonali Ewropew u internazzjonali), għal kwalunkwe mod ta' trasport u għal kwalunkwe settur relatat mat-trasport, kif ukoll fl-oqsma tekniċi, teknoloġiċi, regolatorji, informattivi, ambjentali, klimatiċi u politiċi u għall-iżvilupp sostenibbli.

It-trasport bl-ajru ilu għal żmien twil wieħed mis-setturi li l-awtoritajiet tal-konsumatur jirċievu l-iktar ilmenti dwaru fl-Unjoni. Iż-żieda fin-numru ta' tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa b'mod elettroniku (permezz tal-internet jew il-mowbajl) irriżultat biss f'iktar ksur tal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur tal-Unjoni.

Wieħed mill-ilmenti prinċipali tal-konsumaturi tal-Unjoni huwa li m'hemmx mezzi effettivi ta' rimedju fl-ajruporti nfushom, b'mod partikolari meta jinqalgħu kwistjonijiet minħabba nuqqas min-naħa tal-linji tal-ajru u min-naħa ta' fornituri ta' servizzi oħrajn li jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Għalhekk, il-konsumaturi u l-awtoritajiet tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiġi żgurat titjib immedjat fl-appoġġ tal-passiġġieri u fil-faċilitajiet ta' informazzjoni fl-ajruporti u, fl-istess ħin, biex tiżdied il-koregolamentazzjoni f'dan is-settur.

*Is-sikurezza tat-toroq*

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 intitolata "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" (COM(2010) 389 final) tippreżenta seba' oġettivi: l-edukazzjoni tal-utenti tat-triq, l-infurzar tar-regoli tat-traffiku, infrastruttura sikura, vetturi sikuri, l-użu ta' teknoloġija moderna, ir-rispons tal-emerġenza ta' wara l-korrimenti u l-enfasi speċjali fuq utenti vulnerabbli tat-triq. Tkompli l-ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni, il-liċenzji tas-sewqan il-ġodda tal-Unjoni, il-proposta tal-Kummissjoni dwar pakkett dwar l-affidabilità stradali, l-użu ta' sistemi intelliġenti tat-trasport u sistemi ta' sikurezza tal-vetturi u t-tnejja ta' ħidma lejn strateġija fuq korrimenti serji tat-traffiku fit-toroq. Il-ħidma tal-Kummissjoni fuq is-sikurezza fit-toroq tinkludi wkoll il-ġestjoni ta' regoli relatati ma' oġġetti perikolużi, iż-żamma ta' bażi ta' dejta Ewropea fuq l-inċidenti fit-toroq (CARE), is-segwitu tad-direttivi tal-ġestjoni tal-infrastruttura u tas-sikurezza fil-mini u diversi aspetti tas-sikurezza tal-utenti tat-toroq vulnerabbli. L-implimentazzjoni tal-Orjentazzjonijiet ta' Politika 2011-2020 tkun teħtieġ ukoll azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni għall-iskambju ta' prattiki tajbin, kampanji dwar is-sikurezza fit-toroq, sejħa għall-proposti u l-iżvilupp ta' osservatorju għas-sikurezza fit-toroq.

Din l-appropriazzjoni għandha tkopri n-nefqa għal avvenimenti pubbliċi bħall-Jum Ewropew annwali tas-Sikurezza fit-Toroq u inizjattivi simili ta' sensibilizzazzjoni u interazzjoni maċ-ċittadini.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tistabbilixxi kooperazzjoni transfruntiera effiċjenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar ta' ksur tal-liġijiet tat-traffiku favur is-sikurezza fit-toroq.

*It-Transport bl-Art*

L-attivitajiet ewlenin fil-qasam tat-trasport bl-art jikkonċernaw it-titjib fl-implimentazzjoni, ir-reviżjoni jew l-ippjanar ta' inizjattivi ġodda.

*Ajru Uniku Ewropew*

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ajru Uniku Ewropew (erba' regolamenti bażiċi, ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004, u aktar minn għoxrin regola ta' implementazzjoni) hija prijorità prinċipali biex titjeb il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'termini ta' sikurezza, kosteffikaċja tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tnaqqis tad-dewmien fil-flussi tat-traffiku tal-ajru u l-prestazzjoni ambjentali u għalhekk tat-trasport bl-ajru fl-Ewropa.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

L-estensjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għall-Istati tax-Xlokk permezz tal-Ftehim Multilaterali dwar l-Istabiliment ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni (ECAA) huwa pass importanti biex titwettaq il-politika tal-viċinat. Din l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KE tat-30 ta' Novembru 1993 dwar il-ħolqien ta' database tal-Komunità dwar inċidenti tat-triq (ĠU L 329, 30.12.1993, p. 63).

Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40).

Ir-Regolament (KE) Nru 889/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 2).

Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 26).

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p.1).

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p.1).

Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 096, 31/03/2004, p.26).

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124).

Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15).

Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armmonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali marbuta mat-trasport bit-triq (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315/14, 3.12.2007, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 18).

Id-Direttiva 2004/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

Ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28).

Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bitriq (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

**06 02 06** **Sigurtà tat-trasport**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 582 000	1 701 948	2 510 000	1 514 026	2 400 575,08	1 230 321,26

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-implimentazzjoni tar-regoli u l-miżuri meħtieġa biex itejbu s-sigurtà tat-trasport bl-art, bl-ajru u bil-baħar, inkluż estenzjoni lejn pajjiżi terzi, assistenza teknika u taħriġ speċifiku.

L-oġġettivi ewlenin huma għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' regoli ta' sigurtà fil-qasam tat-trasport u b'mod partikolari:

- miżuri biex jiġu evitati atti malizjużi fis-settur tat-trasport,
- approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prattiċi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-sigurtà tat-trasport,
- definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u oġġettivi ta' sigurtà għas-settur tat-trasport u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,
- monitoraġġ ta' miżuri meħuda fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport mill-Istati Membri, bil-modi kollha tat-trasport,
- koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport,
- promozzjoni tar-riċerka fis-sigurtà tat-trasport.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex, b'mod partikolari, tkopri n-nefqa fuq l-istabbiliment u l-operat ta' korpi ta' sperturi li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ajruporti, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet fl-Istati Membri, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, u l-vapuri li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru. Din in-nefqa tinkludi kumpens għas-sussistenza għal kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-ispetturi tal-Kummissjoni u l-ispejjeż tal-ispetturi mill-Istati Membri, li jiġġarbu skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni. L-ispiża għat-taħriġ tal-ispetturi, għal-laqgħat ta' thejġija u għall-provvisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jiżiedu ma' dik in-nefqa.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 06** (ikompli)

Din l-appropjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-ilħiq tal-mira tal-politika tat-trasport, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28)

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

**06 02 51** *Tlestija tal-programm Netwerks Trans-Ewropej**Ċifri (Appropjazzjonijiet differenzjati)*

Appropjazzjonijiet 2015		Appropjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	632 817 206	p.m.	759 405 150	1 456 508 982,12	770 722 638,12

*Kummenti*

Din l-appropjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.



**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 51** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 tal-21 ta' Mejju 2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Galileo (ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3512 tat-23 ta' Lulju 2007, li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma multiannwali għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew għall-perjodu 2007-2013.

Ir-Regolament (KE) Nru 67/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 20).

Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 2654 tad-19 ta' Settembru 2001 li tistabbilixxi programm multiannwali indikattiv għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għall-perjodu 2001-2006.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 6382 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment fir-rigward tal-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T.

**06 02 52** *It-tlestija tal-programm Marco Polo**Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	17 463 073	p.m.	18 525 916	69 669 300,72	20 019 862,05

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 02 52 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Programm Marco Polo) (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Marco Polo II) (ĠU L 328 tal-24.11.2006, p. 1).

06 02 53 **Tlestija ta' miżuri kontra t-tniġġis**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	6 185 145	p.m.	12 198 621	23 297 564,—	18 930 055,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 53** (ikompli)

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1) kif emendat.

**06 02 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

## 06 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Informazzjoni tat-trasport Ewropew u interfaċċja għall-ibbukkar trasport intermodali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	790 170	—	450 000	0,—	51 880,20

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejġija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 06 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Faċilitar tat-traffiku transfruntier fil-punti tal-qsim tal-fruntieri esterni tal-Grigal tal-Unjoni (mill-aspetti tas-sikurezza u s-sigurtà tat-traffiku)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	—	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejġija.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 77 (ikompli)

06 02 77 02 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' thejġija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Bastimenti li jaħdmu b'gass naturali likwifikat (LNG)

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	436 192	p.m.	500 000	1 000 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejġija.

F'Settembru 2011, il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal dwar "sett ta' għodod għal trasport sostenibbli fuq l-ilma", li fiha iddeskriviet il-miżuri possibbli biex jiġu minimizzati l-kostijiet ta' konformità għall-industrija minħabba l-limiti ġodda tal-kubrit proposti fuq il-kontenut tal-kubrit tal-fjuwils marittimi. Qasam ta' enfasi fuq terminu medju sa twil huwa l-implimentazzjoni ta' teknoloġija nadifa tal-bastimenti u fjuwils alternattivi. L-LNG huwa meqjus bħala soluzzjoni promettenti biex ikun hemm konformità ma' dan ir-Regolament u biex tingħata reazzjoni għat-tniġġis tal-arja ġġenerat mill-bastimenti b'mod ġenerali.

Minkejja r-rekord eċċellenti tiegħu fir-rigward tas-sikurezza, l-LNG jitqies bħala periklu potenzjali mill-pubbliku iġġenerali. Hija meħtieġa azzjoni biex jinkisbu ħarsa ġenerali u analiżi komprensivi tar-riskji u l-perikli potenzjali għall-ħżin, ir-riforniment u l-immaniġġar tal-LNG (portijiet u bastimenti). Dan jinkludi wkoll analiżi ġenerika tar-riskji tal-LNG, jiġifieri fir-rigward tal-proprietajiet kimiċi, kif ukoll l-iżvilupp, ta' materjal informattiv u medjatiku maħsub biex jispjega r-riskji/il-vantaġġi tal-LNG għat-tbaħħir, u dan f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kkonċernati kollha.

L-għan huwa li tinkiseb stampa ġenerali tal-iżviluppi fis-suq fir-rigward tal-introduzzjoni ta' bastimenti li jaħdmu bl-LNG jew bastimenti li jkunu lesti biex jibdew jaħdmu bl-LNG kif ukoll l-infrastruttura għall-forniment tal-fjuwil tal-LNG (fuq ix-xatt jew permezz ta' braken bankers) fl-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' thejġija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 77** (ikompli)

06 02 77 05 Proġett pilota — Ir-rwol tal-vetturi ferrovjarji fl-interoperabilità Ewropea

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

L-għan ta' dan il-proġett pilota hu li jiġu analizzati l-problemi ewlenin li jirrigwardaw l-interoperabilità tal-vetturi ferrovjarji fl-Unjoni u li jiġu pprovduti, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati ferrovjarji (trasportaturi bil-baħar, manijers tal-infrastruttura, impriżi ferrovjarji, kumpaniji tal-merkanzija u operaturi ekonomiċi), soluzzjonijiet li jżidu d-disponibilità ta' vetturi ferrovjarji interoperabbli/multimodali, inkluż billi tiġi ottimizzata d-domanda tas-suq, jiġu proposti miżuri regolatorji u jiġu identifikati l-bżonnijiet tas-suq għal tipi ġodda ta' vetturi ferrovjarji, containers eċċ.

*L-isfond ġenerali*

Fil-White Paper tagħha bit-titolu "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Transport — lejn sistema tat-transport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" adottata fit-28 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ħabbret il-viżjoni tagħha tat-twaqqif ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, fejn tikkjarifika li dan l-oġettiv jimplika l-ħolqien ta' suq ferrovjarju intern li fih l-impriżi ferrovjarji Ewropej jistgħu jipprovdu servizzi mingħajr ostakoli tekniċi u amministrattivi mhux neċessarji.

Sar progress leġiżlattiv sinifikanti bil-ftuħ tas-suq tat-transport ferrovjarju tal-merkanzija u permezz bir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-transport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20/10/2010, p. 22). Dawn il-kuriduri huma strument ta' governanza li se jipprovdi aktar disponibilità ta' merkanzija u kapaċità għal operat transkonfinali fl-wid. Il-linji gwida TEN-T il-ġodda u r-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129) se jikkontribwixxu wkoll billi jipprovdu appoġġ finanzjarju mill-Unjoni biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet infrastrutturali ewlenin fis-settur ferrovjarju (jiġifieri konnessjonijiet neqsin, konġestjonijiet, sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku ġodda, eċċ.) u b'hekk il-kuriduri ferrovjarji tal-Unjoni isiru realtà u aktar operaturi jiġu mħeġġa jaqilbu għall-ferroviji.

Filwaqt li dawn il-passi sinifikanti għandhom jipprovdu, fil-futur qrib, soluzzjonijiet għall-interoperabilità tal-infrastruttura — sinjalar, distanza bejn il-binarji, sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, l-eletrifikazzjoni, eċċ. — għad hemm għadd ta' oqsma ta' tħassib li għandhom jiġu indirizzati bil-għan li ż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea ssir realtà.

Id-distanza bejn il-binarji għadha ostakolu ewleni f'dan ir-rigward. Għal xi żoni fl-Ewropa, ir-restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji huma ostakolu ewleni għall-promozzjoni tal-ġarr tal-merkanzija bil-ferroviji li l-miżuri msemija aktar 'il fuq jista' jkun li ma jneħħux. Għal xi pajjiżi b'distanza bejn il-binarji qasira ħafna, l-approċċ ta' infrastruttura solida jista' jkun għali wisq. Għal żoni oħra tal-Unjoni, għalkemm jeżistu soluzzjonijiet teknoloġiċi (jiġifieri vaguni baxxi) għal xi restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji, hemm ukoll nuqqas ta' vetturi ferrovjarji baxxi minkejja d-domanda li hemm għalih.

Dan il-proġett pilota se jfittex soluzzjonijiet non-infrastrutturali sabiex jingħelbu l-problemi li jinvolvu prinċipalment iżda mhux esklussivament ir-restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji f'kuriduri u rotot tal-merkanzija ewlenin u li jiġu identifikati u proposti soluzzjonijiet għall-fallimenti tas-suq tal-vetturi ferrovjarji.

Jista' jiffoka fuq:

— l-analizzar tad-disponibilità ta' vetturi ferrovjarji interoperabbli/multimodali fuq rotot b'restrizzjonijiet ewlenin tad-distanza bejn il-binarji,

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (*ikompli*)06 02 77 (*ikompli*)06 02 77 05 (*ikompli*)

- l-analizzar tad-domanda tas-suq għal vaguni baxxi, u l-analizzar tas-suq tal-vetturi ferrovjarji użati,
- soluzzjoni teknoloġiċi ġodda possibbli għall-vetturi ferrovjarji kemm biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji kif ukoll biex jiżdied l-użu tal-ġarr tal-merkanzija b'tipi ġodda ta' containers jew vaguni ġodda u soluzzjonijiet ta' tgħabija li jistgħu jżidu l-attrattiva tal-ġarr tal-merkanzija bil-ferroviji għall-operaturi ekonomiċi,
- l-identifikar tal-bżonnijiet ta' R&Ż fil-qasam tal-vetturi ferrovjarji sabiex jingħelbu r-restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji.

Il-proġett pilota għandu jidentifika l-aħjar prattiki u għandu jgħin biex jiġu identifikati, għall-Parlament u l-Kummissjoni, tibdiliet regolatorji, bżonnijiet ta' finanzjament u riċerka, kif ukoll oqsma possibbli ta' kooperazzjoni ma' strutturi eżistenti li jirregolaw il-ġarr tal-merkanzija (grupp ta' ħidma dwar kuridur ferrovjarju għall-ġarr tal-merkanzija, koordinaturi tal-kuriduri, eċċ).

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Avjazzjoni ġenerali — Statistika u ċifri ewlenin

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	87 238	500 000	250 000		

*Kummenti*

Għalkemm il-Kummissjoni tiġbor u tipubblika volum kbir ta' ċifri relatati mat-trasport u l-istatistika rilevanti, l-avjazzjoni ġenerali għadha ma ġietx koperta. Din l-azzjoni ta' tħejija tipproduċi data sinifikanti dwar l-avjazzjoni ġenerali fl-Ewropa, bħall-kilometri tal-passiġġieri, il-forza tax-xogħol, il-fatturat u l-produzzjoni ekonomika. Peress li l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni se tkompli tressaq regolamenti ġodda għal dan is-settur fis-snin li ġejjin, database kompluta tista' tipprovdi valur miżjud għal regolamentazzjoni aħjar.

Din l-azzjoni ta' tħejija tikkonforma mar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2009 dwar Aġenda għal Ġejjieni Sostenibbli għall-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali (ĠU C 67 E, 18.3.2010, p 5), li tevidenzja "nuqqas ta' data u informazzjoni statistika dwar l-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali" (premessa C) u tistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta "approċċ sistematiku għall-għbir u t-tqassim tad-data internazzjonali u Ewropea" (paragrafu 27).

L-azzjoni ta' tħejija tikkonsidra wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Aġenda għal Ġejjieni Sostenibbli għall-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali (COM(2007)0869), li tappella għal "żvilupp, fuq livell Ewropew, tas-sett bażiku ta' data objettiva u koerenti".

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 02 77** (ikompli)

06 02 77 06 (ikompli)

L-azzjoni ta' tħejija għandha l-għan li tiġbor l-aktar data importanti dwar l-avjazzjoni ġenerali fl-Ewropa, inklużi l-għadd ta' kilometri tal-passiġġieri (disponibili u li effettivament ittajru) l-għadd ta' titjiriet b'distanza anqas minn 500 km, il-forza tax-xogħol, il-fatturat, il-produzzjoni ekonomika (inkluża data dwar l-emissjonijiet li jaffettwaw il-klima), l-impatt dirett u indirett fuq l-industriji relatati, il-kwistjonijiet marbuta mas-sikurezza, it-tassazzjoni (inklużi n-numru u l-% ta' biljetti eżenti mill-VAT u l-kwantità u l-perċentwal ta' pitrolju eżenti mit-tassazzjoni) kif ukoll l-impatti soċjali u ekonomiċi. L-azzjoni ta' tħejija għandha l-għan ukoll li tiġbor tagħrif dwar is-servizzi ta' groundhandling ipprovduti lill-avjazzjoni ġenerali u l-qafas legali (inkluż dak soċjali) marbut mal-forniment ta' dawn is-servizzi.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 07 Proġett Pilota — Lil hinn mit-traffiku: soluzzjonijiet ta' trasport integrati u intelliġenti għall-infrastruttura stradali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 300 000	650 000				

*Kummenti*

Dan il-Proġett pilota jiffoka fuq l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi maħsuba għal titjib fil-loġistika urbana, is-sikurezza fit-toroq, it-trasport pubbliku, il-ġestjoni tat-traffiku u l-ippjanar tal-mobilità.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 03	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZ- JONI FIR-RIGWARD TAT- TRASPORT								
<b>06 03 03</b>	<b>Sfidi soċjetali</b>								
06 03 03 01	Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika	1.1	138 764 242	52 428 081	192 105 039	9 415 097			
	<i>Artikolu 06 03 03 — Subtotal</i>		138 764 242	52 428 081	192 105 039	9 415 097			
<b>06 03 07</b>	<b>Impriżi Konġunti</b>								
06 03 07 31	Impriża Konġunta dwar ir- Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traf- fiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) — Nefqa ta' appoġġ	1.1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
06 03 07 32	Impriża Konġunta għar- Riċerka dwar il-Ġestjoni tat- Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2)	1.1	50 000 000	34 952 054	20 000 000	10 000 000			
06 03 07 33	Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) -Nefqa ta' sostenn	1.1	1 313 592	1 310 445	480 000	480 000			
06 03 07 34	Shift2Rail (S2R) Impriża Konġunta	1.1	44 039 408	43 690 067	p.m.	p.m.			
	<i>Artikolu 06 03 07 — Subtotal</i>		95 353 000	79 952 566	20 480 000	10 480 000			
<b>06 03 50</b>	<b>Approprjazzjonijiet proven- jenti minn kontribuzzjoni- jiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknolo- ġiku</b>								
06 03 50 01	Approprjazzjonijiet proven- jenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1.1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
06 03 50 02	Approprjazzjonijiet proven- jenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (min- barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l- 2014)	1.1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	6 064 476,23	1 974 778,32	
	<i>Artikolu 06 03 50 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	6 064 476,23	1 974 778,32	



## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 03 51	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru – KE (2007 sa 2013)	1.1	p.m.	45 437 670	p.m.	7 952 635	59 991 706,24	56 641 869,20	124,66
06 03 52	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)	1.1	p.m.	131 512	—	p.m.	58 032,26	4 259 594,66	3 238,94
Kapitolu 06 03 — Total			234 117 242	177 949 829	212 585 039	27 847 732	66 114 214,73	62 876 242,18	35,33

## Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Hija maħsuba biex tintuża għall-Orizzont 2020 — il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2020.

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 “Unjoni tal-Innovazzjoni” u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment “Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi”, “Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni”, u “Aġenda diġitali għall-Ewropa”, kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ŻER). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-programm se jitwettaq sabiex jinkisbu l-oġettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twissil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

Taħt dawn l-Artikoli u l-partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa fisem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'“Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)” u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20/12/2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika se jiddaħħal fil-partiti 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partiti 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni se jiddaħħal fil-partiti 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli taħt il-partiti 06 03 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jiġu pprovduti taħt il-Kapitolu 06 01 05.

## 06 03 03

**Sfidi soċjetali***Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirispondi direttament għall-prijoritajiet tal-politiki u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbor flimkien ir-riżorsi u l-għarfien foqsmi, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi tal-ittejtjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jagħtu sostenn dirett lill-kompetenzi fil-politiki settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

Il-finanzjar għandu jkun iffukat fuq l-isfidi li ġejjin:

- trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat,
- l-innovazzjoni u r-riċerka, l-aktar fl-oqsma tal-bidla fl-imġiba, iċ-ċaqliqa modali, l-aċċessibilità universali, l-integrazzjoni (l-interkonnnettività, l-intermodalità u l-interoperabilità) u s-sostenibilità (it-tibdil fil-klima, ir-riduzzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet u tal-ħsejjes), li huma ta' importanza kruċjali għas-setturi tat-trasport u tat-turiżmu.

## 06 03 03 01

Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 38 764 242	52 428 081	192 105 039	9 415 097		

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 03 03** (ikompli)

06 03 03 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta' Riċerka u Innovazzjoni li għandhom jikkontribwixxu b'mod sostanzjali biex idaħħlu t-trasport f'era ġdida ta' mobilità intelliġenti. L-azzjonijiet skont din id-dispożizzjoni għandhom jappoġġaw l-iżvilupp u l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet neċessarji għall-modi kollha tat-trasport, biex b'hekk inaqqsu drastikament l-emissjonijiet tat-trasport li jikkawżaw dannu għall-ambjent, inaqqsu d-dipendenza tat-trasport fuq il-fjuwils fossili, u għalhekk inaqqsu l-impatt tat-trasport fuq il-bijodiversità u jippreservaw ir-riżorsi naturali. Dan huwa mistenni li jinkiseb permezz ta' investiment f'attivitajiet speċifiċi, partikolarment fil-forma ta' shubbijiet pubbliċi privati kbar, bħal inġenji tal-ajru, ferroviji, vetturi u bastimenti li jsiru iktar nodfa u inqas storbużi, l-iżvilupp ta' apparat, infrastruttura u servizzi intelliġenti u t-titjib tat-trasport u l-mobilità f'żoni urbani.

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni mwettqa skont dan l-Artikolu huma mistennija li jagħtu kontribuzzjonijiet importanti biex tiġi ottimizzata l-prestazzjoni u l-effiċjenza fir-rigward tad-domandi li dejjem jikbru għall-mobilità. L-azzjonijiet skont din id-dispożizzjoni se jiffokaw ukoll fuq it-tnaqqis sostanzjali tal-konġestjoni tat-traffiku, it-titjib sostanzjali fil-mobilità tal-persuni u l-merkanzija, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kunċetti ġodda ta' trasport u loġistika tal-merkanzija u t-tnaqqis fir-rati tal-inċidenti u d-diżgrazzji fatali u t-titjib fis-sigurtà. L-azzjonijiet skont dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba fil-fatt biex jikkontribwixxu biex jagħmlu l-Ewropa l-iktar reġjun sikur għall-avjazzjoni u biex nersqu lejn il-mira ta' zero fatalitajiet fit-trasport bit-triq sal-2050.

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni huma mistennija li jkollhom rwol sinifikanti fil-kisba tat-tmexxija globali għall-industrija Ewropea tat-trasport, billi jkunu fuq quddiem fit-teknoloġiji l-ġodda u t-tnaqqis fil-kostijiet tal-proċessi ta' manifattura eżistenti, biex b'hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-impjiegi b'ħiliet ta' livell għoli fl-industrija Ewropea tat-trasport. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-mezzi tat-trasport u għall-esplorazzjoni ta' kunċetti tat-trasport kompletament ġodda huma mistennija li jiġu żviluppati u koperti minn din l-appropriazzjoni.

Ir-riċerka soċjoekonomika u attivitajiet li jħarsu 'l quddiem għat-tfassil tal-politiki wkoll se jiġu koperti minn din id-dispożizzjoni: azzjonijiet li jagħtu sostenn lill-analiżi u l-iżvilupp tal-politika, inklużi l-aspetti soċjoekonomiċi tat-trasport, huma neċessarji għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u biex jiġu affrontati l-isfidi imposti mit-trasport.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 21.12.2013, p. 965) u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(d) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

06 03 07 **Impriżi Konġunti**

06 03 07 31 Impriża Konġunta dwar ir-Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) — Nefqa ta' appoġġ

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		

## Kummenti

L-Impriża Konġunta dwar ir-Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari tindirizza l-Isfida tas-soċjetà "Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla intoppi". Din għandu jkollha l-għan li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) billi tikkonċentra u tikkordina l-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-ATM kollha rilevanti fl-UE u f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

06 03 07 32 Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
50 000 000	34 952 054	20 000 000	10 000 000		

## Kummenti

L-Impriża Konġunta dwar ir-Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari tindirizza l-Isfida tas-soċjetà "Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla intoppi". Din għandu jkollha l-għan li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) billi tikkonċentra u tikkordina l-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-ATM kollha rilevanti fl-UE u f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM.

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** (ikompli)**06 03 07** (ikompli)

06 03 07 32 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 21.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

06 03 07 33 Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) -Nefqa ta' sostenn

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 313 592	1 310 445	480 000	480 000		

*Kummenti**Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u b'mod partikolari għall-isfida soċjetali "Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat". Għandu jkollha l-oġettiv li tikkontribwixxi għall-kisba taż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea u għal tranżizzjoni iktar malajr u orħos għal sistema ferrovarja Ewropea iktar attraenti, kompetittiva, effiċjenti u sostenibbli, permezz ta' approċċ komprensiv u koordinat li jindirizza l-ħtiġijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tas-sistema ferrovarja u l-utenti tagħha.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 03 07 (ikompli)

## 06 03 07 34 Shift2Rail (S2R) Impriża Konġunta

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
44 039 408	43 690 067	p.m.	p.m.		

Kummenti

Partita ġdida

L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u b'mod partikolari għall-isfida soċjetali "Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat". Għandu jkollha l-oġettiv li tikkontribwixxi għall-kisba taż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea u għal tranżizzjoni iktar malajr u orħos għal sistema ferrovarja Ewropea iktar attraenti, kompetittiva, effiċjenti u sostenibbli, permezz ta' approċċ komprensiv u koordinat li jindirizza l-ħtiġijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tas-sistema ferrovarja u l-utenti tagħha.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 -il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

06 03 50 **Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku**

## 06 03 50 01 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)****06 03 50** (ikompli)

06 03 50 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu mill-2014 sal-2020.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul imdaħħal fil-partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali.

06 03 50 02 Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	6 064 476,23	1 974 778,32

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul imdaħħal fil-partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali.

**06 03 51 Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru – KE (2007 sa 2013)***Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	45 437 670	p.m.	7 952 635	59 991 706,24	56 641 869,20

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 03 51 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka, u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 sal-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12).

06 03 52 **Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	131 512	—	p.m.	58 032,26	4 259 594,66

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji preċedenti skont il-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007).



## KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT (ikompli)

## 06 03 52 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jaqgħu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221/Euratom, KEE dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li adattat id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994-1998) wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadotta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-"Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka" (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

### **ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI BAĠITARJI**

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MOBILITÀ U T-TRASPORT

— STRATEĠJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MOBILITÀ U T-TRASPORT

*TITOLU 07*

**AMBJENT**

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

## TITOLU 07

### AMBJENT

#### Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2015 u 2014) u eżitu (2013)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
07 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMBJENT"	64 876 254	64 876 254	74 697 046	74 697 046	71 148 756,49	71 148 756,49
07 02	POLITIKA AMBJENTALI FL- LIVELL TAL-UNJONI U INTER- NAZZJONALI	366 486 476	332 394 963	332 576 915	271 209 528	384 570 994,05	294 652 831,15
	<b>Titolu 07 — Total</b>	<b>431 362 730</b>	<b>397 271 217</b>	<b>407 273 961</b>	<b>345 906 574</b>	<b>455 719 750,54</b>	<b>365 801 587,64</b>

## TITOLU 07

## AMBJENT

## KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMBJENT"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
07 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMBJENT"					
<b>07 01 01</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Ambjent"</i></b>	5,2	47 436 494	46 156 418	42 903 108,41	90,44
<b>07 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Ambjent"</i></b>					
07 01 02 01	Persunal estern	5,2	3 686 304	3 713 761	3 952 519,—	107,22
07 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	3 538 531	3 597 697	3 599 459,71	101,72
	<i>Artikolu 07 01 02 — Subtotal</i>		7 224 835	7 311 458	7 551 978,71	104,53
<b>07 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Ambjent"</i></b>	5,2	3 011 555	2 988 170	3 222 689,67	107,01
<b>07 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Ambjent"</i></b>					
07 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sottoprogramm għall-Ambjent	2	1 594 520	14 765 000	17 470 979,70	1 095,69
	<i>Artikolu 07 01 04 — Subtotal</i>		1 594 520	14 765 000	17 470 979,70	1 095,69
<b>07 01 06</b>	<b><i>Aġenziji eżekuttivi</i></b>					
07 01 06 01	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-programm LIFE	2	5 608 850	3 476 000		
	<i>Artikolu 07 01 06 — Subtotal</i>		5 608 850	3 476 000		
	<b>Kapitolu 07 01 — Total</b>		<b>64 876 254</b>	<b>74 697 046</b>	<b>71 148 756,49</b>	<b>109,67</b>

**07 01 01** ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Ambjent"***

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
47 436 494	46 156 418	42 903 108,41

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

## KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMBJENT" (ikompli)

**07 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Ambjent"**

## 07 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
3 686 304	3 713 761	3 952 519,—

## 07 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
3 538 531	3 597 697	3 599 459,71

**07 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Ambjent"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
3 011 555	2 988 170	3 222 689,67

**07 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Ambjent"**

## 07 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sottoprogramm għall-Ambjent

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 594 520	14 765 000	17 470 979,70

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri, fost l-oħrajn:

- l-iżvilupp, l-ospitar, il-manutenzjoni, is-sigurtà, l-assikurazzjoni tal-kwalità, l-operat u s-sostenn ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) adegwati għall-komunikazzjoni, għażla, monitoraġġ, rapportar dwar proġetti u disseminazzjoni tar-riżultati ta' proġetti, kif ukoll ta' sistemi tal-IT marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-programm, għall-benefiċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji u l-partijiet interessati. L-ingaġġ tal-esperti tal-IT intra-muros biex isostnu l-iżvilupp, l-assikurazzjoni tal-kwalità u s-sigurtà tal-politika kritika li ssostni s-sistema tal-IT huma mmirati wkoll,
- akkwist ta' assistenza teknika u/jew amministrattiva marbuta mal-evalwazzjoni, awditjar u superviżjoni ta' programmi u proġetti.

**KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMBJENT" (ikompli)****07 01 04** (ikompli)

07 01 04 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

**07 01 06** **Aġenziji eżekuttivi**

07 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-programm LIFE

*Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
5 608 850	3 476 000	

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-Aġenzija fuq il-persunal u l-amministrazzjoni, imġarrba b'konsegwenza tar-rwol tagħha fl-immaniġġar ta' miżuri li jagħmlu parti mill-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE).

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija tidher fl-Anness "Persunal" għal din it-Taqsima.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/771/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji" u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2004/20/KE u 2007/372/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 73).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9414 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija, l-ambjent, l-azzjoni klimatika, il-kompetittività u l-SMEs, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-ICT, il-politika marittima u s-sajd li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

## KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 02	POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI								
<b>07 02 01</b>	<b>Kontribuzzjoni għall-ekonomija ekoloġika u aktar effiċjenti fir-riżorsi u għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni</b>	2	120 670 000	29 371 242	125 439 106	4 260 237			
07 02 02	Twaqqif tat-telf u r-restawrtal-bijodiversità	2	147 832 750	39 021 354	121 213 057	1 009 911			
07 02 03	Sostenn għal governanza ambjentali u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha	2	51 493 000	15 524 553	38 999 836	7 182 812			
07 02 04	Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiki multilaterali u internazzjonali	4	3 600 000	3 235 347	3 500 000	2 394 437	1 881 942,13	1 964 276,77	60,71
07 02 05	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi								
07 02 05 01	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitàjiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi	2	5 474 125	5 474 125	5 023 252	5 023 252	6 991 400,—	6 991 400,—	127,72
07 02 05 02	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi— Attivitàjiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' kimiki perikolużi	2	1 130 235	1 130 235	1 285 735	1 285 735	1 561 500,—	1 561 500,—	138,16
	Artikolu 07 02 05 — Subtotal		6 604 360	6 604 360	6 308 987	6 308 987	8 552 900,—	8 552 900,—	129,50
07 02 06	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	2	34 886 366	34 886 366	35 365 929	35 365 929	41 740 292,32	41 740 292,32	119,65
07 02 51	Tlestija ta' programmi ambjentali preċedenti	2	—	197 195 952	—	206 603 663	326 937 697,60	236 944 001,18	120,16
07 02 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
07 02 77 01	Proġett pilota — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u programm ta' qafas komuni Ewropew għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed	4	p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	138 879,47	



## KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>07 02 77</b>	(ikompli)								
07 02 77 02	Azzjoni preparatorja — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u programm qafas Ewropew komuni għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed	4	p.m.	p.m.	—	112 500	0,—	120 300,14	
07 02 77 03	Azzjoni preparatorja — Valutazzjoni tal-impatt ambjentali strateġika tal-iżvilupp fl-Artiku Ewropew	4	p.m.	335 789	p.m.	731 052	0,—	299 508,—	89,20
07 02 77 04	Azzjoni preparatorja — Bażi ġuridika futura għall-informazzjoni forestali armonizzata tal-UE	2	p.m.	175 000	—	120 000	0,—	455 000,—	260,00
07 02 77 05	Proġett pilota — Żvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa	2	—	p.m.	—	p.m.	0,—	168 534,06	
07 02 77 06	Azzjoni preparatorja — Klima tal-baċin Karpazjan	2	p.m.	p.m.	—	700 000	0,—	1 347 250,—	
07 02 77 07	Proġett pilota — Irkupru ta' bastimenti obsoleti li m'għadhomx jintużaw fis-sajd	2	—	—	—	p.m.	0,—	0,—	
07 02 77 08	Proġett pilota — Telf ekonomiku minħabba ammonti kbar ta' ilma li jintilef fil-bliet qabel ma jilħaq il-konsumatur	2	—	p.m.	—	p.m.	0,—	381 000,—	
07 02 77 09	Proġett pilota — Ċertifikazzjoni ta' prattiki agrikoli b'rivalaxxi baxxi ta' karbonju	2	p.m.	p.m.	—	95 000	0,—	317 125,11	
07 02 77 10	Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar il-metodi biex tiġi kkontrollata l-firxa tal-allerġiji għall-ambrożja u għat-trab tad-dakra	2	p.m.	p.m.	—	150 000	0,—	0,—	
07 02 77 11	Proġett pilota — Sistema Ewropea ta' rimborż għall-bottijiet tal-aluminju għax-xorb	2	—	—	—	p.m.	0,—	0,—	
07 02 77 12	Proġett pilota — Analiżi tal-letteratura dwar l-effetti potenzjali tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma potabbli fl-Unjoni u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet fost tipi differenti ta' provvisti tal-ilma potabbli	2	—	p.m.	—	p.m.	0,—	180 771,60	

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

## KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 02 77 13	Azzjoni preparatorja — L-iskema BEST (skema volontarja għal servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi fit-territorji tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi u territorji estra-Ewropej)	2	p.m.	800 000	—	1 000 000	1 972 668,—	292 342,87	36,54
07 02 77 14	Proġett pilota — Ċiklu tar-riċiklaġġ tal-plastik u l-impatt ambjentali fil-baħar	2	—	p.m.	—	p.m.	0,—	481 199,—	
07 02 77 15	Azzjoni preparatorja — Żvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa	2	p.m.	600 000	—	400 000	0,—	184 548,13	30,76
07 02 77 16	Proġett pilota — Preċipitazzjoni atmosferika — Protezzjoni u użu effiċjenti tal-ilma ħelu	2	p.m.	820 000	—	1 050 000	0,—	0,—	0
07 02 77 17	Proġett pilota — Studju komparattiv tal-pessjonijiet u miżuri fil-pjanijiet prinċipali ta' mmaniġġar tal-baċir tax-xmara fl-Unjoni	2	—	—	—	p.m.	0,—	0,—	
07 02 77 19	Proġett pilota — Irkupru ta' skart mill-baħar	2	p.m.	400 000	—	300 000	0,—	284 902,50	71,23
07 02 77 20	Proġett pilota — Disponibilità, użu u sostenibilità tal-ilma għall-produzzjoni tal-enerġija nukleari u l-enerġija mill-fossili	2	p.m.	p.m.	—	375 000	0,—	0,—	
07 02 77 21	Proġett pilota — Għarfien ġdid għal immaniġġar integrat tal-attività tal-bniedem fil-baħar	2	p.m.	600 000	—	600 000	0,—	800 000,—	133,33
07 02 77 22	Proġett pilota — Protezzjoni tal-bijodiversità permezz ta' remunerazzjoni ta' kisbiet ekoloġiċi abbażi tar-riżultati	2	p.m.	600 000	500 000	750 000	1 985 494,—	0,—	0
07 02 77 23	Proġett pilota — Komunikazzjoni trażversali dwar politiki tal-UE marbuta mal-Ambjent: L-indirizzar tan-nuqqas ta' kuxjenza ambjentali taċ-ċittadini tal-UE permezz tal-għodod awdjoviżivi (filmati)	2	p.m.	750 000	p.m.	375 000	1 500 000,—	0,—	0
07 02 77 24	Proġett pilota — "Effiċjenza fir-riżorsi" fil-prattika — Għeluq ta' ċikli minerali	2	p.m.	400 000	—	700 000	0,—	0,—	0

## KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 02 77 25	Azzjoni preparatorja — Komunikazzjoni kostali integrata u sistema tal-immagniggar tar-riskji	2	—	—	—	p.m.	0,—	0,—	
07 02 77 26	Proġett pilota — il-Ħolqien ta' ċentru reġjonali tax-Xlokk tal-Ewropa dwar ir-riċiklar avvanzat ta' skart elettriku u elettroniku	2	p.m.	225 000	750 000	375 000			
07 02 77 27	Proġett pilota — Użu effiċjenti fir-riżorsi ta' skart imħallat	2	p.m.	150 000	500 000	250 000			
07 02 77 28	Proġett pilota — Insibu bilanċ bejn id-dritt tal-istat li jirregola l-oġġettivi leġittimi tal-ordni pubblika, id-drittijiet tal-investituri li jipproteġu l-investimenti tagħhom, u d-drittijiet taċ-ċittadini fir-rigward tal-ambjent u s-saħħa pubblika fid-dawl tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP)	2	400 000	200 000					
07 02 77 29	Proġett pilota — Bini ta' kapaċità, żvilupp programmatiku, u komunikazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali u r-riforma baġitarja	2	1 000 000	500 000					
	Artikolu 07 02 77 — Subtotal		1 400 000	6 555 789	1 750 000	8 083 552	5 458 162,—	5 451 360,88	83,15
	<b>Kapitolu 07 02 — Total</b>		<b>366 486 476</b>	<b>332 394 963</b>	<b>332 576 915</b>	<b>271 209 528</b>	<b>384 570 994,05</b>	<b>294 652 831,15</b>	<b>88,65</b>

07 02 01 **Kontribuzzjoni għall-ekonomija ekoloġika u aktar effiċjenti fir-riżorsi u għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjali)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
120 670 000	29 371 242	125 439 106	4 260 237		

## Kummenti

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 għandu erba' oġġettivi ġenerali (l-Artikolu 3) u tliet oqsma ta' prijorità għas-sottoprogramm għall-ambjent (l-Artikolu 9) fejn l-ewwel wieħed huwa Ambjent u l-Effiċjenza tar-Riżorsi.

L-oġġettivi speċifiċi ta' dan l-ewwel qasam ta' prijorità huma stipulati fl-Artikolu 10.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)**

**07 02 01** (ikompli)

It-tipi kollha ta' finanzjament definiti fl-Artikoli 17, 18 u 22 jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' din l-appropriazzjoni.

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti appoġġati permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4)).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

**07 02 02** ***Twaqqif tat-telf u r-restawr tal-bijodiversità***

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
147 832 750	39 021 354	121 213 057	1 009 911		

*Kummenti*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 għandu erba' objettivi ġenerali (l-Artikolu 3) u tliet oqsma ta' prijorità għas-sottoprogramm għall-ambjent (l-Artikolu 9) fejn it-tieni wieħed huwa n-Natura u l-Bijodiversità.

L-objettivi speċifiċi ta' dan it-tieni qasam ta' prijorità huma stipulati fl-Artikolu 11.

It-tipi kollha ta' finanzjament definiti fl-Artikoli 17, 18 u 22 jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' din l-appropriazzjoni.

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti appoġġati permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4)).

Tal-inqas 55 % tar-riżorsi baġitarji allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet ta' azzjoni taħt is-sottoprogramm għall-Ambjent għandhom jiġu ddedikati għall-proġetti li jsostnu l-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità (l-Artikolu 9(3)).

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)****07 02 03 *Sostenn għal governanza ambjentali u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha****Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
51 493 000	15 524 553	38 999 836	7 182 812		

*Kummenti*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 għandu erba' objettivi ġenerali (l-Artikolu 3) u tliet oqsma ta' prijorità għas-sottoprogramm għall-ambjent (l-Artikolu 9) fejn it-tielet wieħed huwa Governanza u Informazzjoni Ambjentali.

L-objettivi speċifiċi ta' dan it-tielet qasam ta' prijorità huma stipulati fl-Artikolu 12.

It-tipi kollha ta' finanzjament definiti fl-Artikoli 17, 18 u 22 jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' din l-approprjazzjoni.

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4)).

Għotjiet operattivi għandhom isostnu ċerti spejjeż operazzjonali u amministrattivi ta' entitajiet li ma jaħdmux għall-profit, li jsegwu għan ta' interess ġenerali tal-Unjoni, li huma primarjament attivi fil-qasam tal-ambjent jew tal-azzjoni klimatika u involuti fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (l-Artikolu 21).

L-ispejjeż tal-assistenza teknika għall-għażla tal-proġetti u l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditajr ta' proġetti taħt il-programmi LIFE u LIFE+ (inkluż organizzazzjonijiet nongovernattivi sostnuti permezz ta' għotjiet għall-operat) jistgħu wkoll jiġu ffinanzjati permezz ta' din l-approprjazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

**07 02 04 *Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali****Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 600 000	3 235 347	3 500 000	2 394 437	1 881 942,13	1 964 276,77

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri kontribuzzjonijiet obligatorji u volontarji għall-għadd ta' konvenzjonijiet, protokollu u ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija parti tagħhom u xogħol preparatorju għal ftehimiet internazzjonali tal-ġejjieni li jinvolvu lill-Unjoni.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

**07 02 04** (ikompli)

Fxi każijiet, kontribuzzjonijiet għal protokollu sussegwenti huma inklużi fil-kontribuzzjonijiet għall-konvenzjoni bażika tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni minħabba ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tagħha fuq livell istituzzjonali skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 li tikkonkludi, fisem il-Komunità, il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis (ĠU L 240, 19.9.1977, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità, tal-konvenzjoni dwar it-tniġġis transkonfinali tal-arja f'distanza twila (ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE tat-3 ta' Diċembru 1981 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' annimali slavaġ u ambjenti naturali Ewropej (ĠU L 38, 10.2.1982, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni, fisem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi — u ftehimiet relatati (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 84/358/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984 dwar l-Ilhūq, fisem il-Komunità, tal-Ftehim għall-kooperazzjoni dwar kif jiġi trattat it-tniġġis tal-Baħar tat-Tramuntana bħala riżultat taż-żejt u ta' sustanzi oħra perikolużi (ĠU L 188, 16.7.1984, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/277/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar tniġġis tal-arja transkonfini f'distanza kbira dwar l-iffinanzjar fit-tul tal-programm ta' kooperazzjoni li jimmonitorja u jevalwa t-trasmissjoni f'distanza kbira ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-Ewropa (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/98/KEE tal-1 ta' Frar 1993 dwar it-tmiem, fisem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu (Konvenzjoni ta' Basel) (ĠU L 39, 16.2.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/550/KEE tal-20 ta' Ottubru 1993 li tikkonċerna t-tmiem tal-ftehim ta' koperazzjoni dwar il-protezzjoni mit-tniġġis tax-xtut u l-ibħra fil-grigal tal-atlantiku (ĠU L 267, 28.10.1993, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità, tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika (ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/156/KE tal-21 ta' Frar 1994 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni [tal-Ambjent tal-Baħar] taż-Żona tal-Baħar Baltiku 1974 [il-Konvenzjoni ta' Helsingi] (ĠU L 73, 16.3.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/308/KE tal-24 ta' Lulju 1995 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni u l-użu tal-kanali tal-ilma li jaqsmu l-fruntieri u l-għadajjar internazzjonali (ĠU L 186, 05.08.1995, p. 42-58).

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (*ikompli*)**07 02 04** (*ikompli*)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/EC tas-27 ta' Ġunju 1997 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali (Il-Konvenzjoni ESPOO) (proposta ĠU C 104, 24.4.1992, p. 5; Id-Deċiżjoni mhux pubblikata).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/825/KE tal-24 ta' Novembru 1997 li tikkonċerna, fisem il-Komunità, l-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq il-koperazzjoni tal-protezzjoni u użu sostenibbli tax-xmara Danubju (ĠU L 342, 12.12.1997, p. 18).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/216/KE tad-9 ta' Marzu 1998 fuq il-konklużjoni, fisem il-Komunitajiet Ewropej, tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda biex tkun kumbattuta d-deżertifikazzjoni f'pajjiżi affettwati serjament minn nixfa u/jew deżertifikazzjoni, b'mod partikolari fl-Afrika (ĠU L 83, 19.3.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE tas-7 ta' Ottubru 1997 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għal ħarsien tal-ambjent marittimu tal-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/685/KE tat-23 ta' Marzu 1998 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfinali tal-Inċidenti Industrijali (ĠU L 326, 3.12.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/706/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li tirrigwarda l-konklużjoni, fisem il-Komunità, tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tax-xmara Renu (ĠU L 289, 16.11.2000, p. 30).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/628/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 48).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' Id-Deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/61/KE tat-2 ta' Diċembru 2005 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll NU-ECE dwar ir-Reġistri tal-Ħelsien u t-Trasferiment ta' Sustanzi li Jniġġsu (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewoasjatiċi (ĠU L 345, 8.12.2006, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/731/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006 (ĠU L 294, 12.11.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/283/EU tal- 14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 231).

L-adozzjoni mistennija tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni tal-1973 dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet fil-Periklu (il-“Konvenzjoni ta' Washington”).

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

**07 02 04** (ikompli)

Adozzjoni mistennija ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-merkurju.

**07 02 05** **Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

07 02 05 01 Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
5 474 125	5 023 252	6 991 400,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-persunal tal-Aġenzija u n-nefqa amministrattiva u operatorja għall-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi.

L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdienu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jwasslu għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali,

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tidher fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 5 789 000. Ammont ta' EUR 314 875 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdienu mal-ammont ta' EUR 5 474 125 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bioċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

07 02 05 02 Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi— Attivitajiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' kimiki perikolużi

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 130 235	1 285 735	1 561 500,—



**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)**07 02 05** (ikompli)

07 02 05 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) għall-attivitajiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1) u r-Regolament (UE) Nru 649/2012).

L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jgħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jwasslu għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali,

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tidher fl-Anness "Persunal" għal din it-Taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 1 222 000. Ammont ta' EUR 91 765 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 1 130 235 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

**07 02 06** **Aġenzija Ewropea għall-Ambjent***Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
34 886 366	35 365 929	41 740 292,32

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-persunal tal-Aġenzija u n-nefqa amministrattiva u operatorja.

Il-missjoni tal-Aġenzija hija li tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva, affidabbli u paragnabbli fuq l-ambjent flivell Ewropew, u b'hekk dawn ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, jivvalutaw ir-riżultati ta' dawn il-miżuri u jinfurmaw lill-pubbliku.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

**07 02 06** (ikompli)

L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jwasslu għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali,

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija għall-Ambjent tidher fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 36 309 240. Ammont ta' EUR 1 422 874 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 34 886 366 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

**07 02 51** **Tlestija ta' programmi ambjentali preċedenti**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	197 195 952	—	206 603 663	326 937 697,60	236 944 001,18

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li jifdal pendenti minn snin preċedenti u li rriżultaw mill-oġġettivi ġenerali tal-programmi LIFE preċedenti u minn programmi oħra u minn azzjonijiet ġenerali bbażati fuq il-programm tal-azzjoni ambjentali tal-Komunità.

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)****07 02 51** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni minħabba ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tagħha fil-livell istituzzjonali skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE) (ĠU L 192, 28.7.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 li jirrigwardja monitoraġġ ta' foresti u interazzjonijiet ambjentali tal-Komunità (Ċentru tal-Foresta Forest Focus) (ĠU L 324, 11.12.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

**07 02 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

07 02 77 01 Proġett pilota — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u programm ta' qafas komuni Ewropew għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	138 879,47

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u programm qafas Ewropew komuni għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	112 500	0,—	120 300,14

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Valutazzjoni tal-impatt ambjentali strateġika tal-iżvilupp fl-Artiku Ewropew

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	335 789	p.m.	731 052	0,—	299 508,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 04 Azzjoni preparatorja — Bażi ġuridika futura għall-informazzjoni forestali armonizzata tal-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	175 000	—	120 000	0,—	455 000,—

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 04 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 05 Proġett pilota — Żvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	—	p.m.	0,—	168 534,06

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Klima tal-baċin Karpazjan

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	700 000	0,—	1 347 250,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 06 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejġija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 07 Proġett pilota — Irkupru ta' bastimenti obsoleti li m'għadhomx jintużaw fis-sajd

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjali)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 08 Proġett pilota — Telf ekonomiku minħabba ammonti kbar ta' ilma li jintlefi fil-bliet qabel ma jilħaq il-konsumatur

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjali)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	—	p.m.	0,—	381 000,—

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 09 Proġett pilota — Ċertifikazzjoni ta' prattiki agrikoli b'rilaxxi baxxi ta' karbonju

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	95 000	0,—	317 125,11

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 10 Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar il-metodi biex tiġi kkontrollata l-firxa tal-allerġiji għall-ambrożja u għat-trab tad-dakra

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	150 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 11 Proġett pilota — Sistema Ewropea ta' rimborż għall-bottijiet tal-aluminju għax-xorb

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	p.m.	0,—	0,—

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 11 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 12 Proġett pilota — Analiżi tal-letteratura dwar l-effetti potenzjali tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma potabbli fl-Unjoni u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet fost tipi differenti ta' provvisti tal-ilma potabbli

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	—	p.m.	0,—	180 771,60

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 13 Azzjoni preparatorja — L-iskema BEST (skema volontarja għal servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi fit-territorji tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi u territorji estra-Ewropej)

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	800 000	—	1 000 000	1 972 668,—	292 342,87



**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)****07 02 77** (ikompli)

07 02 77 13 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 14 Proġett pilota — Ċiklu tar-riċiklaġġ tal-plastik u l-impatt ambjentali fil-baħar

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	—	p.m.	0,—	481 199,—

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 15 Azzjoni preparatorja — Żvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	600 000	—	400 000	0,—	184 548,13

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 15 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 16 Proġett pilota — Preċipitazzjoni atmosferika — Protezzjoni u użu effiċjenti tal-ilma ħelu

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	820 000	—	1 050 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 17 Proġett pilota — Studju komparattiv tal-pressjonijiet u miżuri fil-pjanijiet prinċipali ta' mmaniġġar tal-baċir tax-xmara fl-Unjoni

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)****07 02 77 (ikompli)**

## 07 02 77 19 Proġett pilota — Irkupru ta' skart mill-baħar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	—	300 000	0,—	284 902,50

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 07 02 77 20 Proġett pilota — Disponibilità, użu u sostenibilità tal-ilma għall-produzzjoni tal-enerġija nukleari u l-enerġija mill-fossili

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	375 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 07 02 77 21 Proġett pilota — Għarfien ġdid għal immaniġġar integrat tal-attività tal-bniedem fil-baħar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	600 000	—	600 000	0,—	800 000,—

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)**

**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 21 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 22 Proġett pilota — Protezzjoni tal-bijodiversità permezz ta' remunerazzjoni ta' kisbiet ekoloġiċi abbażi tar-riżultati

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	600 000	500 000	750 000	1 985 494,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 23 Proġett pilota – Komunikazzjoni trażversali dwar politiki tal-UE marbuta mal-Ambjent: L-indirizzar tan-nuqqas ta' kuxjenza ambjentali taċ-ċittadini tal-UE permezz tal-għodod awdjoviżivi (filmati)

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	750 000	p.m.	375 000	1 500 000,—	0,—

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 23 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 24 Proġett pilota — “Effiċjenza fir-riżorsi” fil-prattika — Għeluq ta' ċikli minerali

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	—	700 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 25 Azzjoni preparatorja — Komunikazzjoni kostali integrata u sistema tal-immaniġġar tar-riskji

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	p.m.	0,—	0,—

KUMMISSJONI  
TITOLU 07 — AMBJENT

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (ikompli)

**07 02 77** (ikompli)

07 02 77 25 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 26 Proġett pilota — il-Ħolqien ta' ċentru reġionali tax-Xlokk tal-Ewropa dwar ir-riċiklar avanzat ta' skart elettriku u elettroniku

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	225 000	750 000	375 000		

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

Il-proġett pilota għandu l-għan li jixpruna r-riċiklar tal-iskart elettriku u elettroniku fir-reġjun tal-Balkani. L-istudju jinsisti dwar il-bżonn li tiġi żviluppata infrastruttura favur l-ambjent li tipprovdi wkoll benefiċċji ekonomiċi u soċjali lill-ekonomiji lokali. Dawn il-benefiċċji jistgħu jirriżultaw fi profitt għall-komunitajiet lokali permezz tal-ħolqien ta' impjegi b'mod iktar sostenibbli u għall-industrija biċ-ċentru ta' reċiklaġġ billi jiġi pprovdut aċċess aħjar għall-materji primi kemm għar-reġjun kif ukoll għall-UE. Dan il-proġett għandu jkun pass importanti 'l quddiem fil-proċess tat-tisħiħ tal-koeżjoni u l-kooperazzjoni reġionali fir-reġjun tal-Balkani kif ukoll għandu jservi ta' sors importanti ta' materja prima sekondarja għall-industriji tal-UE, biex b'hekk tingħata spinta lill-mira fuq il-perjodu twil ta' żmien tal-UE għat-titjeb fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi ta' materjali, id-dipendenza akbar tagħha fuq l-importazzjoni ta' xi materja prima minn pajjiżi terzi, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 27 Proġett pilota — Użu effiċjenti fir-riżorsi ta' skart imħallat

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	150 000	500 000	250 000		

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** (*ikompli*)**07 02 77** (*ikompli*)07 02 77 27 (*ikompli*)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

Ir-riċiklar tal-iskart hu pilastru importanti tal-aġenda għall-Effiċjenza fir-Riżorsi. Madankollu r-riċiklar ta' kwalità għolja fl-Ewropa hu limitat u attwalment hu żviluppat tajjeb fi ftit Stati Membri, għaldaqstant il-potenzjal għoli tar-riżorsi li jistgħu jiġu rkuprati hu attwalment traskurat. Filwaqt li fl-Ewropa hemm enfasi qawwija fuq l-iskart solidu municijali ("MSW"), dan jirrappreżenta perċentwal żgħir tal-iskart kollu disponibbli. L-iskart imħallat niexef bħall-iskart Kummerċjali u Industrijali, l-iskart domestiku goff u l-iskart mill-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni ("C&DW") jinkludi ħafna aktar riżorsi li jistgħu jiġu estratti ħafna aktar faċilment mill-materjali li joħroġu mill-MSW(imxarrab). Minn dan it-tip ta' skart kollu, is-C&DW hu sinifikanti ħafna, minħabba l-volum tiegħu (dan jirrappreżenta terz tal-iskart kollu fl-UE) u minħabba l-mira li attwalment hemm iffissata għalih fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3) (70 % riċiklat).

## KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
12 02	POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI								
<b>12 02 01</b>	<b>Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern</b>	1,1	7 850 000	6 831 592	7 670 000	6 630 000	7 268 901,28	9 376 455,47	137,25
<b>12 02 02</b>	<b>Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern</b>	1,1	4 000 000	3 394 146	4 000 000	3 250 000	2 700 000,—	1 940 471,71	57,17
<b>12 02 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
12 02 77 01	Proġett pilota — Forum tas-Suq Uniku	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	328 663,91	
12 02 77 02	Proġett pilota — Bini tal-kapaċità tal-utenti aħħarin u partijiet interessati oħra mhux industrijali għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	500 000	1 500 000,—	1 121 393,20	
12 02 77 03	Azzjoni preparatorja — Forum tas-Suq Uniku	1,1	1 200 000	1 015 000	1 200 000	1 050 000	1 156 925,21	684 304,38	67,42
12 02 77 04	Proġett pilota — Promozzjoni tas-sjieda u l-parteċipazzjoni mill-impjegati	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	250 000	295 248,66	0,—	
12 02 77 05	Azzjoni preparatorja — Bini tal-kapaċità għall-utenti aħħarin u l-partijiet interessati oħra mhux mis-settur industrijali f'rabta mat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji	1,1	1 750 000	1 638 000	1 750 000	875 000			
12 02 77 06	Proġett pilota — Miżuri ta' appoġġ għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali	1,1	1 000 000	500 000					
	<i>Artikolu 12 02 77 — Subtotal</i>		3 950 000	3 153 000	2 950 000	2 675 000	2 952 173,87	2 134 361,49	67,69
	<b>Kapitolu 12 02 — Total</b>		<b>15 800 000</b>	<b>13 378 738</b>	<b>14 620 000</b>	<b>12 555 000</b>	<b>12 921 075,15</b>	<b>13 451 288,67</b>	<b>100,54</b>

**12 02 01** **Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 850 000	6 831 592	7 670 000	6 630 000	7 268 901,28	9 376 455,47

## KUMMISSJONI

## TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI

## KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI (ikompli)

## 12 02 01 (ikompli)

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa provenjenti minn miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern, l-operat u l-iżvilupp tiegħu, u b'mod partikolari:

- qrubija ikbar lejn iċ-ċittadini u n-negozji, inkluż l-iżvilupp u t-tisħiħ tad-djalogu maċ-ċittadini u n-negozji permezz ta' miżuri maħsuba biex jagħmlu l-operat tas-suq intern aktar effikaċi, u jiżguraw li iċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu ikollhom aċċess għad-drittijiet l-aktar estensivi u għall-opportunitajiet, li jirriżultaw mill-ftuħ u l-approfondiment tas-suq intern mingħajr fruntieri, u jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet u l-opportunitajiet bis-sħiħ, u permezz ta' miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni dwar l-eżerċizzju prattiku ta' dawk id-drittijiet u l-opportunitajiet iċ-ċittadini u n-negozji biex tkun identifikata u ffaċilitata t-tneħħija ta' kwalunkwe ostakolu li jista' jkun qed ixeġkilhom milli jeżerċitaw dawk id-drittijiet bis-sħiħ,
- l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw kuntratti pubbliċi bil-għan li jkunu żgurati l-operat ottimu tagħhom u li s-sejħiet għall-offerti jinfetħu b'mod ġenwin, inkluż is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-partijiet diversi f'dawn il-kuntratti; l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fid-diversi oqsma tal-operat ta' dawn il-kuntratti; l-adattament kontinwu tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju fid-dawl tal-iżviluppi provenjenti minn dawn il-kuntratti, partikolarment il-globalizzazzjoni tas-swieq u l-ftehimiet internazzjonali eżistenti jew futuri,
- it-titjib, permezz tal-grupp ta' prova tal-impriżi Ewropej (*European Business Test Panel — EBTP*), tal-ambjent ġuridiku għaċ-ċittadini u n-negozji, li għalihom jistgħu jkunu maħsuba attivitajiet ta' promozzjoni, sensibilizzazzjoni u azzjonijiet ta' taħriġ; jitrawmu l-kooperazzjoni, l-iżvilupp u l-koordinament tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tad-dritt soċjetarju u l-assistenza fil-ħolqien ta' kumpaniji Ewropej b'responsabilità limitata u raggruppamenti Ewropej ta' interess ekonomiku,
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva permezz, fost l-oħrajn, tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), l-approfondiment tal-għarfien tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern fl-Istati Membri u l-applikazzjoni tajba ta' dik il-leġiżlazzjoni minnhom, u s-sostenn għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-suq intern, bil-għan li jintlaħqu l-miri tal-istrateġija ta' Lisbona kif stabbiliti fl-istrateġija politika annwali,
- it-twaqqif ta' sistema li tista' b'mod effikaċi u effiċjenti tittratta l-problemi li jsibu iċ-ċittadini jew n-negozji, li jseħħu minħabba l-applikazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern minn amministrazzjoni pubblika fi Stat Membru ieħor; il-produzzjoni ta' informazzjoni ta' rispons permezz tas-sistema SOLVIT permezz ta' sistema ta' databażi online aċċessibbli għaċ-ċentri kollha ta' koordinament u li tkun aċċessibbli wkoll għaċ-ċittadini u n-negozji; is-sostenn lill-inizjattiva permezz ta' miżuri ta' taħriġ, kampanji promozzjonali u azzjonijiet immirati b'mod partikolari lejn l-Istati Membri l-ġodda,
- it-tfassil ta' politika interattiva, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tlestija, l-iżvilupp u l-operat tas-suq intern, jiffirma parti mill-governanza tal-Kummissjoni u mill-inizjattivi ta' politika regolatorji biex jirrispondi aħjar għad-domandi taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tan-negozji. L-approprjazzjonijiet mdaħħla f'dan l-artikolu jkopru wkoll it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni u l-azzjonijiet ta' netwerks għall-benefiċċju ta' tali parteċipanti bl-għan li t-tfassil tal-politika ta' l-Unjoni dwar is-suq intern isir aktar komprensiv u effettiv, u bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt reali tal-politiki tas-suq intern (jew in-nuqqas tagħhom) direttament,
- rieżami komprensiv tar-regolamenti bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex is-suq intern ikun jista' jopera tajjeb u l-evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' data u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databażijiet esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tas-suq intern,

**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI** (ikompli)**12 02 01** (ikompli)

- garanzija tat-tlestija u l-immaniġġjar tas-suq intern, l-aktar fl-oqsma tal-pensjonijiet, il-moviment liberu tas-servizzi, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, u l-proprjeta intellettwali u industrijali: l-iżvilupp ta' proposti għall-introduzzjoni tal-privattiva tal-Unjoni,
- it-twessigħ tal-istrateġija għall-iżvilupp tal-istatistika tas-setturi tas-servizzi u tal-proġetti tal-iżvilupp statistiku, bil-kooperazzjoni tal-Eurostat u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi(OECD),
- il-monitoraġġ tal-effetti tat-tneħħija tal-ostakli fis-suq intern għas-servizzi,
- l-iżvilupp ta' spazju unit għas-sigurtà u d-difiża, b'azzjonijiet immirati lejn il-koordinament tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku għal dawk il-prodotti flivell tal-Unjoni; l-approprijazzjonijiet jistgħu jkopru t-fassil tal-istudji u tal-miżuri ta' sensibilizzazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata,
- it-tisħiħ u l-iżvilupp tas-swieq finanzjarji u kapitali kif ukoll tas-servizzi finanzjarji għan-negozji u l-individwi privati; l-adattament tal-qafas regolatorju tas-suq, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-monitoraġġ u r-regolazzjoni tal-attivitatiet tal-operaturi u tat-tranżazzjonijiet biex jitqiesu l-bidliet fuq livell globali tal-Unjoni u fuq livelli globali, tar-realtà tal-euro u tal-istrumenti finanzjarji l-ġodda, permezz tal-preżentazzjoni ta' inizjattivi ġodda li jimmiraw lejn il-konsolidament u ssir analiżi dettaljata tar-riżultati miksuba bl-ewwel Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji,
- titjib tas-sistemi ta' pagament u s-servizzi finanzjarji għall-konsumatur fis-suq intern; tnaqqis fil-kost u l-ħin meħtieġ għal dawn it-tranżazzjonijiet, filwaqt li titqies id-dimensjoni tas-suq intern; l-iżvilupp ta' aspetti tekniċi biex jistabbilixxu sistema ta' pagament jew oħra fuq il-bażi ta' segwitu permezz ta' komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni; it-twettiq ta' studji f'dan il-qasam,
- l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-aspetti esterni tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-rikonoxximent reċiproku ta' strumenti finanzjarji fir-rigward ta' pajjiżi terzi, negozjati internazzjonali, assistenza għall-pajjiżi terzi fit-twaqqif ta' ekonomija tas-suq,
- l-implimentazzjoni ta' għadd ta' miżuri ppreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Dritt Soċjetarju u l-Governanza Korporattiva, li jista' jagħti lok għal studji dwar diversi suġġetti speċifiċi, fid-dawl tat-tfassil tal-proposti leġiżlattivi neċessarji,
- l-analiżi tal-effett tal-miżuri fis-seħħ fil-qafas tas-segwitu tal-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi postali, il-koordinament tal-istrateġiji ta' politika tal-Unjoni dwar is-servizzi postali fir-rigward tas-sistemi internazzjonali u b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipanti fl-attivitatiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU); il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant; l-implikazzjonijiet prattiċi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) fis-settur postali u d-dupplikazzjoni mar-regolamenti tal-UPU,
- l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-ħasil ta' flus, inkluż il-parteċipazzjoni f'miżuri intergovernattivi jew *ad hoc* f'dan il-qasam; kontributi relatati mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tat-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja (FATF, Financial Action Task Force) dwar il-ħasil ta' flus maħluq skont l-OECD,
- il-parteċipazzjoni attiva fl-aqgħat ta' assoċjazzjonijiet internazzjonali bħall-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (AICA/IAIS, International Association of Insurance Supervisors) u l-Kummissjoni Internazzjonali tal-Organizzazzjoni tat-Titoli (IOSCO, International Organisation of Securities Commission); dan jinvolvi wkoll l-ispejjeż marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tal-grupp,
- l-iżvilupp tal-evalwazzjonijiet u l-istudji tal-impatt fuq l-aspetti differenti tal-politiki koperti minn dan il-kapitolu għall-fini tat-tfassil ta' miżuri ġodda jew ir-reviżjoni ta' miżuri eżistenti relatati,
- il-ħolqien u ż-żamma ta' sistemi b'konnessjoni diretta mal-effetwar u l-monitoraġġ tal-politiki varati fil-qafas tas-suq intern għas-servizzi,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI

## KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI (ikompli)

## 12 02 01 (ikompli)

- l-appoġġ għall-attivitajiet li jfittxu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika tal-Unjoni billi jtejbju l-konverġenza u l-kooperazzjoni superviżorja fil-qasam tar-rapportar finanzjarju, kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha.

Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, din l-appropriazzjoni tkopri l-kostijiet tal-konsultazzjoni, l-istudji, l-istħarriġiet, l-evalwazzjonijiet, il-parteċipazzjoni, il-produzzjoni, l-iżvilupp tal-pubbliċità, is-sensibilizzazzjoni u l-materjali tat-taħriġ (materjal stampat, materjal awdjoviżiv, valutazzjonijiet, għodod informatiċi, għbir u t-tixrid tal-informazzjoni, miżuri ta' informazzjoni u pariri għaċ-ċittadini u n-negozji).

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni biex tiżgura l-funzjonament effikaċi tal-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tinkludi it-twaqqif ta' korp ta' koordinazzjoni ċentrali li jgħin lill-Istati Membri fis-sorveljanza tal-kooperazzjoni tas-suq, waqt li tibni fuq strutturi u esperjenzi eżistenti. Dan il-korp ta' koordinazzjoni jkun jappoġġa l-kooperazzjoni, il-għbir tal-għarfien u l-kondiviżjoni tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri biex jiżguraw l-istess livell għoli ta' sorveljanza tas-suq madwar l-Unjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30). Għal dan l-għan, se jiġi organizzat taħriġ konġunt regolari għar-rappreżentanti tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq nazzjonali mill-Istati Membri kollha, li jiffoka fuq l-aspetti prattiċi rilevanti tas-sorveljanza tas-suq bħas-segwitu ta' lmenti, il-monitoraġġ ta' inċidenti, il-verifika li ttehdet azzjoni korrettiva, is-segwitu ta' għarfien xjentifiku u tekniku li jikkonċerna kwistjonijiet ta' sigurtà u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet tad-dwana. Barra minn hekk, l-iskambji ta' uffiċjali nazzjonali u programmi ta' żjarat konġunti se jrawwu l-iskambju tal-esperjenza fost l-Istati Membri. Apparti dan, se tinġabar dejta kumparattiva dwar ir-riżorsi ddedikati għas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri differenti u tiġi diskussa fil-livell xieraq mal-awtoritajiet nazzjonali. L-għan hu li tinħoloq is-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li jkun hemm ir-riżorsi adegwati meħtieġa biex tiġi garantita sorveljanza tas-suq konsistenti, komprensiva u effiċjenti fis-Suq Intern, u li jingħata kontribut għar-reviżjoni li ġejja tar-regoli tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw is-sorveljanza tas-suq, u t-tħejjija tas-segwitu għall-Programm Dwana 2013.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, stħarriġiet, laqgħat ta' esperti, attivitajiet ta' informazzjoni, attivitajiet u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-għan tal-programm jew ta' miżuri koperti minn dan l-artikolu, u kull nefqa oħra għall-assistenza teknika jew amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jidiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI (ikompli)****12 02 01** (ikompli)*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' Ġunju 2002 bit-titolu: "Nota Metodoloġika għall-Valutazzjoni Orizzontali tas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali" (COM(2002) 331 final).

**12 02 02** **Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 000 000	3 394 146	4 000 000	3 250 000	2 700 000,—	1 940 471,71

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-miżuri għall-immaniġġjar u l-iżvilupp ta' SOLVIT u għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tas-servizzi ta' assistenza dwar is-suq uniku.

Is-sistema SOLVIT uriet li hija waħda mill-aktar mekkaniżmi l-aktar effikaċi ta' solviment tat-tilwim barra l-qorti.

Tista' tittratta b'mod effikaċi u effiċjenti l-problemi li jaffaċċaw iċ-ċittadini jew in-negozji, li jirriżultaw minħabba l-applikazzjoni żbaljata tal-leġislazzjoni tas-suq intern minn amministrazzjoni pubblika fi Stat Membru ieħor. Apparti dan, is-sistema SOLVIT hija kapaċi tipprovdi informazzjoni ta' rispons billi tintuża sistema ta' databażi online aċċessibbli għaċ-ċentri kollha ta' koordinament u li i-ċittadini u n-negozji jistgħu jużawha biex iressqu direttament l-problemi tagħhom.

Madankollu, SOLVIT bħal bosta servizzi ta' assistenza pubblika oħra marbuta ma' kwistjonijiet tal-Unjoni għandha mhijix magħrufa ħafna fost l-utenti potenzjali tas-sistema. Fl-istess ħin i-ċittadini u n-negozji ta' spiss jifixxlu dwar l-indirizz it-tajjeb fejn iressqu t-talbiet tagħhom għal informazzjoni, assistenza u soluzzjoni tal-problemi. Biex din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata, il-Kummissjoni ħabbret, bħala parti mir-reviżjoni tas-Suq Uniku, li se tagħmel hilita biex toħloq punt ta' aċċess wieħed ibbażat fuq l-internet li jiggwida liċ-ċittadini u lin-negozji lejn is-servizz it-tajjeb. F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni varat sit web ġdid, L-Ewropa Tiegħek (Your Europe), li jipprovdi liċ-ċittadini u n-negozji b'informazzjoni, u jirreferihom direttament lejn is-servizzi rilevanti bħal SOLVIT fil-każ li jkollhom bżonn għajnuna. L-Ewropa Tiegħek, flimkien maċ-ċentru telefoniku tal-Europe Direct, jirrapreżentaw il-punt ta' kuntatt waħdieni għas-sistema SOLVIT. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew frapport annwali dwar kemm jintuża ta' spiss il-punt ta' kuntatt u miżuri possibbli biex ikompli jitejjeb.

L-Istati Membri għandhom jittejjew sabiex jadottaw miżuri xierqa biex javżaw liċ-ċittadini tagħhom dwar l-eżistenza tal-punt ta' kuntatt waħdieni.

Barra minn hekk, fil-pjan ta' azzjoni tat-8 ta' Mejju 2008 tal-Kummissjoni dwar approċċ integrat għall-forniment ta' Servizzi ta' Assistenza dwar is-Suq Uniku liċ-ċittadini u lin-negozji, ġew proposti firxa ta' azzjonijiet biex tiżded il-koooperazzjoni fost is-servizzi eżistenti ta' assistenza sabiex ikunu jistgħu joffru servizz ġenerali aħjar, aktar rapidu u armonizzat liċ-ċittadini u n-negozji,

Il-promozzjoni ta' dawn is-servizzi kollha teħtieġ li sseħħ ukoll b'mod aktar koordinat biex ikun evitat li i-ċittadini u n-negozji jifixxlu minħabba li jkun hemm wisq ismijiet ta' marki.

Apparti dan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar miżuri konkreti li jkunu ttehdhu f'dan il-qasam.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI

## KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI (ikompli)

## 12 02 02 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

12 02 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

## 12 02 77 01 Proġett pilota — Forum tas-Suq Uniku

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	328 663,91

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-Proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 12 02 77 02 Proġett pilota — Bini tal-kapaċità tal-utenti aħħarin u partijiet interessati oħra mhux industrijali għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	500 000	1 500 000,—	1 121 393,20

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-Proġett pilota.



**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI** (ikompli)**12 02 77** (ikompli)

12 02 77 02 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

12 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Forum tas-Suq Uniku

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	1 015 000	1 200 000	1 050 000	1 156 925,21	684 304,38

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jkun saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejjija.

Il-Forum tas-Suq Uniku għandu jkun avveniment annwali, li jsir preferibbilment fl-Istat Membru li jkollu l-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni. Jista' jkun preċedut minn numru ta' avvenimenti preparatorji b'kontenut reġjonali, organizzati b'mod konġunt mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Istat Membru li jkollu l-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni. Dan l-avveniment għandu jkun pjattaforma importanti għall-iskambju tal-aħjar prattika fost il-partijiet interessati, li tinforma liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom fis-Suq Uniku u teżamina l-istat tas-Suq Uniku. Għandu jlaqqa' rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-konsumaturi kif ukoll rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jiġi stabbilit impenn ċar favur it-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku. Għandu jkun pjattaforma għad-diskussjoni tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tas-Suq Uniku u għall-preżentazzjoni tal-aspettattivi taċ-ċittadini, tan-negozji u ta' partijiet interessati oħrajn fir-rigward ta' proposti leġiżlattivi futuri. L-għan ta' dan l-avveniment għandu jkun li jittratta t-traspożizzjoni mhux korretta, l-applikazzjoni ħażina u n-nuqqas ta' infurzar tal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku billi jtejjeb il-koordinazzjoni u l-governanza tas-Suq Uniku, Għandu jinħoloq kumitat ta' tmexxija, li jkun magħmul minn Membri tal-Parlament Ewropew u rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni li tkun fil-kariga fiż-żmien meta jsir l-avveniment, liema kumitat għandu jiddefinixxi l-arranġamenti organizzattivi għall-Forum tas-Suq Uniku.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI

## KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI (ikompli)

## 12 02 77 (ikompli)

## 12 02 77 04 Proġett pilota — Promozzjoni tas-sjieda u l-parteċipazzjoni mill-impjegati

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	250 000	295 248,66	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-Proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 12 02 77 05 Azzjoni preparatorja — Bini tal-kapaċità għall-utenti aħħarin u l-partijiet interessati oħra mhux mis-settur industrijali frabta mat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 750 000	1 638 000	1 750 000	875 000		

## Kummenti

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika heżżet b'mod sinifikanti l-kunfidenza tal-konsumaturi, tal-investituri fil-livell tal-konsum u SMEs fil-qafas leġiżlattiv u regolatorju li suppost qiegħed hemm biex jiproteġihom min-nuqqasijiet li jseħħu fis-sistema finanzjarja. Għalhekk, huwa iktar essenzjali minn qatt qabel li l-preokkupazzjonijiet tal-utenti aħħarin u ta' partijiet interessati oħra mhux industrijali għandhom jitqiesu meta jkunu qed jiġu ddisinjati inizjattivi li jkollhom il-għan li jerġgħu jibnu l-kunfidenza taċ-ċittadini fis-solidità tas-settur finanzjarju u fl-abilità li għandha l-integrazzjoni finanzjarja li tagħtihom benefiċċji konkreti.

Din l-azzjoni preparatorja, li ssegwi fuq proġett pilota li rnexxa, timmira li ssaħħaħ il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, bil-għan li dawk li jfasslu l-politiki jkollhom kontrapiż għal-lobbies mis-settur tas-servizzji finanzjarji u li l-pubbliku aktar wiesa' jiġi infurmat dwar il-kwistjonijiet involuti fir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji għall-konsumaturi, l-utenti aħħarin, l-investituri fil-livell tal-konsum u partijiet interessati oħra mhux mis-settur industrijali.

**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI** (ikompli)**12 02 77** (ikompli)

12 02 77 05 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

12 02 77 06 Proġett pilota — Miżuri ta' appoġġ għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja miżuri iżjed ta' appoġġ għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali, bil-ħsieb li jerġa' jingħata l-ħajja u jiġi modernizzat. Il-proġett pilota jgħin biex jiġu kkoordinati l-miżuri u jiġi ddirigut finanzjament minn diversi għejun bil-għan li l-problemi tas-settur jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv.

Il-proġett pilota jinvolvi:

- (1) id-definizzjoni tal-karatteristiċi tas-settur kummerċjali tradizzjonali u l-identifikazzjoni tal-limitazzjonijiet u t-treddidiet li qed jiffaċċja bħalissa;
- (2) il-propożizzjoni ta' soluzzjonijiet sabiex is-settur jerġa' jingħata l-ħajja u jiġi modernizzat;
- (3) l-identifikazzjoni ta' strumenti u fondi tal-Unjoni li jkunu jistgħu jintużaw direttament jew indirettament mis-settur;
- (4) l-istabbiliment ta' kif qed jiġu utilizzati l-istrumenti, l-azzjonijiet, il-miżuri u l-fondi disponibbli min-naħa tas-settur;
- (5) l-analiżi ta' kemm l-istrumenti eżistenti jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-settur tal-bejgħ bl-imnut tradizzjonali u, abbażi ta' dik l-analiżi, il-propożizzjoni ta' kwalunkwe aġġustamenti li jistgħu jkunu neċessarji;
- (6) l-implimentazzjoni tal-proposti msemmija fil-punt (2);
- (7) l-analiżi tar-riżultati u l-valutazzjoni ta' kemm hija fattibbli l-possibilità ta' programm tal-Unjoni futur ta' appoġġ għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI

## KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
12 03	SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI								
12 03 01	<i>Standards fl-oqsma tar-rapportar finanzjarju u awditjar</i>	1,1	7 959 000	6 589 174	6 800 000	5 276 000			
12 03 02	<i>Awtorità Bankarja Ewropea</i>	1,1	11 163 000	11 163 000	12 999 920	12 999 920	12 534 860,79	12 534 860,47	112,29
12 03 03	<i>Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol</i>	1,1	7 889 151	7 889 151	8 588 800	8 588 800	9 026 922,—	8 811 711,81	111,69
12 03 04	<i>Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq</i>	1,1	8 120 000	8 120 000	10 368 000	10 368 000	11 371 244,82	11 371 243,89	140,04
12 03 05	<i>Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)</i>	1,1	3 300 000	3 100 000					
12 03 51	<i>Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, rapportar finanzjarju u awditjar</i>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	1 825 197	7 650 000,—	6 969 246,06	
<b>Kapitolu 12 03 — Total</b>			<b>38 431 151</b>	<b>36 861 325</b>	<b>38 756 720</b>	<b>39 057 917</b>	<b>40 583 027,61</b>	<b>39 687 062,23</b>	<b>107,67</b>

12 03 01 *Standards fl-oqsma tar-rapportar finanzjarju u awditjar*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 959 000	6 589 174	6 800 000	5 276 000		

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tirriżulta b'rabta mal-programm għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika.

L-għan ġenerali ta' dan il-programm huwa li jtejjbu l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tas-suq intern billi jkunu appoġġati l-ħidmiet, l-attivitajiet u l-azzjonijiet ta' ċerti korpi fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika.

Il-finanzjament tal-Unjoni huwa essenzjali sabiex tkun żgurata s-supervizzjoni effiċjenti u effettiva tas-suq intern fis-servizzi finanzjarji, b'mod partikulari minħabba l-kriżi finanzjarja ta' dan l-aħħar.

Attivitajiet bħalma huma l-iżvilupp jew il-provvediment ta' input għall-iżvilupp ta' standards, il-valutazzjoni jew il-monitoraġġ ta' standards jew is-sorveljanza ta' proċessi tal-iffissar ta' standards b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika huma koperti mill-programm.

Hija l-kontinwazzjoni tal-programm Komunitarju li jiġu appoġġati attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-awditjar kif ġie stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU L 253, 25.9.2009, p. 8).

**KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI (ikompli)****12 03 01** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 258/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar- rappurtar finanzjarju u l-awditjar għall-perjodu 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE (ĠU L 105, 8.4.2014, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu.

**12 03 02** **Awtorità Bankarja Ewropea***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 163 000	11 163 000	12 999 920	12 999 920	12 534 860,79	12 534 860,47

*Kummenti*

B'kunsiderazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42) jikkostitwixxu d-dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Awtorità Bankarja Ewropea tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI

## KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI (ikompli)

## 12 03 02 (ikompli)

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 12 606 000. Ammont ta' EUR 1 443 000, li jikkorrispondi għall-irkupru ta' surplus li jqum mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2013, jiżjed mal-ammont ta' EUR 11 163 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

12 03 03 **Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 889 151	7 889 151	8 588 800	8 588 800	9 026 922,—	8 811 711,81

*Kummenti*

B'kunsiderazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-oġġettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżjed mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-ġhotti ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 isawru dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel fil-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

**KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI (ikompli)****12 03 03 (ikompli)**

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 7 979 151. Ammont ta' EUR 90 000, li jikkorrispondi għall-irkupru ta' surplus li jqum mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2013, jiżdied mal-ammont ta' EUR 7 889 151 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

**12 03 04 Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq**

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 120 000	8 120 000	10 368 000	10 368 000	11 371 244,82	11 371 243,89

*Kummenti*

B'kunsiderazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), stabilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-Artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI

## KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI (ikompli)

## 12 03 04 (ikompli)

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 9 703 000. Ammont ta' EUR 1 583 000, li jikkorrispondi għall-irkupru ta' surplus li jqum mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2013, jżied mal-ammont ta' EUR 8 120 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

12 03 05 **Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)***Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 300 000	3 100 000				

*Kummenti**Artikolu Ġdid*

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") ġie stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 806./2014. Il-Bord iwettaq kompiti speċifiċi li jikkonċernaw it-tnejn tar-riżoluzzjoni tal-banek u r-riżoluzzjoni reali tagħhom meta dawn ikunu qed ifallu jew probabbli li jfallu.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja n-nefġiet amministrattivi tal-Bord matul l-ewwel xhur ta' operazzjoni tiegħu fl-2015, li huma prinċipalment magħmula minn nefġiet ta' reklutaġġ u tal-persunal, kostijiet ta' bini u teknoloġija tal-informazzjoni u l-ewwel nefġiet operazzjonali.

Dan il-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni jiġi rimborżat ladarba l-ewwel kontribuzzjonijiet annwali dovuti mill-banek biex ikopru n-nefġiet amministrattivi tal-Bord jkunu nġabru mill-Bord, u wara dan, il-Bord huwa mistenni li jsir finanzjarjament indipendenti permezz tad-dħul tiegħu stess.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar- Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).



## KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI (ikompli)

12 03 51 **Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, rapportar finanzjarju u awditjar**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	1 825 197	7 650 000,—	6 969 246,06

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li jkunu għadhom pendenti mis-snin ta' qabel.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika (ĠU L 253, 25.9.2009, p. 8).

KUMMISSJONI

TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI

### **ATTIVITAJET MINGĦAJR LINJI BAĠITARJI**

- SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN U S-SERVIZZI
- STRATEĠJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA GĦAS-SUQ INTERN U S-SERVIZZI

*TITOLU 13*

**POLITIKA REĠJONALI U URBANA**

KUMMISSJONI

TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## TITOLU 13

## POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2015 u 2014) u eżitu (2013)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
13 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA"	84 553 764	84 553 764	82 299 094	82 299 094	88 725 888,70	88 725 888,70
13 03	FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJET REĠJONALI OĦRA	26 806 595 430	27 458 195 038	24 991 430 038	31 286 893 080	30 616 203 629,11	31 129 230 405,52
13 04	FOND TA' KOEŻJONI (FK)	8 370 548 261	12 580 725 983	7 963 000 000	11 092 840 264	12 498 050 420,86	11 906 385 666,45
13 05	STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI	35 083 181	420 564 231	36 519 962	405 590 679	552 010 452,—	357 587 179,37
13 06	FOND TA' SOLIDARJETÀ	50 000 000	176 724 968	126 724 968	150 000 000	415 127 031,—	14 321 355,—
	<b>Titolu 13 — Total</b>	<b>35 346 780 636</b>	<b>40 720 763 984</b>	<b>33 199 974 062</b>	<b>43 017 623 117</b>	<b>44 170 117 421,67</b>	<b>43 496 250 495,04</b>

## TITOLU 13

## POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
13 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA"					
<b>13 01 01</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"</i></b>	5,2	60 223 723	58 145 098	58 979 614,89	97,93
<b>13 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"</i></b>					
13 01 02 01	Persunal estern	5,2	2 058 171	2 024 429	1 971 338,69	95,78
13 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	2 948 504	2 965 249	3 092 962,46	104,90
	<i>Artikolu 13 01 02 — Subtotal</i>		5 006 675	4 989 678	5 064 301,15	101,15
<b>13 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"</i></b>	5,2	3 823 366	3 764 318	4 430 304,01	115,87
<b>13 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"</i></b>					
13 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għal Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)	1,2	11 300 000	11 200 000	11 213 027,51	99,23
13 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Komponent Żvilupp reġjonali	4	p.m.	p.m.	4 850 650,—	
13 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għall-Fond ta' Koeżjoni	1,2	4 200 000	4 200 000	4 187 991,14	99,71
	<i>Artikolu 13 01 04 — Subtotal</i>		15 500 000	15 400 000	20 251 668,65	130,66
	<b>Kapitolu 13 01 — Total</b>		<b>84 553 764</b>	<b>82 299 094</b>	<b>88 725 888,70</b>	<b>104,93</b>

**13 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
60 223 723	58 145 098	58 979 614,89

KUMMISSJONI

TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA" (ikompli)

**13 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"**

13 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 058 171	2 024 429	1 971 338,69

13 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 948 504	2 965 249	3 092 962,46

**13 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
3 823 366	3 764 318	4 430 304,01

**13 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"**

13 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
11 300 000	11 200 000	11 213 027,51

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika ffinanzjata mill-FEŻR skont l-Artikoli 58 u 118 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. L-assistenza teknika tista' tiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, sorveljanza, sostenn amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

- nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet, traduzzjonijiet),
- nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenziji) sa EUR 3 060 000, kif ukoll missjonijiet marbutin ma' dan il-persunal.

## KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA" (ikompli)

13 01 04 (ikompli)

13 01 04 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

L-azzjoni ta' tħejji se tippromwovi l-istabilità soċjali u ekonomika fir-reġjuni konċernati, inklużi azzjonijiet għall-iżvilupp tal-koeżjoni bejn il-komunitajiet permezz ta' spazji maħluqa għall-familjarizzazzjoni u l-għoti ta' rikonossiment xieraq lill-kulturi u l-istorja ta' xulxin u se tenfasizza wkoll il-valur miżjud tal-kooperazzjoni transnazzjonali. Dan għandu joħloq bażi sostenibbli għal pjattaforma komuni li tagħti aċċess għall-kompetenza esperta reġjonali u l-kooperazzjoni reġjonali li tiżdied u għandu wkoll jippermetti li jinkisbu lezzjonijiet mill-esperjenza ta' strateġija makroreġjonali. Iż-żona eliġibbli għandha tkun il-makroreġjun tad-Danubju u l-pajjiż madwaru b'konformità mal-politika Ewropea tal-Viċinat. L-organizzazzjoni ta' programmi għandha tinvolvi lil organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex ikun żgurat li l-isforzi favur ir-rikonċiljazzjoni jmorru wkoll lil hinn mill-isfera governattiva. Il-programmi eliġibbli għall-fondi għandhom jinvolvu parteċipanti minn tal-anqas tliet Stati Membri mir-reġjun.

## Bażi ġuridika

L-azzjoni ta' tħejji fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 13 03 77 13 Proġett pilota — dwar il-Politika ta' Koeżjoni u s-sinerġiji mal-fondi ta' riċerka u żvilupp: it-“trij lejn l-eċċellenza”

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	1 350 000	1 200 000	600 000		

## Kummenti

Dan il-proġett pilota jiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ bil-għan li jsahha il-valur ta' żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-Unjoni għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni — il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESIF) u l-Orizzont 2020 — billi jkun promoss b'mod attiv l-użu kombinat tagħhom. Il-proġett se jkollu żewġ oġġettivi ewlenin:

- jipprovi assistenza lill-Istati Membri ġodda fil-proċess ta' tnaqqis tal-lakuna fl-innovazzjoni, sabiex tkun promossa l-eċċellenza fir-reġjuni kollha tal-UE,
- jistimola l-implimentazzjoni bikrija u effettiva ta' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti nazzjonali u reġjonali.

## Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett

Il-bini tal-eċċellenza f'qasam speċifiku tar-riċerka u l-innovazzjoni spiss jinvolvi s-snin jekk mhux id-deċennji ta' sforzi kontinwi. L-iżvilupp ta' strateġiji ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali/reġjonali tajbin għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti (RIS3) hu meqjus essenzjali biex jiġu sostnuti l-isforzi fil-livell reġjonali/nazzjonali matul iż-żmien. Għalhekk, l-appoġġ mill-Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti stabbilita konġuntament mid-DG REGIO u d-DG JRC (li jiswa madwar EUR 1 600 000 fis-sena) li ngħata lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex ifasslu u jadvanzaw l-RIS3 tagħhom, huwa essenzjali. Dan jippermetti lir-reġjuni u lill-Istati Membri ġodda biex jidentifikaw għadd limitat ta' oqsma ta' riċerka ta' kwalità tajba u attivitajiet industrijali b' potenzjal innovattiv kbir fit-territorju tagħhom li jiġi rinfurzat u żvilupp iktar bl-użu tal-ESIF biex isiru iktar eċċellenti u iktar kompetittivi fis-sejħiet tal-Orizzont 2020. Dan se jżid ukoll il-kapaċità tal-Istati Membri l-ġodda li jużaw riżultati prodotti f'reġjuni aktar innovattivi taħt proġetti tal-programm qafas li għadda, u b'hekk tippermettilhom isaħħu l-kapaċità ta' innovazzjoni tagħhom stess.

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** (ikompli)**13 03 77** (ikompli)

13 03 77 13 (ikompli)

L-attività l-ġdida fi ħdan il-Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3P) teħtieġ tiġi żviluppata aktar sabiex tiffaċilita l-isfruttament sħiħ tal-potenzjal ta' sinerġiji bejn l-Orizzont 2020 u l-ESIF.

Il-Proġett Pilota attwali għandu jtkompla fl-2015, b'allokazzjoni xierqa, peress li l-iżvilupp tal-eċċellenza fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni jeħtieġ sforzi fit-tul u ppjanar strateġiku.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 14 Azzjoni preparatorja – Strateġija reġjonali għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	125 000	250 000	125 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejjja.

Ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana għandu l-potenzjal li jaġixxi bħala magna għat-*tkabbir* fl-Ewropa, jżid il-valur lill-Unjoni Ewropea u jikkontribwixxi għall-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020.

Billi l-Unjoni żviluppat strateġija reġjonali għall-Baħar Baltiku u nbeda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' strateġiji għar-reġjuni tal-Atlantiku u tal-Artiku, tali proċess għadu ma bediex għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana. Strateġija reġjonali għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana hija r-rabta nieqsa bejn iż-żoni makroreġjonali fil-Grigal u l-Majjistral tal-Ewropa.

L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tanalizzza t-*tkabbir* potenzjali tar-reġjun u tuża s-sejbiet biex tinvestiga l-valur miżjud li jkun hemm strateġija makroreġjonali konġunta futura għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana, minħabba l-fatt li Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana b'saħħtu għandu l-potenzjal li jaġixxi bħala magna għat-*tkabbir* fl-Ewropa u jikkontribwixxi għall-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020.

*Id-dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana*

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

13 03 77 (ikompli)

13 03 77 14 (ikompli)

L-Assemblea Ġenerali tal-Kummissjoni tal-Baħar tat-Tramuntana żviluppat dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana b'konsultazzjoni mal-membri u l-partijiet interessati fir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana. Id-dokument ta' strateġija jqis ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana bħala żona ta' kooperazzjoni territorjali, u l-fokus strateġiku tiegħu huwa fuq l-isfidi ewlenin u l-karatteristiċi komuni fejn l-azzjoni transnazzjonali u l-ħidma kollaborattiva jitqiesu li jagħtu valur miżjud.

Id-dokument ta' strateġija jidentifika ħames prijoritajiet strateġiċi li huma marbutin mill-qrib mal-oġġettivi Ewropa 2020 u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' ħafna (jekk mhux anki kollha) mill-inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020:

- l-immaniġġar tal-ispazju marittimu,
- iż-żieda tal-aċċessibilità u t-trasport nadif,
- it-trattament tal-bidla fil-klima,
- il-komunitajiet attraenti u sostenibbli,
- il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-eċċellenza.

Id-dokument ta' strateġija tar-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana huwa l-ewwel pass lejn analiżi tal-isfidi u l-oportunitajiet għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana u l-esplorazzjoni tal-potenzjal għat-tkabbir reġjonali bħala appoġġ tal-istrateġija Ewropa 2020.

*Azzjoni ta' thejġija tar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana*

Biex jiġi esplorat il-potenzjal tat-tkabbir reġjonali bħala appoġġ tal-istrateġija Ewropa 2020 u jitqiegħed il-pedament għal makroreġjun b'saħħtu, hemm b'żonn li titwettag analiżi aktar fid-dettall tal-ħames prijoritajiet strateġiċi identifikati fid-dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana u l-valur miżjud tagħhom fil-kuntest ta' komunità Ewropea.

*Attivitajiet*

L-azzjoni ta' thejġija tiffinanzja numru ta' inizjattivi kkoordinati sew fuq perjodu ta' tliet snin (2014-2017) u tiffoka fuq:

- analiżi/studji fid-dettall tal-ħames prijoritajiet identifikati fid-dokument 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana,
- konferenzi tal-partijiet interessati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-impenn, il-kooperazzjoni u l-kontenut,
- djalogu ta' segwitu mal-partijiet interessati kollha, inklużi l-awtoritajiet reġjonali, tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tal-UE.

L-attivitajiet għandhom ikunu marbutin mill-qrib mal-politika reġjonali tal-UE u għandhom jiffaċilitaw ukoll sinerġiji ma' oqsma u programmi oħrajn tal-politika tal-Unjoni.

*Riżultat*

Ir-riżultat finali se jkun analiżi dettaljata tal-potenzjal tat-tkabbir tar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana, inklużi l-oqsma ta' interventzjoni possibbli, u ktieb abjad lill-Unjoni u l-Istati Membri dwar il-valur miżjud ta' strateġija u kooperazzjoni reġjonali kondiwiża għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana.



## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

13 03 77 (ikompli)

13 03 77 14 (ikompli)

*Implimentazzjoni*

L-appropriazzjonijiet għal din l-azzjoni preparatorja tista' tiġi inserita fil-baġit tal-UE taħt it-Titolu 13 "Politika reġjonali" u, minħabba n-natura reġjonali tal-attivitajiet intenzjonati, DG REGIO għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni tal-Baħar tat-Tramuntana.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' thejġija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 15 Azzjoni preparatorja — Bliet madwar id-dinja: Kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iżvilupp urban

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	800 000	2 000 000	1 000 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejġija.

Id-dimensjoni internazzjonali tal-politika reġjonali u urbana tal-Unjoni kisbet importanza tul dawn l-aħħar snin. Ġew iffirmati Memoranda ta' Fehim dwar il-kooperazzjoni reġjonali maċ-Ċina, ir-Russja, il-Brażil u l-Ukraina; ġiet żviluppata kooperazzjoni ulterjuri mal-Moldova, il-Ġeorġja, iċ-Ċili, l-Arġentina, il-Peru, l-Afrika t'Isfel, l-Urugwaj u l-Ġappun. Id-djalogu fil-qasam tal-politika reġjonali u urbana, li huwa wieħed mill-komponenti tar-relazzjonijiet diplomatiċi tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi, għandu bżonn iktar appoġġ. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għandha tiffoka fuq ċerti kwistjonijiet b'rabta mar-riforma tal-politika ta' koeżjoni, bħad-dimensjoni urbana mtejba.

L-għan tal-azzjoni preparatorja hu li jiġi promoss l-iskambju ta' esperjenza u l-aqwa Prattika bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi dwar it-tema ta' żvilupp territorjali b'referenza partikolari għall-iżvilupp urban, is-sħubija urbana-rurali u l-kooperazzjoni urbana transkonfinali.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-azzjoni preparatorja għandu jinkludi:

- l-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju għall-atturi tal-politika urbana,
- l-organizzazzjoni ta' seminars u workshops li għandhom l-għan ta' skambju ta' esperjenzi bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi b'rabta mal-iżvilupp urban, is-sħubija urbana-rurali u l-kooperazzjoni urbana transkonfinali,
- it-turija ta' eżempji ta' Prattika tajba innovattivi ta' kooperazzjoni bejn bliet tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi f'diversi oqsma tematiċi,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

13 03 77 (ikompli)

13 03 77 15 (ikompli)

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sett ta' strumenti bbażati fuq l-internet li jiffaċilita lill-bliet tal-Unjoni biex ifittxu sieħeb għall-kooperazzjoni f'pajjiżi terzi fir-rigward ta' temi speċifiċi.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' thejġja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 16 Azzjoni preparatorja — Il-qagħda attwali u mixtieqa tal-potenzjal ekonomiku fir-reġjuni barra mill-belt kapitali Griega, Ateni.

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	350 000	700 000	350 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejġja.

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni ta' thejġja għandha idealment tagħti l-aħjar eżempju għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġija RIS 3 ġenwina f'Reġjun Grieg speċifiku u għandha sservi ta' mudell għal reġjuni ta' konverġenza oħra.

*Raġunijiet*

Minħabba l-fatt li diġà sar xogħol preparatorju importanti mill-Kummissjoni biex jinċita l-Greċja u r-Reġjuni tagħha biex jibdeu ifasslu Strateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Innovazzjoni Reġjonali, l-isfidi għadhom fil-fażi ta' żvilupp u implimentazzjoni. L-iskambju tal-aħjar Prattiki mhux biżżejjed biex jinbena vantaġġ kompetittiv billi jiġu żviluppatti u korrisposti l-punti b'saħħithom tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-bżonnijiet tan-negozju ta' territorju partikolari. Għalhekk huwa importanti ħafna li jissaħħu l-isforzi attwali b'għajjnuna diretta, professjonali u mfassla apposta għal reġjun Grieg milqut sew mill-kriżi.

Il-frammentazzjoni attwali u nuqqas ta' sforzi ta' koordinament bejn il-gvernijiet ċentrali u reġjonali ma jiggwarantixx li se jsir proċess ta' skopertà intraprenditorjali xieraq fir-reġjuni Griegi. Għalhekk, huwa kruċjali li titwaqqaf struttura ta' governanza soda u inklużiva b'esperjenza u riżorsi umani relevanti biex jiġu pplanati u implimentati l-miżuri ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni f'wieħed mir-reġjuni Griegi bħala eżempju. Biex jiġi ffaċilitat u aċċelerat il-proċess ta' żvilupp, l-iskambju ta' ħila esperta ma' speċjalist dwar il-ġeografija ekonomika u l-proċessi tal-bidliet minn reġjuni oħra tal-Unjoni għandu jgħin wieħed mir-reġjuni Griegi fil-proċess ta' skopertà intraprenditorjali. Din l-għajjnuna kieku tnaqqas ukoll il-piż fuq ir-riżorsi umani tal-Awtoritajiet Griegi li għandhom bżonn jibnu l-ħila esperta. Din il-ħila esperta għandha bżonn tinholq bl-għajjnuna tal-iskambju tal-aħjar Prattiki dwar l-amministrazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku reġjonali b'involviment b'saħħtu ta' speċjalisti Ewropej kompetenti u bl-esperjenza fil-qasam tat-trasformazzjoni ekonomika reġjonali bbażata fuq l-għarfien.

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)****13 03 77** (ikompli)

13 03 77 16 (ikompli)

*Kamp ta' applikazzjoni*

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġbor il-potenzjal ekonomiku ta' reġjun magħżul, u t-tieni, li jespjora l-possibilitajiet tal-potenzjal tal-innovazzjoni tiegħu u l-espansjoni tiegħu. Ir-reġjun propost huwa wieħed mill-ifqar fil-Greċja u fl-Unjoni, ir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u Traċja. Ir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u Traċja huwa Reġjun ta' Konverġenza milqut sew mill-kriżi u l-kompetizzjoni ħarxa ta' pajjiżi ġirien bi spiża tax-xogħol baxxa. Minkejja l-preżenza ta' università u istitut teknoloġiku u korpi oħra tar-riċerka fir-reġjun, ir-rabtiet tal-attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni mal-bżonnijiet tal-intraprendituri lokali huma kważi mhux eżistenti. Dan il-proġett għandu juri l-eżempju li tkabbir ibbażat fuq l-innovazzjoni u l-orjentazzjoni tal-forzi produttivi lokali lejn l-esportazzjoni huwa fattibbli.

Dan għandu jservi bħala paradigma ta' tkabbir għal reġjuni oħra ta' konverġenza fil-Greċja u fl-Ewropa.

Il-finanzjament disponibbli mill-Unjoni għandu jappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti reġjonali, billi jikkonċentra b'mod partikolari fuq:

- il-ħolqien u/jew it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-industrija/manifattura reġjonali li tħares 'il barra u l-korpi reġjonali Griegi fil-qasam ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni (preferibbilment fl-istess reġjun imma wkoll barra mir-reġjun),
- l-appoġġ tal-korpi istituzzjonali reġjonali Griegi fil-qasam ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni li joħlqu u/jew isaħħu r-rabtiet mal-kumpaniji reġjonali li jħarsu 'l barra biex jipprovdu soluzzjonijiet konkreti għall-bżonnijiet teknoloġiċi tal-kumpaniji li jespjortaw tar-Reġjun,
- il-waqfien tal-ħarba tal-aħjar talent billi jiġi sfruttat għal kollox l-apparat teknoloġiku disponibbli fl-Istitut Teknoloġiku tar-Reġjun u l-użu ta' tali apparat mill-persunal speċjalizzat lokali ħalli jiġu provduti soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-kumpaniji magħżula li jespjortaw u billi jinħoloq grupp ta' individwi kwalifikati ħafna fin-negozju, il-kummerċ u l-esportazzjoni biex jgħinu u jagħtu pariri lill-investituri barranin potenzjali,
- it-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni bejn l-Awtorità Maniġerjali tal-Programm Operazzjonali Reġjonali u l-ekonomisti ġeografiċi tar-Reġjun u ekonomisti ġeografiċi oħra li jimplementaw b'suċċess politika ta' RIS 3 f'Reġjun partikolari fi Stat Membru Ewropew ieħor, eż. il-Ġermanja.

*Perjodu ta' żmien — Forma ta' għajjnuna*

Il-perjodu ta' żmien ta' dan il-proġett m'għandux jaqbeż is-sena mit-tnedija tiegħu u lanqas ma għandu jaqbeż il-finanzjament inizjalment allokat.

*Il-proposta għal azzjoni pilota fir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant — Traċja*

Meta jitqiesu l-azzjonijiet meħuda s'sissa fir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u t-Traċja (R-AMTH) dwar l-“istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti” it-tnedija tal-azzjoni pilota hija rrakkomandata biex tgħin issawwar aħjar l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fir-Reġjun, b'mod partikolari, l-għażla tal-prijoritajiet fuq xiex għandu jikkonċentra l-finanzjament. Għaldaqstant qed tiġi proposta l-iskema pilota li ġejja:

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA (ikompli)

13 03 77 (ikompli)

13 03 77 16 (ikompli)

- attivazzjoni ta' programm ta' żvilupp tar-riċerka industrijali u t-teknoloġija maħsub għall-bżonnijiet identifikati fil-proċess ta' skoperta intraprenditorjali. S'issa RIS3 — Valutazzjoni Reġjonali: Il-Maċedonja tal-Lvant – Traċja indikat ċerti setturi fejn ir-reġjun jista' jkollu vantaġġ kompetittiv bħal: enerġija ġeotermali, agrikultura, bhejjem, sajd u bijoteknoloġija, estrazzjoni u pproċessar tal-irħam u ICTs u awtomatizzazzjoni,
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u n-netwerking bejn ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet tar-riċerka tal-R-AMTH bil-forzi produttivi tar-Reġjun. Il-korpi ta' riċerka għandhom juru (eż. taħt memoranda ta' qbil) il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp tas-soluzzjonijiet għall-bżonnijiet tal-utenti eżistenti u potenzjali għall-isfruttament tar-riżultati ta' riċerka u proġetti ta' żvilupp magħmula apposta (li jiffukaw fuq ir-riċerka industrijali u l-iżvilupp esperimentali),
- il-waqfien tal-ħarba tal-aħjar talent billi (a) jiġi permiss programm ta' taħriġ tar-riċerka tal-mobilità u jiġi ottimizzat l-użu tal-apparat tar-riċerka tat-TEI Kavala u (b) billi jinħoloq grupp ta' individwi kwalifikati ħafna fin-negozju, il-kummerċ u l-esportazzjoni biex jgħinu u jagħtu pariri lill-investituri barranin potenzjali,
- l-appoġġ tal-kooperazzjoni, l-iskambju tal-aħjar Prattiki u akkoppjament tal-Awtorità Maniġerjali tal-Programm Operattiv Reġjonali u l-ekonomisti ġeografiċi għall-Maċedonja tal-Lvant u Traċja ma' Awtorità Maniġerjali kif ukoll ekonomisti ġeografiċi li jimplementaw b'suċċess politika tal-RIS3 f'Reġjun partikolari fi Stat Membru Ewropew ieħor.

*Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni*

Din l-iskema ta' tħejjija ta' sena tkun immonitorjata mill-Awtorità Maniġerjali tal-Programm Operazzjoni Reġjonali għall-Maċedonja tal-Lvant u t-Traċja. Għandu jiġi stabbilit numru limitat ta' indikaturi speċifiċi tal-eżitu u r-riżultati qabel il-bidu tal-Iskema Pilota, billi tal-inqas jitkejlu t-tkabbir tal-fatturat, it-tkabbir tal-esportazzjonijiet u l-impjiegi protetti u maħluqa.

Studju ta' evalwazzjoni qasir għandu jiġi kkummissjonat fl-aħħar tal-Iskema Pilota.

Ir-riżultati tal-iskema ta' tħejjija għandhom jiġu ppreżentati fir-reġjun, f'Ateni waqt seminar speċjali li jrid jiġi organizzat mir-Rappreżentanza tal-Parlament Ewropew f'Ateni u fil-Parlament Ewropew fi Brussell.

*Implimentazzjoni tal-proġett*

Sabiex jiġu mmassimizzati s-sinerġiji bejn il-proġett u x-xogħol li attwalment qed isir miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt dwar speċjalizzazzjoni intelliġenti fir-reġjuni Ewropej, il-Kummissjoni tista' timplimenta l-proġett permezz taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunt, bl-appoġġ tad-DĠ REGIO.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Paga- menti 2013/ 2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 04	FOND TA' KOEŻJONI (FK)								
13 04 01	Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)	1,2	p.m.	431 450 637	p.m.	570 183 553	0,—	691 151 762,35	160,19
13 04 02	Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)	1,2	p.m.	10 487 806 882	p.m.	10 002 500 000	12 498 050 420,86	11 215 233 904,10	106,94
13 04 03	Tlestija ta' strumenti ta' kondiżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 04 60	Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	1,2	8 346 548 261	1 641 334 101	7 939 400 000	505 156 711			
13 04 61	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali								
13 04 61 01	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali	1,2	24 000 000	20 134 363	23 600 000	15 000 000			
13 04 61 02	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operattiva immanijata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
	Artikolu 13 04 61 — Subtotal		24 000 000	20 134 363	23 600 000	15 000 000			
	<b>Kapitolu 13 04 — Total</b>		<b>8 370 548 261</b>	<b>12 580 725 983</b>	<b>7 963 000 000</b>	<b>11 092 840 264</b>	<b>12 498 050 420,86</b>	<b>11 906 385 666,45</b>	<b>94,64</b>

## Kummenti

L-Artikolu 177, it-tieni paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li għandu jiġi stabbilit Fond ta' Koeżjoni sabiex isostni proġetti fl-oqsma tal-ambjent u tan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport.

L-Artikolu H tal-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994, li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni, l-Artikoli 100 u 102 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u l-Artikoli 85, 144 u 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 dwar il-kriterji għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni jipprovdu għal regoli speċifiċi dwar korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

L-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) jipprovdi għal korrezzjonijiet finanzjarji fl-eventwalità ta' nefqa li tkun tikser id-dritt applikabbli. Kwalunkwe dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa fuq dik il-bażi jiddaħħal fil-Partita 6 5 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 177 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rimborż, in toto jew in parte, tal-pagamenti ta' prefinanzjament fir-rigward ta' operazzjoni partikolari.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)**

L-Artikolu 82 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdni għal regoli speċifiċi dwar ir-rimborż ta' prefinanzjament applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

Ammonti ta' prefinanzjament rimborżati għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jiddaħħlu fil-Partita 6 1 5 0 jew 6 1 5 7.

Operazzjonijiet kontra l-frodi jkunu ffinanzjati taħt l-Artikolu 24 02 01.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994, li jistabbilixxi l-Fond ta' Koeżjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikoli 82, 100 u 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 (3) u (4) u l-Artikoli 80 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013.

**13 04 01****Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	431 450 637	p.m.	570 183 553	0,—	691 151 762,35

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)****13 04 01** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni li għad iridu jitħallsu qabel is-sena 2000 u t-tlestija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 792/93 tat-30 ta' Marzu 1993 li jistabbilixxi strument finanzjarju ta' koeżjoni (ĠU L 79, 1.4.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

**13 04 02** *Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)**Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	10 487 806 882	p.m.	10 002 500 000	12 498 050 420,86	11 215 233 904,10

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għadhom ma tħallsux għall-Fond ta' Koeżjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mill-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, sostenn amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif ipprovdut fl-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri:

- in-nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentanza, taħriġ, laqgħat),
- in-nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,
- in-nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni,
- il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi u studji,
- l-għotjiet.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

## 13 04 02 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu għal miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-thejġja tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79).

*Atti ta' referenza*

Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 u 177 tiegħu.

13 04 03 **Tlestija ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskji mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni għall-Istati Membri li qegħdin iġarrbu diffikultajiet serji jew jinsabu mhedda fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom.

Riflussi u ammonti li jifdal wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta bi strument tal-kondiviżjoni tar-riskji jistgħu jerġgħu jintużaw fl-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskji jekk l-Istat Membru jkun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, ir-riflussi u l-ammonti li jifdal jiġu kkunsidrati bħala dħul assenjat.



**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)****13 04 03** (ikompli)

Kull dħul assenjat li ġej mir-rimborż ta' riflussi u ammonti li jifdal imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul għandu jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Wara talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżiedu s-sena ta' wara mal-allokkazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikolu 36a tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom (ĠU L 133, 23.5.2012, p. 1).

**13 04 60** **Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 346 548 261	1 641 334 101	7 939 400 000	505 156 711		

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-Fond ta' Koeżjoni taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-Fond ta' Koeżjoni se jkompli jsoċni Stati Membri b'Introjtju Nazzjonali Gross (ING) per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Din l-approprjazzjoni, waqt li tiżgura bilanċ xieraq u li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-investiment u l-infrastruttura speċifiċi għal kull Stat Membru, hija maħsuba biex issostni:

- investimenti fl-ambjent, inklużi oqsma marbuta mal-iżvilupp u l-enerġija sostenibbli li jippreżentaw benefiċċji ambjentali,
- netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport, b'konformità mal-linji gwida adottati bid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

## 13 04 60 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

13 04 61 **Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali**

## 13 04 61 01 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 000 000	20 134 363	23 600 000	15 000 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex issostni l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, assistenza amministrattiva u teknika, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif ipprovdut fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet).

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

## 13 04 61 02 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)****13 04 61** (ikompli)

13 04 61 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jiffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, hija maħsuba biex tkopri miżuri biex riformi strutturali u amministrattivi jġu identifikati, ipprijoritizzati u implimentati b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dan l-Istat Membru.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 05	STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI								
<b>13 05 01</b>	<b>Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (2000 sa 2006)</b>								
13 05 01 01	Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (mill-2000 sal-2006)	4	p.m.	61 733 374	p.m.	40 000 000	0,—	50 358 219,43	81,57
13 05 01 02	Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni — Għeluq ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni, b'rabta ma' tmien pajjiżi applikanti	4	p.m.	18 466 415	p.m.	p.m.	0,—	20 577 488,74	111,43
	<i>Artikolu 13 05 01 — Subtotal</i>		p.m.	80 199 789	p.m.	40 000 000	0,—	70 935 708,17	88,45
<b>13 05 02</b>	<b>Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent żvilupp reġjonali (2007 sa 2013)</b>	4	p.m.	272 864 063	p.m.	272 447 479	462 000 000,—	234 851 864,30	86,07
<b>13 05 03</b>	<b>Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent kooperazzjoni transfruntiera (KTF) (2007 sa 2013)</b>								
13 05 03 01	Tlestija tal-kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mis-Subintestatura 1b	1,2	p.m.	36 414 434	p.m.	52 000 000	53 731 401,—	32 547 749,90	89,38

KUMMISSJONI  
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Paga- menti 2013/ 2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>13 05 03</b>	(ikompli)								
13 05 03 02	Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) u parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4	4	p.m.	31 085 945	p.m.	26 143 200	36 279 051,—	19 251 857,—	61,93
	<i>Artikolu 13 05 03 — Subtotal</i>		p.m.	67 500 379	p.m.	78 143 200	90 010 452,—	51 799 606,90	76,74
<b>13 05 60</b>	<b>Sostenn għall-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja</b>								
13 05 60 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
13 05 60 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
	<i>Artikolu 13 05 60 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
<b>13 05 61</b>	<b>Sostenn lill-Iżlanda</b>								
13 05 61 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
13 05 61 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
	<i>Artikolu 13 05 61 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>13 05 62</b>	<b>Sostenn lit-Turkija</b>								
13 05 62 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
13 05 62 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
	Artikolu 13 05 62 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
<b>13 05 63</b>	<b>Integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali</b>								
13 05 63 01	Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b	1,2	17 541 591	p.m.	p.m.	p.m.			
13 05 63 02	Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4	4	17 541 590	p.m.	36 519 962	15 000 000			
	Artikolu 13 05 63 — Subtotal		35 083 181	p.m.	36 519 962	15 000 000			
	<b>Kapitolu 13 05 — Total</b>		<b>35 083 181</b>	<b>420 564 231</b>	<b>36 519 962</b>	<b>405 590 679</b>	<b>552 010 452,—</b>	<b>357 587 179,37</b>	<b>85,03</b>

**13 05 01 Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (2000 sa 2006)**

## Kummenti

L-għajnuna mogħtija bl-istrument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) kienet maħsuba biex tgħin lill-pajjiżi kandidati tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fl-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni. L-ISPA intuża biex jgħin lill-pajjiżi benefiċjarji biex ikunu konformi mal-acquis tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent u t-trasport.

**13 05 01 01 Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (mill-2000 sal-2006)**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	61 733 374	p.m.	40 000 000	0,—	50 358 219,43

**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI** (ikompli)**13 05 01** (ikompli)

13 05 01 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2257/2004 tal-20 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3906/1989, (KE) Nru 1267/1999, (KE) Nru 1268/1999 u (KE) Nru 2666/2000, sabiex jittieħed kont tal-istatus ta' kandidatura tal-Kroazja ( ĠU L 389, 30.12.2004, p. 1).

13 05 01 02 Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni — Għeluq ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni, b'rabta ma' tmien pajjiżi applikanti

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	18 466 415	p.m.	p.m.	0,—	20 577 488,74

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI (ikompli)

13 05 02 **Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent żvilupp reġjonali (2007 sa 2013)**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	272 864 063	p.m.	272 447 479	462 000 000,—	234 851 864,30

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Skont l-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Għajjnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

13 05 03 **Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent kooperazzjoni transfruntiera (KTF) (2007 sa 2013)**

13 05 03 01 Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) — Kontribuzzjoni mis-Subintestatura 1b

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	36 414 434	p.m.	52 000 000	53 731 401,—	32 547 749,90

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mill-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 għall-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza teknika pprovduta barra mill-Kummissjoni li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni fl-Istati Membri.



**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI** (*ikompli*)**13 05 03** (*ikompli*)13 05 03 01 (*ikompli*)

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

13 05 03 02 Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) u parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	31 085 945	p.m.	26 143 200	36 279 051,—	19 251 857,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat li Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet mill-FEŻ.

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" (ikompli)

**16 01 60 Xiri ta' informazzjoni**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 317 000	1 317 000	1 316 962,32

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa mġarrba fl-Unjoni li ġejja:

- il-prezz tal-abbonamenti u l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni fuq l-internet bħal aġenziji tal-istampa, aħbarijiet fuq l-internet, fornituri tal-informazzjoni u bażijiet tad-dejta esterni,
- it-taħriġ u s-sostenn meħtieġa għall-aċċess ta' din l-informazzjoni.

Tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni ħlief għar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
16 02	TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA								
<b>16 02 01</b>	<b>Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni</b>	3	21 894 000	11 355 206	23 050 000	10 715 600			
16 02 02	Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011	3	—	—	—	p.m.	0,—	0,—	
16 02 03	Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013	3	p.m.	p.m.	p.m.	645 000	1 972 250,25	1 273 246,95	
16 02 51	Tlestija tal-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" (2007 sa 2013)	3	p.m.	4 616 234	p.m.	14 800 000	26 758 913,05	27 693 265,08	599,91
16 02 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
16 02 77 01	Proġett pilota — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa	3	p.m.	499 434	1 000 000	750 000	499 444,20	130 766,93	26,18
16 02 77 03	Azzjoni preparatorja — Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013	3	—	—	p.m.	p.m.	0,—	233 159,12	
16 02 77 04	Azzjoni preparatorja — Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili	3	p.m.	p.m.	250 000	250 000	229 788,—	0,—	
16 02 77 05	Proġett pilota — Il-wegħda tal-Unjoni Ewropea	3	p.m.	218 093	500 000	250 000			
16 02 77 06	Azzjoni preparatorja — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa	3	1 000 000	500 000					
	Artikolu 16 02 77 — Subtotal		1 000 000	1 217 527	1 750 000	1 250 000	729 232,20	363 926,05	29,89
	<b>Kapitolu 16 02 — Total</b>		<b>22 894 000</b>	<b>17 188 967</b>	<b>24 800 000</b>	<b>27 410 600</b>	<b>29 460 395,50</b>	<b>29 330 438,08</b>	<b>170,64</b>

**16 02 01 Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 894 000	11 355 206	23 050 000	10 715 600		

## Kummenti

F'konformità mal-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" u skont il-mira globali li l-Ewropa titressaq eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha, l-oġettiv ġenerali tal-programm huwa li jikkontribwixxi għall-fehim dwar l-Unjoni u li titrawwem ċittadinanza Ewropea u jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni.

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** (ikompli)

**16 02 01** (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet bħal sħubijiet, sostenn strutturali, proġetti ta' kummemozzjoni, l-istorja tal-Unjoni u l-identità tagħha, laqgħat taċ-ċittadini, networks ta' bliet ġemellati, proġetti taċ-ċittadini u s-soċjetajiet ċivili, evalwazzjonijiet bejn il-pari, studji u servizzi ta' komunikazzjoni, miżuri ta' sostenn, avvenimenti u strutturi ta' sostenn fl-Istati Membri.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea billi ċ-ċittadini jiġu informati dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni u l-impatt tal-Unjoni fuq ħajjithom ta' kuljum, fil-lingwi kollha tal-Unjoni. Dan jinvolvi, b'mod partikolari, informazzjoni dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej, minħabba l-importanza ta' dan l-istrument ta' demokrazija parteċipattiva għaċ-ċittadini.

Sejħiet futuri għall-proposti jagħtu attenzjoni partikolari għal proġetti minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu l-integrazzjoni, id-diversità lingwistika, il-koeżjoni u n-non-diskriminazzjoni, b'enfasi partikolari fuq il-minoranzi Ewropej.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu.

**16 02 02** **Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Dan l-artikolu kien intenzjonat li jkopri inizjattivi organizzati fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali marbuta mal-oġettivi tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011.

L-azzjoni tlestiet fl-2012.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 2010/37/KE tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva (2011) (ĠU L 17, 22.1.2010, p. 43).

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA (ikompli)****16 02 03 Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	645 000	1 972 250,25	1 273 246,95

Kummenti

Din l-approprjazzjoni kienet intenzjonata li jkopri inizjattivi marbuta mal-objettivi tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 inkluż pagamenti għal valutazzjoni tar-riżultati ta' din l-inizjattiva.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1093/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013) (ĠU L 325, 23.11.2012, p. 1).

**16 02 51 Tlestija tal-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" (2007 sa 2013)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	4 616 234	p.m.	14 800 000	26 758 913,05	27 693 265,08

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti relatati ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

**16 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

16 02 77 01 Proġett pilota — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	499 434	1 000 000	750 000	499 444,20	130 766,93

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA (ikompli)**

**16 02 77** (ikompli)

16 02 77 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	p.m.	p.m.	0,—	233 159,12

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejjiija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejjiija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 02 77 04 Azzjoni preparatorja — Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	250 000	250 000	229 788,—	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejjiija.

L-objettiv tal-azzjoni ta' thejjiija hu li jippermetti l-istabbiliment fi Brussell tad-Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili (DESC) bħala ċentru ta' riżorsi kost-effiċjenti u bureau konsultattiv dwar id-drittijiet Ewropej u l-parteċipazzjoni ċivika kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Sabiex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li:

## KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA (ikompli)

16 02 77 (ikompli)

16 02 77 04 (ikompli)

- titwessa' l-bażi ta' sħubija tad-DESC b'organizzazzjonijiet ewlenin fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali,
- jiġu kkonsultati l-awtoritajiet lokali u partijiet interessati oħra ħalli jiżdied l-appoġġ għad-DESC u jiġi żviluppat il-kunċett tad-DESC,
- jiġi ppjanat l-użu tal-bini fiżiku tad-DESC f'termini ta' bureau konsultattiv taċ-ċittadini tal-Unjoni kondiviż ma' diversi organizzazzjonijiet simili, li jiġġenera l-ekonomiji ta' skala.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' thejġija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 02 77 05 Proġett pilota — Il-wegħda tal-Unjoni Ewropea

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	218 093	500 000	250 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Fl-1984, il-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau introduċa il-kunċett ta' Ewropa taċ-Ċittadini. Il-Kunsill qies li hu essenzjali li l-Komunità tirrispondi għall-aspettattivi taċ-ċittadini tal-Ewropa billi jiġu adottati miżuri għat-tisħiħ u l-promozzjoni tal-identità u l-immaġni tagħha kemm għaċ-ċittadini tagħha u kemm għall-bqija tad-dinja. Tletin sena wara wasal iż-żmien li jiġi vvalutat kif l-Ewropej jipperċepixxu l-Unjoni. X'inhu l-valur miżjud tagħha? Għalfejn qegħdin flimkien?

L-għan inizjali tal-Unjoni Ewropea — li tkun żgurata l-paċi, titferrex id-demokrazija u tinkiseb il-prosperità — inkiseb. Illum madankollu, bosta partijiet mill-Ewropa jinsabu fi kriżi gravi b'diskussjonijiet jaħarqu dwar ir-raġuni għal sħubija mal-Unjoni. Il-punt prinċipali ta' dawn il-mistoqsijiet spiss tidher li hi l-mistoqsija taħraq: Għalfejn "aħna" ninsabu "magħhom"?

Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-dritt għal kull ċittadin tal-Unjoni li jsib it-triq tiegħu jew tagħha fi ħdan l-Unjoni għandu jiġi rispettata. Għalhekk, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun marbuta ma' fehim tal-valuri u l-kostituzzjonijiet lokali. Fil-qosor, il-wegħda tal-Unjoni għandha tiġi spjegata f'termini tal-valur miżjud tagħha għall-pajjiż u ċ-ċittadini.

L-Istati Membru kollha se jkunu għaddew minn proċess deċiżjonali bir-reqqa qabel saru membri mal-Unjoni — proċess emozzjonali segwit minn diskussjonijiet politiċi kontinwi kemm dwar kwistjonijiet ekonomiċi u kemm etiċi bil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jnvolvu liċ-ċittadini tagħhom permezz ta' referenda dwar il-kwistjonijiet ewlenin. B'segwitu għall-adeżjoni, is-sħubija ta' kull pajjiż evolviet. Dan il-proġett pilota se jiddeskrivi r-relazzjoni ta' kull Stat Membru mal-Unjoni sabiex ikun żvelat jekk hemmx perċezzjonijiet komuni dwar l-Unjoni fid-diversi Stati Membri.

KUMMISSJONI

TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA (ikompli)

16 02 77 (ikompli)

16 02 77 05 (ikompli)

Dan se jsir permezz ta' intervisti lil ċittadini f'kull qasam tal-ħajja f'kull pajjiż. L-għan tal-intervisti se jkun li jinftiehem kif l-Unjoni hija perċepita miċ-ċittadini tagħha fil-ħajja ta' kuljum. Dawn ir-riżultati se jinġabru frapport sabiex tiġi identifikata r-relazzjoni speċifika ta' kull pajjiż mal-Unjoni u b'hekk tinkiseb stampa aktar ċara tal-perċezzjonijiet nazzjonali differenti tal-Unjoni. Dawn il-profilu nazzjonali mbagħad se jitqabblu bil-ħsieb li jkun aċċertat il-punt safejn hemm perċezzjonijiet kondiviżi tal-Unjoni fost "persuni reali" fl-Istati Membri. Fil-qosor, il-mistoqsija li għandu jingħata twegħiba għaliha hija: in-nies x'jaħsbu li huma l-aspetti l-aktar pożittivi tal-Unjoni, kemm issa u kemm għall-futur? Hemm perċezzjoni komuni tal-Unjoni minflok 28 perċezzjoni differenti? Jekk iva, x'inhi din il-perċezzjoni?

Il-ħidma biex jiġu spjegati l-perċezzjonijiet tal-Unjoni se titwettaq f'koordinazzjoni mill-qrib ma' inizjattivi simili li għaddejnin, bħall-proġett pilota "The New Narrative on Europe", "Citizens Dialogue" u l-inizjattiva "A soul for Europe".

Għalhekk qed jiġi suġġerit li fil-bidu jkun hemm proġett pilota, sabiex jiskopri u jelenka l-perċezzjonijiet dwar l-Unjoni fi ħdan tal-anqas ħames Stati Membri, bil-għan li jiġu elenkati l-perċezzjonijiet komuni dwar l-Unjoni, jekk ikun hemm, li jmorru lil hinn mir-relazzjoni unika li kull pajjiż għandu mal-Unjoni.

Ir-riżultati tad-Djalogi taċ-Ċittadini jistgħu iservu bħala bażi għall-ħidma ta' dan il-proġett pilota. Ir-riżultati sa issa jissuġġerixxu li ċ-ċittadini jistennew viżjoni ċara dwar tliet mistoqsijiet ewlenin:

- Sa liema punt hija mixtieqa/meħtieġa l-unità u x'inhuma l-oqsma fejn għandu jkun hemm integrazzjoni?
- X'jista' jagħmel lill-Unjoni aktar demokratika u kif jistgħu l-politiċi tal-Unjoni jsiru responsabbli għad-deċiżjonijiet li jieħdu?
- X'inhu l-aħjar bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà?

Għalhekk l-approprijazzjoni se tintuża prinċipalment:

- sabiex jiġu stabbiliti focus groups magħmula minn ċittadini mill-Istati Membri kollha li jgħinu fl-iżvilupp ta' proposti dwar kif l-Unjoni tista' tagħti eżitu għal dawn il-viżjonijiet,
- għat-tixrid u d-diskussjoni ulterjuri dwar ir-riżultati tal-laqgħat tal-focus groups fil-midja tradizzjonali u soċjali,
- ir-riżultati se jiġu ppubblikati frapport u jservu ta' segwitu u input addizzjonali għan-"Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa" kif ukoll għal sforzi immirati ta' komunikazzjoni tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** (ikompli)**16 02 77** (ikompli)

## 16 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

*Kummenti*

Fil-baġits tal-UE għall-2013 u l-2014, l-awtorità baġitarja inkludiet proġett pilota biex tinholq narrattiva ġdida għall-Ewropa. L-għan ta' dan il-proġett kien li jiġu mobilizzati l-personalitajiet u dawk li jfasslu l-opinjoni mis-setturi kreattivi, kulturali u xjentifiċi biex tiġi fformulata narrattiva ġdida f'forma ta' karta qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2014.

Din il-karta issa ġiet ippubblikata u l-għan ta' din l-azzjoni ta' thejjiya huwa li tippermetti lill-kumitat kulturali li fassal il-karta biex ikompli bid-djalogu tiegħu maċ-ċittadini. Il-karta għandha titqies bħala bidu, fejn il-komunità artistika u ċ-ċittadini fl-Ewropa jkunu mistiedna jinvolu ruħhom u jipparteċipaw fid-diskussjoni li għaddeja bħalissa dwar il-bosta narrattivi dwar l-Ewropa.

Għandu jittieħed approċċ komprensiv fil-forma ta' netwerks maċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet kulturali, li jqassmu l-għarfien lill-pubbliku u li jistiednu liċ-ċittadini jiżvolġu rwol attiv. Barra minn hekk jiġi stabbilit korp ta' ambaxxaturi. Il-kompitu tal-ambaxxaturi jkun li jinteraġixxu maċ-ċittadini fid-dibattitu li jkun għaddejjew dwar in-narrattiva l-ġdida u li jinvolu ruħhom mal-pubbliku Ewropew.

Il-parteċipanti fil-proġett pilota qablu wkoll dwar il-hteġa li tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-proġett, billi narrattiva hija proċess kontinwu.

Għaldaqstant, l-azzjonijiet ta' thejjiya:

- imexxu avvenimenti li jipubblicizzaw il-karta dwar in-narrattiva l-ġdida għall-Ewropa f'kemm jista' jkun Stati Membri, biex b'hekk jitrawwem id-djalogu u d-dibattitu,
- jappoġġaw avvenimenti pubbliċi b'kopertura medjatika estensiva organizzati minn organizzazzjonijiet kulturali, xjentifiċi u maċ-ċittadini li jiffokaw fuq id-dibattitu dwar in-narrattiva l-ġdida għall-Ewropa,
- jiżguraw l-inklużjoni massima maċ-ċittadini, billi jappoġġaw pjattaformi medjatiċi indipendenti li jkopru d-dibattitu dwar in-narrattiva l-ġdida għall-Ewropa.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' thejjiya skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJET TA' KOMUNIKAZZJONI**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
16 03	AZZJONIJET TA' KOMUNIKAZZJONI								
<b>16 03 01</b>	<b>Għoti ta' tagħrif li- ċittadini tal-Unjoni</b>								
16 03 01 01	Azzjonijiet ta' Multi- media	3	19 200 000	27 533 061	25 540 000	25 526 479	29 999 633,42	23 381 107,24	84,92
16 03 01 02	Informazzjoni għall- mezzi tax-xandir	3	5 200 000	3 462 669	5 080 000	4 449 346	5 209 104,18	4 639 507,88	133,99
16 03 01 03	Uffiċċju tal-informazz- joni	3	14 260 000	12 957 371	14 230 000	13 778 887	14 814 809,37	13 573 661,94	104,76
16 03 01 04	Komunikazzjoni tar- Rappreżentanzi tal- Kummissjoni u l- azzjonijiet tas-"Sħubijiet"	3	11 794 000	13 720 676	10 730 000	13 923 887	19 891 840,11	17 209 961,11	125,43
16 03 01 05	Spazji Pubbliċi Ewropej	5,2	1 246 000	1 194 639	1 246 000	1 246 000	1 295 520,71	1 264 588,76	105,86
	<i>Artikolu 16 03 01 — Subtotal</i>		51 700 000	58 868 416	56 826 000	58 924 599	71 210 907,79	60 068 826,93	102,04
<b>16 03 02</b>	<b>Forniment ta' komuni- kazzjoni istituzzjonali u analiżi tal-informazz- joni</b>								
16 03 02 01	Żjarat lill-Kummissjoni	3	3 650 000	2 927 997	3 600 000	3 986 296	4 796 922,69	4 354 352,15	148,71
16 03 02 02	Operat ta' studjos tar- radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv	5,2	5 560 000	5 369 163	5 324 000	5 324 000	5 552 489,20	5 152 745,08	95,97
16 03 02 03	Informazzjoni elett- ronika u miktuba u għodod tal-komunikazz- joni	3	21 340 000	16 690 656	18 180 000	18 659 479	16 842 718,27	15 072 066,35	90,30
16 03 02 04	Rapport ġenerali u pubblikazzjonijiet oħra	5,2	2 200 000	2 109 314	2 200 000	2 100 000	2 279 366,07	2 098 608,08	99,49
16 03 02 05	Analiżi tal-opinjoni pubblika	3	6 400 000	5 286 146	6 300 000	5 815 000	6 599 984,84	5 788 404,60	109,50
	<i>Artikolu 16 03 02 — Subtotal</i>		39 150 000	32 383 276	35 604 000	35 884 775	36 071 481,07	32 466 176,26	100,26
<b>16 03 04</b>	<b>Dar l-Istorja tal- Ewropa</b>	3	800 000	669 131	800 000	400 000	0,—	0,—	0
<b>16 03 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
16 03 77 01	Azzjoni preparatorja — Għotjiet ta' rikerka Ewropea għal ġurna- liżmu investigattiv tran- sfruntier	5,2	p.m.	p.m.	1 500 000	750 000	17 000,—	83 405,38	
16 03 77 02	Proġett pilota — Share Europe Online	5,2	p.m.	90 000	p.m.	700 000	1 729 296,28	1 090 000,—	1 211,11

## KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJET TA' KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>16 03 77</b>	(ikompli)								
16 03 77 04	Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe	3	—	—	—	—	0,—	0,—	
16 03 77 05	Azzjoni preparatorja — Share Europe Online	3	1 000 000	936 187	1 000 000	500 000			
	Artikolu 16 03 77 — Subtotal		1 000 000	1 026 187	2 500 000	1 950 000	1 746 296,28	1 173 405,38	114,35
	<b>Kapitolu 16 03 — Total</b>		<b>92 650 000</b>	<b>92 947 010</b>	<b>95 730 000</b>	<b>97 159 374</b>	<b>109 028 685,14</b>	<b>93 708 408,57</b>	<b>100,82</b>

**16 03 01** **Għoti ta' tagħrif liċ-ċittadini tal-Unjoni**

16 03 01 01 Azzjonijiet ta' Multimedia

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19 200 000	27 533 061	25 540 000	25 526 479	29 999 633,42	23 381 107,24

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tiffinanzja informazzjoni ġenerali liċ-ċittadini dwar operazzjonijiet li jikkonċernaw l-Unjoni, bl-iskop li tidher aktar il-ħidma tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-istadji fil-bini tal-Ewropa. Tikkonċerna essenzjalment il-finanzjament jew il-kofinanzjament tal-produzzjoni u/jew id-disseminazzjoni tal-multimidja (radju, TV, Internet, eċċ.), il-prodotti ta' informazzjoni, inklużi n-netwerks pan-Ewropej magħmula minn midja lokali u nazzjonali, kif ukoll l-għodod meħtieġa biex tiġi żviluppata politika bħal din. Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll in-nefqa ta' evalwazzjoni. Parti minn din l-appropriazzjoni tintuża għal netwerks pan-Ewropej eżistenti tal-media lokali u nazzjonali (radju, TV, internet, eċċ.).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interstituzzjonali dwar l-Infurmazzjoni (IGI).

*Bażi ġuridika*

Komptu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 01 02 Informazzjoni għall-mezzi tax-xandir

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 200 000	3 462 669	5 080 000	4 449 346	5 209 104,18	4 639 507,88

## KUMMISSJONI

## TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

## 16 03 01 (ikompli)

## 16 03 01 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' tagħrif liċ-ċittadini, li jiffokaw b'mod partikolari fuq il-mezzi tax-xandir. L-għodda żviluppata għal fehim u rapportar aħjar tal-kwistjonijiet ta' interess attwali jkopru b'mod ewlieni:

- multimedia (ritratti, vidjo, eċċ.) materjal ta' tagħrif għall-mezzi tax-xandir u pjattaformi oħrajn, inkluż fil-pubblikazzjoni/xandir u l-preservazzjoni/id-disseminazzjoni tagħhom fuq terminu twil,
- seminars u sostenn għall-ġurnalisti.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll in-nefqa ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni, meta timplimenta din l-intestatura baġitarja, għandha tikkunsidra b'mod xieraq l-eżitu tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Infommazzjoni (IGI).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 16 03 01 03 Uffiċċju tal-infommazzjoni

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 260 000	12 957 371	14 230 000	13 778 887	14 814 809,37	13 573 661,94

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' infommazzjoni liċ-ċittadini u tkopri:

- il-finanzjament tan-netwerk Europe Direct madwar l-Ewropa (Europe Direct Information Centres, ċentri Ewropej tad-dokumentazzjoni, kelliema ta' Team Europe, eċċ.); dan in-netwerk jissupplimenta l-ħidma tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċji ta' Infommazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri,
- is-sostenn, it-taħriġ, il-koordinazzjoni u l-assistenza għan-netwerk Europe Direct,

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)**16 03 01** (ikompli)

## 16 03 01 03 (ikompli)

— il-finanzjament tal-produzzjoni, il-ħżin u t-tixrid tal-materjal ta' informazzjoni u prodotti ta' komunikazzjoni minn/ għal dawn l-uffiċċji.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll in-nefqa ta' evalwazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 4158 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar l-adozzjoni antiċipata tal-Programm ta' Ħidma Annwali fil-qasam tal-komunikazzjoni għall-2013 fir-rigward ta' għotjiet għall-finanzjament ta' strutturi li jilqgħu iċ-Ċentri ta' Tagħrif ta' Europe Direct mal-Unjoni Ewropea kollha għall-perjodu 2013-2017.

## 16 03 01 04 Komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-azzjonijiet tas-"Sħubijiet"

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 794 000	13 720 676	10 730 000	13 923 887	19 891 840,11	17 209 961,11

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tiffinanzja informazzjoni ġenerali għaċ-ċittadini u tkopri n-nefqa fuq il-komunikazzjoni ċentralizzata u deċentralizzata. L-għan tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni lokali huwa b'mod partikolari li gruppi fil-mira jingħataw l-għodod biex jifhmu aħjar il-kwistjonijiet attwali li "jaħarqu".

Dawn l-attivitajiet huma implimentati fl-Istati Membri permezz ta':

- l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni marbuta ma' prijoritajiet speċifiċi ta' komunikazzjoni annwali jew pluriennali,
- l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni *ad hoc* fuq skala nazzjonali jew internazzjonali li jirrispondu għal prijoritajiet ta' komunikazzjoni,
- seminars u konferenzi,
- organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f'avvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta' żjarat individwali, eċċ.,

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)

**16 03 01** (ikompli)

16 03 01 04 (ikompli)

- miżuri ta' komunikazzjoni diretti mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju servizzi ta' pariri għaċ-ċittadini),
- miżuri ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-multiplikaturi tal-opinjoni, b'mod partikulari miżuri msaħħa li jinvolvu l-istampa reġjonali ta' kuljum, li hija sors ta' informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta' ċittadini Ewropej,
- il-ġestjoni taċ-ċentri tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni.

L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni jistgħu jiġu organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew u/jew l-Istati Membri sabiex jinħolqu sinerġiji bejn il-mezzi ta' kull sħab u jkunu kkoordinati l-attivitajiet tagħhom ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, evalwazzjonijiet, laqgħat ta' esperti u assistenza esperta teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*, kif ukoll ir-rimborż ta' spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra relatati ta' persuni mistiedna jsewgu xogħol il-Kummissjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 55 000.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Infommazzjoni (IGI).

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 01 05 Spazji Pubbliċi Ewropej

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 246 000	1 194 639	1 246 000	1 246 000	1 295 520,71	1 264 588,76

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' taġrif liċ-ċittadini u tkopri b'mod speċifiku l-ftuħ u l-ġestjoni ta' "Spazji Pubbliċi Ewropej" fid-Djar tal-Ewropa li jakkomodaw uffiċjalment dawn l-istrutturi: Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-inkarigu tal-ġestjoni tal-arranġamenti loġistiċi tal-Ispazji Pubbliċi Ewropej għall-benefiċċju taż-żewġ istituzzjonijiet (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni), inklużi l-ispejjeż operazzjonali u l-organizzazzjoni tas-servizzi kkuntrattati. L-Ispazji Pubbliċi Ewropej għandhom jitmexxew b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet fuq il-bażi ta' rapport ta' evalwazzjoni dwar il-ġestjoni u l-ħidma tal-Ispazji Pubbliċi Ewropej, kif ukoll ta' programm ta' ħidma għas-sena li tkun ġeja. Iż-żewġ dokumenti, li jkunu mħejjija b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet u li jikkostitwixxu l-elementi fundamentali għall-allokazzjoni ta' fondi għas-sena ta' wara, għandhom ikunu ppreżentati lill-awtoritajiet tal-baġit fil-ħin sabiex jitqiesu fil-proċedura baġitarja.

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)**16 03 01** (ikompli)

16 03 01 05 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

**16 03 02** **Forniment ta' komunikazzjoni istituzzjonali u analiżi tal-informazzjoni**

16 03 02 01 Żjarat lill-Kummissjoni

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 650 000	2 927 997	3 600 000	3 986 296	4 796 922,69	4 354 352,15

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża tal-organizzazzjoni ta' żjarat fil-Kummissjoni, inkluża n-nefqa amministrattiva marbuta maż-żjarat.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

## 16 03 02 (ikompli)

## 16 03 02 02 Operat ta' studjos tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 560 000	5 369 163	5 324 000	5 324 000	5 552 489,20	5 152 745,08

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż kollha tat-tħaddim tal-istudios u l-faċilitajiet awdjoviżivi kollha tal-Kummissjoni u faċilitajiet oħra ta' informazzjoni awdjoviżiva: persunal u x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir u l-materjal meħtieġ.

Tkopri wkoll kiri tas-satellita biex tipprovdi informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-Unjoni għall-kanali televiżivi. Din l-approprijazzjoni għandha titħaddem skont il-prinċipji interistituzzjonali ta' kooperazzjoni biex tkun żgurata d-disseminazzjoni tal-informazzjoni kollha dwar l-Unjoni.

Din l-approprijazzjoni tista' tkopri wkoll infiq ta' evalwazzjoni.

## Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 final).

Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-24 ta' April 2008: Nikkomunikaw l-Ewropa permezz ta' mezzi tax-xandir awdjoviżivi (SEC(2008) 0506).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## 16 03 02 03 Informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 340 000	16 690 656	18 180 000	18 659 479	16 842 718,27	15 072 066,35



**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJET TA' KOMUNIKAZZJONI** (*ikompli*)**16 03 02** (*ikompli*)16 03 02 03 (*ikompli*)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni multimedjali dwar l-Unjoni, bl-għan li tipprovdi liċ-ċittadini kollha b'informazzjoni ġenerali dwar ix-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fil-bini tal-Ewropa. L-għodda onlajn tippermetti l-għbir ta' mistoqsijiet u reazzjonijiet taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej. Dan huwa komputu tas-servizz pubbliku. It-tagħrif ikopri l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Dawn l-għodod għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-linji gwida tal-Inizjattiva ta' Aċċessibilità għall-Web (WAI).

It-tipi ta' għodod ikkonċernati huma prinċipalment:

- is-sit Europa, li jrid jikkostitwixxi l-punt prinċipali ta' aċċess għall-informazzjoni eżistenti u s-siti tal-internet li jikkonċernaw l-informazzjoni amministrattiva li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jeħtieġu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u li għalhekk iridu jkunu strutturati aħjar, magħmula aktar faċli għall-utent u ottimizzati għall-apparat tat-telefown ċellulari,
- kanali onlajn kumplimentari bħal midja soċjali, blogs u teknoloġiji tal-web 2.0,
- il-Europe Direct Contact Centre (00800-67891011),
- is-siti tal-Internet u l-prodotti multimedjali u stampati tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri,
- sgarrijiet għall-istampa, diskorsi, memos, eċċ. onlajn (Rapid).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex:

- tiffinanzja r-ristrutturar tas-sit Europa b'mod iktar koerenti, biex is-sit jiġi ottimizzat għall-apparat tat-telefown ċellulari, biex jiġi ffukat fuq il-ħtiġijiet tal-utenti u biex isir professjonalizzat l-użu ta' kanali oħra fuq l-internet bħal midja soċjali, blogs u web 2.0. Dan jinkludi t-tipi kollha ta' taħriġ, servizzi ta' kkwċjar u konsulenza għal diversi gruppi ta' partijiet interessati,
- tkopri n-nefqa marbuta mal-ospitar u l-ispejjeż tal-liċenzji assoċjati mas-sit Europa.
- toffri sostenn għall-iskambju tal-aħjar prattiki, it-trasferiment tal-għarfien u l-professjonalizzazzjoni billi tiffinanzja żjarat ta' esperti u prattikanti fil-komunikazzjoni diġitali,
- tkopri l-kampanji ta' informazzjoni għall-iffaċilitar tal-aċċess għal dawn is-sorsi ta' informazzjoni, speċjalment għall-operat taċ-ċentru ta' kuntatt tal-Europe Direct, is-servizz ta' informazzjoni ġenerali multilingwi dwar l-affarijiet tal-Unjoni,
- tkopri n-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal gruppi varji fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet stampati relatati mal-attivitajiet tal-Unjoni li spiss jitqassmu permezz ta' netwerk deċentralizzat, primarjament:
  - il-pubblikazzjonijiet tar-Rappreżentanzi (fuljetti, gazzetti u perjodiċi): kwalunkwe Rappreżentanza għandha pubblikazzjoni waħda jew aktar, imxerrda minn multiplikaturi, u jkopru diversi oqsma (soċjali, ekonomiċi u politiċi),

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)

**16 03 02** (ikompli)

16 03 02 03 (ikompli)

- id-disseminazzjoni (anki permezz ta' netwerk deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni Ewropea (fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, ikkoordinat mis-sit prinċipali tal-entità, kif ukoll il-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost affarijiet oħra, it-tnejja u l-abbozzar (inkluż id-dritt tal-awtur), l-editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, ir-riproduzzjoni tad-dokumenti, l-akkwist jew il-ġestjoni ta' dejta, l-editjar, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluża l-verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-istallazzjoni f'kwalunkwe mezz elettroniku ieħor, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll infiq ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqqhat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Infurmazzjoni (IGI).

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 02 04 Rapport ġenerali u publikazzjonijiet oħra

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 200 000	2 109 314	2 200 000	2 100 000	2 279 366,07	2 098 608,08

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa fuq il-ħruġ, fi kwalunkwe midja, ta' publikazzjonijiet dwar suġġetti ta' importanza "li taħraq" marbuta mal-attivitajiet tal-Kummissjoni u l-ħidma tal-Unjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet previsti fit-Trattati u publikazzjonijiet istituzzjonali jew ta' referenza oħrajn, bħar-rapport ġenerali. Il-pubblikazzjonijiet jistgħu jkunu mmirati lejn gruppi speċifiċi bħall-professjoni tal-għalliema, iż-żgħażaġh, il-mexxejja tal-opinjoni jew il-pubbliku ġenerali.

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost l-oħrajn, il-preparazzjoni u l-abbozzar (inkluż l-kuntratti tal-awturi), editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, riproduzzjoni tad-dokumenti, xiri jew ġestjoni tad-dejta, l-editjar freelance, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluż verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-istallazzjoni f'kwalunkwe mezz elettroniku, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni, u l-promozzjoni ta' dawn id-dokumenti, inkluż f'format li jkun aċċessibbli għaċ-ċittadini b'diżabilità.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 000.

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)**16 03 02** (ikompli)

16 03 02 04 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispot fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249(2) tiegħu.

16 03 02 05 Analiżi tal-opinjoni pubblika

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 400 000	5 286 146	6 300 000	5 815 000	6 599 984,84	5 788 404,60

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-analiżi tax-xejriet fl-opinjoni pubblika, primarjament bl-istħarriġiet tal-opinjoni (pereżempju, l-istħarriġiet tal-pubbliku ġenerali bl-“Ewrobarometru”, l-istħarriġiet “flash”, bit-telefown, ta' popolazzjonijiet speċifiċi dwar temi partikolari, fuq livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew, jew stħarriġiet kwalitattivi), kif ukoll il-kontroll tal-kwalità ta' dawn l-istħarriġiet.

Din tkopri wkoll l-analiżi tas-sorveljanza kwalitattiva tal-media u n-nefqa ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din il-linja baġitarja, għandha tqis sew l-eżitu tal-laqqhat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Infommazzjoni (IGI).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispot fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI (ikompli)**

**16 03 04 Dar l-Istorja tal-Ewropa**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
800 000	669 131	800 000	400 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi lejn in-nefqa operazzjonali ta' Dar l-Istorja Ewropea, li se tkattar l-għarfien, tqajjem il-kurżità, u toħloq opportunitajiet li jirriflettu l-istorja Ewropea permezz ta' esebizzjoni moderna u ċentru tad-dokumentazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**16 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

16 03 77 01 Azzjoni preparatorja — Għotjiet ta' riċerka Ewropea għal ġurnaliżmu investigattiv transfruntier

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	1 500 000	750 000	17 000,—	83 405,38

*Kummenti*

Din il-partita hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejġija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejġija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)**16 03 77** (ikompli)

## 16 03 77 02 Proġett pilota — Share Europe Online

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	90 000	p.m.	700 000	1 729 296,28	1 090 000,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 16 03 77 04 Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 16 03 77 05 Azzjoni preparatorja — Share Europe Online

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	936 187	1 000 000	500 000		

KUMMISSJONI  
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (ikompli)

**16 03 77** (ikompli)

16 03 77 05 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejjiha.

Il-media soċjali u l-Internet biddlu b'mod fundamentali l-aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-persuni. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom itejbu l-mod kif jużaw dawn l-għodod rivoluzzjonarji. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jużaw netwerks tal-media soċjali u pjattaformi onlajn b'modi aktar innovattivi. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhom l-ebda politika tal-komunikazzjoni konġunta dwar l-użu ta' dawn l-għodod. Barra minn hekk, dawn l-għodod għadhom jintużaw spiss wisq biex sempliċement jinxtred messaġġ, filwaqt li dawn joffru l-opportunità ta' konversazzjoni bejn il-politiċi u n-nies li jaqdu u li jirrappreżentaw. F'kuntrastr ma' media oħra (it-televiżjoni, ir-radju u l-gazzetti), l-Internet (u l-midja soċjali b'mod partikolari) għandu jintuża biex jippermetti liċ-ċittadini jinteraġixxu: biex jagħtu ideat lil min ifassal il-politika u biex jinbdew diskussjonijiet dwar proposti jew proġetti politiċi.

L-Unjoni għandha tadatta għar-realtà onlajn fl-istrategġija ta' komunikazzjoni tagħha. L-Unjoni għandha tippermetti liċ-ċittadini tagħha jinteraġixxu u jikkontribwixxu. B'xorti ħażina, il-komunikazzjoni tal-Unjoni attwalment għadha wisq proċess minn fuq għal isfel li la hu interattiv u l-anqas ma jsegwi dak li l-midja l-ġdida tista' twettaq. Għalkemm ir-rata ta' utilizzazzjoni tan-netwerks soċjali fl-Ewropa hija madwar 90 % (fost l-utenti tal-Internet Ewropej), l-istrategġija ta' komunikazzjoni tal-Unjoni għadha ma tħaddanx lin-netwerks soċjali, l-Internet u s-servizzi tal-mowbajl biex ittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-politika tal-Unjoni jew biex tinvolvi liċ-ċittadini tal-Unjoni. Xi Membri tal-Parlament u Kummissarji jistgħu jkun qed jużaw in-netwerks soċjali b'mod attiv ħafna, iżda l-istituzzjonijiet ewlenin tal-Unjoni jistgħu jagħmlu ħafna biex jinfetħu, jinkludu aħjar liċ-ċittadini u jagħmlu l-informazzjoni disponibbli, li tista' tiġi mfittxija u li tista' tinqasam.

"Share Europe Online" mexxiet b'suċċess proġett pilota sa mill-2012, b'reazzjonijiet pożittivi mill-partijiet interessati kemm fil-livell istituzzjonali ċentrali u kemm mill-uffiċċji nazzjonali li implimentaw il-proġett.

Il-proġett pilota fittex li jtejjeb il-mod kif l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw dawn il-midja ġodda, b'enfasi fuq l-uffiċċji lokali tagħhom fl-Istati Membri. Il-proġett introduċa l-prattika tal-ġestjoni tal-komunità tal-midja soċjali fl-uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropej u r-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni bil-ħsieb li jittejjeb il-forniment ta' informazzjoni liċ-ċittadini onlajn u li l-informazzjoni relatata mal-Unjoni ssir aktar aċċessibbli. Objettiv importanti kien li tinbena l-kapaċità tal-uffiċċji għal attività msaħħa dwar il-midja soċjali billi jiġu aġġornati l-ħiliet tal-persunal tagħhom permezz ta' taħriġ u coaching minn maniġers maħtura tal-komunità.

Il-proġett pilota għen sabiex jonqos id-distakk fil-komunikazzjoni istituzzjonali tal-Unjoni permezz tan-netwerks soċjali fil-lingwi lokali u fil-pjattaformi lokali, grazzi għal attività miżjuda u aktar koordinata tal-uffiċċji involuti. Il-forniment ta' kontenut relatat mal-Unjoni jsir aċċessibbli, relevanti għall-komunità nazzjonali u ottimizat għal kondivizzjoni soċjali qed iwassal għal livelli miżjuda ta' interazzjoni. Dan qed isahha id-djalogu mhux biss bejn l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha iżda wkoll bejn iċ-ċittadini infushom.

Id-disponibilità u l-influenza tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet qed jiżdiedu permezz ta' komunikazzjoni aktar immirata u sħubijiet ma' mexxejja opinjonistiċi u atturi lokali inklużi organizzazzjonijiet popolari u tas-soċjetà ċivili, bl-estensjoni tad-dibattitu dwar kwistjonijiet Ewropej lejn pubbliku akbar u t-twessigħ tal-isfera pubblika Ewropea.

Permezz ta' intuwitu aħjar fil-konversazzjonijiet li jseħħu fuq il-midja soċjali, l-istituzzjonijiet qed itejbu wkoll l-abilità tagħhom li jisingħu u jieħdu kont tat-tħassib taċ-ċittadini li qed jorganizzaw lilhom infushom dejjem aktar fuq dawn in-netwerks. "Share Europe Online" għandu l-għan li jiffaċilita l-interazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni, u li ma jibgħatx opinjonijiet dwar l-Unjoni b'mod minn fuq għal isfel, bil-periklu li jinftehem bħala propoganda.

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** (*ikompli*)**16 03 77** (*ikompli*)16 03 77 05 (*ikompli*)

Il-baġit tal-azzjoni preparatorja “Share Europe Online” għandu jservi biex jikkonsolida l-prattika pożittiva li nbdiet taħt il-proġett pilota bil-ħsieb li jitlesta l-aġġornament tal-ħiliet u jiġi ffaċilitat tibdil organizzattiv ulterjuri. L-għan huwa li l-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew u r-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni jiksbu l-livell ta' għarfien espert meħtieġ sabiex jisfruttaw bis-sħiħ il-possibilitajiet offruti mill-midja soċjali sabiex tissaħħa l-interazzjoni maċċittadini.

Bħall-proġett pilota, l-azzjoni ta' tħejjija għandha tinvolvi persuni fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll esperti oħra minn barra, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet popolari. L-implimentazzjoni tiegħu għandha tkun ibbażata fuq metodi ta' ħidma miftiehma b'mod konġunt bejn l-istituzzjonijiet involuti tal-Unjoni.

Iż-żieda fl-użu tan-netwerks soċjali wasslet biex in-negozji ħolqu r-rwol ta' “manijer tal-komunità tal-UE”. Il-manijers tal-komunitajiet jaġixxu bħala ħolqa bejn kumpanija u l-klijenti tagħha, “ixerrdu l-kelma t-tajba dwar il-kumpanija b'lingwa li hija speċifika għan-netwerks soċjali, jimmaniġġjaw komunitajiet virtwali u jifhmu u jirreaġixxu għall-htijijiet tagħhom”. ([http://www.colpis.cat/files/documents/388\\_material.pdf](http://www.colpis.cat/files/documents/388_material.pdf)). B'din l-azzjoni preparatorja, il-“manijers tal-komunità” tal-Unjoni introdotti fil-proġett pilota “Share Europe Online” setgħu jkomplu jagħmlu aċċessibbli informazzjoni dwar l-Unjoni u jirrappreżentaw id-diversi istituzzjonijiet tal-Unjoni u jipprovdu informazzjoni indipendenti dwar l-Unjoni u l-proċedimenti tagħha.

“Share Europe Online” għandu jintegra partijiet minn programmi eżistenti bħal Europe Direct, Euronews, id-diversi pjattaformi tal-web, strateġiji ta' komunikazzjoni u arkivji ta' informazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-azzjoni preparatorja setgħet tkompli l-ħidma li diġà saret taħt il-proġett pilota “Share Europe Online”.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jirrevoka ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

**ATTIVITAJET MINGĦAJR LINJI BAĠITARJI**

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KOMUNIKAZZJONI

— STRATEĠJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KOMUNIKAZZJONI



*TITOLU 17*

**SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR**

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## TITOLU 17

## SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2015 u 2014) u eżitu (2013)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"	114 743 887	114 743 887	113 646 949	113 646 949	116 736 617,—	116 736 617,—
17 02	POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR	22 866 000	18 725 720	21 762 000	17 822 000	21 430 971,56	18 825 411,31
17 03	SAĦĦA PUBBLIKA	221 995 000	220 408 196	230 494 000	207 268 582	233 042 080,93	224 500 410,45
17 04	SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENES-SERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI	256 136 000	213 305 269	252 250 000	216 997 000	263 506 876,91	240 998 147,14
	<b>Titolu 17 — Total</b>	<b>615 740 887</b>	<b>567 183 072</b>	<b>618 152 949</b>	<b>555 734 531</b>	<b>634 716 546,40</b>	<b>601 060 585,90</b>

## TITOLU 17

## SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
17 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"					
<b>17 01 01</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"</i></b>	5,2	77 342 110	76 627 646	77 370 667,21	100,04
<b>17 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"</i></b>					
17 01 02 01	Persunal estern	5,2	7 479 436	7 385 079	8 477 738,96	113,35
17 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	8 958 196	8 938 344	9 031 536,21	100,82
	<i>Artikolu 17 01 02 — Subtotal</i>		16 437 632	16 323 423	17 509 275,17	106,52
<b>17 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika tas-"Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur"</i></b>					
17 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur": Kwartieri Ġenerali	5,2	4 910 145	4 960 880	5 812 006,33	118,37
17 01 03 03	Binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur": Grange	5,2	4 884 000	4 565 000	4 697 335,60	96,18
	<i>Artikolu 17 01 03 — Subtotal</i>		9 794 145	9 525 880	10 509 341,93	107,30
<b>17 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"</i></b>					
17 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-programm tal-Konsumaturi	3	1 100 000	1 100 000	1 131 207,52	102,84
17 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għall-programm "Saħħa għat-Tkabbir"	3	1 500 000	1 500 000	1 514 515,87	100,97

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
<b>17 01 04</b>	(ikompli)					
17 01 04 03	Nefqa ta' sostenn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti	3	1 500 000	1 500 000	1 466 409,30	97,76
	<i>Artikolu 17 01 04 — Subtotal</i>		4 100 000	4 100 000	4 112 132,69	100,30
<b>17 01 06</b>	<b>Aġenziji eżekuttivi</b>					
17 01 06 01	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-ikel — Kontribuzzjoni mill-programm tal-Konsumatur	3	1 691 000	1 691 000	1 738 348,—	102,80
17 01 06 02	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-ikel — Kontribuzzjoni mill-programm "Saħħa għat-Tkabir"	3	4 209 000	4 209 000	4 326 852,—	102,80
17 01 06 03	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-ikel — Kontribuzzjoni fil-qasam tas-Sikurezza tal-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti	3	1 170 000	1 170 000	1 170 000,—	100,00
	<i>Artikolu 17 01 06 — Subtotal</i>		7 070 000	7 070 000	7 235 200,—	102,34
	<b>Kapitolu 17 01 — Total</b>		<b>114 743 887</b>	<b>113 646 949</b>	<b>116 736 617,—</b>	<b>101,74</b>

**17 01 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
77 342 110	76 627 646	77 370 667,21

**17 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"**

## 17 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
7 479 436	7 385 079	8 477 738,96

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" (ikompli)

## 17 01 02 (ikompli)

## 17 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
8 958 196	8 938 344	9 031 536,21

17 01 03 **Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika tas-"Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur"**

## 17 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur": Kwartieri Ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
4 910 145	4 960 880	5 812 006,33

## 17 01 03 03 Binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur": Grange

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
4 884 000	4 565 000	4 697 335,60

## Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li tiġġarrab fit-territoru tal-Unjoni:

- il-ħlas ta' kera, ċens u imposti muniċipali dwar binjiet okkupati jew partijiet ta' binjiet, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,
- il-kostijiet tax-xiri jew xiri b'lokazzjoni tal-binjiet,
- il-kostruzzjoni tal-binjiet,
- il-ħlas ta' primjums ta' assigurazzjoni fuq binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni,
- spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u għat-tiħin,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" (ikompli)

## 17 01 03 (ikompli)

## 17 01 03 03 (ikompli)

- il-kostijiet għall-manutenzjoni, ikkalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għal postijiet, liftijiet, central heating, tagħmir tal-arja kondizzjonata, eċċ.; in-nefqa mġarrba minħabba operazzjonijiet regolari tat-tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, ħasil, laundry u dry cleaning, eċċ., u minħabba tibjid mill-ġdid, tiswijiet u provvisti użati mill-ħwienet tal-manutenzjoni (qabel ma jiġu mġedda jew konklużi kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000, bl-għan li n-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),
- in-nefqa fuq it-trattament selettiv, il-ħażna u d-disponiment ta' skart,
- it-trasformazzjoni ta' bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartementi, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid, kisi tal-art, eċċ., il-kost tat-tibdil tal-kablaġġ ta' netwerks, u l-kost tal-apparat meħtieġ,
- l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni u t-titjib ta' installazzjonijiet ta' sigurtà u x-xiri ta' oġġetti ta' tagħmir,
- l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sikurezza ta' individwi fuq ix-xogħol, b'mod partikolari max-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, mas-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji,
- il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,
- nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (knis tat-toroq u manutenzjoni, ġbir tal-iskart, eċċ.),
- debiti għal assistenza teknika marbuta ma' operazzjonijiet kbar ta' tiswijiet, trasformazzjoni u konverżjoni tal-binjiet,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u t-tiġdid ta' apparat u stallazzjonijiet tekniċi, u partikolarment:
  - apparat (inkluż fotokopjatriċi) għall-produzzjoni, riproduzzjoni u arkivjar tad-dokumenti f'kull forma (karta, mezzi elettroniċi, eċċ.),
  - apparat awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, kaski awdjo u unitajiet tal-kontrolli għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),
  - tagħmir tal-kċina u apparat tar-ristoranti,
  - diversi għodod għall-ħwienet tal-manutenzjoni tal-binjiet,

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR”** (ikompli)**17 01 03** (ikompli)

## 17 01 03 03 (ikompli)

- faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabilità,
- studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' għamara, u partikolarment:
  - ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,
  - is-sostituzzjoni ta' għamara mherrija u miksura,
  - provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-kards, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),
  - attrezzaturi speċifiċi għall-kantins u ristoranti,
  - il-kiri tal-għamara,
  - il-kostijiet għall-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara (qabel ma jiġu mġedda jew konklużi kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000, u bl-għan li n-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:
  - xiri ġdid ta' vetturi, inklużi l-kostijiet kollha relatati,
  - is-sostituzzjoni ta' vetturi li, matul is-sena, jilhqun kilometraġġ totali li jiġġustifika tali sostituzzjoni,
  - il-kost tal-kiri ta' karożżi għall-perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,
  - il-kost tal-manutenzjoni, tiswija u assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (fjuwil, lubrikanti, tajers, tubi ta' ġewwa, provvisti mixxellanji, sperparts, għodod, eċċ.), inkluż test nazzjonali tal-karożżi kull sena,
  - diversi tipi ta' assigurazzjoni (b'mod partikolari responsabbiltà għal persuni terzi u assigurazzjoni kontra s-serq) u taxxi nazzjonali fejn ikunu pagabbli u l-kostijiet tal-assigurazzjoni,
- in-nefqa fuq tagħmir ta' xogħol, u partikolarment:
  - xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" (ikompli)

## 17 01 03 (ikompli)

## 17 01 03 03 (ikompli)

- ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċina teknika u ta' persunal mehtiegħa jagħmlu xogħol li għalih ikun mehtiegħ protezzjoni kontra temp ħażin jew kasha, tkagħbir u hmiegħ anormali,
- xiri jew rimborż tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun mehtiegħ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- nefqa operatorja oħra, bħal:
  - in-nefqa biex il-binjiet jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, partikolarment ix-xiri, il-kera, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' panewi tal-kontrolli u distributuri tat-telefon, sistemi awdjo, ta' vidjokonferenza, ta' telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immanigħgar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),
  - ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' komputers, terminals, minikomputers, periferali, apparat ta' konnessjoni u software mehtiegħ,
  - ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, faks, fotokopjatriċi, skeners u mikrokopjatriċi,
  - ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' tajpraeters, proċessaturi tat-testi jew kwalunkwe apparat elettroniku ieħor,
  - stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,
  - nefqa għall-operat ta' ristoranti, kafetteriji u kantins, b'mod partikolari l-kostijiet tal-manutenzjoni tat-tagħmir u x-xiri ta' diversi provvisti, nefqa għal konverżjonijiet kurrenti u r-rinovament ta' tagħmir, u nefqa sostanzjali fuq il-konverżjoni u r-rinovament li għandhom ikunu distinti b'mod ċar mill-konverżjonijiet, tiswijiet u rinovament ta' tagħmir u provvisti,
  - il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni elektronika u databazjijiet esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),
  - it-taħriġ u l-appoġġ mehtiegħ biex ikun hemm aċċess għal din l-informazzjoni,
  - il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-uffiċina tal-istampar, u ta' xi stampar li jiġi esternalizzat,



**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR” (ikompli)****17 01 03** (ikompli)

## 17 01 03 03 (ikompli)

- nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,
- liċenzji, debiti ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), nefqa fuq netwerks ta' data trażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- il-kost ta' konnessjonijiet tat-telefon u tal-kompjuter bejn il-binjiet u linji ta' trasmissjoni internazzjonali bejn isiti tal-uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u kostijiet relatati u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk fuq il-karta jew f'forma elettronika, eċċ., persunal operatorju estern, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji dwar is-sikurezza u l-garanzija tal-kwalità marbuta ma' apparat u softwer tal-kompjuter.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'taġhmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**17 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika “Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur”**

## 17 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-programm tal-Konsumaturi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 100 000	1 100 000	1 131 207,52

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" (ikompli)

17 01 04 (ikompli)

17 01 04 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri koperti b'din il-partita, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajjnuna teknika u amministrattiva li ma jinvolvu x idmijiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiddiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkw dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 17 02.

17 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-programm "Saħħa għat-Tkabbir"

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 500 000	1 500 000	1 514 515,87

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri koperti b'din il-partita, u kull nefqa oħra għal għajjnuna teknika u amministrattiva li ma jinvolvu x idmijiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"** (ikompli)**17 01 04** (ikompli)

17 01 04 02 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jaqgħu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jaqgħu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 17 03.

17 01 04 03 Nefqa ta' sostenn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 500 000	1 500 000	1 466 409,30

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-għajnuna teknika u amministrattiva relatata mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni, il-verifika u l-kontroll ta' programmi jew proġetti f'dan il-qasam.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għall-għajnuna teknika u amministrattiva, studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm jew tal-miżuri koperti minn din l-appropriazzjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq l-għajnuna amministrattiva relatata mal-awditjar tal-pretensjonijiet li jippreżentaw l-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet rispettivi provduta fil-bażi ġuridika.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 17 04.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" (ikompli)

**17 01 06** *Aġenziji eżekuttivi*

17 01 06 01 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-lkel — Kontribuzzjoni mill-programm tal-Konsumatur

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 691 000	1 691 000	1 738 348,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribut għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fl-immaniġġar ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-Programm tal-Konsumatur.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "persunal" għal din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

Ara l-Kapitolu 17 02.

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-lkel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2003, p. 69).

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" (ikompli)

17 01 06 (ikompli)

17 01 06 01 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

17 01 06 02 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-programm "Saħħa għat-Tkabbir"

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
4 209 000	4 209 000	4 326 852,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribut għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fl-immaniġġar ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-Programm "Saħħa għat-Tkabbir".

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "persunal" għal din it-taqsim.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" (ikompli)

17 01 06 (ikompli)

17 01 06 02 (ikompli)

Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2003, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

17 01 06 03 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni fil-qasam tas-Sikurezza tal-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 170 000	1 170 000	1 170 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni mill-istrateġija ta' taħriġ tal-Unjoni fl-oqsma tal-liġi dwar l-ikel, il-liġi dwar l-ġhalf, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali kif ukoll ir-regoli dwar il-pjanti għan-nefqa għall-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri fl-oqsma tal-liġi dwar l-ikel, il-liġi dwar l-ġhalf, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali kif ukoll ir-regoli dwar il-pjanti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA “SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR” (ikompli)****17 01 06** (ikompli)

17 01 06 03 (ikompli)

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness “persunal” għal din it-taqsim.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu.

Ara l-Kapitolu 17 04.

*Atti ta' referenza*

Id- Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas- 17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2003, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill imressqa fis-6 ta' Mejju 2013 dwar kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqin biex tkun żgurata l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, l-applikazzjoni tar-regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimal, is-saħħa tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti, il-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti u li jkunu emendati r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, 1829/2003, 1831/2003, 1/2005, 396/2005, 834/2007, 1099/2009, 1069/2009, 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, [...]2013, u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)(COM(2013) 265 final).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
17 02	POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR								
17 02 01	<i>Salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u titjib tas-sikurezza u informazzjoni għalihom</i>	3	21 866 000	12 373 045	21 262 000	5 063 000			
17 02 51	<i>Linja għat-tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi</i>	3	p.m.	5 752 675	p.m.	12 509 000	21 430 971,56	18 338 687,94	318,79
17 02 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
17 02 77 01	Proġett pilota — Trasparenza u stabbiltà fis-swieq finanzjarji	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	340 369,—	
17 02 77 02	Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' monitoraġġ fil-qasam ta' politika tal-konsumatur	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	146 354,37	
17 02 77 03	Proġett Pilota — Vjaġġa fl-Ewropa Applikazzjoni għall-apparat mowbajl	2	p.m.	100 000	500 000	250 000			
17 02 77 04	Proġett pilota — Taħriġ għall-SMEs dwar id-drittijiet tal-konsumatur fl-era diġitali	3	1 000 000	500 000					
	<i>Artikolu 17 02 77 — Subtotal</i>		1 000 000	600 000	500 000	250 000	0,—	486 723,37	81,12
	<b>Kapitolu 17 02 — Total</b>		<b>22 866 000</b>	<b>18 725 720</b>	<b>21 762 000</b>	<b>17 822 000</b>	<b>21 430 971,56</b>	<b>18 825 411,31</b>	<b>100,53</b>

17 02 01 *Salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u titjib tas-sikurezza u informazzjoni għalihom*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 866 000	12 373 045	21 262 000	5 063 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-kisba tal-oġġettivi stabbiliti permezz tal-programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020. L-oġġettiv tal-Programm huwa li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi fil-qalba tas-suq intern fil-qafas tal-istrateġija ġenerali għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv billi jikkontribwixxi għas-saħħa, is-sikurezza, l-interessi legali u ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-educazzjoni u biex jorganizzaw lilhom infushom sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom, b'sostenn għall-integrazzjoni ta' dawn l-interessi tal-konsumatur f'oqsma oħra tal-politika. Il-Programm se jikkumplementa, jagħti sostenn u jimmonitorja l-politiki tal-Istati Membri.



**KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR** (*ikompli*)**17 02 01** (*ikompli*)

Dan l-oġġettiv ġenerali għandu jittkompla permezz ta' dawn l-erba' oġġettivi speċifiċi li ġejjin:

- is-sikurezza: li tiġi kkonsolidata u mtejba s-sikurezza tal-prodotti permezz ta' sorveljanza effettiva tas-suq fl-Unjoni kollha,
- informazzjoni u edukazzjoni u sostenn għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi: li jiżiedu l-edukazzjoni, l-informazzjoni u l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom, li tiġi żviluppata bażi ta' evidenza għall-politika tal-konsumatur u jingħata sostenn għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, billi jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi vulnerabbli,
- drittijiet u rimedju: li jiġu żviluppati u rinfurzati d-drittijiet tal-konsumaturi b'mod partikolari permezz ta' azzjoni regolatorja intelliġenti u billi jitjeb l-aċċess għal rimedju sempliċi, effiċjenti, espedjenti u bi prezz baxx inkluż is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim,
- infurzar: li jingħata sostenn għall-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-infurzar nazzjonali u billi l-konsumaturi jingħataw sostenn permezz ta' pariri.

Il-programm il-ġdid jeħtieġ li jqis ukoll l-isfidi soċjetali ġodda li żdiedu fl-importanza fis-snin riċenti. Dawn jinkludu: iż-żieda fil-kumplessità fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-konsumaturi, il-bżonn li nersqu lejn xejriet iżjed sostenibbli ta' konsum, l-oportunitajiet u t-treddid li ġgħib magħha d-diġitalizzazzjoni, żieda fl-esklużjoni soċjali u fl-għadd ta' konsumaturi vulnerabbli u t-tixjij tal-popolazzjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprijazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm multiannwali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

**17 02 51** ***Linja għat-tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi***

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	5 752 675	p.m.	12 509 000	21 430 971,56	18 338 687,94

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR (ikompli)

## 17 02 51 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li huma relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE. Dik id-Deċiżjoni ġiet rrevokata mid-Deċiżjoni 1926/2006 (ara l-Artikolu 17 02 02).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiddiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-finanzjament ta' azzjonijiet Komunitarji fl-appoġġ ta' politika tal-konsumatur għas-snin 2004 sa 2007 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

17 02 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

17 02 77 01 Proġett pilota — Trasparenza u stabbiltà fis-swieq finanzjarji

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	340 369,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR** (ikompli)**17 02 77** (ikompli)

## 17 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' monitoraġġ fil-qasam ta' politika tal-konsumatur

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	146 354,37

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejjiija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' thejjiija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 17 02 77 03 Proġett Pilota — Vjaġġa fl-Ewropa Applikazzjoni għall-apparat mowbajl

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	100 000	500 000	250 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-istabbiliment tal-applikazzjoni Ewropea ta' vjaġġar għall-konsumaturi "Vjaġġa fl-Ewropa". L-għan ta' din l-applikazzjoni hu li tistabbilixxi punt ta' kuntatt uniku intiż sabiex jipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumatur u dwar kwistjonijiet transkonfinali, u sabiex jgħin lil dawk li qed jivvjaġġaw meta jiltaqqu ma' problemi meta jkunu barra pajjiżhom u jkollhom aċċess limitat għall-informazzjoni u għas-servizzi ta' konsulenza.

Din tipprovdi informazzjoni għall-konsumaturi u tiffoka fuq sitwazzjonijiet transkonfinali reali, dwar suġġetti li jinkludu l-ivjaġġar u l-informazzjoni dwar viżi, id-drittijiet tal-passiġġiera u tal-konsumaturi, il-karti tas-sigurtà soċjali, is-sistemi ta' ħlas, is-sinjali tat-triq, iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECCs) li jistgħu jipprovdu assistenza u konsulenza f'kull wieħed mill-Istati Membri u fin-Norveġja u l-Islanda.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR (ikompli)

17 02 77 (ikompli)

17 02 77 03 (ikompli)

L-istrategġja relatata mal-kontenut ta' din l-applikazzjoni "intelliġenti" se tkun definita mill-Kummissjoni bl-involvement attiv tal-Parlament Ewropew. L-istrategġja għandha tiġi riveduta kull sena sabiex jittieħed kont ta' żviluppi ġodda.

L-applikazzjoni se tagħmel disponibbli menus li jippermettu l-utenti jsibu malajr l-informazzjoni li għandhom bżonn matul vjaġġ fl-Unjoni. Se tkun kompletament multilingwa, jiġifieri dispobbli fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Informazzjoni ġenerali dwar l-Unjoni se tkun disponibbli wkoll f'kull lingwa uffiċjali, informazzjoni dettaljata fil-lingwa/lingwi ta' kull Stat Membru kif ukoll l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż.

Il-mira ta' dan il-proġett hu li jiżviluppa kunċett ta' servizz u iktar tard applikazzjoni li tista' tintuża miċ-ċittadini fi ħdan l-Unjoni fuq apparat mobbli sabiex tassistihom bil-kwistjonijiet, mistoqsijiet u problemi dwar l-ivvjaġġar. Din l-applikazzjoni intelliġenti għandha, tirrispondi l-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet abbażi ta' analiżi semantika tal-mistoqsija u tal-kontenut disponibbli. Għandha toffri wkoll l-possibbiltà li wieħed jistaqsi iktar mistoqsijiet, permezz tas-servizz Europe Direct, fl-eventwalità li s-sistema tal-ewwel linja ma tagħtix tweġiba sħiħa. Tweġibiet permezz tal-Europe Direct jingħataw fi skadenzi stabbiliti, skont il-karta tal-kwalità tagħha, u fil-lingwa tal-konsumatur. Is-servizz se jkun b'xejn, ħlief għall-kostijiet tat-telekomunikazzjoni.

Il-kontenut fil-biċċa l-kbira se jiġi mill-kontenut eżistenti tal-websajts ta' "L-Ewropa Tiegħek" u tan-Netwerk ECC tal-Kummissjoni sabiex ikun adattat għal kull kuntest nazzjonali. Barra mill-informazzjoni, l-applikazzjoni se tinkludi parti interattiva/modulu interattiv li se tgħin/jgħin fir-riżoluzzjoni tat-tilwim mal-kummerċjanti. Dan se jagħti lill-konsumaturi xi ħjiel ta' kif jistgħu jsoġu l-kwistjoni partikolari huma nfushom meta jkun barra minn pajjiżhom. Kwistjonijiet aktar kumplessi se jkunu trattati fil-qafas normali tan-netwerk ECC u l-possibbiltajiet rilevanti tas-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim/Soluzzjoni għat-Tilwim Onlajn.

Barra mill-ispejjeż ta' żvilupp u ta' produzzjoni, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni u dawk operattivi u l-ispejjeż ta' pubbliċità għall-5 snin li ġejjin.

*Implimentazzjoni*

Il-proġett għandu l-ewwel jislet tagħrif dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-komunikazzjoni maċ-ċittadini dwar l-affarijiet tal-Unjonij, u għandu jagħmel ukoll riċerka dwar teknoloġiji ta' komunikazzjoni mill-aktar avvanzati fil-qasam.

Il-proġett għandu mbagħad japplika approċċ kollaborattiv u parteċipattiv sabiex joħloq kunċetti bħal pjattaforma interattiva u servizz ta' captioning billi jinvolvi ċittadini mill-Ewropa kollha permezz studju ta' mġiba, sabiex l-utenti finali vera jkunu dawk li joħolqu l-kunċett ta' bażi tal-applikazzjoni.

Il-proġett jagħmel l-aqwa użu possibbli u/jew jintegra applikazzjonijiet rilevanti oħra għall-apparat mowbajl (Drittijiet tal-passiġġieri, karta ta' assikurazzjoni Ewropea għas-saħħa), websajts għaċ-ċittadini (bħal L-Ewropa Tiegħek, Vjaġġa fl-Ewropa, Taqsima tal-Ivvjaġġar fil-portal taż-Żgħażaġħ), u servizzi għaċ-ċittadini (bħal Europe Direct), sabiex ikun żgurat li tiġi evitata duplikazzjoni ta' sforzi.

Fl-aħħar nett, il-proġett għandu jimplementa l-kunċett żviluppat f'applikazzjoni operattiva, li tirriżulta f'"Applikazzjoni għall-Ivvjaġġar tal-Konsumatur Ewropew" aċċessibbli bla ħlas għall-utenti mill-apparat mowbajl.

**KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR** (*ikompli*)**17 02 77** (*ikompli*)17 02 77 03 (*ikompli*)

Dan il-proġett pilota hu smat li jdm 22 xahar u għandu jkollu baġit totali ta' EUR 650,000, li jinkludi implimentazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni tal-IT u l-iżvilupp tal-pjattaforma tas-servizz. It-tlestija tal-proġett, inkluż l-ittestjar, hija ppjanata għal Novembru 2015.

Bord Editorjali kompost mill-Kummissjoni u r-rappreżentanti tan-Netwerk ECC se jkun responsabbli mill-politika editorjali, inkluż il-lingwa u l-prijoritajiet għall-għażla tal-kontenut.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 02 77 04 Proġett pilota — Taħriġ għall-SMEs dwar id-drittijiet tal-konsumatur fl-era diġitali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

*Kummenti*

Il-proġett pilota jgħin lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jirrispettaw il-liġi dwar il-ħarsien tal-konsumatur fl-ambjent online. Rispett aħjar tar-regoli jkun inaqas il-problemi għall-konsumaturi u jkun ta' ġid għan-negozjanti billi jevita l-problemi mal-awtoritajiet tal-infurzar.

— Il-moduli tat-taħriġ għall-SMEs dwar il-liġi tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-kuntratti tal-konsumaturi u l-ikkummerċjar għall-ambjent online, inkluż dwar id-Direttiva 2011/83/UE (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur), id-Direttiva 2000/31/KE (id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fl-Istati Membri jiġu prodotti minn kuntrattur għall-Kummissjoni u jsiru disponibbli mingħajr ħlas għall-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozji,

— Il-moduli jiġu prodotti bħala korsijiet ta' tagħlim offline għall-Istati Membri kollha (kif ukoll għan-Norveġja u l-Islanda) bil-lingwi tal-Istati Membri kollha. Fit-tieni fażi, il-moduli jistgħu jiġu adattati għall-użu online biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ transfruntier,

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR (*ikompli*)17 02 77 (*ikompli*)17 02 77 04 (*ikompli*)

- L-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozji jiġu inkoraġġiti jużaw dawn il-moduli biex joffru programmi ta' taħriġ lill-SMEs dwar l-obbligi tagħhom,
- Il-proġett ikollu fażi tal-bidu min-nofs tal-2015 san-nofs tal-2016 għall-abbozzar tal-moduli tat-taħriġ u l-organizzazzjoni tal-proċess, u sussegwentement ikun hemm fażi operattiva. Il-moduli tat-taħriġ jiġu mtejba u adattati maż-żmien, peress li r-reazzjonijiet tal-utenti se jippermettu li jsiru tiswijiet, u t-tibdil fil-leġiżlazzjoni u fis-swieq joħloq il-ħtieġa li jsiru żidiet,
- Konferenza ta' varar bil-bażi kollha kemm hi tal-partijiet interessati (l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozji, il-ġuristi, l-awtoritajiet), segwita minn konferenza kull sentejn, tagħti l-possibilità li jiġi vvalutat il-progress, tiġi analizzata r-rata ta' parteċipazzjoni, tiġi vvalutata l-effettività u tingħata viżibilità lix-xogħol.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Paga- menti 2013/ 2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
17 03	SAĦĦA PUBBLIKA								
<b>17 03 01</b>	<b>Thegħiġ tal-innovazzjoni fil-kura tas-saħħa u ż-żieda tas-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa, it-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-protezzjoni tagħhom minn theddidiet transfruntieri fuq is-saħħa</b>	3	54 041 000	26 366 428	52 870 000	8 697 500			
<b>17 03 10</b>	<b>Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard</b>	3	56 766 000	56 403 470	56 766 000	54 766 000	58 315 356,—	58 315 000,—	103,39
<b>17 03 11</b>	<b>Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel</b>	3	76 412 000	74 912 000	76 545 000	76 545 000	78 052 596,14	75 519 000,—	100,81
<b>17 03 12</b>	<b>Aġenzija Ewropea għall-Mediċini</b>								
17 03 12 01	Kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	3	24 716 000	24 716 000	31 333 000	23 730 082	33 560 440,—	33 560 440,—	135,78
17 03 12 02	Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni	3	6 800 000	6 800 000	6 000 000	6 000 000	6 768 000,—	6 677 360,—	98,20
	Artikolu 17 03 12 — Subtotal		31 516 000	31 516 000	37 333 000	29 730 082	40 328 440,—	40 237 800,—	127,67
<b>17 03 13</b>	<b>Ftehimiet internazzjonali u adeżjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk</b>	4	210 000	188 729	200 000	200 000	192 000,—	109 471,58	58,00
<b>17 03 51</b>	<b>Tlestija tal-programmi dwar is-saħħa pubblika</b>	3	p.m.	24 967 569	p.m.	30 370 000	51 853 688,79	49 638 990,59	198,81
<b>17 03 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
17 03 77 01	Proġett pilota — Sitwazzjoni ġdida tal-impjegi fis-settur tas-saħħa: l-aħjar prattiki għat-titjib tat-taħriġ professjonali u tal-kwalifiki tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa' u r-remunerazzjoni tagħhom	1,1	—	p.m.	p.m.	80 000	0,—	0,—	
17 03 77 02	Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima — Titjib tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>17 03 77</b>	(ikompli)								
17 03 77 03	Proġett Pilota — Konsum ta' Frott u Ħaxix	2	p.m.	250 000	—	700 000	0,—	397 745,68	159,10
17 03 77 04	Proġett pilota — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni	2	p.m.	630 000	—	600 000	1 000 000,—	282 402,60	44,83
17 03 77 05	Proġett pilota — Żvilupp u implimentazzjoni ta' strateġiji għall-prevenzjoni b'suċċess tad-dijabete tat-Tip 2	2	p.m.	300 000	—	300 000	0,—	0,—	0
17 03 77 06	Azzjoni preparatorja — Reżistenza antimikrobika (RAM): Riċerka dwar il-kawżi ta' użu antibijotiku frekwenti u mhux xieraq	2	p.m.	300 000	—	300 000	0,—	0,—	0
17 03 77 07	Azzjoni preparatorja — Ħolqien ta' netwerk ta' esperti tal-Unjoni fil-qasam ta' kura adattata għall-adolesxenti bi problemi psikoloġiċi	3	p.m.	262 000	p.m.	300 000	0,—	0,—	0
17 03 77 08	Proġett pilota — Protokoll Ewropew ta' Prevalenza għall-identifikazzjoni bikrija tad-disturbi tal-ispettru awtistiku fl-Ewropa	3	p.m.	551 000	800 000	790 000	1 300 000,—	0,—	0
17 03 77 09	Proġett pilota — Promozzjoni tas-sistemi tal-kura personali fl-Unjoni	3	p.m.	525 000	1 000 000	800 000	1 000 000,—	0,—	0
17 03 77 10	Proġett pilota — Mekka-niżmi speċifiċi għall-ġeneri fil-marda tal-arterji koronarji fl-Ewropa	3	p.m.	262 000	p.m.	300 000	1 000 000,—	0,—	0
17 03 77 11	Azzjoni Preparatorja — Konsum ta' Frott u Ħaxix	2	p.m.	225 000	750 000	675 000	0,—	0,—	0
17 03 77 12	Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa: bini ta' għarfien espert u evalwazzjoni ta' azzjonijiet.	2	p.m.	450 000	1 500 000	750 000			
17 03 77 13	Proġett pilota — L-iżvilupp ta' strateġiji bbażati fuq l-evidenza għat-titjib tas-saħħa ta' persuni iżolati u vulnerabbli	2	p.m.	300 000	1 000 000	500 000			
17 03 77 14	Azzjoni preparatorja — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni	2	p.m.	150 000	500 000	250 000			



## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
17 03 77 15	Azzjoni preparatorja — Studju Ewropew dwar il-piż u l-kura tal-epilessija	3	p.m.	324 000	1 230 000	615 000			
17 03 77 16	Proġett pilota — L-effett ta' modi ta' trattament differenti għall-mard fil-kliewi u d-donazzjoni ta' organi u l-prattiki tat-trapjanti fuq l-infiq fuq is-saħħar u l-eżiti tal-pazjenti	3	1 000 000	500 000					
17 03 77 17	Proġett pilota — Pjattaforma biex tiżdied id-donazzjoni ta' organi fl-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien: EUDONORG 2015-2016	3	600 000	300 000					
17 03 77 18	Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa esperjenzati mill-persuni LGBTI	3	450 000	225 000					
17 03 77 19	Proġett pilota — Access għall-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali	3	1 000 000	500 000					
	Artikolu 17 03 77 — Subtotal		3 050 000	6 054 000	6 780 000	6 960 000	4 300 000,—	680 148,28	11,23
	<b>Kapitolu 17 03 — Total</b>		<b>221 995 000</b>	<b>220 408 196</b>	<b>230 494 000</b>	<b>207 268 582</b>	<b>233 042 080,93</b>	<b>224 500 410,45</b>	<b>101,86</b>

**17 03 01** *Thegħiġ tal-innovazzjoni fil-kura tas-saħħa u ż-żieda tas-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa, it-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-protezzjoni tagħhom minn theddidiet transfruntieri fuq is-saħħa*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
54 041 000	26 366 428	52 870 000	8 697 500		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-kisba tal-oġġettivi stabbiliti permezz tal-programm pluriennali tas-“Saħħa Pubblika” għall-perjodu 2014-2020.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

## 17 03 01 (ikompli)

L-objettivi ġenerali tal-Programm għandhom ikunu li jikkomplimentaw, jagħti sostenn u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri li jtejjbu s-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni u jnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa bil-promozzjoni tas-saħħa, it-ttejjgħig tal-innovazzjoni fis-saħħa, iż-żieda tas-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa u l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni minn theddidiet transfruntieri fuq is-saħħa.

Il-Programm “Saħħa Pubblika” 2014-2020 jiffoka fuq erba’ objettivi speċifiċi:

- Jagħti sostenn għall-bini tal-kapaċità tas-saħħa pubblika u jikkontribwixxi għal sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli: Jidentifika u jiżviluppa għodda u mekkaniżmi fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta’ riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji, u jiffaċilita l-użu volontarju tal-innovazzjoni fl-istrateġiji ta’ interventi u prevenzjoni fis-saħħa pubblika,
- Jiffaċilita l-aċċess għall-kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini tal-Unjoni: Iżid l-aċċess għall-kompetenza medika u l-informazzjoni għal kundizzjonijiet speċifiċi anke lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, jiffaċilita l-applikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u jiżviluppa l-għodda għat-titjib fil-kwalità tal-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti permezz, inter alia, tal-azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-titjib fl-għarfien dwar is-saħħa,
- Jippromwovi s-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, u t-trawwim ta’ ambjenti li jagħtu sostenn lil stili ta’ haġja b’saħħithom: Jidentifika, ixxerred u jippromwovi l-użu ta’ prattiki tajba u msejsa fuq l-evidenza għal miżuri kosteffikaċi ta’ prevenzjoni tal-mard u promozzjoni tas-saħħa billi jindirizza b’mod partikolari l-fatturi ewlenin ta’ riskju relatati mal-istil ta’ haġja b’enfasi fuq il-valur miżjud tal-Unjoni,
- Jipproteġi ċ-ċittadini minn theddidiet transfruntieri serji fuq is-saħħa: Jidentifika u jiżviluppa approċċi koerenti u jippromwovi l-implimentazzjoni tagħhom għal tħejjija u koordinazzjoni aħjar fl-emerġenzi tas-saħħa.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f’din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f’konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta’ approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista’ jagħti lok għad-dispożizzjoni ta’ approprijazzjonijiet addizzjonali f’konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

## 17 03 10 Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

KUMMISSJONI  
TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** (ikompli)

**17 03 10** (ikompli)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
56 766 000	56 403 470	56 766 000	54 766 000	58 315 356,—	58 315 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa taċ-Ċentru fuq il-persunal u l-amministrazzjoni. B'mod partikolari, it-Titolu 1 ikopri s-salarji tal-personal permanenti u l-esperti sekondati, il-kostijiet relatati mar-reklutaġġ, is-servizzi interim, it-taħriġ tal-personal u l-ispejjeż tal-missjonijiet. Titolu 2 “Nefqa” jirrigwarda l-kera tal-uffiċini u faċilitajiet taċ-Ċentru, l-arredament tal-post, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-installazzjonijiet tekniċi, il-loġistika u spejjeż amministrattivi oħrajn.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operatorja relatata ma' dawn l-oqsma fil-mira li ġejjin:

- tisħiħ fis-sorvelljanza tal-mardiet komunikabbli ġewwa l-Istati Membri,
- tisħiħ tal-appoġġ xjentifiku mogħti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni,
- tisħiħ tal-istat ta' preparatezza tal-Unjoni kontra r-riskji emerġenti mill-mard komunikabbli speċjalment tal-Epatite B, inklużi riskji relatati mar-rilaxx intenzjonat tal-aġenti bioloġiċi, mard ta' oriġini mhux magħrufa, u l-koordinazzjoni tar-rispons,
- it-tisħiħ tal-kapaċità rilevanti fl-Istati Membri permezz tat-taħriġ,
- komunikazzjoni ta' informazzjoni u bini ta' sħubijiet.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-manutenzjoni tal-faċilità ta' emerġenza (Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza) li torbot onlajn liċ-Ċentru ma' ċentri nazzjonali tal-mard li jittieħed u laboratorji ta' referenza fl-Istati Membri fil-każ ta' tifqigħat ewlenin ta' mard li jittieħed jew mard ieħor ta' oriġini mhux magħrufa.

Iċ-Ċentru għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella tal-istabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness “Persunal” għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

## 17 03 10 (ikompli)

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 56 766 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1).

17 03 11 **Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
76 412 000	74 912 000	76 545 000	76 545 000	78 052 596,14	75 519 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operatorja relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Tkopri b'mod partikolari:

- spejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-kumitat xjentifiku u tal-gruppi xjentifiċi, gruppi ta' ħidma, il-forum konsultattiv, il-Bord ta' Ġestjoni u laqgħat mal-imsieħba xjentifiċi jew mal-partijiet interessati,
- spejjeż assoċjati mat-twaqqif ta' opinjonijiet xjentifiċi bl-użu ta' riżorsi esterni (kuntratti u sussidji),
- spejjeż assoċjati mal-ħolqien tan-networks tal-ġbir tad-dejta u l-integrazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti,
- spejjeż marbuta mal-ghajjnuna xjentifika u teknika lill-Kummissjoni (Artikolu 31),
- spejjeż assoċjati mal-identifikazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ loġistiku,

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** (ikompli)**17 03 11** (ikompli)

- spejjeż assoċjati mal-kooperazzjoni teknika u xjentifika,
- spejjeż assoċjati mat-tixrid ta' opinjonijiet xjentifiċi,
- spejjeż assoċjati ma' attivitajiet ta' komunikazzjoni.

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella tal-istabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 77 330 000. Ammont ta' EUR 918 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 76 412 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

**17 03 12** **Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

17 03 12 01 Kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 716 000	24 716 000	31 333 000	23 730 082	33 560 440,—	33 560 440,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 12 (ikompli)

17 03 12 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operatorja f'konnessjoni mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3), sabiex jitwettqu l-kompiti previsti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-Partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella tal-istabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness “Persunal” għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 26 215 000. Ammont ta' EUR 1 499 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 24 716 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1) (li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93).

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** (ikompli)**17 03 12** (ikompli)

17 03 12 01 (ikompli)

*Atti ta' referenza*

Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli għall-intrapriżi żgħar u medji dwar ħlasijiet lil u jirċievu assistenza amministrattiva mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

## 17 03 12 (ikompli)

## 17 03 12 02 Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 800 000	6 800 000	6 000 000	6 000 000	6 768 000,—	6 677 360,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000, kontra kif stipulat fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004. Tintuża mill-Aġenzija biss biex tikkompensa t-telfien parzjali jew totali ta' pagamenti li jkunu assenjati għal prodott mediku orfni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 6 800 000.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).



## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 13 **Ftehimiet internazzjonali u adeżjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
210 000	188 729	200 000	200 000	192 000,—	109 471,58

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribut tal-Unjoni għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (FCTC), li l-Komunità rratifikat u li tagħha l-Unjoni hija parti.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2004 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Kwadru tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 8).

17 03 51 **Tlestija tal-programmi dwar is-saħħa pubblika**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	24 967 569	p.m.	30 370 000	51 853 688,79	49 638 990,59

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjonijiet Nru 1786/2002/KE u Nru 1350/2007/KE.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiġdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jaqgħu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jaqgħu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

## 17 03 51 (ikompli)

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

17 03 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

17 03 77 01 Proġett pilota — Sitwazzjoni ġdida tal-impjegi fis-settur tas-saħħa: l-aħjar prattiki għat-titjib tat-taħriġ professjonali u tal-kwalifiki tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa' u r-remunerazzjoni tagħhom

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	p.m.	80 000	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 02 Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima — Titjib tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** (ikompli)**17 03 77** (ikompli)

## 17 03 77 03 Proġett Pilota — Konsum ta' Frott u Ħaxix

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	250 000	—	700 000	0,—	397 745,68

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 17 03 77 04 Proġett pilota — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	630 000	—	600 000	1 000 000,—	282 402,60

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

## 17 03 77 (ikompli)

17 03 77 05 Proġett pilota — Żvilupp u implimentazzjoni ta' strateġiji għall-prevenzjoni b'suċċess tad-dijabete tat-Tip 2

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	—	300 000	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 06 Azzjoni preparatorja — Reżistenza antimikrobika (RAM): Riċerka dwar il-kawżi ta' użu antibijotiku frekwenti u mhux xieraq

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	—	300 000	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** (ikompli)**17 03 77** (ikompli)

17 03 77 07 Azzjoni preparatorja — Ħolqien ta' netwerk ta' esperti tal-Unjoni fil-qasam ta' kura adattata għall-adolexxenti bi problemi psikoloġiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	262 000	p.m.	300 000	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 08 Proġett pilota — Protokoll Ewropew ta' Prevalenza għall-identifikazzjoni bikrija tad-disturbi tal-ispettru awtistiku fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	551 000	800 000	790 000	1 300 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

## 17 03 77 (ikompli)

## 17 03 77 09 Proġett pilota — Promozzjoni tas-sistemi tal-kura personali fl-Unjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	525 000	1 000 000	800 000	1 000 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 17 03 77 10 Proġett pilota — Mekkaniżmi speċifiċi għall-ġeneri fil-marda tal-arterji koronarji fl-Ewropa

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	262 000	p.m.	300 000	1 000 000,—	0,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

## 17 03 77 (ikompli)

## 17 03 77 11 Azzjoni Preparatorja — Konsum ta' Frott u Ħaxix

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	225 000	750 000	675 000	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

L-azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan li jiżdied il-konsum tal-frott u l-ħaxix frisk fil-gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli (nisa tqal bi dħul baxx u t-tfal taqgħom, persuni anzjani, eċċ.), sabiex tittejjeb is-saħħa pubblika u tiġi stimolata d-domanda fis-suq tal-frott u l-ħaxix.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 17 03 77 12 Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa: bini ta' għarfien espert u evalwazzjoni ta' azzjonijiet.

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	450 000	1 500 000	750 000		

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-istabbiliment ta' proġett pilota li jtejjeb il-qsim ta' għarfien u azzjonijiet biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa fl-Unjoni — b'mod partikolari fl-Istati Membri u fir-reġjuni bl-akbar b'zonnijiet, u għal riċevituri ta' fondi ta' koeżjoni.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 12 (ikompli)

Għandu jistabbilixxi netwerk ta' skambju bejn esperti u konsulenti ta' politika madwar l-Unjoni, li jiffoka fuq l-appoġġ u t-taħriġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki, kif ukoll numru ta' attivitajiet speċifiċi li jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-saħħa fil-livell nazzjonali u subnazzjonali/regjionali.

Il-prijoritajiet għan-netwerk se jinkludu, b'mod partikolari, żvilupp ta' għarfien espert fi kwistjonijiet relatati mal-effikaċja tal-prevenzjoni ta' politiki, differenzi u diskriminazzjoni fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, kif ukoll strateġiji li jtaffu l-fattori soċjali, ambjentali u ta' imġiba li jikkontribwixxu għall-inugwaljanzi tas-saħħa.

Il-proġett pilota għandu wkoll iwettaq rieżami u evalwazzjonijiet ta' attivitajiet li jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-saħħa li diġà jirċievu appoġġ mill-fondi strutturali u mill-programmi tal-Unjoni. Attivitajiet speċifiċi mwettqa skont dan il-proġett pilota se jiġu definiti wara proċess ta' konsultazzjoni fost l-Istati Membri involuti u fost il-parteċipanti interessati fil-qasam ta' politika tas-saħħa pubblika u ta' kura tas-saħħa.

Dan il-proġett pilota se jkollu l-għan li jtejjeb s-sensibilità u l-għarfien fi gruppi mira ewlenin għal politika dwar l-importanza li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fis-saħħa u l-oppurtunitajiet biex dan isir, b'mod partikolari permezz tal-fondi strutturali. Għandu wkoll jeżamina mill-ġdid u jevalwa azzjonijiet meħuda permezz tal-fondi u l-programmi strutturali f'din il-kwistjoni, biex b'hekk ikun promoss l-iżvilupp ta' tfassil ta' politika aħjar fil-futur.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 13 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' strateġiji bbażati fuq l-evidenza għat-titjib tas-saħħa ta' persuni iżolati u vulnerabbli

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

Madwar l-Istati Membri qed tiżdied b'mod qawwi l-okkorrenza ta' mard li ma jitteħidx (NCD). Fl-istess ħin, aktar u aktar Ewropej qed isibu problemi biex jiffaċċjaw problemi li jitrattaw pereżempju l-obeżità u s-saħħa mentali. Il-persuni iżolati u vulnerabbli, b'mod partikolari jiġġieldu l-problemi marbuta mad-detorjament tas-saħħa. Kemm l-irġiel, kif ukoll in-nisa, jsofru minn nuqqas ta' saħħa għalkemm il-kwistjonijiet dwar is-saħħa mhumiex l-istess u għandhom jiġu indirizzati b'mod differenti.



**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 13 (ikompli)

Fl-2011 il-Kummissjoni ppubblikat rapport komprensiv dwar l-istat tas-saħħa tal-irġiel Ewropej li xehed inugwaljanzi importanti bejn is-saħħa tan-nisa u tal-irġiel. Waħda mid-dikjarazzjonijiet ewlenin tar-rapport hi "It-titjib tas-saħħa tal-irġiel għandu wkoll benefiċċji diretti u indiretti fuq in-nisa u t-tfal." Fl-2009, il-Kummissjoni ppubblikat rapport simili dwar l-istat tas-saħħa tan-nisa Ewropej.

Jidher li hemm rikonoxximent dejjem akbar tal-fatt li l-problemi tas-saħħa tal-irġiel u tan-nisa għandhom jiġu trattati minn aspetti differenti u għalhekk dan il-proġett għandu l-oġġettivi li ġejjin:

- li jiġbor u jevalwa — pereżempju permezz tal-Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea (ECHI) — l-informazzjoni eżistenti dwar id-differenti bejn is-saħħa tal-irġiel u tan-nisa (b'mod partikolari f'dawk iżolati u vulnerabbli) fl-Istati Membri parteċipanti u dwar il-prattiki eżistenti biex tkun indirizzata din il-kwistjoni,
- li jżid l-għarfien dwar l-istili ta' ħajja u l-attitudnijiet lejn is-saħħa, prevenzjoni, trattament u rijabilitazzjoni individwali (inkluż mentali) ta' persuni iżolati u vulnerabbli u r-raġunijiet għalfejn jidher li hemm riluttanza akbar f'dan il-grupp partikolari ta' persuni biex jinbidlu l-istili ta' ħajja u biex tintalab l-għajjnuna tat-tobba jew ta' servizzi tas-saħħa oħrajn. L-istudji jistgħu jkunu kemm partikolari fuq il-marba kif ukoll ibbażati fuq il-popolazzjoni,
- li janalizza s-sistemi tas-saħħa madwar l-Istati Membri differenti biex jiġu identifikati l-kawżi tan-nuqqas ta' użu tas-servizzi tas-saħħa mill-gruppi anqas vantaġġati u x'jista' jsir biex dawn jiġu indirizzati,
- abbażi tal-evidenza miġbura jiġu żviluppata u ttestjati strateġiji immirati (ġeneru) biex titjeb is-saħħa ta' dawn il-persuni, u biex ikun iffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-servizzi tas-saħħa u biex jiġu evitati l-problemi għas-saħħa,
- li jqassam ir-riżultati u l-eżempji tal-aħjar Prattika lill-Istati Membri, b'mod partikolari lill-fornituri tas-saħħa fis-settur primarju u biex iħeġġeġ l-eżami tar-riżultati.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 14 Azzjoni preparatorja — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjij tal-popolazzjoni

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	150 000	500 000	250 000		

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 14 (ikompli)

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Din l-azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan li tenfasizza l-importanza ta' dieta korretta u tajba għas-saħħa bi ffukar fuq il-popolazzjoni li qed tixjeh.

Il-fatt li l-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjeh huwa fenomenu demografiku kkawżat mit-tnaqqis fil-fertilità u ż-żieda fit-tal-ħajja mistenni fost iċ-ċittadini Ewropej.

Il-popolazzjoni tal-Ewropa mistennija tixjeh matul l-erbgħin sena li ġejjin u dan il-fenomenu huwa marbut mill-qrib ma' kwistjonijiet ta' nutrizzjoni.

Kif rikonoxxut f'bosta studji, in-nutrizzjoni għandha impatt qawwi u importanti fit-trattament u l-prevenzjoni ta' bosta mard kif ukoll fiż-żamma ta' saħħa tajba u tal-kwalità tal-ħajja f'popolazzjoni li qed tixjeh.

Iktar ma tavvanza l-età hemm inċidenza għolja ta' mard kroniku. L-evidenza tindika l-effett importanti tan-nutrizzjoni, u b'mod partikolari ta' dieta bilanċjata u tajba għas-saħħa, ibbażata fuq il-frott u l-ħaxix, u fuq is-suxxettibilità għal tali mard, u l-iżvilupp u r-riżultat tagħhom.

Dan il-proġett ifittex ukoll jipprovi informazzjoni dwar in-nutrizzjoni lill-ġenituri u lit-tfal. Hu jiffoka fuq l-ewwel snin tal-ħajja, u għalhekk jista' jkopri n-nutrizzjoni ta' qabel it-twelid, it-treddiġ u n-nutrizzjoni fit-tfulija. Il-proġett għandu żewġ objettivi ewlenin, li jeduka lill-ġenituri dwar l-importanza ta' nutrizzjoni tajba għal uliedhom, u li jeduka lit-tfal biex konxjament jagħmlu għażliet favur stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa matul ħajjithom kollha. Il-proġett jopera fil-qafas tal-Programm Saħħa u jindirizza speċifikament żewġ objettivi predominanti tal-programm: li tiġi promossa s-saħħa u jtnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa, u li tinxterd l-informazzjoni dwar is-saħħa.

Din l-azzjoni preparatorja se tipprova tilħaq l-udjenzi li huwa mmirat lejhom permezz ta' firxa ta' mezzi, bħall-klassijiet ta' qabel it-twelid, l-isptarijiet, in-nurseries u l-istabbilimenti ta' qabel l-iskola, u l-iskejjel. Għandha tinvolvi organizzazzjonijiet xierqa tas-soċjetà ċivili, bħall-NGOs fil-qasam tas-saħħa, kif ukoll il-professionisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa bħal, pereżempju pedjatri u qwiebel, u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali tas-saħħa. Il-kooperazzjoni bejn dawn l-atturi differenti għandu jkollha l-għan li tipprovi edukazzjoni mmirata dwar in-nutrizzjoni, indipendentement mill-industrija tal-ikel, kemm lill-ġenituri kif ukoll lit-tfal. Il-kampanji ta' informazzjoni jistgħu jitnedew f'forma ta' fuljetti (biex jingħataw, pereżempju, mill-qwiebel lin-nisa tqal, jew mill-pedjatri lill-ġenituri) jew ta' preżentazzjonijiet fl-iskejjel.

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 14 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' thejġija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 15 Azzjoni preparatorja — Studju Ewropew dwar il-piż u l-kura tal-epilessija

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	324 000	1 230 000	615 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejġija.

L-epilessija hija marda tal-moħħ karatterizzata minn predispożizzjoni dewwiema li tiġġenera attacchi epilettiċi, u minn konsegwenzi newrobijoloġiċi, konjittivi, psikoloġiċi, u soċjali ta' din il-kundizzjoni. Tal-aħħar jinkludu mewt prematura, stigmatizzazzjoni, esklużjoni soċjali, u tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja. Filwaqt li huma disponibbli trattamenti effettivi, jeżistu ostakli fir-rigward tal-aċċess għall-kura tas-saħħa li jikkawżaw diskrepanzi sinifikanti fit-trattamenti. Stħarriġ Ewropew li sar aktar minn deċennju ilu indika li kien hemm riżorsi insuffiċjenti u diskrepanzi importanti fid-disponibilità tal-kura tal-epilessija fost l-Istati Membri, iżda s-sitwazzjoni attwali mhijiex magħrufa. B'żieda mad-diffikultajiet fl-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati, l-istimi tal-prevalenza u l-kost tal-epilessija fl-Ewropa jvarjaw b'mod konsiderevoli. Analiżi riċenti mill-European Brain Council stmat li madwar 2.6 miljun persuna fl-Ewropa għandhom l-epilessija, filwaqt li rapport WHO/ ILAE/IBE jistima li madwar 6 miljun persuna fl-Ewropa jbatu mill-epilessija. Ir-rata reali ta' prevalenza tal-epilessija probabbilment tista' tvarja xi ftit bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, u possibbilment anke maż-żmien. Madankollu, mhuxwiex ċar jekk ir-raġunijiet għall-varjabilità kemm bejn il-pajjiżi u kemm fil-pajjiżi stess frati ta' prevalenza rrappurtati fl-Ewropa humiex spjegati minn differenzi reali fil-prevalenza, minn differenzi fil-metodoloġija u n-nuqqas ta' data affidabbli, jew minn kombinazzjoni ta' dawn kollha.

Il-piż tal-epilessija fl-Ewropa huwa għalhekk qasam karatterizzat minn nuqqasijiet konsiderevoli fl-għarfien b'pajjiżi u reġjuni maġġuri mhux riċerkati, u minn osservazzjonijiet konfliġġenti fil-pajjiżi fejn twettqet tali riċerka. Għalhekk hemm hteġa urġenti għal studju komprensiv aktar definittiv fl-Ewropa kollha dwar il-piż tal-epilessija u l-aċċess għall-kura tas-saħħa permezz tal-użu ta' metodoloġija xierqa u standardizzata. L-informazzjoni li tirriżulta minn dan l-istudju se tkun essenzjali għall-pjanijiet ta' azzjoni inklużi deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-provvediment ta' kura għall-epilessija sostenibbli, adegwata, ugwali u kosteffettiva fl-Ewropa kollha. Approċċ immirat għat-twassil tal-kura huwa speċjalment importanti għal kundizzjoni bħall-epilessija li tirrapporta piż għoli ta' mard. Il-konfigurazzjoni tat-twassil tas-servizzi tal-kura tas-saħħa sabiex jittaffa dan il-piż fl-Ewropa kollha teħtieġ data preċiża mhux biss dwar dawk li jeħtieġu trattament, dwar attitudnijiet lejn l-epilessija fis-soċjetà u dwar ostakli eżistenti għall-aċċess għall-kura tas-saħħa, iżda wkoll dwar il-kost ekonomiku tal-kura.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 15 (ikompli)

Hu mistenni li studju fuq din l-iskala jkollu impatt kbir fuq l-identifikazzjoni ta' jekk hemmx żoni fl-Ewropa fejn l-epilessija tista' tiġi vvalutata definittivament bħala aktar prevalenti minn oħrajn. Wieħed jittama li dak l-istudju jipprovdi wkoll evidenza konklużiva tar-rata ta' prevalenza tal-epilessija fl-Unjoni li jkollha impatt kbir fuq kif il-marda hija meqjusa f'termini ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi. Bl-istess mod, studju tal-kostijiet jippermetti ppjanar aħjar għall-ġestjoni ta' din il-marda. L-istudju huwa mistenni li jidentifika nuqqasijiet f'dak li attwalment huwa meqjus bħala kura frammentata tal-epilessija b'differenzi kbar fir-riżorsi bejn l-Istati Membri u kif ukoll il-hteġa għal edukazzjoni tal-pubbliku u l-ħaddiema fil-kura tas-saħħa biex jiġġieldu kontra l-istigma assoċjata mal-epilessija. L-istudju Ewropew uniku propost se jiffaċilita azzjoni pan-Ewropea kkoordinata biex tiżgura kura ugwali għall-epilessija u kwalità tal-ħajja għall-persuni li jbatu mill-epilessija. Se juri wkoll il-hteġa għall-Istati Membri individwali biex itejbu l-aċċessibilità tal-kura tal-epilessija, li fl-aħħar ittejjeb il-ħajja tal-persuni li jbatu mill-epilessija fl-Ewropa u tnaqqas il-kostijiet tal-marda.

*Objettiv tal-proġett*

L-objettiv tal-proġett huwa li jivvaluta l-piż tal-epilessija kif ukoll il-kura tas-saħħa tal-epilessija disponibbli fl-Unjoni Ewropea sabiex tinbena pjattaforma tal-informazzjoni kkoordinata fl-Istati Membri kollha tal-UE bl-involvement tal-NGOs, partijiet interessati u organizzazzjonijiet governattivi fir-rigward tal-piż tal-epilessija. Prattiki tajba se jiġu identifikati u se jsiru rakkomandazzjonijiet għal kura tas-saħħa aħjar madwar l-Unjoni kollha.

*L-objettiv strateġiku* huwa li tingħata d-data neċessarja għall-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati għall-kura ta' kwalità għolja għall-epilessija ugwali fl-Istati Membri kollha u b'hekk jitneħħew id-diskrepanzi fit-trattament, jiġu evitati l-konsegwenzi devastanti tal-epilessija, jitnaqqsu l-qgħad, l-istigma, u l-iżolament, u tiġi żgurata kwalità tal-ħajja mtejba għall-persuni li jbatu mill-epilessija, b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tad-Dikjarazzjoni bil-Miktub dwar l-Epilessija tal-Parlament Ewropew.

*Deskrizzjoni tal-proġett*

Dan il-proġett kieku l-ewwel jiddefinixxi metoloġija standardizzata xierqa għall-istudju dwar l-istigma ul-attitudnijiet pubbliċi relatati mal-epilessija u l-inċidenza, il-prevalenzau l-kost tagħha u l-aċċess għall-organizzazzjoni u l-kura tal-epilessija. L-azzjoni proposta hija studju standardizzat, prospettiv u bbażat fuq il-popolazzjoni mwettaq f'reġjuni rappreżentattivi fi 8-12-il Stat Membru tal-UE. Dawn se jintgħażlu biex jirrappreżentaw lir-reġjuni kollha tal-Unjoni, Lvant, Punent, Tramuntana u Nofsinhar, u biex jinkludu pajjiżi fejn m'hemmx data disponibbli. Ċerti pajjiżi fejn id-data hija disponibbli minn riċerka preċedenti se jkun wkoll inklużi biex jippermettu l-validazzjoni tal-metoloġija attwali. Timijiet tar-riċerka se jiġu stabbiliti fil-pajjiżi parteċipanti. Dawn se jużaw metoloġija b'sorsi differenti biex ifittxu f'żona ġeografika definita sptarijiet, istituzzjonijiet, prattikanti ġenerali, laboratorji EEG rilevanti biex jaċċertaw każijiet li jissodisfaw il-kriterji għall-epilessija kif definit mill-ILAE. L-għan huwa li jtkoprew kull grupp ta' età, dewmien tal-mard, u severità. Il-kost tal-kura tas-saħħa u l-kostijiet mhux mediċi diretti kif ukoll kostijiet indiretti se jiġu determinati prospettivament matul perjodu ta' sena għal kull każ ta' epilessija kif ukoll għall-kontrolli mqabbla mingħajr epilessija. L-analiżi se tinkludi valutazzjonijiet ta' stigma, kwalità tal-ħajja, impjeg u aċċess għall-kura tas-saħħa. It-timijiet tar-riċerka lokali se jużaw kwestjonarji validati biex jivvalutaw għarfen u attitudnijiet lejn l-epilessija fost il-pubbliku u l-professionisti tal-kura tas-saħħa fir-reġjuni tagħhom kif ukoll jispezzjonaw l-organizzazzjoni tas-saħħa reġjonali għall-kura tal-epilessija.

Ir-riżultati jintużaw biex jifformulaw rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika inklużi metodi ta' segwitu għall-implimentazzjoni u s-sostenibilità tagħhom.

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 15 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 16 Proġett pilota — L-effett ta' modi ta' trattament differenti għall-mard fil-kliwi u d-donazzjoni ta' organi u l-prattiki tat-trapjanti fuq l-infiq fuq is-saħħar u l-eżiti tal-pazjenti

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

## Kummenti

## Ambitu propost għall-investigazzjoni:

Iktar minn 10 % tal-Ewropej ibatu minn mard tal-kliwi kroniku (CKD), b'riskju għoli li jiggrava għal falliment tal-kliwi totali li jkun jeħtieġ terapja ta' sostituzzjoni tal-kliwi - jew dijaliżi jew trapjant. L-epidemija dejjem tikber tad-dijabete u l-mard kardjovaskulari qed iżżid dawn in-numri. Id-dijaliżi tiddependi ħafna fuq ir-riżorsi, bi spiża ta' EUR 40 000 sa EUR 80 000 għal kull pazjent, fis-sena skont il-pajjiż u l-metodu, filwaqt li t-trapjant ta' kilwa jiswa daqs id-dijaliżi fl-ewwel sena, iżda inqas minn 40 % ta' dak l-ammont fis-snin sussegwenti. Il-prospetti, inkluża l-istennija tat-tul ta' ħajja u l-kwalità tal-ħajja, dejjem huma aqwa wara trapjant ta' kilwa milli wara dijaliżi. Kważi 50 000 Ewropew jinsab fuq il-lista ta' stennija għal kilwa, minħabba n-nuqqas attwali ta' organi donati, xi wħud minnhom imutu waqt li jistennew.

Dan il-proġett pilota jqabbel, minn perspettiva makroekonomika, tad-diversi modi ta' trattament għal CKD fl-Istati Membri billi jinvestiga l-fatturi li jinfluwenzaw l-għażla tat-trattament (mill-pazjent jew it-tabib) u l-impatt ta' dik l-għażla fuq il-baġits tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, il-proġett jeżamina l-ostakoli għar-rati tad-donazzjoni u t-trapjanti. Huwa jwieġeb il-mistoqsija: "Liema hija r-raġuni għad-differenza enormi fil-prattika tal-ġestjoni globali tas-CKD u l-aċċess għat-trapjant fl-Ewropa, u dawn il-prattiki kif jistgħu jiġu armonizzati sabiex tiġi żgurata kwalità ugwali u mtejba tal-kura filwaqt li jitnaqsu l-ispejjeż?"

Fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, huwa kruċjali li jinsabu mezzi għat-titjib tal-effiċjenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri. Fit-trattament tas-CKD, iż-żewġ modi ta' trattament ewlenin huma disponibbli bħalissa: id-dijaliżi u t-trapjant tal-kliwi.

Fir-rigward tad-dijaliżi, hu meħtieġ li jkun valutat liema tip ta' dijaliżi jagħti riżultat aħjar minn żewġ perspettivi: l-ewwel, għall-pazjent (kwalità mtejba tal-ħajja u aċċettazzjoni aħjar) u t-tieni, mil-lat ekonomiku tas-saħħa.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 16 (ikompli)

It-trapjant mhuwiex użat daqs id-dijaliżi, minkejja l-fatt li joffri kwalità tal-ħajja ħafna aħjar u hu iktar kosteffiċjenti. B'hekk, valutazzjoni tad-diversi Prattiki organizzattivi nazzjonali li għandhom rwol fil-faċilitazzjoni tat-trapjant (jiġifieri diversi politiki ta' donaturi tal-organi, sistemi ta' kunsens differenti, l-eżistenza ta' koodrinaturi tat-trapjanti, ftehimiet bilaterali jew multilaterali għall-iskambju transkonfinali ta' organi bejn Stati Membri, eċċ) hi essenzjali sabiex jiġu identifikati u appoġġati l-prattiki li fl-aħħar mill-aħħar għandhom effett sinifikanti fuq iż-żminijiet ta' stennija għal trapjanti.

Dawn id-differenzi fil-politiki tad-donaturi jaffettwaw ħafna ż-żmien ta' stennija għal trapjant, u ż-żminijiet ta' stennija twal għad-dijaliżi għandhom ħafna effetti ħżiena fuq il-kandidati ta' trapjant tal-kliewi:

- Ir-rata ta' mewt meta jkunu fuq dijaliżi hija ogħla meta mqabbla mar-rata ta' sopravivenza wara trapjant,
- iktar ikun twil iż-żmien ta' stennija fuq dijaliżi, inqas jirnexxi t-trapjant u inqas jissopravivi l-pazjent,
- fl-aħħar, l-ispejjeż tad-dijaliżi huma ħafna ogħla minn dawk assoċjati ma' trapjant tal-kliewi li jiffunzjona, li jfisser li iktar ma jkun twil iż-żmien ta' stennija fuq dijaliżi, iktar ikun għoli l-infiq totali.

Dawn il-fatturi għandhom impatt sinifikanti mhux biss fuq l-aċċess għat-trapjant iżda wkoll fuq l-infiq totali għat-trattament ta' CKD. Għalhekk, hu kritiku li tinġabar l-informazzjoni meħtieġa dwar l-impatt tagħhom fuq l-eżiti tat-trattament finali, f'termini kemm ta' kwalità tal-kura kif ukoll tal-kosteffiċjenza.

Bħalissa, xi Stati Membri huma organizzati aħjar minn oħrajn fir-rigward tat-trattament ta' dijaliżi u t-trapjant tal-kliewi. Dan jirriżulta mill-fatt li xi Stati Membri inkludew ir-rwol tal-koordinazzjoni tad-donaturi tat-trapjanti fl-istrutturi nazzjonali tagħhom u stabbilixxew kollaborazzjoni permezz ta' networks speċjalizzati bħal Eurotransplant u Scandi-atransplant.

Dan il-proġett jivvaluta s-sitwazzjoni fl-Istati Membri, jaqsam u jibni fuq l-għarfien espert u d-data mill-inizjattivi eżistenti u r-reġistri. Barra minn hekk, il-proġett iqis ix-xogħol li sar fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjant, u proġetti oħra fil-qasam, bħal ETPOD, EULID, ELUPSY u l-Azzjoni Konġunta tal-ACCORD li tiffoka fuq d-donazzjoni qabel il-mewt.

Peress li l-progress fl-implimentazzjoni tal-politiki tas-saħħa, inklużi l-politiki tad-donazzjoni u l-politiki tal-lista ta' stennija, hija r-responsabilità tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, il-proġett se jinvolvi lil dawk l-awtoritajiet f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet speċjalizzati bħas-Soċjetà Ewropea tat-Trapjanti tal-Organi (ESOT) u l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Koordinaturi tat-Trapjanti (ETCO) u se jagħtihom l-aċċess għal dak l-input ta' esperti tal-organizzazzjonijiet.

*Riżultati mistennija*

Fil-qosor, l-investigazzjoni ta' ħafna fatturi li jinfluwenzaw l-għażla tal-mod ta' trattament tas-CKD għal pazjenti tal-kliewi u d-diversi Prattiki organizzattivi li għandhom rwol fil-faċilitazzjoni tat-trapjanti tal-kliewi tgħin biex ikun hemm Prattiki ta' trattament għall-mard tal-kliewi mtejba u iktar kost effiċjenti fl-Istati Membri.

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 16 (ikompli)

L-għan globali tal-proġett hu li jipprovdi idea ġenerali tad-diversi modi ta' trattament u l-fatturi li jinfluwenzaw l-għażla ta' dawk il-modalitajiet fl-Istati Membri, bil-għan li jarmonizza t-trattamenti għall-mard tal-kliewi tal-aħħar stadju u biex itejjeb id-disponibbiltà tat-trapjanti madwar l-Istati Membri, filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u tittejjeb il-kwalità tal-kura.

Hu mistenni li xi Stati Membri li jipparteċipaw fil-proġett ikunu jistgħu jużawh bħala pass 'il quddiem lejn l-implimentazzjoni tajba tad-Direttiva 2010/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 Lulju 2010 dwar l-istandards tal-kwalità u s-sigurezza ta' organi umani maħsuba għal trapjanti u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 14).

Data tal-bidu tal-proġett: Ġunju 2015.

Data tat-tmiem tal-proġett: Ġunju 2017.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 17 Proġett pilota — Pjattaforma biex tiżdied id-donazzjoni ta' organi fl-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien: EUDO-NORG 2015-2016

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
600 000	300 000				

Kummenti

Dan il-proġett pilota bbażat fuq it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni soċjali li tippromwovi riflessjoni pubblika dwar id-donazzjoni tal-organi fost iċ-ċittadini. Dan jinkludi t-taħriġ dwar it-trapjanti għal attivisti soċjali li jgħaddu l-aspetti pożittivi prinċipali lis-soċjetà.

Il-proġett huwa għas-soċjetà sħiħa, b'enfasi speċjali fuq il-familji, l-atturi ekonomiċi u soċjali u l-professjonisti tas-saħħa bħala attivisti soċjali potenzjali li jappoġġaw id-donaturi u r-riċeventi ta' organi.

Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni jiġu organizzati fl-iskejjel u l-istabbilimenti tat-taħriġ vokazzjonali sabiex tiżdied id-donazzjoni ta' organi u ta' tessuti u jittejjeb il-proċess ta' distribuzzjoni u r-rati ta' trapjanti.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 17 (ikompli)

Il-kunsens espress u preżunt jitħeġġeġ sabiex jizzied l-għadd ta' donaturi.

Prattiki tajba, li jestendu għat-telemediċina jkunu maqsuma. Isiru rakkomandazzjonijiet f'kollaborazzjoni mal-awtoritaz-  
zjonijiet u l-professjonisti tas-saħħa.

Titwaqqaf bażi ta' data tad-donazzjoni ta' organi u ta' trapjanti għall-Unjoni u l-pajjiżi ġirien bil-għan li:

— tiġi analizzata s-sitwazzjoni preżenti fl-Unjoni u l-pajjiżi ġirien,

— Jiġi pprovdunti indikaturi għall-monitoraġġ tar-rendiment globali fil-ġestjoni ta' organi donati u ttrapjantati.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 18 Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa esperjenzati mill-persuni LGBTI

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
450 000	225 000				

*Kummenti**L-għanijiet*

(1) Li jinfehmu aħjar l-inugwaljanzi speċifiċi tas-saħħa li jesperjenzaw il-persuni lesbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI), li jiffukaw b'mod partikolari fuq inugwaljanzi doppji li jirriżultaw minn diskriminazzjoni għal raġunijiet oħra (eż l-età, id-diżabilità, ir-razza u l-etniċità) u l-barrieri li jaraw ma' wiċċhom il-professjonisti tas-saħħa meta jkunu qegħdin jagħtu kura lil dawk il-gruppi.

(2) Li l-professjonisti tas-saħħa jingħataw għodod speċifiċi biex jiġi żgurati li huma jkollhom il-ħiliet it-tajba u l-għarfien biex jegħilbu dawk il-barrieri u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa.



## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 18 (ikompli)

## Deskrizzjoni

Dan il-proġett ikompli mill-proġett tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali “L-awtoritajiet pubbliċi u d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBT” li fih il-professjonisti tal-kura tas-saħħa ġew intervistati dwar inugwaljanzi speċifiċi tas-saħħa li jsibu ma’ wiċċhom il-persuni LGBTI. Huwa jikkomplementa l-proġetti pilota “Tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa: bini tal-kompetenza u valutazzjoni tal-azzjonijiet” (Partita 17 03 77 12) u “Żvilupp ta’ strateġiji bbażati fuq l-evidenza biex tittejjeb is-saħħa tal-persuni iżolati u vulnerabbli” (Partita 17 03 77 13), li jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa, iżda mhux kif jiġu esperjenzati mill-persuni LGBTI. Biex timtela dik il-lakuna, dan ikun il-punt fokali ta’ dan il-proġett.

## Eżiti

- (1) Tinġabar informazzjoni dwar inugwaljanzi tas-saħħa speċifiċi esperjenzati mill-persuni LGBTI; tingħata attenzjoni partikolari lil dawk fi ħdan dan il-grupp li jinsabu friskju ta’ inugwaljanza bħala riżultat tal-età, id-diżabilità, irrazza jew l-isfond etniku tagħhom.
- (2) Il-professjonisti tas-saħħa jkunu konxji kemm ta’ dawk l-inugwaljanzi tas-saħħa u kemm tal-barrieri li jiffaċċjaw huma stess meta jkunu qed jaġhtu kura lil dawk il-gruppi. Huma jkollhom dak li hemm bżonn biex jegħlbu dawn il-barrieri permezz ta’ moduli ta’ taħriġ.
- (3) Il-moduli ta’ taħriġ isiru disponibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha fil-qasam tas-saħħa fl-Unjoni kollha kemm hi.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 19 Proġett pilota — Access għall-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali

## Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjati)

Approprazzjonijiet 2015		Approprazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

## Kummenti

Il-proġett pilota ngħata l-klassifikazzjoni A mill-Kummissjoni (pre-valutazzjoni). Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta’ April 2014 dwar sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti enfasizzat li l-aċċessibilità għall-kura tas-saħħa kienet waħda mit-tliet pilastri tal-aġenda tal-UE għal sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u resiljenti.

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 19 (ikompli)

L-aċċess għall-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali hija problema partikolari fi Stati Membri varji. Hekk kif il-popolazzjonijiet jiċċaqilqu lejn żoni urbani, ħaġa li tirriżulta fit-tħassir tal-bliet ta' daqs żgħir u medju, il-kwistjoni dwar l-għoti adegwat tal-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali l-ġodda se ssir ta' importanza akbar fi Stati Membri oħra wkoll.

Il-proġett jgħin biex inaqqs id-disparitajiet fl-aċċessibilità għall-kura tas-saħħa u jiżgura aċċess ekwu fiż-żoni rurali fi ħdan u fost l-Istati Membri kollha. Jiġu identifikati u skambjati Prattiki tajba dwar il-politiki u l-għodod utilizzati biex jittejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali, filwaqt li jitqiesu fatturi bħalma huma l-aċċess għall-faċilitajiet u għall-professjonisti mediċi, kif ukoll il-kost tal-kura tas-saħħa u kemm hi affordabbli, l-aħjar daqs tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-iskop li ssir kollaborazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri. L-attivitajiet speċifiċi li jridu jitwettqu skont dan il-proġett se jiġu stipulati wara proċess ta' konsultazzjoni fost l-Istati Membri u l-parteċipanti ikkonċernati fil-qasam tal-politika tas-saħħa pubblika u l-politika tal-kura tas-saħħa.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANIMALI, BENESSERI TAL-ANIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
17 04	SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANIMALI, BENESSERI TAL-ANIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI								
17 04 01	<i>Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell ogħla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni</i>	3	178 500 000	138 351 838	180 000 000	4 000 000			
17 04 02	<i>Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradi-kazzjoni tagħhom</i>	3	10 000 000	7 190 844	5 000 000	3 000 000			
17 04 03	<i>Żgurar ta' kontrolli effikaċi, effiċjenti u affidabbli</i>	3	47 360 000	28 763 376	45 724 000	15 000 000			
17 04 04	<i>Fond għal miżuri ta' emerġenzi b'rabta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti</i>	3	20 000 000	9 587 792	20 000 000	7 500 000			
17 04 10	<i>Kontribuzzjonijiet għall-fiehimiet internazzjonali u adeżjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti</i>	4	276 000	248 043	276 000	276 000	220 255,40	220 255,40	88,80
17 04 51	<i>Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti</i>	3	p.m.	28 763 376	p.m.	186 296 000	263 286 621,51	240 042 462,94	834,54
17 04 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
17 04 77 01	Proġett Pilota — Netwerk Ewropew Koordinat għall-Benessri tal-Annimali	2	p.m.	p.m.	—	300 000	0,—	735 428,80	
17 04 77 02	Azzjoni preparatorja — Postijiet ta' kontroll (punti ta' mistrieħ) fir-rigward ta' trasport ta' annimali	2	p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	0,—	
17 04 77 03	Proġett pilota — L-iżvilupp tal-aħjar Prattiki fit-trasport tal-annimali	2	p.m.	300 000	1 000 000	500 000			
17 04 77 04	Proġett pilota — Netwerk Ewropew tal-Irziezet u ta' Produtturi Artiġjanali tal-Ġobon — Proġett li jinvolvi l-produzzjoni tal-linji gwida Ewropej għall-prattika iġjenika xierqa	2	p.m.	100 000	250 000	125 000			
	Artikolu 17 04 77 — Subtotal		p.m.	400 000	1 250 000	925 000	0,—	735 428,80	183,86
	<b>Kapitolu 17 04 — Total</b>		<b>256 136 000</b>	<b>213 305 269</b>	<b>252 250 000</b>	<b>216 997 000</b>	<b>263 506 876,91</b>	<b>240 998 147,14</b>	<b>112,98</b>

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI (ikompli)

17 04 01 **Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell oġhla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
178 500 000	138 351 838	180 000 000	4 000 000		

## Kummenti

L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tgħin biex taċċelera l-qerda jew il-kontroll tal-mard tal-annimali billi tipprovdi fondi li jissupplimentaw ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali u tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni. Il-parti l-kbira ta' dan il-mard jew infezzjonijiet hija ż-żoonożi li tittieħed mill-bniedem (BSE, bruċellożi, influwenza tat-tjur, salmonellożi, tuberkulożi, eċċ.). Barra minn hekk, il-persistenza tal-mard inkwistjoni ttellef l-operat bla xkiel tas-suq intern; il-ġlieda kontrib tgħin biex jittejjeb il-livell tas-saħħa pubblika u biex jingħata spinta lis-sikurezza tal-ikel fl-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-miżuri mmirati għall-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment ħieles ta' oġġetti f'dawn is-setturi, għas-sostenn veterinarju u għall-azzjoni ta' sostenn.

Hija tikkonsisti fil-forniment ta' għajnuna finanzjarja:

- għax-xiri, il-ħżin u l-formulazzjoni tal-antiġeni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ta' tilqim differenti,
- għall-iżvilupp ta' tilqim markatur jew testijiet li jistgħu jiddistingwu bejn annimali morda u dawk imlaqqma.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI**  
(ikompli)

**17 04 02 Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradikazzjoni tagħhom**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 000 000	7 190 844	5 000 000	3 000 000		

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni għandha tkopri azzjonijiet ta' prevenzjoni biex jiġu miġġielda l-organiżmi ta' ħsara u l-mard li jheddu l-għelejjel agrikoli u ortikulturali, il-foresti u l-pajsaġġ. Hija tkopri wkoll il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni lejn il-miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni (ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

**17 04 03 Żgurar ta' kontrolli effikaċi, effiċjenti u affidabbli**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
47 360 000	28 763 376	45 724 000	15 000 000		

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-implimentazzjoni tal-miżuri inizjali li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari:

— l-attivitajiet tal-laboratorji tal-Unjoni,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI**  
(ikompli)**17 04 03** (ikompli)

- taħriġ dwar kontroll tal-għalf u l-ikel,
- spejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza għal esperti nazzjonali li jipparteċipaw f'missionijiet tal-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju,
- għodod tal-IT, komunikazzjoni u informazzjoni dwar il-kontroll tal-ikel u l-għalf, l-iżvilupp ta' strateġija tal-Unjoni għal ikel aktar sikur,
- għal politika ta' informazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali, inklużi kampanji u programmi ta' informazzjoni li jinfurmaw lill-pubbliku li l-konsum tal-laħam minn annimali mlaqqma mhuwiex ta' ħsara, kif ukoll kampanji u programmi ta' informazzjoni li jenfasizzaw l-aspetti umani tal-istrateġiji ta' tilqim fil-ġlieda kontra l-mard tal-annimali li jittieħed,
- għas-sorveljanza tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ħarsien tal-annimali matul it-trasport tagħhom għall-qatla,
- għall-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema ta' twissija rapida, inkluża sistema ta' twissija rapida mad-dinja kollha, għan-notifika ta' riskji diretti jew indiretti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali li jkunu ġejjin mill-ikel jew mill-għalf,
- għall-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni u għall-iżvilupp ta' edukazzjoni jew taħriġ veterinarju,
- għall-għodod tat-teknoloġija tal-informatika, inklużi TRACES u s-Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Annimali,
- għall-miżuri biex tiġi miġġielda l-importazzjoni illegali ta' ġlud tal-klieb u l-qtates.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-implimentazzjoni, mill-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri, tal-miżuri disposti fil-bażi ġuridika ta' hawn isfel, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jeliminaw l-ostakoli għall-moviment liberu tal-oġġetti f'dawn is-setturi.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja (ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5, L-Istima tar-Riskju u Kif Jiġi Stabbilit il-Livell Approprijat tal-Protezzjoni Sanitarja u Fitosanitarja, tal-kapitolu "Ftehim dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji" tagħha.

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI**  
(ikompli)**17 04 03** (ikompli)

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żriġħ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28).

Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enzimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI (ikompli)

17 04 04 **Fond għal miżuri ta' emerġenzi b'rabta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 000 000	9 587 792	20 000 000	7 500 000		

## Kummenti

It-tifqigħ ta' ċertu mard tal-annimali fl-Unjoni jista' possibbilment ikollu impatt kbir fuq it-tħaddim tas-suq intern u fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi. Għalhekk, huwa importanti li l-Unjoni tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja biex tippermetti l-eradikazzjoni l-aktar rapida possibbli ta' kwalunkwe tifqigħa ta' marda serja li tittieħed fl-Istati Membri billi jintużaw ir-riżorsi tal-Unjoni biex jiġġieldu dan il-mard.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba tkopri azzjonijiet kurattivi biex jiġu miġġielda l-organiżmi ta' ħsara u l-mard li jheddu l-għelejjel agrikoli u ortikulturali, il-foresti u l-pajsaġġ, fosthom it-tixrid ta' speċijiet u mard invażivi eżotiċi (bħal tan-nematodu tal-injam tal-arżnu u oħrajn), li qed isiru dejjem aktar frekwenti u qed jinfirxu.

## Bażi ġuridika

Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

17 04 10 **Kontribuzzjonijiet għall-ftehimiet internazzjonali u adeżjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
276 000	248 043	276 000	276 000	220 255,40	220 255,40



**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI**  
(ikompli)

**17 04 10** (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Unjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV), stabbilita mill-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Marzu 1991, li ttipprevedi dritt ta' proprjetà esklussiv għal min irabbi varjetajiet ġodda ta' pjanti.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/523/KE tat-30 ta' Mejju 2005 li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti, kif riveduta f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991 (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 63).

**17 04 51** **Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	28 763 376	p.m.	186 296 000	263 286 621,51	240 042 462,94

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa minn impenji preċedenti fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġettativa tad-dielja (ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehimiet millhuqa fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 (l-Istima tar-Riskju u Kif Jiġi Stabbilit il-Livell Appropriat tal-Protezzjoni Sanitarja u Fitosanitarja) tal-kapitolu "Ftehim dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji".

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI**  
(ikompli)**17 04 51** (ikompli)

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentalni (ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17), b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74).

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar il-bogħod tal-Unjoni (ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żriġħ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8).

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI**  
(ikompli)

**17 04 51** (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enzimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

**17 04 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

17 04 77 01 Proġett Pilota — Netwerk Ewropew Koordinat għall-Benessri tal-Annimali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	300 000	0,—	735 428,80

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 04 77 02 Azzjoni preparatorja — Postijiet ta' kontroll (punti ta' mistrieħ) fir-rigward ta' trasport ta' annimali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	0,—

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI  
(ikompli)

17 04 77 (ikompli)

17 04 77 02 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 04 77 03 Proġett pilota — L-iżvilupp tal-aħjar prattiki fit-trasport tal-annimali

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota se jiffoka fuq il-ġestjoni tal-annimali trasportati b'enfasi partikolari fuq l-ispeċi ewlenin tal-biedja u bil-parteċipazzjoni tal-atturi interessati fit-trasport tal-annimali (il-bdiewa, trasportaturi speċjalizzati, kummerċjanti, operaturi tal-biċċeriji u l-veterinarji).

Ir-riżultat finali ta' dan il-proġett pilota se jkun l-analiżi tal-prattiki differenti dwar il-valutazzjoni tal-annimali sabiex jintwerew l-aħjar prattiki. Abbażi ta' din l-analiżi il-proġett għandu jstabbilixxi proċeduri operattivi għat-trasport tal-annimali u wkoll strateġija għat-tqassim ta' dawk il-proċeduri fost il-parteċipanti interessati, inkluż il-possibilità ta' korsijiet ta' taħriġ skont il-bżonn.

*It-trasport tal-annimali — Informazzjoni ta' sfond*

Kull sena kważi 40 miljun animal mrobbi jiġu trasportati bejn l-Istati Membri. Dan it-trasport tal-annimali hu meħtieġ għall-irziezet speċjalizzati fit-tneissil, trobbija, tismin u għall-biċċeriji.

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI**  
(ikompli)

**17 04 77** (ikompli)

17 04 77 03 (ikompli)

Madankollu, hemm ħafna Prattiki differenti fl-Istati Membri, fost l-oħrajn minħabba l-konformità fqira ta' xi rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali tul it-trasport — pereżempju valutazzjonijiet veterinarji kuntradittorji fit-trasport tal-annimali.

Ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 jitleb li l-annimali jiġu kkontrollati mill-awtorità kompetenti qabel ma jkunu trasportati fuq vjaġġi fit-tul bejn Stati Membri (u ma' pajjiżi terzi). Għandha ssir valutazzjoni ta' saħħet l-annimali anke għal vjaġġi qosra jew nazzjonali.

Veterinarju/bidwi f'razzett partikolari jista' jevalwa l-kondizzjoni tal-annimali u japprova t-trasport. Darba li l-animall ikun wasal, pereżempju fil-biċċerija, il-veterinarju jista' imbagħad jiddikjara l-animall bħala mhux tajjeb għat-trasport. Sitwazzjonijiet simili mhumiex tajbin kemm għall-annimali kif ukoll għas-sewwieqa.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 04 77 04 Proġett pilota — Netwerk Ewropew tal-Irziezet u ta' Produtturi Artiġjanali tal-Ġobon — Proġett li jinvolvi l-produzzjoni tal-linji gwida Ewropej għall-prattika iġjenika xierqa

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjali)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	100 000	250 000	125 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Huwa estremament importanti li tkompli l-produzzjoni tal-ġobon fuq skala żgħira u jespandi s-settur minħabba d-domanda li qed tikber tal-konsumatur għal prodotti lokali ta' kwalità għolja. Il-produzzjoni tal-ġobon fuq skala żgħira tippovdi l-impijeg u toffri l-oportunità — b'mod partikolari għaż-żgħażaġh — li jidħlu fil-qasam ta' biedja li ma tkunx tirrikjedi l-investiment ta' somom kbar ħafna ta' flus.

Il-produzzjoni tal-ġobon huwa rregolat, fil-parti l-kbira, mir-regoli tal-Unjoni li japplikaw bl-istess mod għall-bdiewa kif ukoll l-impriżi tal-ipproċessar tal-ikel, inkluż impiżi żgħar ħafna. B'dispaċir, f'ħafna każijiet, dawk ir-regoli huma applikati mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali b'mod riġidu wisq, mingħajr ma jitqiesu l-prinċipji tal-adattabilità u l-flessibilità stabbiliti b'mod ċar fil-leġiżlazzjoni rilevanti.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI**  
(ikompli)**17 04 77** (ikompli)

17 04 77 04 (ikompli)

Dan il-proġett ifittex kif suppost li jiżgura li jitqies b'mod xieraq il-bżonn ta' flessibilità għall-produtturi tal-ġobon fuq skala żgħira u li jassigura l-validazzjoni finali mill-Kummissjoni, b'hekk jintbagħat messaġġ pożittiv dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-Unjoni in ġenerali, mhux biss lill-bdiewa u l-produtturi tal-ġobon imma wkoll lill-konsumaturi.

L-approċċ HACCP jfittex li jikkapitalizza l-esperjenza sabiex jitjiebu l-proċessi u b'hekk jiġi żgurat li jkun hemm kontroll aktar mill-qrib fuq is-sikurezza tal-ikel. Huwa approċċ li normalment juża riżorsi ta' kontroll ta' kwalità tat-tip li l-kumpaniji l-kbar biss ikunu kapaċi jwaqqfu. Taħt dan il-proġett, il-produtturi fuq skala żgħira se jingħaqdu flimkien biex ifasslu linji gwida għall-prattika iġjenika xierqa bħala l-ewwel pass biex iwiegħbu l-bżonn ta' titjib kontinwu li jkun tal-inqas effettiv bl-istess mod, u wisq probabbli aktar trasparenti.

Wieħed mill-għanijiet tal-proġett hu li jipproduċi linji gwida għal Prattika tajba tal-iġjene validati mill-Kummissjoni li jistgħu jservu bħala gwida ta' referenza għal dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam.

Il-linji gwida jridu għalhekk ikunu bbażati fuq kif il-professionisti fis-settur jaħdmu attwalment, aktar milli fuq it-teorija. Il-fatt li huma se jiġu mfasla minn 11-il organizzazzjoni tal-kummerċ li jagħmlu n-netwerk FACE, bl-assistenza ta' ċentri ta' riċerka li joperaw f'setturi relatati, se jiżgura li jitqies b'mod xieraq l-għarfien tradizzjonali fir-reġjuni varji u li l-għarfien u l-esperjenza biex jiġu implimentati l-approċċi HACCP li huma mfasla għal faċilitajiet tal-ipproċessar żgħar li gruppi varji jkunu akkumulaw ma' medda ta' snin jinqasmu bejniethom u jintużaw b'mod tajjeb.

Dan l-approċċ innovattiv ibbażat fuq l-awtoorganizzazzjoni fil-livell Ewropew u l-parteċipazzjoni ta' sħab relevanti, huwa wkoll konformi mal-idea tal-professionisti f'kull settur li jieħdu r-responsabilità għal kwistjonijiet ta' saħħa u iġjene li titressaq fil-leġiżlazzjoni relevanti, bl-awtoritajiet leġiżlattivi li jistabbilixxu l-oġettivi aħħarin u l-professionisti li jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati dawk l-oġettivi.

Minħabba l-isfidi varji li jaffaċċja (lingwi, loġistika, rekwiżiti organizzattivi eċċ.), dan il-proġett ambizzjuż b'ħafna sħab għandu bżonn appoġġ finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

**ATTIVITAJET MINGĦAJR LINJI BAĠITARJI**

- SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI
- STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI

KUMMISSJONI

*TITOLU 18*

**AFFARIJET INTERNI**



## TITOLU 18

## AFFARIJJIET INTERNI

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2015 u 2014) u eżitu (2013)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 01	IN-NEFQA AMMINIS- TRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARI- JJIET INTERNI"	36 536 204	36 536 204	34 945 344	34 945 344	40 404 715,99	40 404 715,99
18 02	SIGURTÀ INTERNA	704 854 796	584 769 311	747 715 040	548 373 732	839 323 151,81	633 366 630,10
18 03	ASIL U MIGRAZZJONI	430 177 742	350 764 568	418 727 040	182 025 390	540 014 922,79	362 105 493,68
	<b>Titolu 18 — Total</b>	<b>1 171 568 742</b>	<b>972 070 083</b>	<b>1 201 387 424</b>	<b>765 344 466</b>	<b>1 419 742 790,59</b>	<b>1 035 876 839,77</b>

KUMMISSJONI

TITOLU 18 — AFFARIJJIET INTERNI

## TITOLU 18

## AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJJIET INTERNI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
18 01	IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJJIET INTERNI"					
<b>18 01 01</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Affarijiet interni"</i></b>	5,2	27 327 546	25 775 662	30 931 570,63	113,19
<b>18 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġer- jali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet interni"</i></b>					
18 01 02 01	Persunal estern	5,2	1 599 902	1 624 271	2 207 918,98	138,00
18 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	1 573 838	1 576 693	1 675 300,—	106,45
	Artikolu 18 01 02 — Subtotal		3 173 740	3 200 964	3 883 218,98	122,35
<b>18 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-infor- mazzjoni u l-komunikazzjoni fil- qasam ta' politika "Affarijiet Interni"</i></b>	5,2	1 734 918	1 668 718	2 322 532,90	133,87
<b>18 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazz- jonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Affarijiet interni"</i></b>					
18 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għal Fond għas- Sigurtà Interna	3	2 150 000	2 150 000	1 697 319,67	78,95
18 01 04 02	In-nefqa ta' appoġġ għall-Asil, il- Migrazzjoni u l-Fond ta' Integrazz- joni	3	2 150 000	2 150 000	1 570 073,81	73,03
	Artikolu 18 01 04 — Subtotal		4 300 000	4 300 000	3 267 393,48	75,99
	<b>Kapitolu 18 01 — Total</b>		<b>36 536 204</b>	<b>34 945 344</b>	<b>40 404 715,99</b>	<b>110,59</b>

**18 01 01** ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Affarijiet interni"***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
27 327 546	25 775 662	30 931 570,63

**KAPITOLU 18 01 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)****18 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet interni"**

## 18 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 599 902	1 624 271	2 207 918,98

## 18 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 573 838	1 576 693	1 675 300,—

*Kummenti*

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex tiżgura appoġġ adegwat għall-Grupp ta' Hídma mwaqqaf mill-Artikolu 29.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża għal taħriġ tal-persunal kontra d-diskriminazzjoni.

**18 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Affarijiet Interni"**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 734 918	1 668 718	2 322 532,90

**18 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Affarijiet interni"**

## 18 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal Fond għas-Sigurtà Interna

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 150 000	2 150 000	1 697 319,67

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika tal-Fond għas-Sigurtà Interna stipulata fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 513/2014. Hija tista' tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

KUMMISSJONI

TITOLU 18 — AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJJIET INTERNI" (ikompli)

## 18 01 04 (ikompli)

## 18 01 04 01 (ikompli)

- nefqa ta' sostenn (assistenza għat-tħejjija u l-evalwazzjoni ta' proġett, azzjonijiet relatati mal-awditjar, konferenzi, seminars, workshops u miżuri komuni oħrajn ta' informazzjoni u taħriġ fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi relatati għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji magħżulin, traduzzjonijiet),
- azzjonijiet għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni, isostnu n-networking, iwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni, iżidu l-għarfien u jippromwvu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenza, inkluż ma' pajjiżi terzi,
- il-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni Ewropea diment li dawn huma relatati mal-oġettivi ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi,
- l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-interkonnessioni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar, il-kontroll u l-evalwazzjoni,
- evalwazzjonijiet, inklużi azzjonijiet biex jittejbu l-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki ta' evalwazzjoni, it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, statistika u studji ta' rapporti ta' esperti,
- sostenn għat-tisħiħ istituzzjonali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi,
- miżuri relatati mal-analiżi, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-iskambju ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi, kif ukoll miżuri relatati mal-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll u assistenza teknika u amministrattiva.

B'konformità mal-Ftehim li għandu jġi ffirmat bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għas-Sigurtà Interna — Fruntieri — għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020, il-Kummissjoni tista' tuża mhux iktar mill-ammont iffissat fil-Ftehim tal-pagamenti li saru mill-Istati assoċjati kull sena biex tiffinanzja n-nefqa amministrattiva relatata mal-persunal jew persunal estern meħtieġ biex isostni l-implimentazzjoni tal-Fond u dak il-Ftehim minn dawk l-Istati.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 02 01.

Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

**KAPITOLU 18 01 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJJIET INTERNI"** (ikompli)**18 01 04** (ikompli)

18 01 04 02 In-nefqa ta' appoġġ għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Fond ta' Integrazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 150 000	2 150 000	1 570 073,81

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni stipulata fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014. Tista' tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-oġġettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

- nefqa ta' sostenn (assistenza għat-tnejn u l-evalwazzjoni ta' proġett, azzjonijiet relatati mal-awditjar, konferenzi, seminars, workshops u miżuri komuni oħrajn ta' informazzjoni u taħriġ fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji magħżulin, traduzzjonijiet),
- azzjonijiet għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni, isostnu n-networking, iwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni, iżidu l-għarfien u jipromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenza, inkluż ma' pajjiżi terzi,
- il-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni Ewropea diment li dawn huma relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi,
- l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar, il-kontroll u l-evalwazzjoni,
- evalwazzjonijiet, inklużi azzjonijiet biex jittejbu l-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki ta' evalwazzjoni, it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, statistiki u studji ta' rapporti ta' esperti,
- sostenn għat-tisħiħ istituzzjonali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi,
- miżuri relatati mal-analiżi, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-iskambju ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 513/2014 u r-Regolamenti speċifiċi, kif ukoll miżuri relatati mal-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll u assistenza teknika u amministrattiva.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-oġġettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u ma' kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 03 01.

KUMMISSJONI

TITOLU 18 — AFFARIJJIET INTERNI

**KAPITOLU 18 01 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJJIET INTERNI"** (ikompli)**18 01 04** (ikompli)

## 18 01 04 02 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-koooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li tassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprazzjonijiet 2015		Approprazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
18 02	SIGURTÀ INTERNA								
<b>18 02 01</b>	<b>Fond għas-Sigurtà Interna</b>								
18 02 01 01	Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu	3	252 963 542	119 964 370	252 153 194	19 714 000			
18 02 01 02	Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata u mmaniġġjar aħjar tar-riskji u l-kriżijiet b'rabta mas-sigurtà	3	139 644 154	75 079 122	148 955 846	6 954 000			
18 02 01 03	Stabiliment ta' sistemi tal-IT ġodda biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
	Artikolu 18 02 01 — Subtotal		392 607 696	195 043 492	401 109 040	26 668 000			
18 02 02	Faċilità ta' Schengen għall-Kroazja	3	—	p.m.	80 000 000	80 000 000	40 000 000,—	40 000 000,—	
18 02 03	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Frontex)	3	106 100 000	106 100 000	82 910 000	82 910 000	87 400 000,—	85 500 000,—	80,58
18 02 04	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	3	92 174 000	92 174 000	81 658 000	81 658 000	82 120 500,—	82 120 500,—	89,09
18 02 05	Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)	3	7 678 000	7 678 000	7 436 000	7 436 000	8 450 640,—	8 450 640,—	110,06
18 02 06	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)	3	14 643 000	14 643 000	14 751 000	14 751 000	15 550 000,—	15 550 000,—	106,19
18 02 07	Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu-LISA")	3	72 809 100	72 809 100	59 380 000	59 380 000	68 696 248,93	19 646 989,68	26,98
18 02 08	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)	3	9 421 500	9 412 273	9 235 500	4 900 366	4 541 271,51	24 589 024,65	261,24
18 02 09	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)	3	9 421 500	12 553 358	9 235 500	4 900 366	13 337 171,22	27 956 866,67	222,70
18 02 51	Tlestija ta' operazzjonijiet u programmi fil-qasam tal-fruntieri esterni, is-sigurtà u s-salvagwardja tal-libertajiet	3	p.m.	73 483 714	p.m.	184 770 000	519 227 320,15	329 552 609,10	448,47

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>18 02 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
18 02 77 01	Proġett pilota — Tlestija tal-ghieda kontra t-terroriżmu	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
18 02 77 02	Proġett pilota — Mekkaniżmi integrati ġodda għall-kooperazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati li jidentifikaw ir-riskji tal-logħob tal-flus fuq l-isport	3	p.m.	872 374	2 000 000	1 000 000			
	Artikolu 18 02 77 — Subtotal		p.m.	872 374	2 000 000	1 000 000	0,—	0,—	0
	<b>Kapitolu 18 02 — Total</b>		<b>704 854 796</b>	<b>584 769 311</b>	<b>747 715 040</b>	<b>548 373 732</b>	<b>839 323 151,81</b>	<b>633 366 630,10</b>	<b>108,31</b>

**18 02 01 Fond għas-Sigurtà Interna**

18 02 01 01 Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
252 963 542	119 964 370	252 153 194	19 714 000		

## Kummenti

Il-Fond għas-Sigurtà Interna għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- l-appoġġ ta' politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu, il-provvista ta' servizz ta' kwalità għolja għall-applikanti tal-viża, l-iżgurar tat-trattament ugwali taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi u l-indirizzar tal-immigrazzjoni illegali,
- appoġġ għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, inkluża l-promozzjoni ta' armonizzazzjoni ulterjuri ta' miżuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri f'konformità ma' standards komuni tal-Unjoni u permezz ta' qsim ta' informazzjoni bejn Stati Membri u bejn l-Istati Membri u Frontex, biex jiġi żgurat, fuq naħa waħda, livell uniformi u għoli ta' kontroll u protezzjoni tal-fruntieri esterni, inkluż permezz tal-indirizzar tal-immigrazzjoni illegali, u fuq in-naħa l-oħra, il-qsim mingħajr intoppi tal-fruntieri esterni f'konformità mal-*acquis* ta' Schengen, filwaqt li jkun iggarantit l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk li jkollhom bżonnu, f'konformità mal-obbligi miftiehma kontrattwalment mill-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement u b'attenzjoni dovuta għall-karatteristiċi speċifiċi tal-persuni kkonċernati u għall-perspettiva tas-sessi

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa relatata ma' azzjonijiet fl-Istati Membri jew dawk li jsiru minnhom u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- l-infrastrutturi, il-binjiet u s-sistemi meħtieġa fil-punti ta' qsim tal-fruntieri u għas-sorveljanza bejn il-punti ta' qsim tal-fruntieri biex jiġi prevenut u indirizzat il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera kif ukoll biex jiġu żgurati l-flussi tal-ivvjaġġar bla xkiel,
- it-tagħmir operatorju, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv u sikur tal-fruntieri u d-detezzjoni tal-persuni,



**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** (*ikompli*)**18 02 01** (*ikompli*)18 02 01 01 (*ikompli*)

- is-sistemi ta' IT u ta' komunikazzjoni għal ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri, inklużi investimenti fis-sistemi eżistenti u dawk futuri,
- l-infrastrutturi, il-bini, is-sistemi tal-IT u tal-komunikazzjoni u t-tagħmir operatorju meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża u l-kooperazzjoni konsulari, kif ukoll azzjonijiet oħra mmirati biex itejbu l-kwalità tas-servizz lill-applikanti għall-viża,
- it-taħriġ rigward l-użu ta' dak it-tagħmir u dawk is-sistemi u l-promozzjoni ta' standards ta' ġestjoni tal-kwalità u t-taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri, inkluż fejn xieraq f'pajjiżi terzi, dwar it-twettiq tal-kompiti tagħhom ta' sorveljanza, konsulenza u kontroll rigward id-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u filwaqt li jiġi kkunsidrat approċċ sensitiv għall-ġeneru, inkluż l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu tal-persuni,
- l-issekondar ta' Uffiċjali għall-Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni u konsulenti dwar dokumenti f'pajjiżi terzi u l-iskambju u l-issekondar ta' gwardji tal-fruntieri bejn l-Istati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiżi terzi,
- l-istudji, il-proġetti pilota, it-taħriġ u azzjonijiet oħra li jstabbilixxu b'mod gradwali sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 513/2014, inklużi azzjonijiet bil-għan li jrawmu kooperazzjoni bejn l-aġenziji fi ħdan l-Istati Membri jew bejn l-Istati Membri u azzjonijiet dwar l-interoperabilità u l-armonizzazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri,
- l-istudji, il-proġetti pilota u azzjonijiet bil-għan li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operazzjonali u l-aħjar prattiki li jinbtu mill-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll in-nefqa relatata ma' azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fihom u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- is-sistemi tal-informazzjoni, l-għodod jew it-tagħmir għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn Stati Membri u pajjiżi terzi,
- l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi operazzjonijiet konġunti,
- il-proġetti f'pajjiżi terzi bil-għan li jtejbu s-sistemi ta' sorveljanza biex tkun żgurata l-kooperazzjoni mal-Eurosur,
- l-istudji, is-seminars, is-sessjonijiet ta' ħidma, il-konferenzi, it-taħriġ, it-tagħmir u l-proġetti pilota biex jipprovdu kompetenza teknika u operazzjonali *ad hoc* lil pajjiżi terzi,
- l-istudji, is-seminars, is-sessjonijiet ta' ħidma, il-konferenzi, it-taħriġ, it-tagħmir u l-proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operazzjonali u l-aħjar prattiki, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni f'pajjiżi terzi.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll tariffi mitlufin minn viżi maħruġin għall-fini ta' transitu u kostijiet addizzjonali mġarrba fl-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Transitu Faċilitat (FTD) u l-iskema tad-Dokument ta' Transitu Ferrovjarju Faċilitat (FRTD) b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 li jstabbilixxi Dokument speċifiku ta' Transitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Transitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Transitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Transitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 15).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

## 18 02 01 (ikompli)

## 18 02 01 01 (ikompli)

Fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, din l-appropriazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni. B'mod partikolari, sabiex ikunu eliġibbli għal finanzjament, dawk l-azzjonijiet għandhom ifittxu li jilhqqu l-oġġettivi li ġejjin:

- sabiex jingħata appoġġ għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi meħtieġa biex jiġu implimentati l-attivitajiet tal-fruntieri esterni u l-politiki dwar il-viża, inkluż biex tissaħħaħ il-governanza taż-żona Schengen billi jiżviluppaw u jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas- 16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27), biex tkun verifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, b'mod partikolari l-infiq ta' missjoni għal esperti tal-Kummissjoni u tal-istati Membri li jipparteċipaw fi żjajjar fuq il-post,
- sabiex jitjiebu l-konozzenza u l-għarfien tas-sitwazzjoni li tipprevalixxi fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi permezz tal-analiżi, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ mill-qrib tal-politiki,
- sabiex jingħata appoġġ għall-iżvilupp tal-għodod tal-istatistika, inklużi l-għodod u l-metodi komuni tal-istatistika u l-indikaturi komuni,
- sabiex jingħata appoġġ u jiġu mmonitorjati l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni fl-Istati Membri, u jiġu evalwati l-effikaċja u l-impatt tagħhom, inkluż fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, sa fejn huwa kkonċernat l-ambitu ta' dan l-istrument,
- sabiex jiġu promossi n-netwerking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-approċċi innovattivi bejn il-partijiet interessati differenti fil-livell Ewropew,
- sabiex jiġu promossi proġetti mmirati lejn l-armonizzazzjoni u l-interoperabilità ta' miżuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri skont standards komuni tal-Unjoni bil-għan li tiġi żviluppata sistema integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri Ewropej,
- iżidu l-għarfien dwar il-politiki u l-oġġettivi tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni,
- sabiex tiżdied il-kapaċità tan-netwerks Ewropej għall-valutazzjoni, il-promozzjoni, is-sostenn u l-iżvilupp ulterjuri tal-politiki u l-oġġettivi tal-Unjoni,
- sabiex jiġu appoġġati proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi u/jew teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibilità lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw proġetti ta' riċerka,
- sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u filhom kif imsemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013,
- is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-affarijiet interni tal-Unjoni, il-prijoritajiet u r-riżultati.

Din l-appropriazzjoni għandha tkopri wkoll assistenza finanzjarja biex jiġu indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali li fiha numru kbir jew sproporzjonat ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi jaqsmu jew ikunu mistennija jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew iktar.

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** (ikompli)**18 02 01** (ikompli)

## 18 02 01 01 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni se tippovdi għar-rimborż tal-kostijiet imġarrbin mill-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri għaż-żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post (kostijiet tal-ivvjaġġar u akkomodazzjoni) rigward l-appikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen. Il-kost tal-provvisti u t-tagħmir meħteġa għaż-żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post u għat-tnejn u s-segwitu tagħhom iridu jiżiedu ma' dawn il-kostijiet.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

## 18 02 01 02 Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata u mmaniġġar aħjar tar-riskji u l-kriżijiet b'rabta mas-sigurtà

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
139 644 154	75 079 122	148 955 846	6 954 000		

*Kummenti*

Il-Fond għas-Sigurtà Interna jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- il-prevenzjoni tal-kriminalità, il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet nazzjonali oħra tal-Istati Membri, inkluż mal-Europol jew korpi oħra rilevanti tal-Unjoni, u ma' pajjiżi terzi rilevanti u organizzazzjonijiet internazzjonali,
- it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri u l-Unjoni għall-ġestjoni effettiva ta' riskji u kriżi relatati mas-sigurtà, u t-tnejn għal u l-ħarsien ta' persuni u infrastrutturi kritiċi kontra attakki terroristi u inċidenti oħra relatati mas-sigurtà.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri azzjonijiet fl-Istati Membri, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

## 18 02 01 (ikompli)

## 18 02 01 02 (ikompli)

- azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi, inklużi mal-korpi rilevanti tal-Unjoni u bejniethom, b'mod partikolari l-Europol u l-Eurojust, timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni konġunta transfruntiera, l-aċċess għal informazzjoni u teknoloġiji interoperabbli u l-iskambju ta' tagħhom,
- proġetti li jippromwovu n-netwerking, sħubiji pubbliċi-privati, fiduċja reċiproka, ftehim u taġlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-kompetenza, l-esperjenza u l-prattiki tajbin, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, għarfien u tbassir kondiviżi ta' sitwazzjoni, ippjanar ta' kontinġenza u interoperabilità,
- attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt, li huma bbażati fuq evidenza u huma konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill,
- attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien,
- akkwist, manutenzjoni ta' sistemi tal-IT nazzjonali u tal-Unjoni li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 513/2014, u/jew aġġornament ulterjuri tas-sistemi tal-IT u t-tagħmir tekniku, inkluż l-ittestjar tal-kompatibbiltà tas-sistemi, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati, speċjalment sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u l-komponenti ta' tagħhom, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità, notevolment maċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità,
- skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inklużi taħriġ fil-lingwa u eżerċizzji jew programmi konġunti,
- miżuri li jvaraw, jittrasferixxu, jippruvaw jivvalidaw metodoloġija jew teknoloġija ġdida, inklużi proġetti pilota u miżuri ta' segwitu għal proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll azzjonijiet relatati ma' pajjiżi terzi u dawk li jsiru fihom, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transfruntiera konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju ta' tagħha u teknoloġiji interoperabbli,
- netwerking, kunfidenza reċiproka, ftehim u taġlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiki tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabilità,
- l-iskambju, it-taħriġ u l-edukazzjoni ta' persunal u esperti ta' awtoritajiet rilevanti.

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, din l-appropriazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni rigward l-oġġettivi ġenerali, speċifiċi u operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 513/2014. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, fi strateġiji rilevanti tal-Unjoni, ċikli ta' politika, programmi, valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju, u jappoġġaw b'mod partikolari:

- **attivitajiet** ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi, u l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta l-politiki dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet,
- proġetti transnazzjonali li jinvolvu żewġ Stati Membri jew iżjed jew mill-inqas Stat Membru wieħed u pajjiżi terzi,

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** (ikompli)**18 02 01** (ikompli)

## 18 02 01 02 (ikompli)

- attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt li huma bbażati fuq l-evidenza u huma konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u proġetti li jissorveljaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni fl-Istati Membri,
- proġetti li jipromwovu n-netwerking, il-kunfidenza reċiproka, il-fehim u t-tagħlim, l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajbin u l-approċċi innovattivi fil-livell tal-Unjoni, programmi ta' taħriġ u skambju,
- proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod u metodi metodoloġiċi, notevolment statistiċi, u indikaturi komuni,
- l-akkwist, il-manutenzjoni u/jew it-titjib ulterjuri ta' tagħmir tekniku, għarfien espert, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, binjiet u sistemi relatati, speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom fil-livell tal-Unjoni, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità, notevolment Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità,
- proġetti li jtejbju l-għarfien tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluża komunikazzjoni korporattiva fuq il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni,
- proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi ġodda u/jew jużaw teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibilità lejn Stati Membri oħrajn, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw l-eżitu ta' proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni,
- studji u proġetti pilota,
- is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-affarijiet interni tal-Unjoni, il-prijoritajiet u r-riżultati.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll azzjonijiet ta' sostenn relatati ma' pajjiżi terzi u dawk li jsiru fihom, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- azzjonijiet li jtejbju l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi, u, fejn applikabbli, organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni konġunta transfruntiera, l-aċċess għal informazzjoni u teknoloġiji interoperabbli u l-iskambju tagħhom,
- netwerking, kunfidenza reċiproka, ftehim u tagħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiki tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabbiltà,
- l-akkwist, il-manutenzjoni u/jew it-titjib ulterjuri ta' tagħmir tekniku, inklużi sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom,
- skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inkluż taħriġ fil-lingwa,
- attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien,
- valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u ta' impatt,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 18 — AFFARIJJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

## 18 02 01 (ikompli)

## 18 02 01 02 (ikompli)

— studji u proġetti pilota.

Din l-appropriazzjoni tintuża biex tipprovdi assistenza finanzjarja għall-indirizzar ta' ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tfisser kwalunkwe inċident relatat mas-sigurtà jew theddida ġdida li għandha jew li jista' jkollha impatt avvers importanti fuq is-sigurtà tan-nies fi Stat Membru wieħed jew iktar.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

## 18 02 01 03 Stabiliment ta' sistemi tal-IT ġodda biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri t-twaqqif u t-tħaddim ta' sistemi informatiċi, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u t-tagħmir li jsostni l-ġestjoni ta' flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

## KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA (ikompli)

18 02 02 **Faċilità ta' Schengen għall-Kroazja**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	80 000 000	80 000 000	40 000 000,—	40 000 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa relatata ma' strument temporanju biex jgħin lill-Kroazja bejn id-data ta' adeżjoni u tmiem l-2014 biex tiffinanzja azzjonijiet fil-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni għall-implementazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

## Bażi ġuridika

Il-kompiti li jirriżultaw mis-setgħat speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 31 tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-Kroazja.

18 02 03 **Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Frontex)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
106 100 000	106 100 000	82 910 000	82 910 000	87 400 000,—	85 500 000,—

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u dik relatata mal-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkonstitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 106 100 000.

KUMMISSJONI  
TITOLU 18 — AFFARIJJIET INTERNI

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** (ikompli)

**18 02 03** (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1).

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	251 841	1 000 000	500 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' thejġija.

Din l-azzjoni ta' thejġija hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-Unjoni b'apporto għall-benessri tal-popli tal-Afrika tal-Lvant u biex tgħin biex dawn joħorġu mill-faqar u jibnu tkabbir ekonomiku awtosuffiċjenti.

Hija għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċitajiet, is-sjeda u l-impenn politiku tal-protagonisti lokali biex jinbada tibdil strutturali b'apporto għall-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali li jikkostitwixxu pilastri importanti tal-ekonomija soċjali u s-soċjetà ċivili. Dawn l-intrapriżi b'mod partikolari se jipproduċu u jipprovdur prodotti u servizzi fl-oqsma tal-agrikoltura sostenibbli u l-produzzjoni tal-bhejjem, ir-riżorsi naturali u l-ġestjoni tar-riżorsi, l-effiċjenza tal-enerġija, il-kultura u l-edukazzjoni, kif ukoll is-servizzi ta' saħħa u ta' kura

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

21 02 77 (ikompli)

21 02 77 21 (ikompli)

L-intrapriżi soċjali, flimkien mal-kooperattivi, huma operaturi fl-ekonomija soċjali li jikkumerċjalizzaw prodotti u servizzi biex jiksbu impatt soċjali <sup>(1)</sup> minflok biex jagħmlu qligħ għall-proprjetarji tagħhom jew il-partijiet interessati, u huma ġestiti b'mod miftuħ u responsabbli, u b'mod partikolari jinvolvu lill-impjegati, lill-konsumaturi u lill-partijiet interessati affettwati mill-attivitajiet kummerċjali tagħhom <sup>(2)</sup>. L-ILO għamlet sforzi sinifikanti biex tenfasizza l-importanza tar-rwol tagħhom għall-promozzjoni tas-sostenibilità ekonomika, il-ġustizzja soċjali, il-bilanċ ekoloġiku, xogħol deċenti, stabbiltà politika, soluzzjoni ta' kunflitti u ugwaljanza bejn is-sessi <sup>(3)</sup>, u l-Azzjoni Preparatorja se tintegra l-lezzjonijiet li ssieltu mill-ħidma tal-ILO.

Il-proċess ta' bidu, żvilupp u replikar tal-intrapriżi soċjali u tal-kooperattivi spiss se jkollu jkun ibbażat fuq użu innovattiv u għaqda ta' riżorsi biex jinstabu opportunitajiet biex tiġi katalizzata l-bidla soċjali u/jew jiġu indirizzati l-bżonnijiet soċjali, bi spinta min-naħa tal-intraprendituri soċjali.

L-approċċ innovattiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa bbażat fuq l-għaqda ta' riżorsi li ma jintużawx biżżejjed u muturi għall-iżvilupp lokali, u se jiżvilupp u jittestja modi ġodda kif jiġu żviluppati komunitajiet sostenibbli (P'żewġ pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant [il-Kenja u l-Etjopja]) b'bażi solida fl-ekonomija soċjali, billi

- jiġu mobilizzati u jingħataw setgħa l-intraprendituri soċjali biex jagħmlu l-bidla minn intraprenditorija informali għal negozji soċjali li jippermettu l-iżvilupp tal-ħiliet, tal-fiduċja proprja, tar-responsabilità reċiproka, tad-dħul u tal-benesseri,
- jiġu stabbiliti sħubiji lokali tal-iżvilupp ta' istituzzjonijiet ewlenin, partijiet interessati u protagonisti li jippromwovu u jappoġġaw il-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi soċjali, fil-kuntest ta' ekosistema li tista' twassal għall-iżvilupp u s-sostenibilità tagħhom, li jkunu bbażati fuq il-prinċipji tal-parteċipazzjoni, il-kosjieda u l-ġestjoni demokratika,
- jiġu mobilizzati u involuti komunitajiet ta' dijaspora li jgħixu fl-Ewropa li għandhom rwol ekonomiku sinifikanti fil-fluss tal-kapital lejn l-Afrika tal-Lvant, iżda li għandhom ukoll rabtiet soċjo-politiċi mar-reġjun,
- jiġi faċilitat it-tagħlim mill-pari billi jiġu uttilizzati u sfruttati l-esperjenza u l-għarfien espert tal-protagonisti tal-ekonomija soċjali fl-Istati l-Membri ġodda tal-Unjoni Ewropea li jrnexxielhom jiżviluppaw strutturi ta' ekonomija soċjali ġodda u mudelli ġodda ta' negozju għall-intrapriżi soċjali fil-perjodu ta' trasformazzjoni mill-ekonomiji kkontrollati mill-istat għal ekonomiji tas-suq soċjali.

Għal dan l-għan, l-azzjoni preparatorja se tapplika approċċ sperimentali, u tittestja l-kundizzjonijiet għas-suċċess taħt diversi konfigurazzjonijiet:

- se tinvolvi sħubija bejn inizjattivi lokali ta' ekonomija soċjali fl-Afrika tal-Lvant mal-komunitajiet ta' dijaspora fl-Ewropa u protagonisti tal-ekonomija soċjali fl-Istati Membri l-ġodda,

<sup>(1)</sup> L-impatt soċjali huwa ġenerat permezz ta' azzjoni solidari mal-persuni żvantaġġati u esklużi; maż-żgħażaġh u mal-anzjani, solidarjetà mal-ġenerazzjonijiet futuri (peż. permezz tal-użu effiċjenti ta' riżorsi naturali jew it-tnaqis tal-emissjonijiet u l-iskart), iż-żieda tal-kwalità tal-għajxien ta' kulħadd permezz ta' produzzjoni ta' prodotti u servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet kollettivi u jikkontribwixxu għal żvilupp tal-kapital tal-komunità u soċjali, pereżempju permezz tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' ikel tajjeb għas-saħħa u bi prezz raġonevoli, jew l-iffaċilitar tal-aċċess għal u l-provvista ta' edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja.

<sup>(2)</sup> Eva Deraedt, *Social Enterprise: A Conceptual Framework, studju għall-ILO mill-Hoger instituut voor de arbeid*, Leuven 2009, 3.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Ottubru 2011: Inizjattiva ta' Negozju Soċjali — Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni (COM(2011) 682 final).

<sup>(3)</sup> Pereżempju: *The Reader 2010: "Social and Solidarity Economy: Building a Common Understanding; International Training Centre of the International Labour Organization 2010* (Economija Soċjali u Solidari: Nibnu Fehim Komuni — Ċentru tat-Taħriġ tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ta-Xogħol 2010).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

21 02 77 (ikompli)

21 02 77 21 (ikompli)

- se tidentifika u tagħti s-setgħa lil sħubiji lokali ta' żvilupp f'diversi pajjiżi Ewropej u f'mill-inqas żewġ pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant, li jistgħu jikkollaboraw fit-twaqqif ta' intrapriżi soċjali u l-iżvilupp ta' ekosistema tal-ekonomija soċjali fil-komunitajiet tas-sħab Afrikani,
- is-sħubiji lokali transnazzjonali se jiġu stabbiliti u żviluppati bejn inizjattivi ta' ekonomija soċjali fi bliet kbar, bliet ta' daqs medju u rħula rurali.

L-azzjoni preparatorja se tinkludi ħidma analitika (evalwazzjoni parteċipattiva tax-xenarji ta' referenza u żviluppi tal-istrateġija, evalwazzjonijiet tal-fattibilità); ħidma organizzattiva (ċelloli ta' koordinazzjoni għat-tħejjija u l-provvista ta' għajjuna teknika lill-attivajiet tas-sħab), it-twaqqif ta' spazji ta' taġlim (permezz ta' żjajjar ta' studju, seminars ta' taġlim, issekondjar, kooperazzjoni bejn l-intrapriżi soċjali, eċċ.) u l-iżvilupp ta' infrastruttura u l-attivazzjoni ta' ekosistema għall-intrapriżi soċjali, kooperattivi bbażati fuq il-komunità u gruppi ta' produttori. Dan se jirriżulta fit-tnedija ta' sħubiji transnazzjonali bejn inizjattivi lokali ta' ekonomija soċjali mill-Afrika tal-Lvant u l-Ewropa tal-Lvant, bl-għajjuna ta' komunitajiet ta' dijaspora u protagonisti tal-ekonomija soċjali b'ħafna esperjenza mill-Istati Membri l-ġodda.

Huwa mistenni li l-iżvilupp ta' inizjattivi tal-ekonomija soċjali se jtejbu l-iżviluppi tal-komunitajiet lokali fl-Afrika tal-Lvant u jsaħħu l-proċessi ta' prevenzjoni tal-faqar, partikolarment permezz tat-tnaqqis fl-impjeg informali, l-aċċess għal kosjieda tal-mezzi ta' produzzjoni u l-iżvilupp ta' infrastruttura għall-għoti ta' spinta lill-ekonomija soċjali..

*Bażi ġuridika*

L-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 22 Proġett pilota – Approċċ integrat għall-iżvilupp u t-tnedija ta' soluzzjonijiet tas-saħħa li jittrattaw il-mard tropikali traskurat f'żoni endemiċi

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	750 000				

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)**

21 02 77 (ikompli)

21 02 77 22 (ikompli)

*Kummenti*

Il-mekkaniżmi ta' finanzjament tar-Riċerka u Żvilupp (R&Ż) eżistenti ddedikati għal mard tropikali ttraskurat (MTT) għandhom ħabta jieħdu approċċ iżolat: għad hemm differenzi bejn il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tar-R&Ż u r-rabtiet ma' kwistjonijiet ta' ksur bħal WASH u programmi edukattivi mhumiex indirizzati bħala parti minn approċċ multisettorjali. Bl-istess mod, il-bżonn ta' riċerka inkriminali li hija ugwalment importanti, li tista' tgħin biex titjeb b'mod sinifikanti l-aċċettabilità tat-trattamenti u d-dijanostiċi għal popolazzjonijiet affettwati mill-MTT, għandu ħabta ma jingħatax importanza.

Bl-objettiv li jindirizza ftit mid-differenzi tar-R&Ż għall-MTT, dan il-proġett pilota jikkontribwixxi jew jikkofinanzja mudell alternattiv li jiddependi fuq approċċ innovattiv u kkoordinat biex jiġu indirizzati d-differenzi persistenti tar-R&Ż li jirriżultaw mill-fallimenti fis-suq. Il-mudell jidentifika parti speċifika mil-lakuna fir-R&Ż għall-MTT li taffettwa b'mod sproporzjonat pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jipprovdi elementi kruċjali għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għas-saħħa ta' kwalità għolja, aċċessibbli, xierqa u li wieħed ikun jaffordja.

Dan il-proġett jibni fuq il-ħidma mwettqa f'azzjonijiet preparatorji u proġetti pilot preċedenti dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni tas-saħħa globali, u jappoġġja sforzi li jindirizzaw lakuni identifikati u rrikonnoxxuti bi qbil mal-proċess tad-WHO f'konnessjoni mar-rapport disponibbli f'[http://www.who.int/phi/cewg\\_report/en/](http://www.who.int/phi/cewg_report/en/) u mal-lista ta' proġetti ta' dimostrazzjoni identifikati u magħżula minn qabel mil-Laqgħa Konsultattiva Teknika Globali dwar il-Proġetti ta' Dimostrazzjoni tar-R&Ż fil-qasam tas-saħħa.

Meta jsir dan, filwaqt li jitfittex it-titjib tal-aċċettabilità, il-proġett se jikkontribwixxi biex jissodisfa għal tal-inqas wieħed mill-objettivi li ġejjin:

- jirrakkomanda mekkaniżmi effettivi u effiċjenti għall-koordinazzjoni ma' inizjattivi attwali oħrajn,
- jipproponi mezzi innovattivi li bihom titneħħa r-rabta bejn il-prodott finali u l-ispiża tar-R&Ż,
- jimmassimizza s-sħubiji pubbliku-pubbliku u pubbliku-privat fl-iskambju tal-għarfien, inklużi approċċi fil-qasam tal-innovazzjoni bbażata fuq l-għarfien liberu,
- isaħħaħ il-kapaċità għar-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni, inkluż permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) (ikompli)

## 21 02 77 (ikompli)

21 02 77 23 Proġett pilota — Aċċess għal ġustizzja u kumpens għall-vittmi tal-aktar reati serji mwettqa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
790 000	395 000				

## Kummenti

Il-proġett pilota jappoġġja lill-NGOs, vittmi u xhieda li jkunu qed ifittxu ġustizzja għal reati internazzjonali u wkoll jappoġġja lill-avukati internazzjonali u tar-RDK li jirrappreżentaw lill-vittmi flitigazzjoni strateġika fil-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali;

## Riżultati mistennija:

- informazzjoni dettaljata dwar reati internazzjonali, partikolarment reati li jinvolvu vjolenza sesswali u sessista (SGBV) u l-progress fl-isforzi għall-ġlieda kontra l-impunità,
- avukati nazzjonali mħarrġa b'mod xieraq u li jkunu kapaċi jappoġġaw lill-vittmi ta' reati internazzjonali quddiem qrati nazzjonali,
- organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu kapaċi aktar jappoġġaw lill-vittmi fil-ġlieda kontra l-impunità għall-aktar reati serji,
- protezzjoni aħjar għal dawk involuti fil-ġlieda kontra l-impunità,
- każijiet imressqa quddiem korpi reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp tal-każistika li jappoġġaw l-aċċess tal-vittmi tal-SGBV għal ġustizzja u kumpens,
- strateġija ta' prosekuzzjoni msaħħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), partikolarment dwar reati sesswali, u aċċess aħjar tal-vittmi għall-QKI,
- organizzazzjonijiet intergovernattivi infurmati sabiex ikunu jistgħu jieħdu azzjoni kontra l-impunità għall-aktar reati serji,
- dikjarazzjonijiet u atti tanġibbli (riformi tal-liġijiet u istituzzjonali) minn awtoritajiet nazzjonali li jappoġġaw l-azzjoni kontra l-impunità tal-aktar reati serji.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 03	STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)								
<b>21 03 01</b>	<b>Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Mediterrann</b>								
21 03 01 01	Pajjiżi Meditterranji — Drittijiet tal-bniedem u mobilità	4	193 000 000	33 675 282	211 086 641	27 144 052			
21 03 01 02	Pajjiżi Meditterranji — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli	4	553 545 237	96 576 523	687 811 401	88 913 714			
21 03 01 03	Pajjiżi Meditterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti	4	44 500 000	7 764 509	80 199 203	13 961 057			
21 03 01 04	Sostenn għall-proċess ta' paċi u assistenza finanzjarja lill-Palestina u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina (UNRWA)	4	286 500 000	218 104 163	300 000 000	200 000 000			
	<i>Artikolu 21 03 01 — Subtotal</i>		1 077 545 237	356 120 477	1 279 097 245	330 018 823			
<b>21 03 02</b>	<b>Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant</b>								
21 03 02 01	Sħubija tal-Lvant — Drittijiet tal-bniedem u mobilità	4	207 296 000	36 205 291	247 066 602	233 628 498			
21 03 02 02	Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli	4	302 300 000	52 746 310	339 852 750	34 154 482			
21 03 02 03	Sħubija tal-Lvant — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti	4	8 000 000	1 395 866	12 966 060	916 204			
	<i>Artikolu 21 03 02 — Subtotal</i>		517 596 000	90 347 467	599 885 412	268 699 184			

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
<b>21 03 03</b>	<b>Żgurar ta' kooperazzjoni transfruntiera (KTF) effiċjenti u sostenn ta' kooperazzjonijiet multinazzjonali oħra</b>								
21 03 03 01	Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4	4	82 806 886	14 447 219	6 500 000	933 214			
21 03 03 02	Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali)	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
21 03 03 03	Sostenn lil kooperazzjoni oħra multinazzjonali fil-viċinat	4	219 801 253	43 044 996	163 771 093	49 853 695			
	Artikolu 21 03 03 — Subtotal		302 608 139	57 492 215	170 271 093	50 786 909			
<b>21 03 20</b>	<b>Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI)</b>	4	90 654 000	61 830 124	80 486 950	8 736 028			
<b>21 03 51</b>	<b>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja (ta' qabel l-2014)</b>	4	—	965 917 684	—	912 500 000	2 479 781 131,40	1 347 827 195,49	139,54
<b>21 03 52</b>	<b>Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali)</b>	1,2	—	48 773 098	—	68 000 000	76 232 416,89	73 824 131,50	151,36
<b>21 03 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
21 03 77 01	Proġett pilota — Azzjonijiet preventivi u ta' rkupru għall-qiegħ tal-Baħar Baltiku.	4	p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	170 963,19	
21 03 77 02	Azzjoni preparatorja — Minoritajiet fir-Russja — Żvilupp tal-kultura, midja u soċjetà ċivili	4	p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	0,—	
21 03 77 03	Azzjoni preparatorja — Strateġija Ewro-Mediterranja ġdida għall-promozzjoni ta' imġiegi għaż-żgħażaġh	4	p.m.	335 789	—	855 000	0,—	89 250,—	26,58



KUMMISSJONI  
TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti		
21 03 77	(ikompli)									
21 03 77 04	Proġetti pilota — Finanzjar PEV — Tħejjija ta' persunal għal impjiegi relatati mal-UNJONI-PEV	4	p.m.	310 604	—	315 000	0,—	587 579,79	189,17	
21 03 77 05	L-azzjoni preparatorja — Rkupru ta' Assi għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija	4	p.m.	1 150 076	2 740 012	1 370 006				
	Artikolu 21 03 77 — Subtotal		p.m.	1 796 469	2 740 012	2 540 006	0,—	847 792,98	47,19	
	<b>Kapitolu 21 03 — Total</b>			<b>1 988 403 376</b>	<b>1 582 277 534</b>	<b>2 132 480 712</b>	<b>1 641 280 950</b>	<b>2 556 013 548,29</b>	<b>1 422 499 119,97</b>	<b>89,90</b>

21 03 01 **Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Mediterrann**

21 03 01 01 Pajjiżi Mediterranji — Drittijiet tal-bniedem u mobiltà

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
193 000 000	33 675 282	211 086 641	27 144 052		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

- id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali,
- l-istat tad-dritt,
- il-prinċipji tal-ugwaljanza,
- l-istabiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli,
- il-governanza tajba,
- l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili prosperuża inklużi sħab soċjali,
- il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies immexxija sew,
- il-promozzjoni ta' kuntatti bejn in-nies.

Livell adegwat ta' appropriazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)

## 21 03 01 (ikompli)

## 21 03 01 01 (ikompli)

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jstgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

## 21 03 01 02 Pajjiżi Mediterranji — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
553 545 237	96 576 523	687 811 401	88 913 714		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

- l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali, anki permezz ta':
  - approssimazzjoni leġiżlattiva u konverġenza regolatorja lejn l-Unjoni u standards internazzjonali rilevanti oħrajn,
  - il-bini ta' istituzzjonijiet,
  - investimenti,
- l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv fl-aspetti kollha,
- it-tnaqqis tal-faqar, anki permezz tal-iżvilupp tas-settur privat,
- il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna,
- l-iżvilupp rurali,

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)****21 03 01** (ikompli)

## 21 03 01 02 (ikompli)

- l-azzjoni klimatika,
- ir-reżiljenza għad-diżastri.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet tas-settur pubbliku u dak privat selezzjonati. Għalhekk, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju, inklużi kontribuzzjonijiet in natura mis-CESES għall-proġetti tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

## 21 03 01 03 Pajjiżi Mediterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
44 500 000	7 764 509	80 199 203	13 961 057		

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

- il-bini tal-fiduċja u tal-paċi, anke fost it-tfal,
- is-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti,
- l-appoġġ lir-refuġjati u l-popolazzjoni spostata inklużi t-tfal.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)

## 21 03 01 (ikompli)

## 21 03 01 03 (ikompli)

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn se jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

## 21 03 01 04 Sostenn għall-proċess ta' paċi u assistenza finanzjarja lill-Palestina u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina (UNRWA)

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
286 500 000	218 104 163	300 000 000	200 000 000		

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri operazzjonijiet għall-benefiċċju tan-nies Palestinjani u t-territorji Palestinjani okkupati tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, fil-kuntest tal-proċess għall-paċi fil-Lvant Nofsani.

L-operazzjonijiet għandhom l-għanijiet primarji li:

- jappoġġaw il-bini tal-Istat u l-iżvilupp istituzzjonali,
- jippromwovu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku,
- jimmitigaw l-effetti fuq il-popolazzjoni Palestinjana tal-kundizzjonijiet ekonomiċi, fiskali u umanitarji li sejrjn għall-agħar permezz tal-forniment ta' servizzi essenzjali u appoġġ ieħor,
- jikkontribwixxu għall-isforzi ta' rikostruzzjoni f'Gaża,
- jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina (UNRWA) u b'mod partikolari għall-programmi tas-saħħa, edukattivi u tas-servizzi soċjali tagħha,
- jiffinanzjaw operazzjonijiet preparatorji li għandhom l-għan li jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-Iżrael u l-ġirien tagħha fil-kuntest tal-proċess paċifiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-istituzzjonijiet, kwistjonijiet ekonomiċi, l-ilma, l-ambjent u l-enerġija,
- jiffinanzjaw attivitajiet imfasslin sabiex joħolqu opinjoni pubblika favur il-proċess paċifiku,

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)****21 03 01** (ikompli)

## 21 03 01 04 (ikompli)

- jiffinanzjaw tagħrif, inkluż bl-Għarbi u l-Ebrajk, u t-tqassim tat-tagħrif dwar il-kooperazzjoni bejn l-Iżrael u l-Palestina,
- jippromwovu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jippromwovu rispett ikbar għad-drittijiet tal-minoritajiet, jiġġieldu l-anti-Semitiżmu u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni,
- irawmu l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili, inter alia, biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

**21 03 02** ***Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant***

## 21 03 02 01 Sħubija tal-Lvant — Drittijiet tal-bniedem u mobilità

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
207 296 000	36 205 291	247 066 602	233 628 498		

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

- id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali,
- l-istat tad-dritt,
- il-prinċipji tal-ugwaljanza,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)

## 21 03 02 (ikompli)

## 21 03 02 01 (ikompli)

- l-istabiliment ta' demokrazzja profonda u sostenibbli,
- il-governanza tajba,
- l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili prosperuża inklużi sħab soċjali,
- il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies immexxija sew,
- il-promozzjoni ta' kuntatti bejn in-nies.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

## 21 03 02 02 Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
302 300 000	52 746 310	339 852 750	34 154 482		

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

- l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni settorjali u transettoralji, anki permezz ta':
  - approssimazzjoni leġiżlattiva u konverġenza regolatorja lejn l-Unjoni u standards internazzjonali rilevanti oħrajn,
  - il-bini ta' istituzzjonijiet,
  - investimenti,
- l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv fl-aspetti kollha,

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)****21 03 02** (ikompli)

## 21 03 02 02 (ikompli)

- it-tnaqqis tal-faqar, anki permezz tal-iżvilupp tas-settur privat,
- il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna,
- l-iżvilupp rurali,
- l-azzjoni klimatika,
- ir-reżiljenza għad-diżastri.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn se jġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx 1-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet tas-settur pubbliku u dak privat selezzjonati. B'hekk, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju, inklużi kontribuzzjonijiet in natura mis-CESES għall-proġetti tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

## 21 03 02 03 Sħubija tal-Lvant — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 000 000	1 395 866	12 966 060	916 204		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

- il-bini tal-kunfidenza,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)

## 21 03 02 (ikompli)

## 21 03 02 03 (ikompli)

— is-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti,

— l-appoġġ lil rifuġjati.

Livell adegwat ta' approporzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Parti minn din l-approporzjoni se tkun użata għal miżuri li jiffukaw fuq il-bosta kunflitti friżati fil-Viċinat tal-Lvant u biex tappoġġja t-tfittxija għal soluzzjonijiet politiċi għal dawk il-kunflitti.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approporzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

21 03 03 **Żgurar ta' kooperazzjoni transfruntiera (KTF) effiċjenti u sostenn ta' kooperazzjonijiet multinazzjonali oħra**

## 21 03 03 01 Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4

## Ċifri (Approporzjonijiet differenzjati)

Approporzjonijiet 2015		Approporzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
82 806 886	14 447 219	6 500 000	933 214		

## Kummenti

## L-ex Partita 21 03 03 01 (parti)

Din l-approporzjoni hija maħsuba biex tkopri programmi ta' kooperazzjoni transfruntieri bejn, minn naħa, l-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, il-pajjiżi sħab u/jew il-Federazzjoni Russa tul il-fruntieri esterni tal-Unjoni, sabiex tippromwovi l-iżvilupp reġjonali integrat u sostenibbli u l-kooperazzjoni bejn żoni viċini fuq il-fruntieri u integrazzjoni territorjali armonjuża bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tal-viċinat.



**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)****21 03 03** (ikompli)

## 21 03 03 01 (ikompli)

L-impenji tal-kooperazzjoni transfruntiera għall-2015 jirriflettu l-ewwel sena ta' implimentazzjoni u l-impenji se juru tendenza li tikber matul il-perjodu 2015-2020 (kif kien il-każ għall-2007-2013).

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

## 21 03 03 02 Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali)

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-appoġġ tal-FEŻR skont l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea fil-perjodu ta' programmar 2014-2020 għal programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera u tal-baċiri tal-baħar skont l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari biex tkopri programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera tul il-fruntieri esterni tal-Unjoni bejn pajjiżi sħab u Stati Membri biex jiġi promoss żvilupp reġjonali integrat u sostenibbli bejn ir-reġjuni fil-fruntieri ġirien, inklużi l-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed, u integrazzjoni territorjali armonjuża fi ħdan l-Unjoni u mal-pajjiżi ġirien.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn se jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)

## 21 03 03 (ikompli)

## 21 03 03 02 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

## 21 03 03 03 Sostenn lil kooperazzjoni oħra multinazzjonali fil-viċinat

## Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
219 801 253	43 044 996	163 771 093	49 853 695		

## Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt din il-partita se jintużaw primarjament biex jiffinanzjaw programmi umbrella multinazzjonali li jissupplimentaw l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-pajjiż. L-iskop tal-programmi umbrella multinazzjonali — kif stipulat fir-Regolament (UE) No 232/2014 — huwa li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-inċentivi.

L-appropriazzjonijiet skont din il-partita jintużaw ukoll biex ikopru azzjonijiet li għandhom l-għan li:

- jipprovdu appoġġ ġenerali għall-funzjonament tal-Unjoni għall-Mediterran,
- jipprovdu appoġġ ġenerali għall-funzjonament tal-inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant,
- jipprovdu appoġġ ġenerali għall-funzjonament tal-oqfsa tal-kooperazzjoni reġjonali l-oħra, bħal pereżempju d-Dimensjoni tat-Tramuntana u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed.

Tintuża wkoll għal azzjonijiet li jtejbju l-livell u l-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-assistenza tal-Unjoni kif ukoll għal azzjonijiet li għandhom l-għan li jgħarrfu lill-pubbliku ġenerali u lill-benefiċjarji potenzjali dwar l-assistenza u li jżidu l-viżibbiltà.

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)****21 03 03** (ikompli)

## 21 03 03 03 (ikompli)

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

**21 03 20 Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
90 654 000	61 830 124	80 486 950	8 736 028		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika u finanzjarja pprovduta skont dan l-istrument estern sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni superjuri għall-implimentazzjoni tal-programm "Erasmus+".

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali,

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

## KUMMISSJONI

## TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)

## 21 03 20 (ikompli)

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

21 03 51 **Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja (ta' qabel l-2014)**

## Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	965 917 684	—	912 500 000	2 479 781 131,40	1 347 827 195,49

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Hija maħsuba wkoll sabiex tkopri t-tlestija tal-protokollu finanzjarji mal-pajjiżi tal-Mediterran, inkluż, inter alia, appoġġ għall-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija fi ħdan il-Bank Ewropew ta' Investiment u tkopri l-eżekuzzjoni ta' għajjnuna finanzjarja mhux tal-BEI pprovduta fit-tielet u r-raba' ġenerazzjoni ta' protokollu finanzjarji mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-protokollu jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 1986 u l-31 ta' Ottubru 1991 għat-tielet ġenerazzjoni ta' protokollu finanzjarji u l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 1991 u l-31 ta' Ottubru 1996 għar-raba' ġenerazzjoni tal-protokollu finanzjarji.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Permezz tal-informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħlin fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; iwasslu għall-forniment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni fisimhom, b'konformità mal-att bażiku relevanti, jista' jwassal għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) (ikompli)****21 03 51** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2210/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija (ĠU L 263, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2211/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 264, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2212/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 265, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2213/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 266, 27.9.1978, p. 1).

Din l-appropriazzjoni maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva relatata mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar u is-superviżjoni tal-programm jew il-proġetti, bħal nefqiet għal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 32 04.

**32 01 07 Kontribuzzjoni tal-Euratom għall-operat tal-Aġenzija Fornitriċi**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
119 000	98 000	98 000,—

*Kummenti*

Billi nefqa fuq il-bini u l-persunal hija inkluża fl-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-Partiti XX 01 01 01 u XX 01 03 01 u l-Artikolu 26 01 23, il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni, flimkien mad-dħul proprju tal-Aġenzija, huma maħsuba biex ikopru n-nefqa mġarrba mill-Aġenzija fl-attivitatiet tagħha.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ENERĠIJA" (ikompli)**

**32 01 07** (ikompli)

Fit-23 sessjoni tiegħu fl-1 u t-2 ta' Frar 1960, il-Kunsill tal-Euratom ippropona unanimament li l-Kummissjoni tippostponi mhux biss l-imposta (maħsuba biex ikopri n-nefqa operatorja tal-Aġenzija tal-Provvista tal-Euratom) imma wkoll l-introduzzjoni reali ta' dik l-imposta. Minn dakinhar sussidju kien inkluż fil-baġit biex jibbilanċja n-naħa tad-dħul maċ-ċifri tan-nefqa tal-Aġenzija murija fil-prospett tal-estimi.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikoli 52, 53 u 54 tiegħu.

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 6 u 7 tal-Anness tagħha.

## KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Paga- menti 2013/ 2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 02	ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI								
<b>32 02 01</b>	<b>Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa</b>								
32 02 01 01	Aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà bejn in-netwerks tal-elettriku u tal-gass fuq il-fruntieri	1,1	145 554 000	14 631 591	122 042 833	p.m.			
32 02 01 02	Titijb tas-sigurtà tal-Unjoni fil-provvista tal-enerġija	1,1	145 554 000	14 631 591	122 042 833	p.m.			
32 02 01 03	Kontribuzzjoni għal żvilupp sostenibbli u protezzjoni tal-ambjent	1,1	145 555 000	14 631 591	122 042 834	p.m.			
32 02 01 04	Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi	1,1	48 518 000	19 952 080	40 771 000	p.m.			
	Artikolu 32 02 01 — Subtotal		485 181 000	63 846 853	406 899 500	p.m.			
<b>32 02 02</b>	<b>Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija</b>	1,1	4 998 000	3 481 176	4 900 000	1 482 073	4 020 213,63	4 170 660,63	119,81
<b>32 02 03</b>	<b>Sigurtà tal-istallazzjonijiet u l-infrastruttura enerġetiċi</b>	1,1	306 000	261 088	300 000	190 000	300 000,—	196 812,22	75,38
<b>32 02 10</b>	<b>Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)</b>	1,1	10 851 000	10 851 000	10 188 000	10 188 000	11 930 220,—	11 930 220,—	109,95
<b>32 02 51</b>	<b>Tlestija tas-sostenn finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk enerġetiku trans-Ewropew</b>	1,1	p.m.	12 569 810	p.m.	9 753 197	22 200 000,—	26 997 899,48	214,78
<b>32 02 52</b>	<b>Tlestija ta' proġetti enerġetiċi biex jgħinu l-irkupru ekonomiku</b>	1,1	p.m.	406 598 676	—	150 259 157	0,—	201 566 428,87	49,57
<b>32 02 77</b>	<b>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</b>								
32 02 77 01	Proġett pilota — Sigurtà tal-enerġija — Gass tas-skist	1,1	p.m.	p.m.	—	140 000	0,—	66 815,50	
32 02 77 02	Azzjoni preparatorja — Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li jimplementaw is-sorsi enerġetiċi rinovabbli (id-Direttiva 2009/28/KE)	2	p.m.	p.m.	—	350 000	0,—	0,—	

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)**

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 02 77	(ikompli)								
32 02 77 04	Proġett pilota — Programm qafas Ewropew għall-iżvilupp u l-iskambju tal-esperjenza dwar l-iżvilupp urban sostenibbli	1,1	—	—	—	p.m.	0,—	0,—	
32 02 77 05	Azzjoni preparatorja — Gżejjer Ewropej għal politika komuni tal-enerġija	1,1	—	p.m.	—	p.m.	0,—	1 013 726,62	
32 02 77 06	Proġett pilota — mudelli teknoloġiċi għal netwerks ta' tisħin distrettwali b'inputs multipli	2	p.m.	500 000	1 750 000	875 000			
32 02 77 07	Proġett pilota — Studju ta' fattibilità dwar il-finanzjament ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika bi prezz baxx f'familji bi dħul baxx	1,1	120 000	60 000					
32 02 77 08	Proġett pilota — Faqar fil-fjuwil/fl-enerġija — valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi u rieżami tal-miżuri eżistenti u oħrajn ġodda possibbli fl-Istati Membri	1,1	1 000 000	500 000					
	<i>Artikolu 32 02 77 — Subtotal</i>		1 120 000	1 060 000	1 750 000	1 365 000	0,—	1 080 542,12	101,94
	<b>Kapitolu 32 02 — Total</b>		<b>502 456 000</b>	<b>498 668 603</b>	<b>424 037 500</b>	<b>173 237 427</b>	<b>38 450 433,63</b>	<b>245 942 563,32</b>	<b>49,32</b>

**32 02 01** *Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa*

32 02 01 01 Aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà bejn in-netwerks tal-elettriku u tal-gass fuq il-fruntieri

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
145 554 000	14 631 591	122 042 833	p.m.		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni li jikkontribwixxu prinċipalment għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà tan-netwerks tal-gass u l-elettriku bejn il-pajjiżi.



**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI** (ikompli)**32 02 01** (ikompli)

32 02 01 01 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(a) tiegħu.

32 02 01 02 Titjib tas-sigurtà tal-Unjoni fil-provvista tal-enerġija

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
145 554 000	14 631 591	122 042 833	p.m.		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni (PCI) li jikkontribwixxu prinċipalment għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, tar-reżiljenza tas-sistemi u s-sigurtà tal-operazzjonijiet tas-sistemi tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(b) tiegħu.

32 02 01 03 Kontribuzzjoni għal żvilupp sostenibbli u protezzjoni tal-ambjent

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
145 555 000	14 631 591	122 042 834	p.m.		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni (PCI) li jikkontribwixxu prinċipalment għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fin-netwerk ta' trażmissjoni, u permezz tal-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti tal-enerġija u tad-diossidu tal-karbonju.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** (ikompli)

**32 02 01** (ikompli)

32 02 01 03 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(c) tiegħu.

32 02 01 04 Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti enerġetiċi

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
48 518 000	19 952 080	40 771 000	p.m.		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istrumenti finanzjarji stabbiliti skont il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa biex jippermettu jew jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament fuq terminu twil jew ir-riżorsi tal-investituri privati u għaldaqstant biex iħaffu jew jagħmlu possibbli l-finanzjament tal-proġetti ta' interess komuni eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39). L-istrumenti finanzjarji se jitwaqquf bħala oqfsa ta' "dejn" jew "ekwità" wara valutazzjoni ex-ante rikjesta mill-Artikolu 224 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012. Huma maħsubin biex jiġu implimentati bħala ġestjoni diretta mill-entitajiet inkarigati, skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju jew flimkien mal-entitajiet inkarigati.

Kwalunkwe rimbors mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborsi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimbors tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

## KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 02 **Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 998 000	3 481 176	4 900 000	1 482 073	4 020 213,63	4 170 660,63

**Kummenti**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' analiżi, definizzjoni, promozzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u implimentazzjoni meħtieġa għal politika Ewropea ta' enerġija li tkun kompetittiva, sikura u sostenibbli, għas-suq intern tal-enerġija u l-estensjoni tiegħu lil pajjiżi terzi, għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija f'kwalunkwe aspett ta' perspettiva Ewropea u globali kif ukoll għat-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija permezz tal-forniment ta' servizzi ta' kwalità bi prezzijiet trasparenti u paragonabbli.

L-oġġettivi ewlenin miftiehma huma l-istabbiliment ta' politika Ewropea progressivament komuni li tiżgura sigurtà tal-provvista tal-enerġija kontinwa, funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija u aċċess għal networks tat-trasport tal-enerġija, osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, analiżi tat-tfassil inkluż xenarji dwar l-impatt tal-politiki kkunsidrati, tisħiħ tad-drittijiet u tal-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija bbażati fuq għarfien ġenerali u partikolari tas-swieq tal-enerġija Ewropej kif ukoll globali għal kwalunkwe tip ta' enerġija.

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri wkoll in-nefqa tal-esperti direttament marbuta mal-ġabra, il-validazzjoni u l-analiżi tal-informazzjoni neċessarja dwar l-osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, kif ukoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-konferenzi u l-avvenimenti li jipromwovu attivitajiet fis-settur tal-enerġija, u wkoll pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati direttament marbuta mal-kisba tal-oġġettiv tal-politika tal-enerġija.

**Bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2964/95 tal-20 ta' Diċembru 1995 li jintroduċi r-reġistrazzjoni għall-importazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat u l-kunsinni tiegħu fil-Komunità (ĠU L 310, 22.12.1995, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/280/KE tat-22 ta' April 1999 dwar proċedura tal-Komunità għal informazzjoni u konsultazzjoni fuq il-kost għal provvisti ta' żejt mhux maħdum u l-prezzijiet tal-prodotti tal-karburant għall-konsumatur (ĠU L 110, 28.4.1999, p. 8).

Id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investment fl-infrastruttura (ĠU L 33, 04.02.2006, p. 22-27)

Id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2000 dwar il-finanzjmanet tal-istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 9).

Ir-Regolament (KE) 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15).

Ir-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** (*ikompli*)

**32 02 02** (*ikompli*)

Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi (ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea li jħassar ir-Regolament (KE) 736/96 (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 7).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru 833/2010 tal-21 ta' Settembru 2010 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2010, p. 36).

Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 1).

Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66).

*Atti ta' referenza*

Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2012 dwar it-twaqqif tal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea li huma responsabbli għall-attivitajiet taż-żejt u tal-gass li jitwettqu lil hinn mill-kosta (ĠU C 18, 21.1.2012, p. 8).

**32 02 03** **Sigurtà tal-istallazzjonijiet u l-infrastruttura enerġetiċi**

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
306 000	261 088	300 000	190 000	300 000,—	196 812,22

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa magħmula mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għal analiżi, definizzjoni, promozzjoni, monitoraġġ, valutazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli u miżuri meħtieġa biex tittejjeb is-Sigurtà tas-settur tal-enerġija, l-għajnuna teknika u t-taħriġ speċifiku.

L-għanijiet ewlenin huma li jiġu żviluppati u applikati regoli ta' Sigurtà fil-qasam tal-enerġija u b'mod partikolari:

- miżuri għall-prevenzjoni ta' atti malizzjużi fis-settur tal-enerġija, b'referenza partikolari għall-istallazzjonijiet u infrastruttura tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni u trażmissjoni tal-enerġija,
- approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prassi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-Sigurtà tal-enerġija,

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** (*ikompli*)**32 02 03** (*ikompli*)

- definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u għanijiet ta' Sigurtà għas-settur tal-enerġija u l-għbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,
- monitoraġġ ta' miżuri meħuda fuq is-Sigurtà tal-enerġija mill-awtoritajiet nazzjonali, operaturi u atturi ewlenin oħra f'dan il-qasam,
- koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-Sigurtà tal-enerġija, inklużi fornituri ġirien u pajjiżi ta' tranżitu u sħab dinjija oħra.
- promozzjoni ta' żviluppi teknoloġiċi fil-qasam tas-Sigurtà tal-enerġija.

Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi ta' dan l-artikolu.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**32 02 10** **Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)**

Ċifri (*Appropriazzjonijiet mhux differenzjati*)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
10 851 000	10 188 000	11 930 220,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdienu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jaqgħu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 16 mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat taħt l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju li għandhom jitniżżlu taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** (ikompli)

**32 02 10** (ikompli)

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija huwa deskritt fl-Anness “Persunal” ta’ din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta’ EUR 11 266 000. Ammont ta’ EUR 415 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta’ EUR 10 851 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 li jstabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

**32 02 51 Tlestija tas-sostenn finanzjarju għall-proġetti ta’ interess komuni fin-netwerk enerġetiku trans-Ewropew**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	12 569 810	p.m.	9 753 197	22 200 000,—	26 997 899,48

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta’ Settembru 1995 li jstabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta’ għajnunha finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għal netwerks tal-enerġija trans-Ewropej (ĠU L 262, 22. 9. 2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2007 li jstabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta’ għajnunha finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)****32 02 52 Tlestija ta' proġetti enerġetiċi biex jgħinu l-irkupru ekonomiku**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	406 598 676	—	150 259 157	0,—	201 566 428,87

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p.31).

**32 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji****32 02 77 01 Proġett pilota — Sigurtà tal-enerġija — Gass tas-skist**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	140 000	0,—	66 815,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

## KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

## 32 02 77 (ikompli)

32 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li jimplimentaw is-sorsi enerġetiċi rinovabbli (id-Direttiva 2009/28/KE)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	350 000	0,—	0,—

## Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejgija.

## Bażi ġuridika

Azzjoni ta' thejgija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

32 02 77 04 Proġett pilota — Programm qafas Ewropew għall-iżvilupp u l-iskambju tal-esperjenza dwar l-iżvilupp urban sostenibbli

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	p.m.	0,—	0,—

## Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).



**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** (ikompli)**32 02 77** (ikompli)

## 32 02 77 05 Azzjoni preparatorja — Gżejjer Ewropej għal politika komuni tal-enerġija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	—	p.m.	0,—	1 013 726,62

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## 32 02 77 06 Proġett pilota — mudelli tekno-ekonomiċi għal netwerks ta' tisħin distrettwali b'inputs multipli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	1 750 000	875 000		

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jżid l-effiċjenza totali tan-netwerks ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali, bl-iżvilupp ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tal-ġenerazzjoni li jmiss, permezz ta':

- użu intelliġenti u kontroll ta' sistemi distribwiti ta' ħżin tal-enerġija fin-netwerk,
- disinn imtejjeb u substazzjonijiet b'kontroll intelliġenti fil-bini li jaħdmu b'temperatura baxxa ta' tisħin u b'temperatura għolja ta' tkessiħ, u
- kontroll intelliġenti tan-netwerk ġenerali, inklużi sorsi rinnovabbli (primarjament enerġija solari termali, dik ġeotermali, sħana mitlufa), id-domanda għall-enerġija termali tal-bini kollegat u sistemi ta' ħżin tal-enerġija termali kemm distribwita u kemm kollettiva.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI** (ikompli)

**32 02 77** (ikompli)

32 02 77 06 (ikompli)

L-ewwel serje ta' riżultati tipprevedi l-ħidma ta' studju inizjali (2014-2015) u tinkludi:

- algoritmu b'kontroll intelliġenti għal ħżin u substazzjonijiet ta' ħżin ta' enerġija termali,
- sistema bi prezz baxx biex ikun determinat l-istat ta' ċarġ ta' sistemi ta' ħżin ta' enerġija termali kompatta u distribwita fil-bini,
- disinn imtejjeb tas-substazzjon b'temperatura baxxa, kif ukoll
- skema ta' kontroll ġenerali sabiex jiġi ttrattat l-iżbilanċ bejn sorsi tas-sħana multipli (mhux prevedibbli) rinnovabbli u l-ħtiġijiet tal-enerġija termali fil-bini kollegat.

L-għan globali huwa li tiżdied l-effiċjenza ġenerali tan-netwerk termali u jitnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja tas-sistema ta' rinforz għat-tisħin (gas fired boiler) u t-tkessiħ (chiller) b'tal-anqas 20 %.

It-tieni serje tikkonsisti fl-implimentazzjoni fuq il-post ta' madwar 60 binja, li wħud minnhom għandhom jiġu kollegati fi ħdan il-qafas tal-proġett pilota fl-2014/2015. L-iffrankar totali fl-emissjonijiet minħabba l-ottimizzazzjoni tan-netwerk (= ħżin + substazzjonijiet + kontroll) huwa stmat għal 1 021 tunnellata fis-sena. L-iffrankar fl-emissjonijiet bl-użu tal-enerġija rinnovabbli għadhom (s'issa) ma ġewx inklużi fil-kalkoli, billi l-enfasi hija fuq in-netwerk tal-ġenerazzjoni li jmiss.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

32 02 77 07 Proġett pilota — Studju ta' fattibilità dwar il-finanzjament ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika bi prezz baxx f'familji bi dħul baxx

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
120 000	60 000				

## KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 07 (ikompli)

## Kummenti

Fir-rigward tal-pjani ta' emerġenza biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni u titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' enerġija, għandha tingħata protezzjoni speċjali lill-konsumaturi vulnerabbli milquta mill-faqar enerġetiku. L-enerġija użata fil-bini tammonta għal 40 % tal-użu tal-enerġija fl-Unjoni. Dan l-aħħar, il-finanzjament ta' rinnovament profund tal-binijiet ġie rikonossut bħala prijorità ewlenija tal-Fondi Ewropej Strutturali għat-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija, u għalhekk għas-sigurtà tal-enerġija. Madankollu, xorta għad iridu jinstabu modi ottimali għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament biex jiġu appoġġati miżuri speċifiċi ta' effiċjenza enerġetika bi prezz baxx, li jistgħu jiġu implimentati relattivament malajr f'familji bi dħul baxx. Tali miżuri ta' finanzjament, bl-użu ta' kwalunkwe fondi u linji baġitarji tal-Unjoni disponibbli, jgħinu lill-konsumaturi vulnerabbli jnaqqsu l-ħtiġijiet enerġetiċi tagħhom mingħajr ma jnaqqsu l-livell ta' għajxien tagħhom. Jitwettaq studju tal-fattibilità tal-finanzjament. L-objettivi tal-istudju jinkludu l-istabbiliment ta' dak li huwa meħtieġ fil-prattika biex il-fondi tal-Unjoni jsiru disponibbli għal dan il-grupp ta' ċittadini għal tali miżuri fuq perjodu ta' żmien qasir, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-impatti soċjali u ekonomiċi (il-ħolqien tal-impjiegi lokali, it-tnaqqis fil-kontijiet tal-konsumaturi, eċċ.), l-ostakli li jippreżentaw inċentivi maqsuma bejn il-kerreġja u s-sidien tal-binijiet, il-komplementarjetà ma' miżuri ta' effiċjenza enerġetika fuq perjodu ta' żmien twil u l-fondi diġà disponibbli fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

32 02 77 08 Proġett pilota — Faqar fil-fjuwil/fl-enerġija — valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi u rieżami tal-miżuri eżistenti u oħrajn ġodda possibbli fl-Istati Membri

## Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjati)

Approprazzjonijiet 2015		Approprazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

## Kummenti

Il-proġett pilota se jivvaluta l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq il-faqar fl-enerġija fl-Unjoni, billi jiffoka b'mod partikolari fuq l-Istati Membri fejn din il-kwistjoni s'issa għadha ma ġietx eżaminata u/jew indirizzata minn miżuri ta' politika.

Dan il-proġett janalizza wkoll id-data eżistenti dwar dawk affettwati mill-faqar fil-fjuwil, il-miżuri eżistenti stabbiliti mill-Istati Membri u d-definizzjonijiet u l-indikaturi.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI** (*ikompli*)

**32 02 77** (*ikompli*)

**32 02 77 08** (*ikompli*)

*Azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati:*

Studju li jagħti ħarsa lejn:

- il-possibilità li tiġi introdotta definizzjoni tal-faqar fl-enerġija bbażata fuq parametri komuni aġġustata biex tiegħu kont taċ-ċirkostanzi f'kull Stat Membru,
- il-possibilità li jiġu stabbiliti skemi finanzjarji speċifiċi rigward l-ispejjeż tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli (bħal ipprezzar ġust tal-enerġija, appoġġ ta' darba jew bħala parti minn assistenza soċjali oħra, azzjoni biex jiġi evitat in-nuqqas ta' ħarsa tal-kontijiet u protezzjoni kontra l-qtugħ tal-provvisti),
- il-possibilità li jiġu stabbiliti fondi reġjonali jew nazzjonali speċifiċi biex jitnaqqas il-faqar fl-enerġija, li jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja minn fornituri tal-enerġija li tirrifletti l-obbligu tagħhom li jnaqqsu l-konsum f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE,
- inċentivi u miżuri istruttivi biex jgħinu lir-residenti jiffrankaw l-enerġija,
- l-użu ta' ingranaġġ finanzjarju effettiv u fit-tul biex il-bini residenzjali jsir aktar effiċjenti fl-enerġija, kemm fiż-żoni urbani u kemm f'dawk rurali, filwaqt li jiġi żgurat li dan ma jwassalx għal żieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni għall-okkupanti ladarba jkun tqies l-iffrankar fl-enerġija; il-Kummissjoni se tikkordina dawn l-isforzi u tistudja l-possibilità li tintroduċi miżuri ta' inċentiv,
- kif il-miżuri ta' effiċjenza enerġetika biex jindirizzaw il-faqar fl-enerġija jistgħu jgħinu wkoll fil-prevenzjoni ta' problemi tas-saħħa (bħal kundizzjonijiet respiratorji u kardjovaskulari, allerġiji, ażma, avvelenament mill-ikel u mill-monossidu tal-karbonju, u impatti fuq is-saħħa mentali),
- il-kompożizzjonijiet tariffarji fl-Istati Membri, inkluża l-introduzzjoni reċenti ta' taxxi oġhla fuq l-enerġija,
- miżuri stabbiliti fl-Istati Membri.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Paga- menti 2013/ 2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 03	ENERĠIJA NUKLEARI								
32 03 01	Salvagwardji nukleari	1,1	23 107 000	15 665 291	20 520 000	17 000 000	20 477 528,15	16 886 737,05	107,80
32 03 02	Sikurezza nukleari u radjopro- tezzjoni	1,1	3 762 000	2 436 823	3 286 000	2 700 000	1 814 775,18	1 850 940,86	75,96
32 03 03	Programm ta' assistenza tad- dekummissjonar nukleari fil- Litwanja	1,1	61 853 000	p.m.	60 641 000	p.m.			
32 03 04	Programm ta' assistenza għad- dekummissjonar nukleari								
32 03 04 01	Programm Kozloduy	1,1	40 205 000	p.m.	39 416 000	p.m.			
32 03 04 02	Programm Bohunice	1,1	30 926 000	p.m.	30 320 000	p.m.			
	Artikolu 32 03 04 — Subtotal		71 131 000	p.m.	69 736 000	p.m.			
32 03 51	Tlestija tal-assistenza ta' dekummissjonar nukleari (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	157 167 657	p.m.	180 000 000	267 000 000,—	180 398 141,09	114,78
	<b>Kapitolu 32 03 — Total</b>		<b>159 853 000</b>	<b>175 269 771</b>	<b>154 183 000</b>	<b>199 700 000</b>	<b>289 292 303,33</b>	<b>199 135 819,—</b>	<b>113,62</b>

## 32 03 01 Salvagwardji nukleari

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 107 000	15 665 291	20 520 000	17 000 000	20 477 528,15	16 886 737,05

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri, b'mod partikolari:

- spejjeż għall-missjonijiet minn spetturi magħmula skont programmi ta' kull sitt xhur stabbiliti minn qabel, spezzjonijiet b'avviż qasir (gratifikasi ta' sussistenza ta' kuljum u spejjeż tal-ivvjaġġar),
- taħriġ ta' spetturi u laqgħat ma' Stati Membri u operaturi nukleari,
- xiri ta' apparat għall-użu f'ispezzjonijiet, partikolarment xiri ta' apparat ta' monitoraġġ bħal sistemi ta' video diġitali, apparat għall-kejl tal-gamma, in-newtroni u l-infraħmar, siġilli elettroniċi u sistemi għal qari ta' siġilli,
- xiri u rinnovament ta' hardwer tat-teknoloġija informatika għall-ispezzjonijiet,
- proġetti speċifiċi għall-ispezzjonijiet tat-teknoloġija informatika (żvilupp u manutenzjoni),

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI (*ikompli*)

**32 03 01** (*ikompli*)

- bdil ta' apparati ta' monitoraġġ u kejl li waslu fit-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom,
- manutenzjoni tat-tagħmir, inkluża assigurazzjoni ta' tagħmir speċifiku f'Canberra, Ametek, Fork u f'siti GBNS,
- miżuri ta' infrastruttura teknika, inkluż immaniġġjartal-iskart u trasport ta' kampjuni,
- analiżijiet fuq il-post (kost lavorattiv u spejjeż tal-missjoni għall-analisti),
- ftehimiet fuq il-lant fil-post (laboratorji, uffiċċji, eċċ.),
- immaniġġjar ta' kuljum ta' stallazzjonijiet fuq il-post u laboratorji ċentrali (tiswijiet, manutenzjoni, hardwer tat-teknoloġija informatika, xiri ta' provvisti u oġġetti tal-konsum, eċċ.),
- appoġġ tat-teknoloġija informatika u testijiet għall-applikazzjonijiet għall-ispezzjonijiet.

Dan li ġej ukoll se jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju:

- pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mħallsa,
- rimbors ta' somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni għall-provvisti, xogħol jew servizzi.

Din l-appropriazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi li jaqgħu taħt dan l-artikolu, flimkien ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Il-Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika taħt il-Kapitolu 7 tat-titolu II u l-Artikolu 174.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom (ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-Ftehim bejn tliet partijiet, bejn l-Komunità, l-Istati Membri li ma jużawx armi nukleari u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Il-Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, ir-Renju Unit u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Il-Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, Franza u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** (ikompli)**32 03 01** (ikompli)

Il-Ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità u pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada u l-Awstralja.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 1992 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' laboratorji fuq il-post għal analiżi ta' verifika tal-kampjuni ta' salvagwardji (SEC(1992) 515).

**32 03 02** **Sikurezza nukleari u radjoprotezzjoni**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjali)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 762 000	2 436 823	3 286 000	2 700 000	1 814 775,18	1 850 940,86

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni fuq is-sikurezza u s-sigurtà nukleari, partikolarment fl-Istati Membri ġodda u dwar ir-regoli u l-miżuri fil-qasam tar-radjoprotezzjoni,
- nefqa fuq miżuri u azzjonijiet relatati mal-monitoraġġ u l-protezzjoni kontra l-effetti tar-radjazzjoni jonizzanti u li tkun immirata għall-iżgurar tal-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent kontra l-perikli tar-radjazzjoni u s-sustanzi radjuattivi. Dawn l-azzjonijiet jirrigwardaw ħidmiet speċifiċi provduti skont it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,
- nefqa għat-twaqqif u l-operazzjoni ta' korpi ta' ispetturi għall-verifika tal-protezzjoni kontra r-radjazzjoni jonizzanti fl-Istati Membri. Din in-nefqa tinkludi flimkien mal-gratifikasi tas-sussistenza u spejjeż tal-ivvjaġġar (missjoni), l-ispejjeż għat-taħriġ, għal-laqgħat preparatorji u għax-xiri tat-tagħmir li jintuża għall-ispezzjonijiet,
- nefqa marbuta mal-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011.

Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi li jaqgħu taħt dan l-artikolu.

*Bażi ġuridika*

Il-kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat Euratom taħt il-Kapitolu 3 tat-Titolu II u l-Artikolu 174.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** (ikompli)

**32 03 02** (ikompli)

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 31 (ġabra ta' informazzjoni u preparazzjoni ta' leġislazzjoni ġdida li tikkomplimenta l-istandards bażiċi tas-sikurezza), l-Artikolu 33 (implimentazzjoni ta' direttivi, inkluż b'mod partikolari fil-qasam mediku (qasam C)), u l-Artikolu 35, it-tieni paragrafu (verifika tal-monitoraġġ tar-radjuattività ambjentali), tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunita għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 733/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident fl-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl (ĠU L 201, 30.7.2008, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tad-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p.12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tassar id-Direttivi 86/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p.1).

**32 03 03 Programm ta' assistenza tad-dekummissjonar nukleari fil-Litwanja**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
61 853 000	p.m.	60 641 000	p.m.		

*Kummenti*

Ex Partita 32 03 03 02

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Ignalina (il-Litwanja), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Litwanja.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekummissjonar.

Il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi impenjati skont dan l-artikolu, kif ukoll estimi aġġornati tal-kostijiet u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekummissjonar tar-reatturi nukleari kkonċernati.



**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** (ikompli)**32 03 03** (ikompli)

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Ignalina tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitàjiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn jitqies li jkunu relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) Nru 1369/2013, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħrajn kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mgħarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm Ignalina tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn dak il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1990/2006.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1369/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programm ta' għajjnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1990/2006 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 7).

**32 03 04 Programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari**

## 32 03 04 01 Programm Kozloduy

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
40 205 000	p.m.	39 416 000	p.m.		

*Kummenti**Ex Partita 32 03 03 01*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Kozloduy (il-Bulgarija), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Bulgarija.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekummissjonar.

Il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi impenjati skont din il-partita, kif ukoll estimi aġġornati tal-kostijiet u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekummissjonar tar-reatturi nukleari kkonċernati.

KUMMISSJONI  
TITOLU 32 — ENERĠIJA

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** (ikompli)

**32 03 04** (ikompli)

32 03 04 01 (ikompli)

- sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Programm, bħas-sostenn għall-NGOs fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew, sostenn għal atturi ewlenin Ewropej, netwerks fuq livell Ewropew u servizzi armonizzati ta' valur soċjali; sostenn tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u NGOs, inkluż sostenn permezz ta' għotjiet ta' azzjoni jew għotjiet operatorji.

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

**KAPITOLU 33 02 — DRITTJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA** (*ikompli*)

**33 02 02** (*ikompli*)

- disinn u applikazzjoni ta' metodoloġija ta' bbaġittjar li tirrispetta ż-żewġ sessi għall-baġit tal-Unjoni bl-għan:
  - tal-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet impliċiti u espliċiti dwar il-ġeneru,
  - tal-identifikazzjoni — fejn possibbli — tal-allokkazzjonijiet ta' riżorsi alleati, u
  - tal-valutazzjoni dwar jekk il-politika tkomplex jew tibdilx l-inugwaljanzi eżistenti bejn in-nisa u l-irġiel (u gruppi ta' nisa u rġiel), subien u bniet u forom ta' relazzjonijiet bejn is-sessi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari Artikolu 4(1)(a) sa (d) u l-Artikolu 5(1) tiegħu.

**33 02 06** **Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
21 155 000	21 109 000	21 348 510,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-istaff u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenzija (it-Titoli 1 u 2).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operazzjonali (it-Titolu 3) tal-Aġenzija, li hija responsabbli li tipprovdi lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jimplementaw id-dritt tal-Unjoni bl-assistenza u l-għarfien espert marbut mad-drittijiet fundamentali sabiex jappoġġawhom meta jieħdu miżuri jew jifformulaw korsijiet ta' azzjoni fl-isferi rispettivi tagħhom ta' kompetenza biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.

L-Aġenzija tista' tkun mistennija li ttwettaq l-għanijiet/ħidmiet operattivi li ġejjin:

- l-għoti ta' assistenza lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri,



**KAPITOLU 33 02 — DRITTIIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA** (ikompli)**33 02 06** (ikompli)

- il-promozzjoni ta' networking tal-imsieħba u djalogu fuq il-livell Ewropew,
- il-promozzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni u attivitajiet li jżidu l-għarfien biex tissaħħaħ il-viżibilità tad-drittijiet fundamentali,
- it-tħaddim effettiv tal-istruttura tal-maniġment u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Ir-Regolament Nru 168/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007. F'dik id-data l-Aġenzija ssostitwiet iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) u saret is-suċċessur legali tiegħu, u assumiet id-drittijiet u l-obbligi, l-impenji finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, u l-kuntratti tax-xogħol kollha taċ-Ċentru kif stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 21 229 000. Ammont ta' EUR 74 000 mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 21 155 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija. (ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

**33 02 07** **Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
7 464 000	6 776 081	7 478 368,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva tal-Istitut (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)**

**33 02 07 (ikompli)**

L-Istitut għandu jinforma lill-awtorità baġitarja dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Skont id-Deċiżjoni 2006/996/KE meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-post tas-sede tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 61), is-sede tal-Istitut huwa f'Vilnius.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 7 628 000. Ammont ta' EUR 164 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżjed mal-ammont ta' EUR 7 464 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9).

**33 02 51 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet, iċ-ċittadinanza, u l-ugwaljanza**

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	19 175 584	p.m.	41 333 000	75 433 917,27	64 749 808,76

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżjed mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pajjiżi kandidati jistgħu jużaw l-istrument Phare ta' qabel l-adeżjoni biex ikopru n-nefqa li tirriżulta mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni.

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA** (*ikompli*)**33 02 51** (*ikompli*)

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-Kompitu li jirriżulta mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 1957 dwar it-termini ta' referenza u r-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487/57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Ħarsien tas-Saħħa fuq ix-Xogħol (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri għall-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KEE tat-23 ta' Frar 1998 dwar l-attivittajiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU L 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (il-programm Daphne) (2000 sa 2003) dwar miżuri preventivi biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/750/KEE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sal-2006) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA** (*ikompli*)

**33 02 51** (*ikompli*)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 sa 2008) sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u biex tipproteġi l-vittmi u l-gruppi f'riskju (il-programm Daphne II) (ĠU L 143, 30.4. 2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/252/KE tad-19 ta' April 2007, li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku “Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza” bħala parti mill-Programm Ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja” (ĠU L 110, 27.4.2007, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja” (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19).

*Atti ta' referenza*

Il-Kompitu li jirriżulta minn poteri speċifiċi li huma mogħtija direttament lill-Kummissjoni bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 136, 137 u 140 (Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 151, 153 u 156).

Il-Konvenzjoni konkluża fl-1959 bejn l-Awtorità l-Għolja tal-KEFA u ċ-Ċentru Internazzjonali tas-Sigurtà fix-Xogħol u Tagħrif tas-Saħħa (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-Impjiegi.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 0122).

**33 02 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

33 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni Ewropea bejn awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali responsabbli mid-drittijiet tat-tfal u s-soċjetà ċivili, li tippromwovi u tiddefenti d-drittijiet tat-tfal

Ċifri (*Approprjazzjonijiet differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	0,—

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA** (ikompli)**33 02 77** (ikompli)

33 02 77 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2006 "Lejn Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" (COM(2006) 0367).

33 02 77 02 Proġett pilota — Introduzzjoni fil-livell Ewropew ta' mekkaniżmu ta' twissija rapida għas-sottrazzjoni u t-telf ta' minuri

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	0,—

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Standardizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar vjolenza relatata mal-ġeneru u vjolenza fuq it-tfal

*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	0,—

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 03 (ikompli)

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejji.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejji fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 04 Proġett pilota — Metodoloġija trans-Ewropea għall-iżvilupp ta' politiki msejsa fuq l-evidenza għad-drittijiet tat-tfal

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	240 481	p.m.	637 000	0,—	449 577,75

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 05 Proġett pilota — Impjeg ta' persuni fuq l-ispettru awtistiku

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	141 090,42

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 05 (ikompli)

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 06 Proġett pilota — Żvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	470 141	p.m.	425 000	1 000 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 07 Proġett pilota — Applikazzjoni u Servizz tal-Lingwa tas-Sinjali f'Ħin Reali tal-Unjoni Ewropea

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	360 525	p.m.	319 000	750 000,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 08 Proġett pilota — Pjattaforma tal-għarfien għall-professjonisti li jitrattaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	392 568	900 000	450 000		

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota jagħti lill-atturi rilevanti fl-Istati Membri rilevanti opportunità li jiżviluppaw pjattaforma ta' għarfien ibbażata fuq l-internet dwar il-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM). Din il-pjattaforma għandha tiġi żviluppata għall-professjonisti mill-professjonisti fil-qasam tas-saħħa, il-protezzjoni tat-tfal, l-asil, il-migrazzjoni, il-pulizija u l-ġudikatura li jitrattaw ma' nisa u bniet li jgħixu bl-FGM jew li jinsabu fil-periklu li jgħaddu minnha, u għall-midja. Sħab importanti oħra jinkludu l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Tali pjattaforma se tagħti informazzjoni faċilment aċċessibbli u appoġġ lill-professjonisti sabiex jagħtu sostenn lill-vittmi b'mod aktar effettiv, jagħtu kontribut għall-prevenzjoni tal-FGM u jħarsu lin-nisa u l-bniet li jgħixu bl-FGM jew li jinsabu fil-periklu li jgħaddu minnha. Barra minn hekk, se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57) u d-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-ġhoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali.

Se tiġi żviluppata pjattaforma tal-għarfien komprensiva bbażata fuq l-internet dwar l-FGM għall-professjonisti fl-Ewropa li tkun imsejsa fuq għodda tat-tagħlim elettroniku b'moduli separati għal kull korp u awtorità governattiva. Din se tiġi żviluppata bil-lingwi tal-pajjiżi parteċipanti, b'informazzjoni komuni għall-Istati Membri kollha u l-leġiżlazzjoni speċifika għall-pajjiż u l-punti ta' kuntatt. Se jiġu żviluppati moduli għall-awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjali u għall-professjonisti f'firxa wiesgħa ta' oqsma (il-ħaddiema soċjali, il-ħarsien tat-tfal, iċ-ċentri ta' akkoljenza, is-servizzi ta' migrazzjoni, l-edukazzjoni u l-midja). Dan jista' jiġi kkomplementat minn linji gwida għall-professjonisti li jeħtieġu parir immedjat. Din l-għodda se tgħin biex jittejjeb l-għarfien tal-prattika, tiġi pprevenuta l-istigmatizzazzjoni fil-midja u jiġu protetti n-nisa u l-bniet li jgħixu bl-FGM jew li qegħdin fil-periklu li jgħaddu minnha.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 09 Proġett pilota— Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Roma u tisħiħ tal-involvement tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
750 000	811 187	1 000 000	500 000		



## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 09 (ikompli)

## Kummenti

Il-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma jistieden lill-Istati Membri biex jinkludu mekkaniżmi ta' monitoraġġ b'saħħithom u jinvolvu lis-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tar-Roma, fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji. Il-bini tal-kapaċità hija meħtieġa biex tħejji lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Roma lokali biex jikkontribwixxu għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-programmi. Il-proġett pilota jikkontribwixxi għall-ħolqien u l-bini tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili tar-Roma lokali kif ukoll iservi bħala mekkaniżmu ta' monitoraġġ rigward l-integrazzjoni u l-inklużjoni tar-Roma speċjalment fil-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' "shadow reports" fejn koalizzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jissupplimentaw jew jippreżentaw informazzjoni u data alternattiva għar-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom. Dawn ix-shadow reports jistgħu jipprovdu għarfien lokali għall-proċessi politiċi nazzjonali u tal-Unjoni u jirriflettu dwar l-impatt soċjali reali tal-miżuri tal-gvern. Il-monitoraġġ ikun jiffoka fuq l-implimentazzjoni lokali tal-istrateġiji fl-erba' oqsma ta' prijorità (impjeg, edukazzjoni, akkomodazzjoni, saħħa), fis-setturi tal-antidiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi u jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-livell ta' involviment tas-soċjetà ċivili, l-użu tal-Fondi tal-Unjoni u l-integrazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni tar-Roma.

## Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 10 Proġett pilota — Rieżami tal-istrumenti u l-programmi ta' għbir tad-data tal-UE ftermini ta' drittijiet fundamentali

## Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
750 000	375 000				

## Kummenti

Il-proġett pilota jistabbilixxi u jappoġġja grupp ta' esperti indipendenti biex iwettaq rieżami ta' kull leġiżlazzjoni, strument jew ftehim eżistenti tal-Unjoni ma' partijiet terzi ftermini tad-drittijiet fundamentali, li jinvolvu l-għbir, iż-żamma, il-ħżin jew it-trasferiment ta' data personali.

Fid-dawl tal-konklużjoni ewlenija tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Kawżi Konġunti C-293/12 u C-594/12 li twaqqqa' d-direttiva dwar iż-żamma tad-data, u b'kunsiderazzjoni għall-mixja attwali lejn l-adozzjoni ta' proposti ta' riforma tal-protezzjoni tad-data tal-Unjoni ppreżentati mill-Kummissjoni fil-25 ta' Jannar 2012, il-proġett pilota se jappoġġja l-attivitajiet ta' grupp ta' esperti indipendenti responsabbli għar-rieżami tal-konformità tal-istrumenti u l-mekkaniżmi tal-għbir tad-data tal-Unjoni mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'attenzjoni partikolari li qed tingħata lill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-valutazzjoni ta' salvagwardji rilevanti għad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali.

L-attivitajiet tal-grupp ta' esperti jinkludu:

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (*ikompli*)

33 02 77 (*ikompli*)

33 02 77 10 (*ikompli*)

- katalogar ta' leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni (u kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar it-traspożizzjoni nazzjonali relatata), l-istrumenti dwar l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni, u l-ftehimiet ma' partijiet terzi li jinvolvi l-ġbir, iż-żamma jew it-trasferiment ta' *data* personali,
- analiżi ġuridika u r-rieżami tad-drittijiet fundamentali fid-dawl tal-aktar każistika reċenti tal-Unjoni fil-qasam tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali,
- analiżi u valutazzjoni tal-effetti kumulattivi tal-programmi ta' ġbir ta' *data* tal-Unjoni eżistenti, bil-għan li jiġu identifikati lakuni u interferenzi potenzjali f'dawk id-drittijiet fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem,
- tfassil ta' rakkomandazzjonijiet strateġiċi speċifiċi għal kull element identifikat u rieżaminat.

Il-grupp ta' esperti indipendenti se jinkludi l-awtoritajiet ta' sorveljanza ta' protezzjoni tad-*data*, inkluż il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, u juża l-għarfien espert tagħhom.

Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet politiċi speċifiċi, il-grupp ta' esperti jfassal ukoll linji gwida ġenerali għall-istrumenti u l-mekkaniżmi ta' ġbir ta' *data* tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
33 03	ĠUSTIZZJA								
33 03 01	<i>Is-sostenn u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju u l-iffaċilitar tal-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd</i>	3	30 636 000	14 993 389	28 580 000	7 485 000			
33 03 02	<i>L-iffaċilitar u s-sostenn tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali</i>	3	14 415 000	7 705 708	14 228 000	3 727 000			
33 03 03	<i>Sostenn tal-inizzjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-droga</i>	3	3 000 000	1 700 447	3 004 000	788 000			
33 03 04	<i>L-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)</i>	3	32 584 000	32 584 000	31 206 671	31 206 671	32 358 660,—	32 358 660,—	99,31
33 03 51	<i>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga u ġustizzja</i>	3	p.m.	16 778 636	p.m.	22 500 000	47 042 637,35	29 740 918,23	177,25
33 03 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
33 03 77 01	Proġett pilota — Valutazzjoni tal-impatt ta' provvedimenti leġiżlativi fid-dritt tal-kuntratti	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
33 03 77 02	Proġett pilota — Taħriġ ġudizzjarju Ewropew	3	p.m.	525 551	p.m.	492 000	0,—	313 837,10	59,72
33 03 77 03	Proġett pilota — Strument ta' informazzjoni għal koppji binazzjonali	3	p.m.	397 672	p.m.	425 000	1 000 000,—	119 150,—	29,96
33 03 77 04	Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfal biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji	3	p.m.	305 331	700 000	350 000			
	Artikolu 33 03 77 — Subtotal		p.m.	1 228 554	700 000	1 267 000	1 000 000,—	432 987,10	35,24
	<b>Kapitolu 33 03 — Total</b>		<b>80 635 000</b>	<b>74 990 734</b>	<b>77 718 671</b>	<b>66 973 671</b>	<b>80 401 297,35</b>	<b>62 532 565,33</b>	<b>83,39</b>

33 03 01 *Is-sostenn u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju u l-iffaċilitar tal-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
30 636 000	14 993 389	28 580 000	7 485 000		

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)

33 03 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi lejn l-appoġġ u l-promozzjoni tat-taħriġ ġudizzjarju, inkluż taħriġ lingwistiku fuq it-terminoloġija legali, bil-għan li titrawwem kultura ġudizzjarja u legali komuni u, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd, inklużi d-drittijiet għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-vittmi tal-kriminalità, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tad-difiża.

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

- attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' *data* u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,
- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l-iżvilupp ta' għodod ta' taħlim elettroniku u moduli ta' taħriġ oħrajn għall-membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju,
- taħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm tal-Ġustizzja (il-“Programm”); il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal tal-potal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika bħala għodda biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja,
- sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-programm, bħas-sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, sostenn għal atturi ewlenin Ewropej u netwerks fuq livell Ewropew, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet nongovernattivi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari l-Artikoli 4(1)(b) u (c) u l-Artikolu 6 tiegħu.

## KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)

33 03 02 **L-iffaċilitar u s-sostenn tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 415 000	7 705 708	14 228 000	3 727 000		

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni u l-appoġġ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali.

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

- attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' *data* u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u sħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,
- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l-iżvilupp ta' għodod ta' taġħlim elettroniku u moduli ta' taħriġ oħrajn għall-membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju,
- taġħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taġħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm tal-Ġustizzja (il-“Programm”); il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal tal-potal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika bħala għodda biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja,
- appoġġ għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-programm, bħall-appoġġ għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, appoġġ għal atturi ewlenin Ewropej u netwerks fuq livell Ewropew, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju u d-drittijiet tad-difiża; u appoġġ għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonstitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi ta' adefzjoni, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)

33 03 02 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari l-Artikoli 4(1)(a) u l-Artikolu 6(1) tiegħu.

33 03 03 **Sostenn tal-inizzjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-droga**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 000 000	1 700 447	3 004 000	788 000		

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja inizzjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-drogi fir-rigward ta' aspetti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' prevenzjoni tal-kriminalità konnessi mill-qrib mal-objettivi ġenerali tal-Programm tal-Ġustizzja (il-“Programm”), sa fejn mhumiex koperti mill-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni bejn il-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-immaniġġar ta' kriżijiet bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, jew mill-Programm Saħħa għat-Tkabbir.

B'mod partikulari, din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

- attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' data u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,
- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l-iżvilupp ta' għodod ta' taħlim elettroniku u moduli ta' taħriġ oħrajn għall-membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju,
- taħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiki tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi tal-programm; il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal tal-potal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika bħala għodda biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja,
- sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm, bħas-sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, sostenn għal atturi ewlenin Ewropej u netwerks fuq livell Ewropew, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet nongovernattivi.

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)****33 03 03 (ikompli)**

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari l-Artikoli 4(1)(d) u l-Artikolu 6(1) tiegħu.

**33 03 04 L-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)**

*Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
32 584 000	31 206 671	32 358 660,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

Eurojust trid tinforma l-awtorità baġitarja dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2015 tammonta għal total ta' EUR 32 994 000. Ammont ta' EUR 410 000 li ġej mill-irkupru ta' surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 32 584 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)

33 03 04 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14).

33 03 51 **Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga u ġustizzja**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	16 778 636	p.m.	22 500 000	47 042 637,35	29 740 918,23

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 743/2002 tal-25 ta' April 2002 li jstabbilixxi qafas ġenerali ta' attivitajiet tal-Komunità jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' koperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet ċivili (ĠU L 115, 1.5.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li jstabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja biex jippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea (parteċipazzjoni ċivika) (ĠU L 30, 4.2.2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/126/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Kriminali bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar id-"Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 13).

Id-Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Ċivili bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 16).

Id-Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23).



**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)****33 03 51** (ikompli)*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 final).

**33 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji****33 03 77 01** Proġett pilota — Valutazzjoni tal-impatt ta' provvedimenti leġiżlattivi fid-dritt tal-kuntratti*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**33 03 77 02** Proġett pilota — Taħriġ ġudizzjarju Ewropew*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	525 551	p.m.	492 000	0,—	313 837,10

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA (ikompli)**

**33 03 77 (ikompli)**

33 03 77 03 Proġett pilota — Strument ta' informazzjoni għal koppji binazzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	397 672	p.m.	425 000	1 000 000,—	119 150,—

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 03 77 04 Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfal biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	305 331	700 000	350 000		

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

L-għan hu li jiġu ffinanzjati proġetti fil-livell tal-Unjoni li jqajmu l-kuxjenza tat-tfal dwar id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' proċedimenti ġudizzjarji ċivili, kriminali u amministrattivi

B'hekk, il-proġetti għandhom jiżviluppaw u jniedu programmi komprensivi ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel b'fokus fuq tfal fl-iskejjel sekondarji. B'mod partikolari dan jista' jinkludi attivitajiet interattivi (bħal proċessi ipotetiċi/qorti ipotetika) li jippermettu lill-istudenti tal-iskejjel sekondarji jifhmu d-drittijiet tagħhom, b'ċertu grad ta' tfassil speċifiku għal kull pajjiż parteċipanti biex jitqies il-kuntest nazzjonali. Il-proġetti għandhom jiffaċilitaw lit-tfal jesperjenzaw il-fażijiet ta' kawżi kriminali, ċivili jew amministrattivi ipotetiċi, u jtejbu l-fehim tagħhom dwar id-diversi rwoli u responsabbiltajiet (eż it-tfal soġġetti għal proċedimenti, ix-xhud, il-gwardjan, il-ġenitur, l-avukat, il-prosekutur, l-imhalef, il-ħaddiem soċjali, l-uffiċjal tal-pulizija eċċ) kif ukoll id-drittijiet tagħhom.

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ottima tal-proġetti, għandhom jiġu ppreparati ma' u għandhom jinvolvu lit-tfal, l-għalliema u l-persunal b'mod li jkattar il-parteċipazzjoni u jtihom s-setgħa u għandu jkollhom l-impenn ta' skejjel parteċipanti minn qabel biex jiġu faċilitati l-attivitajiet.

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** (*ikompli*)**33 03 77** (*ikompli*)33 03 77 04 (*ikompli*)*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

### **ATTIVITAJET MINGĦAJR LINJI BAĠITARJI**

- SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-KONSUMATURI
- STRATEĠJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-KONSUMATURI

*TITOLU 34*

**AZZJONI KLIMATIKA**

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

**TITOLU 34****AZZJONI KLIMATIKA****Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2015 u 2014) u eżitu (2013)**

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
34 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"	22 083 645	22 083 645	22 158 678	22 158 678	26 122 080,89	26 122 080,89
34 02	AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI	105 364 250	62 163 365	99 310 001	29 378 296	24 136 505,47	18 945 766,55
	<b>Titolu 34 — Total</b>	<b>127 447 895</b>	<b>84 247 010</b>	<b>121 468 679</b>	<b>51 536 974</b>	<b>50 258 586,36</b>	<b>45 067 847,44</b>

## TITOLU 34

## AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approporzjonijiet 2015	Approporzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
34 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"					
<b>34 01 01</b>	<b><i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"</i></b>	5,2	14 230 948	14 086 699	17 884 667,92	125,67
<b>34 01 02</b>	<b><i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"</i></b>					
34 01 02 01	Persunal estern	5,2	1 645 320	1 617 046	1 712 168,18	104,06
34 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	1 920 281	2 083 959	2 060 068,91	107,28
	<i>Artikolu 34 01 02 — Subtotal</i>		3 565 601	3 701 005	3 772 237,09	105,80
<b>34 01 03</b>	<b><i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"</i></b>	5,2	903 466	911 974	1 343 417,71	148,70
<b>34 01 04</b>	<b><i>Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"</i></b>					
34 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sottoprogramm għall-Azzjoni klimatika	2	3 383 630	3 459 000	3 121 758,17	92,26
	<i>Artikolu 34 01 04 — Subtotal</i>		3 383 630	3 459 000	3 121 758,17	92,26
	<b>Kapitolu 34 01 — Total</b>		<b>22 083 645</b>	<b>22 158 678</b>	<b>26 122 080,89</b>	<b>118,29</b>

**34 01 01** ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"***

Ċifri (Approporzjonijiet mhux differenzjati)

Approporzjonijiet 2015	Approporzjonijiet 2014	Eżitu 2013
14 230 948	14 086 699	17 884 667,92

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA" (ikompli)

**34 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"**

34 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 645 320	1 617 046	1 712 168,18

34 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 920 281	2 083 959	2 060 068,91

**34 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
903 466	911 974	1 343 417,71

**34 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"**

34 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sottoprogramm għall-Azzjoni klimatika

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
3 383 630	3 459 000	3 121 758,17

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni taħt is-sottoprogramm tal-klima tal-Programm LIFE hija intenzjonata li tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat tal-esperti, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi, evalwazzjonijiet, teknoloġija tal-informazzjoni, informazzjoni, materjal tal-komunikazzjoni u stħarriġ tal-Ewrobarometru, u pubblikazzjonijiet u kwalunkwe nefqa oħra ta' assistenza teknika jew amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni u kuntratti tas-servizz bħala sostenn għall-identifikazzjoni, l-għażla, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-awditjar u s-superviżjoni ta' programmi u proġetti. Hija intenzjonata wkoll li tipprovdi sostenn għal avvenimenti internazzjonali tal-klima u għal attivitajiet li l-Unjoni tiffirma parti minnhom u għal xogħol preparatorju għal ftehimiet internazzjonali fil-ġejjieni li jinvolvu l-Unjoni.



**KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA" (ikompli)****34 01 04** (ikompli)

## 34 01 04 01 (ikompli)

B'mod partikolari, hija intenzjonata li tkopri:

- l-ospitar, il-manutenzjoni, is-sigurtà, l-assikurazzjoni tal-kwalità, l-operat u s-sostenn (hardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) li jsostnu l-objettivi tal-politika tal-klima, bħar-Reġistru Uniku tal-UE, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE u sistemi tal-IT marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tas-saff tal-ożonu, bħall-bażi tad-data dwar is-Sustanzi li jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu (ODS) u r-Regolament Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1) u r-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195),
- il-pubblikazzjonijiet u attivitajiet biex jiddisseminaw ir-riżultati u l-aħjar prattiki li jirriżultaw mill-proġetti LIFE, biex b'hekk issostni s-sostenibbiltà tagħhom, u laqgħat ta' esperti u l-benefiċjarji tal-proġetti (konsulenza dwar il-ġestjoni ta' proġetti, in-networking, il-kondiviżjoni tar-riżultati u l-aħjar prattiki),
- l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u s-sostenn ta' sistemi xierqa ta' teknoloġija tal-informazzjoni (IT) għall-komunikazzjoni, l-għażla, l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar dwar il-proġetti u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-proġetti,
- l-ingaġġ tal-esperti tal-IT intra-muros bħala sostenn għall-iżvilupp, l-assikurazzjoni tal-kwalità, l-ittestjar u s-sigurtà ta' sistemi tal-IT ta' sostenn għall-politika kritika.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Kapitolu 34 02.

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

## KUMMISSJONI

## TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
34 02	AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI								
34 02 01	<i>Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni</i>	2	46 972 000	22 285 864	43 842 591	8 564 853			
34 02 02	<i>Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima</i>	2	46 032 000	27 692 419	43 842 591	1 282 426			
34 02 03	<i>Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha</i>	2	11 510 250	2 936 741	9 574 819	1 939 670			
34 02 04	<i>Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali</i>	4	850 000	763 901	850 000	775 031	794 597,79	712 263,15	93,24
34 02 51	<i>Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika</i>	2	—	5 874 440	—	11 516 316	20 394 970,18	15 750 476,92	268,12
34 02 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
34 02 77 01	Azzjoni preparatorja — Razzjonalizzazzjoni tal-azzjoni klimatika, adattament u innovazzjoni	2	p.m.	2 250 000	—	4 700 000	2 946 937,50	2 483 026,48	110,36
34 02 77 02	Proġett pilota — Użu effiċjenti tal-finanzjament tal-UE b'rabta mal-klima: l-użu tat-toroq bħala indikatur bikri tal-pres-tazzjoni għall-proġetti REDD+	2	p.m.	360 000	1 200 000	600 000			
	Artikolu 34 02 77 — Subtotal		p.m.	2 610 000	1 200 000	5 300 000	2 946 937,50	2 483 026,48	95,14
	<b>Kapitolu 34 02 — Total</b>		<b>105 364 250</b>	<b>62 163 365</b>	<b>99 310 001</b>	<b>29 378 296</b>	<b>24 136 505,47</b>	<b>18 945 766,55</b>	<b>30,48</b>

34 02 01 *Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
46 972 000	22 285 864	43 842 591	8 564 853		

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

## 34 02 01 (ikompli)

## Kummenti

Skont is-sottoprogramm tal-azzjoni klimatika tal-programm LIFE, din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tiffinanzja miżuri biex issostni r-rwol tal-Kummissjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-politika u l-leġiżlazzjoni u tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' tagħha fil-qasam tal-azzjoni klimatika, inkluż il-monitoraġġ tas-simplifikazzjoni fl-oqsma tal-politika billi tiżviluppa, tistestja u turi approċċi tal-politika jew ġestjoni, l-aħjar prattiki, soluzzjonijiet għall-klima, biex ittejjeb il-bażi tal-għarfien (l-iżvilupp, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni) ta' mitigazzjoni effettiva tal-klima u ttejjeb il-kapaċità ta' tagħha biex tapplika fil-prattika, biex tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati u pjani ta' azzjoni fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali u biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-wiri ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi ta' karbonju baxx biex jiġu replikati, trasferiti jew simplifikati.

Jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

- l-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni taħt il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC),
- l-iżgurar tal-iżvilupp ta' politiki ġodda u implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett "Klima u Enerġija 2009" u l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, b'mod partikolari n-negozjar ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra, sabiex permezz ta' tnaqqis kosteffiċjenti fl-emissjonijiet jintlaħqu l-miri "20/20/20" għall-klima/l-enerġija tal-istrategġija Ewropa 2020 u tal-Qafas 2030 għall-klima u l-enerġija li jsostni t-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà ta' karbonju baxx.

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet, strumenti finanzjarji (li jiġu fdati permezz ta' ġestjoni indiretta lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jew il-Faċilità Ewropea ta' Investment (FEI) f'konformità mal-Artikoli 17 u 25 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju) jew proċeduri tal-akkwist (studji, kuntratti tas-servizz, arranġamenti amministrattivi, evalwazzjonijiet, analiżi ekonomika u mudellar ta' xenarji, laqgħat, avvenimenti, networks, bażijiet tad-data, sistemi tal-informazzjoni, informazzjoni, pubblikazzjoni u attivitajiet ta' disseminazzjoni) jew kwalunkwe intervenzjoni oħra meħtieġa inkluż:

- il-kooperazzjoni mal-Eurocontrol dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema tal-Unjoni Ewropea ta' Negozjar ta' Emissjonijiet fl-avjazzjoni,
- l-ispejjeż tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u s-sostenn (hardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi ta' sostenn għall-politika, b'mod partikolari iżda mhux esklussivament ir-Reġistru Uniku tal-UE, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE u s-Sistema ta' Monitoraġġ ta' Sustanzi li jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu (ODS). Ikopru wkoll l-ispiża tal-ġestjoni tal-proġett, tad-dokumentazzjoni u t-taħriġ marbutin mal-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi.

Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-fini li jinkisbu l-oġettivi tal-azzjoni klimatika.

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

## 34 02 02 Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2015		Approprijazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
46 032 000	27 692 419	43 842 591	1 282 426		

## Kummenti

Skont is-sottoprogramm tal-azzjoni klimatika tal-Programm LIFE, din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tiffinanzja miżuri biex issostni r-rwol tal-Kummissjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-politika u l-leġislazzjoni u tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha fil-qasam tal-azzjoni klimatika, inkluż il-monitoraġġ tas-simplifikazzjoni fl-oqsma tal-politika billi tiżviluppa, tittestja u turi approċċi tal-politika jew ġestjoni, l-aħjar Prattiki, soluzzjonijiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima inkluż, fejn jixraq, approċċi bbażati fuq l-ekosistema, biex ittejjeb il-bażi tal-għarfien (l-iżvilupp, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni) ta' adattament effettiv għat-tibdil fil-klima u ttejjeb il-kapaċità tagħha biex tapplika fil-prattika, biex tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni biex tadatta għall-impatt tat-tibdil fil-klima fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali u biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-wiri ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi biex jiġu replikati, trasferiti jew simplifikati, b'konsiderazzjoni tal-prijoritajiet li ġejjin:

- l-iżvilupp ta' politiki ġodda u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti “Klima u Enerġija”, il-“Qafas 2030 għall-klima u l-enerġija” u l-Istrateġija ta' Adattament tal-UE,
- l-iżgurar tal-adattament tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni għall-impatti avversi tat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni ta' dawn l-impatti,
- is-sostenn għat-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà ta' karbonju baxx, effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għall-klima, li jeħtieġ l-assigurazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' bosta politiki tal-Unjoni (b'mod partikolari dawk tal-koeżjoni, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmi dwar it-trasport u l-enerġija, l-azzjonijiet esterni, eċċ.) għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' simplifikazzjoni u adattament,
- l-iżvilupp ta' mekkaniżmi innovattivi ta' sostenn għall-isfruttar komplut tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda sabiex jitnaqqas it-telf ikkawżat minn avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima bħal nixfa kbira u għargħar kbir u avvenimenti klimatiċi estremi, kif ukoll sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-rispons għad-diżastri,
- is-sostenn għall-iżvilupp ta' għodod ta' “protezzjoni klimatika”, valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji tal-programmi u miżuri sabiex jissaħħu l-kapaċità ta' adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u metodoloġiji ta' “traċċar tal-klima” sabiex tiġi mmonitorjata n-nefqa relatata mal-klima taħt l-obiettiv ta' simplifikazzjoni “sabiex jiżdied il-proporzjon ta' simplifikazzjoni klimatika għal mill-inqas 20 % tal-baġit totali tal-Unjoni tal-futur fl-2014-20”, bil-kontribuzzjoni minn politiki differenti,

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** (ikompli)**34 02 02** (ikompli)

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet, strumenti finanzjarji (li jiġu fdati permezz ta' ġestjoni indiretta lill-Bank Ewropew tal-Investment jew il-Faċilità Ewropea ta' Investment skont l-Artikoli 17 u 25 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju) jew proċeduri tal-akkwist (studji, kuntratti tas-servizz, arranġamenti amministrattivi, evalwazzjonijiet, laqgħat, avvenimenti, networks, bażijiet tad-dejta, sistemi tal-informazzjoni, informazzjoni, pubblikazzjoni u attivitajiet ta' disseminazzjoni) jew kwalunkwe intervenzjoni oħra meħtieġa.

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-oġġettivi tal-azzjoni klimatika.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185) u bmod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu.

**34 02 03** **Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha**

*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 510 250	2 936 741	9 574 819	1 939 670		

*Kummenti*

Skont is-sottoprogramm tal-azzjoni klimatika tal-Programm LIFE, din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tiffinanzja miżuri biex issostni r-rwol tal-Kummissjoni biex ittejjeb l-amministrazzjoni klimatika billi tifrex l-involvement tal-partijiet interessati, inkluż NGO's fl-iżvilupp/l-implimentazzjoni ta' politika, il-kapaċità tal-bini u s-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni ta' politiki u leġiżlazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika, inkluż l-iġġenerar ta' sostenn pubbliku u tal-partijiet interessati għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-klima u biex tippromwovi l-għarfien dwar l-iżvilupp sostenibbli, biex tappoġġa l-komunikazzjoni, il-ġestjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fil-qasam tal-klima, biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien ta' soluzzjonijiet klimatiċi li kellhom suċċess u l-prattiki inkluż l-iżvilupp ta' pjattaformi fost il-partijiet interessati permezz ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni, biex tippromwovi u tikkontribwixxi għal konformità iktar effettiva mal-leġiżlazzjoni klimatika u l-infurzar, b'mod partikolari billi tippromwovi l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-aħjar Prattiki u l-approċċi tal-politika ("stejjer ta' suċċess").

Jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

- l-implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett "Klima u Enerġija 2009",
- l-iżgurar tal-implimentazzjoni u l-użu ta' strumenti bbażati fis-suq sabiex permezz ta' tnaqqis kosteffiċjenti fl-emissjonijiet jintlaħqu l-miri "20/20/20" għall-klima/l-enerġija tal-istrateġija Ewropa 2020, biex b'hekk ikun hemm sostenn għat-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà ta' karbonju baxx,

## KUMMISSJONI

## TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (*ikompli*)34 02 03 (*ikompli*)

- l-iżvilupp ta' politiki ġodda taħt il-Qafas 2030 għall-klima u l-enerġija,
- l-iżgurar tal-adattament tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni għall-impatti avversi tat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni ta' dawn l-impatti,
- il-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) primarjament attivi fil-qasam tal-azzjoni klimatika flivell Ewropew u involuti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bil-għan li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-NGOs fil-proċess ta' djalogu dwar it-tfassil tal-politika dwar l-azzjoni klimatika u fl-implimentazzjoni tagħha u fil-proċess Ewropew ta' standardizzazzjoni sabiex tiġi żgurata rappreżentazzjoni bilanċjata tal-partijiet interessati u integrazzjoni sistematika ta' aspetti relatati mal-klima.

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni għal proġetti jew għotjiet tal-operat lill-NGO's jew il-proċeduri tal-akkwist (studji, kuntratti tas-servizz, arranġamenti amministrattivi, evalwazzjonijiet, laqgħat, avvenimenti, networks, bażijiet tad-data, sistemi tal-informazzjoni, informazzjoni, pubblikazzjoni u attivitajiet ta' disseminazzjoni) jew kwalunkwe intervenzjoni oħra meħtieġa.

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-oġettivi tal-azzjoni klimatika.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

34 02 04 **Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
850 000	763 901	850 000	775 031	794 597,79	712 263,15

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri kontribuzzjonijiet obligatorji u volontarji għall-għadd ta' konvenzjonijiet, protokollu u ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija parti tagħhom u xogħol preparatorju għal ftehimiet internazzjonali tal-ġejjieni li jinvolvu lill-Unjoni.

Fxi każijiet, kontribuzzjonijiet għal protokollu sussegwenti huma inklużi fil-kontribuzzjonijiet għall-konvenzjoni bażika tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/540/KEE tal-14 ta' Ottubru 1988 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-ħarsien tas-saff tal-ożonu u l-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jdgħajfu s-saff tal-ożonu (ĠU L 297, 31.10.1988, p. 8).

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** (ikompli)**34 02 04** (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima (ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweqqif konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

**34 02 51** **Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	5 874 440	—	11 516 316	20 394 970,18	15 750 476,92

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti li għad iridu jissaldaw minn snin preċedenti u li jirriżultaw mill-obbjettivi ġenerali tal-Programm LIFE+ b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ta' sostenn għar-rwol tal-Kummissjoni biex tnedi l-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 rigward l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

**34 02 77** **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

34 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Razzjonalizzazzjoni tal-azzjoni klimatika, adattament u innovazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 250 000	—	4 700 000	2 946 937,50	2 483 026,48

## KUMMISSJONI

## TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 77 (ikompli)

34 02 77 01 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

34 02 77 02 Proġett pilota — Użu effiċjenti tal-finanzjament tal-UE b'rabta mal-klima: l-użu tat-toroq bħala indikatur bikri tal-prestazzjoni għall-proġetti REDD+

*Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	360 000	1 200 000	600 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-Unjoni impenjat riżorsi sinifikanti, u pprovdiet inċentivi pożittivi għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex inaqqsu l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni forestali fil-livell dinji permezz tar-REDD+. L-Unjoni, jekk jitqiesu wkoll l-kontributi mill-Istati Membri individwali tagħha, hija l-akbar sieħeb ta' finanzjament għal dan il-programm.

Evalwazzjonijiet bikrin jissuġġerixxu li n-nuqqas ta' metodoloġiji komuni u ta' riżorsi suffiċjenti (umani, tekniċi u finanzjarji) għall-previżjoni, il-kejl, ir-rappurtar, il-verifika u t-tqabbil (FMRVC) tal-emissjonijiet forestali fuq perjodu ta' żmien u bejn il-pajjiżi, huma punt dgħajef ewlieni tar-REDD+.

Dan il-proġett pilota jipproponi l-użu tat-toroq eżistenti u tal-espansjoni għall-aċċessibilità, bil-ftuħ ta' toroq ġdida, bħala indikatur ta' prestazzjoni bikri, għal proġetti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mid-deforestazzjoni u li jsaħħu l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT). Fl-istess ħin il-proġett pilota se jintegra l-informazzjoni dwar l-aċċessibilità (pereżempju netwerk ta' toroq) f'metodoloġiji FMRVC armonizzati bħala mezz biex titjieb l-effiċjenza u l-affidabilità tar-rappurtar tar-REDD+, biex b'hekk jitħejja r-reġim klimatiku għal wara l-2020, li għandu jintlaħaq ftehim dwaru fil-COP-21 UNFCCC f'Pariġi, f'Diċembru 2015.



**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** (*ikompli*)**34 02 77** (*ikompli*)34 02 77 02 (*ikompli*)

F'żoni tropikali, id-data mis-satelliti u mill-art tindika li l-ftuħ ta' triq ġdida minn foresta ġeneralment twassal għall-bini ta' toroq sekondarji (pavimentati jew le) li jikkawżaw aktar degradazzjoni u deforestazzjoni (konverżjoni għall-agrikultura jew ranching). Rapporti xjentifiċi jaqblu fuq il-fatt li l-maġġoranza tad-deforestazzjoni, frammentazzjoni u degradazzjoni tal-foresti sseħħ f'"żona ta' riskju" madwar netwerks ta' infrastruttura jew aċċess.

Għaldaqstant il-bini ta' toroq ġodda mhux biss huwa kawża ta' aktar deforestazzjoni u ta' degradazzjoni forestali, iżda hu wkoll indikatur kosteffiċjenti tal-possibiltà ta' emissjonijiet tal-foresta u telf tal-bijodiversità. Jistgħu jinħolqu "Mapep ta' Żoni mingħajr Toroq" mill-informazzjoni spazjali dwar l-infrastruttura, inklużi t-toroq, u mbagħad sovrapposti ma' mapep aġġornati tal-foresta sabiex issir valutazzjoni bikrija tal-impatti tal-politiki settorjali tal-Unjoni u tal-effiċjenza tal-attivitajiet REDD+ appoġġati. Jista' jikkontribwixxi wkoll biex tintlaħaq mira strateġika tal-Unjoni misluta mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD), speċifikament li, sal-2020, ir-rata ta' telf tal-ħabitats naturali kollha, inkluż il-foresti, għandha mill-anqas titnaqqas bin-nofs u fejn fattibli tinġieb fix-xejn, u b'hekk id-degradazzjoni u l-frammentazzjoni jitnaqqsu b'mod sinifikanti.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-espansjoni tal-aċċessibilità tista' tgħin fil-kejl tal-prestazzjoni fil-ħames attivitajiet inklużi fir-REDD+ (deforestazzjoni, degradazzjoni forestali, konservazzjoni, ġestjoni, tisħiħ tal-istokk tal-karbonju forestali). B'żieda ma' dan, l-ippjanar tat-toroq hu għodda strateġika rikonnoxuta li tista' tintuża kemm mid-donaturi u kemm mill-benefiċjarji tal-iskema REDD+ u hu marbut mal-muturi internazzjonali tad-deforestazzjoni (inkluż l-importazzjonijiet fl-Unjoni).

Din l-appropriazzjoni għandha tgħin fil-forniment u biex jtkoprew l-ispejjeż għal:

- il-ħolqien ta' mappa globali aġġornata ta' żoni mingħajr toroq f'reġjuni foresta, b'enfasi fuq il-foresti tropiċi (abbażi tal-aħjar dejta spazjali disponibbli u tal-aħjar immaġni mis-satellita). dawn il-mapep għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq sit elettroniku apposta,
- l-iżvilupp ta' mudell predittiv għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni forestali abbażi tat-toroq eżistenti u l-tbassir tal-kostruzzjoni ta' toroq fl-inħawi ta' prijorità,
- it-tfassil ta' fuljett dwar l-impatti tal-politiki settorjali tal-Unjoni (pereżempju infrastruttura, agrikultura u estrazzjoni mill-minjieri) fuq id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni forestali,
- il-preżentazzjoni tal-elementi rendibbli msemmija aktar kmieni f'workshops u simpożji (b'mod partikolari bħala avvenimenti sekondarji tul il-konferenzi UNFCCC u CBD — COPs) u t-tqassim tal-materjal rilevanti.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

### **ATTIVITAJET MINGĦAJR LINJI BAĠITARJI**

- SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AZZJONI KLIMATIKA
- STRATEĠJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AZZJONI KLIMATIKA

*TITOLU 40*

**RIŻERVI**

KUMMISSJONI  
TITOLU 40 — RIŻERVI

## TITOLU 40

### RIŻERVI

#### Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2015 u 2014) u eżitu (2013)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
40 01	RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINIS- TRATTIVA	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—
40 02	RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI	553 167 756	237 802 756	502 523 000	194 775 000	0,—	0,—
40 03	RIŻERVA NEGATTIVA	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—
	<b>Titolu 40 — Total</b>	<b>553 167 756</b>	<b>237 802 756</b>	<b>502 523 000</b>	<b>194 775 000</b>	<b>0,—</b>	<b>0,—</b>

## TITOLU 40

## RIŻERVI

## KAPITOLU 40 01 — RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approporzjonijiet 2015	Approporzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
40 01	RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA					
<b>40 01 40</b>	<b>Riżerva amministrattiva</b>		p.m.	p.m.	0,—	
<b>40 01 42</b>	<b>Riżerva ta' kontinġenza</b>	5,2	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Kapitolu 40 01 — Total</b>		<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0,—</b>	

**40 01 40 Riżerva amministrattiva**

Ċifri (Approporzjonijiet mhux differenzjati)

Approporzjonijiet 2015	Approporzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-approporzjonijiet imdahlha f'dan l-artikolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara li jkunu trasferiti għal linja baġitarja oħra skont ir-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**40 01 42 Riżerva ta' kontinġenza**

Ċifri (Approporzjonijiet mhux differenzjati)

Approporzjonijiet 2015	Approporzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI  
TITOLU 40 — RIŻERVI

**KAPITOLU 40 02 — RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI**

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
40 02	RIŻERVI GĦALL-INTER- VENTI FINANZJARJI								
<b>40 02 40</b>	<b>Appropriazzjonijiet mhux differenzjati</b>		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
<b>40 02 41</b>	<b>Appropriazzjonijiet differen- zjati</b>		87 802 756	87 802 756	46 342 000	44 775 000			
<b>40 02 42</b>	<b>Riżerva għal għajjuna f'emerġenza</b>	9	303 000 000	150 000 000	297 000 000	150 000 000	0,—	0,—	0
<b>40 02 43</b>	<b>Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall- Globalizzazzjoni</b>	9	162 365 000	p.m.	159 181 000	p.m.	0,—	0,—	
<b>Kapitolu 40 02 — Total</b>			<b>553 167 756</b>	<b>237 802 756</b>	<b>502 523 000</b>	<b>194 775 000</b>	<b>0,—</b>	<b>0,—</b>	<b>0</b>

**40 02 40** *Appropriazzjonijiet mhux differenzjati*

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

L-appropriazzjonijiet fit-Titolu "Riżervi" huma maħsuba għal żewġ ċirkostanzi biss: (a) meta ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit; u (b) meta jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jiddubita kemm l-appropriazzjonijiet ikunu xierqa jew il-possibilità li l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-linji kkonċernati jiġu implimentati skont kundizzjonijiet konsonanti ma' ġestjoni finanzjarja soda. L-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**40 02 41** *Appropriazzjonijiet differenzjati*

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
87 802 756	87 802 756	46 342 000	44 775 000		

**KAPITOLU 40 02 — RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI (ikompli)****40 02 41** (ikompli)*Kummenti*

L-appropriazzjonijiet fit-Titolu “Riżervi” huma maħsuba għal żewġ ċirkostanzi biss: (a) meta ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit; u (b) fejn ikun hemm raġunijiet serji li wieħed jiddubita kemm l-appropriazzjonijiet ikunu xierqa jew il-possibilità li l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-partiti kkonċernati jkunu implimentati skont kundizzjonijiet konsonanti ma’ ġestjoni finanzjarja soda. L-appropriazzjonijiet imdaħħla f’dan l-artikolu jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju.

It-tqassim huwa kif ġej (impenji, ħlasijiet):

1. Artikolu	11 03 01	Stabiliment ta’ qafas ta’ governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni filmijiet ta’ pajjiżi terzi	87 802 756	87 802 756
Total			87 802 756	87 802 756

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**40 02 42** *Riżerva għal għajjnuna f’emerġenza**Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
303 000 000	150 000 000	297 000 000	150 000 000	0,—	0,—

*Kummenti*

L-għan tar-riżerva tal-għajjnuna għall-emerġenza (EAR) huwa li tipprovdi reazzjoni rapida għall-ħtiġijiet speċifiċi ta’ għajjnuna ta’ pajjiżi terzi wara li jkunu seħħew ġrajjiet li ma setgħux ikunu previsti meta l-baġit ġie stabbilit, l-ewwel u qabel kolloxx għal ħidmiet umanitarji, iżda wkoll għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u għall-protezzjoni, u sitwazzjonijiet ta’ pressjoni partikolari li jirriżultaw minn flussi migratorji fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, fejn iċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu hekk.

L-ammont annwali tar-Riżerva huwa stabbilit għal EUR 280 000 000 (prezzijiet tal-2011) u jista’ jintuża sas-sena n+1 f’konformità mar-Regolament Finanzjarju. Din ir-riżerva tiddaħħal bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 jiskadi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

KUMMISSJONI  
TITOLU 40 — RIŻERVI

KAPITOLU 40 02 — RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI (ikompli)

**40 02 43 Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2015		Approprjazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
162 365 000	p.m.	159 181 000	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

L-għan ta' din ir-riżerva huwa li tkopri l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) sabiex tippermetti lill-UE biex turi solidarjetà, u biex tappoġġa lil ħaddiema li jgħidhom u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tiegħa bħala riżultat ta' bidliet kbar strutturali fix-xejriet dinjin minħabba l-globalizzazzjoni, bħala riżultat tal-kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26), jew bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida u biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-integrazzjoni mill-ġdid rapida tagħhom f'impjeg sostenibbli.

Il-metodi għad-dħul tal-appropriazzjonijiet f'din ir-riżerva u għall-mobilizzazzjoni tal-Fond huma stipulati fil-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja soda (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu.

*Atti ta' referenza*

Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).



## KAPITOLU 40 03 — RIŻERVA NEGATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013		% Pagamenti 2013/2015
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
40 03	RIŻERVA NEGATTIVA								
<b>40 03 01</b>	<b>Riżerva negattiva</b>	8	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<b>Kapitolu 40 03 — Total</b>		<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0,—</b>	<b>0,—</b>	

**40 03 01 Riżerva negattiva**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2015		Appropriazzjonijiet 2014		Eżitu 2013	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

*Kummenti*

Il-prinċipju ta' riżerva negattiva huwa previst fl-Artikolu 47 tar-Regolament Finanzjarju. Din ir-riżerva trid tintuża qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja permezz ta' trasferiment b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

**ANNESI**

**ŻONA EKONOMIKA EWROPEA**

## KUMMISSJONI

## ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Skont il-Ftehim li jstabbilixxi ż-Żona Ekonomika Ewropea l-Istati EFTA (bl-eċċezzjoni tal-Iżvizzera) jieħdu sehem f'firxa wiesgħa ta' politiki tal-Unjoni koperti mis-sottointestatura 1a u l-intestaturi 2, 3, 4 u 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali bi skambju għal kontribuzzjoni finanzjarja lejn approprjazzjonijiet operazzjonali ikkalkulati bl-applikazzjoni tal-"fattur ta' proporzjonalità". Dan il-fattur ta' proporzjonalità huwa ugwali għas-somma tal-proporzjonijiet miksuba bid-diviżjoni tal-prodott domestiku gross bi prezzijiet tas-suq ta' kull Stat EFTA mill-prodott domestiku gross bi prezzijiet tas-suq tal-Istati Membri kollha kif ukoll tal-Istat EFTA kkonċernat.

Għall-2015 il-fattur ta' proporzjonalità hu stmat għal 2,97 % (fuq il-bażi taċ-ċifri tal-2013), jiġifieri 2,86 % għan-Norveġja, 0,08 % għall-Iżlanda u 0,03 % għal Liechtenstein.

Dawn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mhux se jiddaħħlu b'mod formali fil-baġit; kull intestatura tal-baġit relatata ma' attivitajiet fejn l-Istati EFTA jieħdu sehem se tirreferi għall-kontribuzzjoni EFTA bħala partita tal-memorandum. Tabella ta' sommarju, li tniżżel l-intestaturi tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti tal-kontribuzzjoni EFTA għal kull intestatura tal-baġit, hija ppubblikata bħala anness għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-kontribuzzjoni sħiħa tal-EFTA għall-parti operattiva għas-sena 2015 hija stmata li tilħaq madwar EUR 395 934 646 f'approprjazzjonijiet ta' impenn. L-Istati EFTA se jagħtu s-sehem tagħhom ukoll fin-nefqa amministrattiva marbuta direttament mal-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki. Iċ-ċifri u l-intestaturi tal-baġit li jikkonċernaw il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA għad iridu jiġu diskussi magħhom u b'hekk jitqiesu bħala provviżorji.

KUMMISSJONI  
ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Fattur ta' proporzjonalità (*)	Linja Baġitarja	Titolu	Baġit 2015		Kontribuzzjoni tal-EFTA	
			Impenji (1)	Pagamenti (1)	Impenji	Pagamenti
	XX 01 02 01	Persunal estern li jaħdem mal-istituzzjonijiet	123 597 000	123 597 000	200 412	200 412
	XX 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra tal-istituzzjoni	142 156 000	142 156 000	833 500	833 500
	26 01 22 02	Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fi Brussell	213 368 000	213 368 000	482 804	482 804
	26 01 22 03	Nefqa b'rabta mal-binjiet fi Brussell	70 893 000	70 893 000	160 415	160 415
	26 01 23 02	Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fil-Lussemburgu	34 234 000	34 234 000	77 463	77 463
	26 01 23 03	Nefqa b'rabta mal-binjiet fil-Lussemburgu	16 934 000	16 934 000	38 318	38 318
		<b>SOTTOTOTAL — PARTI AMMINISTRATTIVA</b>	<b>601 182 000</b>	<b>601 182 000</b>	<b>1 792 912</b>	<b>1 792 912</b>
2,97 %	01 04 51	Tlestija ta' programmi fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) (ta' qabel l-2014)	p.m.	100 267 609	p.m.	2 977 948
0,08 %	02 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (Cosme)	3 749 000	3 749 000	2 999	2 999
2,86 %	02 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għall-programmi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita	3 400 000	3 400 000	97 240	97 240
0,08 %	02 01 04 04	Nefqa ta' sostenn għall-Programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-dinja (Copernicus)	2 500 000	2 500 000	2 000	2 000
2,94 %	02 01 05 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	10 866 475	10 866 475	319 474	319 474
2,94 %	02 01 05 02	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	3 386 714	3 386 714	99 569	99 569
2,94 %	02 01 05 03	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	3 520 000	3 520 000	103 488	103 488
0,08 %	02 01 06 01	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni minn Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u tal-Intrapriżi żgħar u medji (Cosme)	8 154 177	8 154 177	6 523	6 523
0,08 %	02 02 01	Promozzjoni tal-intraprenditorija u titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni	108 561 823	72 183 633	86 849	57 747
0,08 %	02 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'forma ta' ekwità u dejn	174 791 725	99 027 161	139 833	79 222
2,97 %	02 02 51	Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-kompetittività u l-intraprenditorija (2)	p.m.	36 650 616	p.m.	1 088 523
2,97 %	02 03 01	Operat u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali (3)	18 696 000	14 012 346	p.m.	p.m.
2,97 %	02 03 03	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar il-kimiki	7 800 000	7 800 000	231 660	231 660
2,94 %	02 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fl-ispazju	176 847 152	113 594 175	5 199 306	3 339 669

KUMMISSJONI  
ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Fattur ta' proporzjonalità (*)	Linja Baġitarja	Titolu	Baġit 2015		Kontribuzzjoni tal-EFTA	
			Impenji (1)	Pagamenti (1)	Impenji	Pagamenti
2,94 %	02 04 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
2,94 %	02 04 02 03	Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)	35 905 989	17 650 787	1 055 636	518 933
2,94 %	02 04 03 01	Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima	77 604 264	30 583 047	2 281 565	899 142
2,94 %	02 04 03 02	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri	153 235 857	51 650 398	4 505 134	1 518 522
2,97 %	02 04 51	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)	p.m.	179 347 726	p.m.	5 326 627
2,97 %	02 04 52	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
2,97 %	02 04 53	Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)	p.m.	36 262 756	p.m.	1 077 004
2,86 %	02 05 01	Żvilupp u forniment ta' infrastruttura u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2019	817 199 000	650 499 661	23 371 891	18 604 290
Fit-12 ta' Awwissu 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Georgia assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 46 000 000 (sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. Ma sar l-ebda żbors.

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għar-Repubblika Kirgiża assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 30 000 000 (sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. Ma sar l-ebda żbors.

Fl-14 ta' April 2014, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja fis-sura ta' self ta' ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikopri l-ħtiġijiet urġenti ta' bilanċ ta' ħlas tal-Ukrajna kif identifikati fil-programm tal-FMI. Fl-2014 ġie żbursat l-ammont totali ta' EUR 1 000 000 000.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĦ TAL-UNJONI  
(B'MOD INDIKATTIV)

VI. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA FINANZJARJA LIL PAJJIŻI TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/471/KE tat-22 ta' Lulju 1997, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 200, 29.7.1997, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 ta' Mejju 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Herzegovina (ĠU L 123 13.5.1999, p. 57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 ta' Novembru 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplementari lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta' Lulju 2001, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Herzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta' April 2004, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Albanija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabilixxi passiv separat ta' Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE (ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

2. **Deskrizzjoni**

Fit-22 ta' Lulju 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM I).

Is-self huwa ta' ammont massimu ta' EUR 40 000 000 bħala kapital għal tul ta' żmien ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjoni ta' EUR 25 000 000, għal ammont massimu ta' 15-il sena, tħallset lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fit-30 ta' Settembru 1997. Se titħallas lura f'ħames rati annwali li jibdew mill-11-il sena.

It-tieni porzjoni ta' EUR 15 000 000 tħallset fit-13 ta' Frar 1998. Se titħallas lura f'ħames rati annwali li jibdew mill-11-il sena.

Fl-10 ta' Mejju 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bosnja-Herzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA I).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bosnja-Herzegovina fil-21 ta' Diċembru 1999. It-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas fl-2001.

Fit-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill reġa' ddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (FYROM II).

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja f'Jannar 2001, it-tieni porzjon ta' EUR 12 000 000 f'Jannar 2002, it-tielet porzjon ta' EUR 10 000 000 f'Ġunju 2003 u r-raba' porzjon ta' EUR 18 000 000 f'Diċembru 2003.

Fis-16 ta' Lulju 2001, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro I) fil-forma ta' self fit-tul ta' ammont massimu ta' EUR 225 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena. Is-self tħallas f'porzjoni wieħed f'Ottubru 2001.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bosnja-Herzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bosnja-Herzegovina fl-2004 u t-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 fl-2006.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja u Montenegro (Serbja u Montenegro II) fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 55 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 u t-tieni porzjon ta' EUR 30 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallsu lis-Serbja u Montenegro fl-2003 u t-tielet porzjon ta' EUR 15 000 000 tħallas fl-2005.

Is-self lill-Albanija ta' EUR 9 000 000, għal tul massimu ta' ħmistax-il sena, tħallas fis-sħuħija tiegħu fl-2006.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 fi prinċipal għal żmien massimu ta' tmien snin. L-ewwel parti ta' EUR 100 000 000 tħallset fl-2011.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 100 000 000 fi prinċipal għal żmien massimu ta' 15-il sena. Iż-żewġ partijiet ta' EUR 50 000 000 tħallsu fl-2013.

### 3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĠI TAL-UNJONI  
(B'MOD INDIKATTIV)

VII. GARANZIJA GĦAL TEĦID B'SELF MILL-EURATOM BIEX JITTEJJEK IL-LIVELL TA' EFFIĊJENZA U TAS-SIKUREZZA TAL-IMPJANTI TAL-ENERĠIJA NUKLEARI FIL-PAJJIŻI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U L-COMMONWEALTH TA' STATI INDIPENDENTI

1. **Bażi ġuridika**

Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self ta' l-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

2. **Deskrizzjoni**

Skont id-Deċiżjoni 94/179/Euratom (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41), l-Unjoni Ewropea testendi l-ambitu tas-self Euratom taħt id-Deċiżjoni 77/270/Euratom għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-power stations nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti.

L-ammont massimu ta' self Euratom għall-Istati Membri u pajjiżi terzi jibqa' stabbli għal EUR 4 000 000 000.

Fl-2000 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Kozludoy fil-Bulgarija (EUR 212 500 000) u l-aħħar pagament kien fl-2006 Fl-2000 il-Kummissjoni ħarġet self lil K2R4 fl-Ukrajna iżda naqqset l-ammont tas-self għall-ekwivalent EUR ta' USD 83 000 000 fl-2004. K2R4 ingħata self ta' EUR 39 000 000 (l-ewwel parti) fl-2007, USD 22 000 000 fl-2008, u USD 10 335 000 fl-2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2004. Fl-2004 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Cernavodă fir-Rumanija (EUR 223 500 000). L-ewwel pagament ta' EUR 100 000 000 u t-tieni wieħed ta' EUR 90 000 000 inħarġu fl-2005 u l-aħħar wieħed ta' EUR 33 500 000 fl-2006.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u mar-Rumanija ma baqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

## KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

## VIII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI MEDITERRANJI

1. **Bażi ġuridika**

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977 (Protokolli Mediterranji).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1278/80 tat-23 ta' Mejju 1980 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja dwar l-implimentazzjoni bil-quddiem tat-2 Protokolli għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni. (ĠU L 130, 27.5.80, p. 98).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1982 (aktar assistenza eċċezzjonali għar-rikostruzzjoni tal-Libanu).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 1984 (self lil hinn mill-Protokoll "Jugoslavja").

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/604/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 li tikkonċerna l-konklużjoni tat-Tieni Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja (ĠU L 389 31.12.1987, p.65).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta' Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/210/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istat tal-Iżrael (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 45).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1763/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna l-kooperazzjoni finanzjarja fir-rigward tal-pajjiżi Mediterranji kollha li mhumiex membri (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 5), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1488/96 (ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/408/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Slovenja (ĠU L 189, 29.7.1993, p. 152).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 32, 5.2.1992, p. 44).



## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/484/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Malta (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 14).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/485/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Ċipru (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/786/KE tad-29 ta' Novembru 1999 li permezz tagħha l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għal telf minn self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' dawk l-inħawi tat-Turkija milquta mit-terremoti (ĠU L 308, 3.12.1999, p. 35).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/788/KE tal-4 ta' Diċembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex ikun stabbilit programm speċjali ta' azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment b'appoġġ għall-konsolidazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija (ĠU L 314, 14.12.2000, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159M, 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji fuq self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 200M, 1.8.2007, p. 740), sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

## 2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977, l-Unjoni tiggarantixxi self li għandu jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investment bħala parti mill-impennji finanzjarji tal-Unjoni lejn il-pajjiżi tal-Mediterran.

Din id-Deċiżjoni kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investment fit-30 ta' Ottubru 1978 fi Brussell u fil-10 ta' Novembru 1978 fil-Lussemburgu li jintroduċi garanzija globali ta' 75 % tal-appropriazzjonijiet kollha disponibbli għas-self fil-pajjiżi li ġejjin: Malta, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk, il-Portugall, (Protokoll Finanzjarju, għajnuna ta' emerġenza), it-Turkija, Ċipru, l-Eġittu, il-Gordana, is-Sirja, Iżrael, il-Greċja, l-ex Jugoslavja u l-Libanu.

Il-kuntratt ta' garanzija huwa estiż għal kull Protokoll Finanzjarju ġdid.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 1999/786/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fi Brussell fit-18 ta' April 2000 u fil-Lussemburgu fit-23 ta' Mejju 2000 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĦ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborsati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1)..

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

### 3. **Deskrizzjoni**

Skont il-Protokoll Finanzjarji konklużi ma' pajjiżi terzi tal-Mediterran, l-ammonti globali huma mniżżla għal self li jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investment mill-fondi proprji tiegħu. Il-Bank Ewropew tal-Investment jagħti self għal finijiet li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi inkwistjoni (infrastrutturi tat-trasport, portijiet, provvista tal-ilma, produzzjoni u distribuzzjoni tal-enerġija, proġetti agricoli u promozzjoni ta' impriżi żgħar u medji).

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 2 310 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Mediterran imsemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-Bank Ewropew tal-Investment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self mogħti tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Il-Kunsill iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1999 li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf mis-self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' żoni fit-Turkija milquta mit-terremot. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 600 000 000 u kien ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mid-29 ta' Novembru 1999 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-Bank Ewropew tal-Investment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self mogħti tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fit-22 ta' Diċembru 1999, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda għal darba oħra li jagħti lill-Bank Ewropew tal-Investment il-garanzija tal-Komunità għal telf li jirriżulta minn self għal proġetti mwettqa fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija limitata għal 65 % tal-valur totali tal-appropriazzjonijiet disponibbli flimkien mal-ammonti kollha relatati. Hija tkopri perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Frar 2000 sal-31 ta' Jannar 2007. Billi fi tmiem dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investment ma kienx laħaq l-ammonti totali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie awtomatikament estż b'sitt xhur.

Fl-4 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jstabbilixxi programm ta' azzjoni speċjali tal-Bank Ewropew tal-Investment bħala appoġġ għall-konsolidament u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija. Il-valur ta' dak is-self huwa limitat għal limitu massimu kumplessiv ta' EUR 450 000 000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE rristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja (l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill), il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi ristretta għal 65 %.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tagħti garanzija tal-UE lill-BIE kontra telf taħt operazzjonijiet ta' finanzjament li jippoggjaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni (Pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-Viċinat u ta' Sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Il-limitu massimu ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BIE m'għandux jisboq EUR 30 000 000 000 maqsumin f'limitu massimu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 27 000 000 000 u ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000 li għandu jiġi deċiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara l-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs it-terminu. Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat li jkun għadu dovut.

#### 4. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur,
- l-għoti, f'serje ta' każijiet, ta' sussidji fuq ir-rata tal-imgħax ta' 2 % f'għajnuna mhux rimborsabbli, suġġetta għall-ammonti kumplessivi stabbiliti mill-Protokollu Finanzjarji.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

## KUMMISSJONI

OPERAZZJONJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

IX. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. **Bażi ġuridika**

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 1989 mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investment li tikkonċerna l-operazzjonijiet tal-Bank fl-Ungerija u l-Polonja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/62/KEE tat-12 ta' Frar 1990 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 42, 16.2.1990, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/252/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 li testendi għaċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija d-Deċiżjoni 90/62/KEE li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 123, 18.5.1991, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/166/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti ta' investment imwettqa fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/696/KEE tat-13 ta' Diċembru 1993 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija) (ĠU L 321, 23.12.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KEE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/348/KEE tad-19 ta' Mejju 1998 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 53).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/729/KEE tal-14 ta' Diċembru 1998 li temenda d-Deċiżjoni 97/256/KEE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investment biex tkopri self għal proġetti fil-Bosnja-Herzegovina (ĠU L 346, 22.12.1998, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KEE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self li jingħata għal proġetti l-barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/688/KEE tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KEE sabiex testendi l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investment biex tkopri s-self għal proġetti fil-Kroazja (ĠU L 285, 10.11.2000, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/778/KEE tas-6 ta' Novembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KEE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investment biex tkopri self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslava (ĠU L 292, 11.11.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KEE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda Deċiżjoni 2000/24/KEE biex tikkonsidra t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159M, 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KEE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji fuq self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 200M, 1.8.2007, p. 740). Din id-Deċiżjoni għet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UEE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti l-barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KEE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

## 2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 90/62/KEE hija l-baġi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investment fl-24 ta' April 1990 fi Brussell u fl-14 ta' Mejju 1990 fil-Lussemburgu li jikkonċerna self fl-Ungerija u l-Polonja, u l-estensjoni ta' dan il-kuntratt għal self fiċ-Ċekoslovakkja, ir-Rumanija u l-Bulgarija ffirmat fil-31 ta' Lulju 1991 fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Dan il-kuntratt ta' garanzija kien is-suġġett ta' strument iffirmit fi Brussell fid-19 ta' Jannar 1993 u fil-Lussemburgu fl-4 ta' Frar 1993 biex jibdel ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka fir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka mill-1 ta' Jannar 1993.

Id-Deċiżjoni 93/696/KEE hija l-baġi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investment fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1994 u fil-Lussemburgu fit-12 ta' Awissu 1994.

Id-Deċiżjoni 97/256/KEE hija l-baġi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 98/348/KEE u d-Deċiżjoni 98/729/KEE huma l-baġi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KEE hija l-baġi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KEE kienet il-baġi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fit-30 ta' Awissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KEE kienet il-baġi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborsati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

## 3. **Deskrizzjoni**

B'rispons għal sejħa magħmula mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 1989, il-Bord ta' Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investment iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1989 li jawtorizza self mir-riżorsi proprji tiegħu għall-finanzjament ta' proġetti ta' investment fl-Ungerija u l-Polonja għal ammont totali li ma jaqbiżx l-EUR 1 000 000 000. Dan is-self huwa mogħti biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' investment li jissodisfaw ir-rekwiżiti normali tal-Bank għal self mir-riżorsi proprji tiegħu.

Fl-14 ta' Mejju 1991 u fil-15 ta' Marzu 1993 l-Kunsill, waqt li aġixxa fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, iddeċieda li din il-garanzija għandha tkun estiża għal kwalunkwe self li l-Bank Ewropew tal-Investment jista' jagħmel f'pajjiżi oħra tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (Ċekoslovakkja, Bulgarija u Rumanija) fuq perjodu ta' sentejn għal massimu ta' EUR 700 000 000.

Fit-13 ta' Diċembru 1993 il-Kunsill, waqt li aġixxa fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, iddeċieda li jgħedd għal tliet snin il-garanzija tal-Komunità għal EUR 3 000 000 000 f'self tal-Bank Ewropew tal-Investment għal proġetti fil-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija.

## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Il-garanzija tal-baġit tkopri l-aspetti kollha tas-servizzjar tad-dejn (rimbors tal-kapital, imgħax, kostijiet relatati) konnessi ma' dawn is-self.

Fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fl-14 ta' April 1997 li jgdedd il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal self għal proġetti fl-Albanija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 3 520 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant imsemmija hawn fuq. Ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħt mill-Bank Ewropew tal-Investment ma kienux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fid-19 ta' Mejju 1998, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fuq self għal proġetti fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 150 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda mill-1 ta' Jannar 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investment ma kienux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fl-14 ta' Diċembru 1998, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex tiġi estiża l-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal self għal proġetti fil-Bożnija u Herzegovina. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ta' EUR 100 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda fit-22 ta' Diċembru 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investment ma kienux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-Bank Ewropew tal-Investment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fit-22 ta' Diċembru 1999 li jgdedd il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal self għal proġetti fl-Albanija, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bosnja-Herzegovina, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, u s-Slovenja. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Ikopri perjodu ta' seba' snin li jibda mill-1 ta' Frar 2000 u jispiċċa fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħtija mill-Bank Ewropew tal-Investment ma kienux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-Bank Ewropew tal-Investment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiġdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fis-7 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal self għal proġetti fil-Kroazja.

Fis-6 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE ristrutturatur il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-kandidati li ġejjin: il-Kroazja, it-Turkija, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-pajjiżi kandidati potenzjali: l-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI  
(B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

4. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

## KUMMISSJONI

OPERAZZJONJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

X. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦAL TELF FUQ SELF GĦAL PROĠETTI F'ĊERTI PAJJIŻI TAL-ASJA U TAL-AMERIKA LATINA

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/115/KEE tal-15 ta' Frar 1993 tagħti garanzija Komunitarja lil Bank Ewropew tal-Investment għal telf li jista' jirriżulta minn self għal proġetti ta' interest reċiproku f'ċerta pajjiżi terzi (ĠU L 45, 23.2.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/723/KEE tat-12 ta' Diċembru 1996 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti ta' interest reċiproku f'ċerti pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni (Arġentina, Bolivja, Brażil, Ċili, Kolombja, Kosta Rika, Ekwador, Gwatemala, Honduras, Messiku, Nikaragwa, Panama, Paragwaj, Peru, El Salvador, Urugwaj u Venezwela; Bangladexx, Brunej, Ċina, Indja, Indoneżja, Makaw, Malasja, Pakistan, Filippini, Singapor, Sri Lanka, Tajlandja u Vjetnam) (ĠU L 329, 19.12.1996, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self li jingħata għal proġetti l-barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159M, 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji fuq self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 200M, 1.8.2007, p. 740). Din id-Deċiżjoni għet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti l-barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 93/115/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fl-4 ta' Novembru 1993 u fil-Lussemburgu fis-17 ta' Novembru 1993.

Id-Deċiżjoni 96/723/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija iffirmit bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment fi Brussell fil-18 ta' Marzu 1997 u fil-Lussemburgu fid-26 ta' Marzu 1997.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fi Brussell fit-30 ta' Awissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.



## KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĠ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank ta' Investiment Ewropew iffirmit fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awissu 2007 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żbursati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' Operazzjonijiet ta' Ffinanzjar tal-EIB bit-tnaqis tal-ammonti rimborżati, b'żjieda tas-somma kollha relatata. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Strument ta' Ekwità Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — 2014 sa 2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjoni rilevanti**

Dan l-istrument se jkun kopert mill-intestaturi baġitarji li ġejjin:

— Partita 06 02 01 05 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport;

— Artikolu 09 03 02 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni

— Partita 32 02 01 04 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti enerġetiċi.

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Strument Finanzjarji CEF*

L-objettiv tal-istrumenti finanzjarji fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huwa li jħaffu l-aċċess tal-proġetti tal-infrastruttura għall-finanzjament tal-proġetti u għall-finanzjament korporattiv billi jużaw il-finanzjament mill-Unjoni bħala ingranaġġ. Għandhom jgħinu fil-finanzjament ta' proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud tal-UE ċar, u fit-tħaffif ta' involviment ikbar mis-settur privat fil-finanzjament fit-tul tat-tali proġetti fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, inklużi netwerks tal-broadband.

Għandhom ikunu ta' benefiċċju għal proġetti bi ħtiġijiet ta' finanzjament fuq perjodu medju sa twil u għandhom joħlqu benefiċċji ikbar f'termini ta' impatt fuq is-suq, effiċjenza amministrattiva u użu tar-riżorsi.

Barra minn hekk, dawn l-istrumenti għandhom jipprovdu lill-partijiet interessati fl-infrastruttura bħal finanzjaturi, awtoritajiet pubbliċi, maniġers tal-infrastrutturi, kumpaniji tal-kostruzzjoni u operaturi b'għażla ta' għodod ta' sostenn finanzjarju tal-UE orjentati lejn suq koerenti.

*L-Istrument ta' Ekwità CEF*

L-għan tal-Istrument ta' Ekwità jkun li jikkontribwixxi sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet fis-swieq kapitali Ewropej billi jipprovdi strumenti ta' ekwità jew kważi-ekwità lill-proġetti Ewropej. L-istrument qiegħed ikun imfassal skont l-elementi ewlenin li diġà huma definiti fl-att bażiku.

L-ammonti massimi tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu limitati kif ġej:

— 33 % tad-daqs tal-ekwità mmirata, jew

— il-koinvestment mill-Unjoni fi proġett ma għandux jaqbeż 30 % tal-ekwità totali ta' kumpanija.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħha, qed jiġi previst li dan isir permezz ta' Entitajiet Fdati magħżula f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.



KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tintuża:

- għal parteċipazzjonijiet ta' ekwità, u
- biex ikunu koperti t-tariffi u l-ispejjeż assoċjati mat-twaqqif u l-immaniġġar tal-Istrument ta' Ekwià, inkluża l-ewalwazzjoni tiegħu, li ġew determinati f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-prattika tas-suq,
- għal azzjonijiet ta' sostenn relatati b'mod dirett.

*Perjodu ta' żmien tal-Istrument ta' Ekwià:* L-aħħar segment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument ta' Ekwià FNE għandu jiġi impenjat mill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. L-approvazzjoni reali tal-investimenti tal-ekwià mill-entitajiet f'dati jew mill-veikoli ta' investiment iddedikati għandha tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Diċembru 2022. L-istralċ propju tal-istrument aktarx li jseħħ wara l-2032.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi mmirati bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li jirriżulta mill-istrumenti finanzjarji eżistenti***

L-istrumenti tas-CEF ser ikollhom fil-mira proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud tal-UE ċar fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, inklużi netwerks tal-broadband.

L-ammont totali ta' fondi tal-UE disponibbli għal dan l-istrument jiġi definit wara li l-istrument dettaljat ikun żviluppat.

L-ingranaġġ mistenni tal-Istrument ta' Ekwià — definit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjonijiet kollha minn investituri oħra) diviż bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni huwa mistenni li bħala medja jvarja minn ħamsa sa għaxra, skont l-ispeċifitàjiet tas-suq.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Strumenti ta' Garanzija

### Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs taħt CIP (SMEG07) — Qabel l-2014

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

01 04 04 — Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm għall-Imprenditorjat u l-Innovazzjoni (fin-nomenklatura baġitarja tal-2013).

L-Artikolu 01 04 51 — Ikkompletar ta' programmi fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (qabel l-2014) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014) <sup>(1)</sup>.

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-istrumenti finanzjarji huma parti mill-Programm għall-Imprenditorjat u l-Innovazzjoni (EIP), wieħed mit-tliet programmi speċifiċi taħt il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) <sup>(2)</sup>.

L-għan kumplessiv tal-istrumenti finanzjarji taħt CIP huwa t-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) sabiex ikun sostnut l-investiment tagħhom f'attivitajiet ta' innovazzjoni, inkluża innovazzjoni ekoloġika. Dan iseħħ billi jkun ipprovdut ingranaġġ għall-istrumenti ta' dejn tal-SMEs sabiex tiżdied il-provvista ta' finazi bid-dejn lil SMEs.

Il-Faċilità ta' Garanzija għall-SME (SMEG 07) hija mħaddma mill-FEI f'isem il-Kummissjoni. Hija tipprovd i kontrogaranzji u kogaranzji għal skemi ta' garanzija u garanzji diretti għal Intermedjarji Finanzjarji li joperaw f'pajjiżi eliġibbli.

L-istrumenti tas-CIP orjentati lejn is-suq urew effiċjenza u relevanza għolja biex jindirizzaw il-kundizzjonijiet attwali tas-suq, iddominati fis-snin riċenti minn issikkar tal-kundizzjonijiet ta' kreditu u aċċess iktar diffiċli għall-finanzjament għall-SMEs. Il-Faċilità ta' Garanzija SME hija strument kontroċikliku li għen riċeventi finali biex jaffaċċaw id-diffikultajiet li rriżultaw mill-kundizzjonijiet ekonomiċi mill-kriżi 'l hawn, jiġifieri biex jiksbu jew iżommu aċċess għal finanzjament biex joħolqu jew iżommu l-impjegati tul il-perjodu.

Għall-perjodu kollu tal-programm mill-31 ta' Diċembru 2013, il-kisbiet SMEG07 kienu dawn li ġejjin:

— għadd ta' ftehimiet iffirmati ma' 51 intermedjarju finanzjarju: 66;

— għadd ta' beneficijarji finali (SMEs appoġġati): 311 633;

— ammont totali ta' self sottostanti: EUR 16 108,5 miljun;

— għadd ta' impjegati fir-riċeventi finali (SMEs appoġġati) fid-data tal-inklużjoni: 1 094 609;

<sup>(1)</sup> L-artikolu 01 04 51 jinkludi wkoll azzjonijiet ta' tlestija relatati mal-programm pluriennali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (2001–2005)

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007–2013), (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

— għadd ta' impjeggi maħluqa jew miżmuma: 311 633 <sup>(1)</sup>

Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien, il-perjodu ta' impenn għall-faċilità ta' Garanzija għall-SMEs intemm fil-31 ta' Diċembru 2013 iżda l-istrument se jibqa' jeżisti sakemm isir l-istralċ' wara l-2026.

L-impenji baġitarji totali għall-istrumenti finanzjarji CIP għall-perjodu kollu bejn l-2007 –2013 kienu previsti li huma EUR 1,13 -il biljun, b'qasma indikattiva oriġinali ta' EUR 620 miljun għall-GIF u EUR 510 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija għal SMEG 07.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Il-pagamenti baġitarji għall-2014 jammontaw għal EUR 76,5 miljuni għall-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs.

Ebda impenni baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenji, jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2013.

L-impenji baġitarji aggregati għall-2007 –2013 ammontaw għal EUR 637,8 miljun. Fil-31 ta' Diċembru 2013 (iċ-ċifri l-iktar riċenti), l-effett tal-ingranaġ <sup>(2)</sup> fuq is-SMEG 07 huwa bejn 31 li jfisser li l-impatt ta' dan l-impenn baġitarju aggregat fuq l-ekonomija globali huwa mistenni li jilħaq l-EUR 19 771,8 miljun f'self lil SMEs benefiċjarji.

<sup>(1)</sup> Din hija stima bbażata fuq il-metodoloġija msemmija fl-Evalwazzjoni Finali tal-Programm ta' Intraprenditorija u Innovazzjoni — Rapport Finali — April 2011, p. 22.

<sup>(2)</sup> Ikkalkulat bħala volum ta' dejn totali rċevut mill-SMEs benefiċjarji/ammont ta' limitu ta' garanzija tal-UE.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress (EPMF-G) — Qabel l-2014****(i) Referenza għall-att bażiku**

Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjeggi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Artikolu 04 04 15 — Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 04 03 53 (parzjali) — l-kompletar ta' attivitajiet oħra (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-iskop tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress jinqasam fi tnejn: minn naħa, iżid id-disponibilità tal-mikrofinanzjament għall-persuni li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikroimpriżi tagħhom, inkluż għall-impjeggi indipendenti, fis-sens li tippermetti lill-fornituri tal-mikrofinanzjament fl-UE sabiex ikabbru l-volumi ta' self tagħhom lil dawn l-individwi. Min-naħa l-oħra, il-Mikrofinanzjament Progress isaħħaħ l-aċċess għall-mikrofinanzjament billi jnaqqas ir-riskju tal-fornituri ta' mikrofinanzjament. Din il-karatteristika tippermetti sabiex il-fornituri tal-mikrofinanzjament jilhqqu gruppi li normalment ma setgħux jinqadew qabel, pereżempju, għaliex persuni minn dawn il-gruppi ma setgħux jipprovdu biżżejjed kollateral jew għaliex ir-rati tal-imgħax kellhom ikunu għoljin wisq biex jiġġustifikaw il-profil ta' riskju propju tagħhom.

Il-faċilità għandha tipprovdi lill-Unjoni riżorsi biex jiżdied l-aċċess u d-disponibilità għal mikrofinanzjament għal:

- persuni li tilfu jew li qegħdin f'riskju li jtilfu x-xogħol, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll persuni li qegħdin jaffaċċjaw il-periklu ta' esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew ikomplu jiżviluppaw il-mikroimpriza tagħhom stess, inkluż l-impjeggi indipendenti,
- mikroimpriżi, speċjalment fl-ekonomija soċjali, kif ukoll mikroimpriżi li jħaddmu persuni msemminjin fl-inċiż ta' qabel dan.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-Faċilità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 tammonta għal EUR 105 miljun, li minnhom EUR 25 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija EPMF (EPMF-G) u EUR 80 miljun għall-EPMF *Fonds Commun de Placement* — *Fonds d'Investissements Spécialisé* (EPMF FCP-FIS).

Il-Faċilità hija implimentata billi jintużaw it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

- garanziji (EPMF-G),
- strumenti ta' dejn u ekwità (FCP-FIS),
- miżuri ta' sostenn, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, li huma direttament neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE u għall-ksib tal-oġġettivi tagħha.

It-tieqa ta' garanzija tal-mikrokreditu għandha tibqa' fis-seħħ b'mod u effett sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2020.

Għall-perjodu kollu mit-30 ta' Settembru 2013 (l-iktar dejta riċenti bħala data miktuba), il-kisbiet EPMF għall-komponent ta' Faċilità ta' Garanzija tal-programm kienu kif ġej:

- Għadd ta' mikroself: 7 016;

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

- Ammont totali ta' mikroself: EUR 64,49 miljun;
- Għadd totali ta' impjegati (fil-mikro-SMEs appoġġati), fl-ewwel data ta' inklużjoni: 8 684.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti***

Ebda impenji baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenn. Il-pagamenti baġitarji għall-2014 jammontaw għal EUR 0,9 miljun għall-EPMF-G. L-impenji baġitarji aggregati tal-EPMF-G għall-perjodu 2010 –2013 jammontaw għal total ta' EUR 23,6 miljun.

B'kont meħud tal-effett tal-ingranaġġ mistenni ta' 11,6, il-volumi mmirati ta' self lil mikrointrapriżi benefiċjarji huma stmati li jilhqgħu l-EUR 273,8 miljun għall-faċilità ta' Garanzija EPMF.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Faċilità ta' Garanzija skont il-Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (COSME) — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 –2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33.).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

02 02 02 — Intejbu l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self (LGF) għandha ttipprovdi:

— kontragaranziji u arranġamenti oħra ta' kondiviżjoni tar-riskji għal skemi ta' garanzija,

— garanziji diretti u arranġamenti oħra li jikkondividu r-riskju għal kwalunkwe intermedjarju finanzjarju ieħor li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà.

L-LGF jikkonsisti:

— f'garanziji għall-iffinanzjar ta' dejn permezz ta' self, inkluż permezz ta' self ta' subordinazzjoni u self ta' parteċipazzjoni, jew lokazzjoni, jnaqqsu d-diffikultajiet partikolari li jaffaċċjaw SMEs vijabbli biex jaċċessaw finazi jew minħabba r-riskju għoli perċepit tagħhom jew minħabba nuqqas ta' kollateral suffiċjenti disponibbli,

— fit-titolizzazzjoni tal-portafolli ta' finanzjament tad-dejn tal-SME, li timmobilizza l-finanzjament addizzjonali tad-dejn għal SMEs skont arranġamenti adatti ta' kondiviżjoni tar-riskju mal-istituzzjonijiet fil-mira. L-appoġġ għal dawn it-tranżazzjonijiet jiddependi mill-impenn tal-istituzzjonijiet minn fejn joriġina l-finanzjament li jużaw parti sinifikanti mil-likwidità li tirriżulta jew il-kapital mobilizzat għal self ġdid lil SMEs f'perjodu ta' żmien raġonevoli. L-ammont ta' dan il-finanzjament ġdid permezz ta' dejn jiġi kkalkulat skont l-ammont tar-riskju tal-portafoll iggarantit u jiġi nnegożjat, flimkien mal-perjodu ta' żmien, individwalment ma' kull istituzzjoni li toriġinah.

L-LGF, minbarra self f'portafoll titolizzat, tkopri self sa EUR 150 000 u b'maturità minima ta' 12-il xahar. L-LGF tkopri wkoll self ogħla minn EUR 150 000 f'każijiet fejn l-SMEs li jissodisfaw il-kriterji biex ikunu eliġibbli skont il-programm COSME ma jissodisfawx il-kriterji biex ikunu eliġibbli skont il-parti tal-SME fil-Faċilità tad-Dejn tal-programm Orizzont 2020, u b'maturità minima ta' 12-il xahar. L-LGF tkun imfassla b'tali mod li jkun possibbli li wieħed jirrapporta dwar l-SMEs appoġġati, kemm f'termini tal-ġhadd ta' self kif ukoll f'dak li hu volum ta' self.

L-implimentazzjoni tal-LGF sseħħ permezz ta' entità fdata li se tkun il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), soġġett għall-konklużjoni b'suċċess ta' ftehim ta' delega mal-Kummissjoni.

Il-ftehim ta' delega jiżgura li l-LGF hija aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji (soċjetajiet ta' garanzija, istituti promozzjonali nazzjonali, banek kummerċjali, kooperattivi, eċċ.) li għandhom l-esperjenza fi tranżazzjonijiet finanzjarji mal-SMEs jew li għandhom il-kapaċità jidħlu fi tranżazzjonijiet finanzjarji ma' SMEs.

Minn perspettiva teknika, il-FEI tingħata istruzzjoni biex ttiprovdi garanziji limitati ta' portafoll lill-intermedjarji finanzjarji li se jkopru parti mit-telfiet mistennija ta' portafoll ta' tranżazzjonijiet iġġenerati ġodda tal-SMEs li għandhom profil ta' riskju ogħla.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, il-FEI tingħata istruzzjoni biex tippovdi kopertura tal-garanzija fuq parti mill-porzjon mezzan ta' tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni.

L-riċeventi finali fil-mira skont il-garanziji limitati ta' portafoll u t-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni huma SMEs ta' kull daqs mingħajr fowkus speċifiku fuq settur. Il-firxa ta' prodotti finanzjarji li tista' tiġi appoġġata permezz tal-garanziji limitati se tinżamm wiesgħa biex ma tiddiskriminax fost il-popolazzjoni tal-SMEs.

L-istrument ta' garanzija huwa pplanat li jidur sal-31 ta' Diċembru 2034 (sakemm jintemmu l-aħħar operazzjonijiet). Ftehimiet ta' garanzija individwali li għandhom jiġu ffirmati mill-entità fdata se jkollhom perjodu ta' żmien massimu ta' għaxar snin.

L-LGF tista' tikkontribwixxi wkoll għall-istrumenti finanzjarji użati skont l-inizjattiva konġunta tal-SME kif approvati mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2013. Din il-kontribuzzjoni tista' tiegħu l-forma ta' garanziji mhux limitati ta' portafoll jew operazzjonijiet ta' sikurizzazzjoni u kopertura, flimkien ma' riżorsi mill-ESIF, Orizzont 2020 u l-FEI, il-porzjon mezzan tal-portafoll.

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ippogrammar hija prevista li tkun EUR 717-il miljun.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-2014: EUR 89 miljun inkluża l-kontribuzzjoni tal-COSME għall-inizjattiva tal-SME li kienet stmata li tammonta għal madwar EUR 4 miljun għall-2014.

L-effett tal-ingranaġġ indikat fil-programm COSME huwa bejn wiehded u ieħor ta' 20–30 għall-istrument ta' dejn tul il-ħajja tal-programm.

Il-porzjoni finali tal-ingranaġġ jiddependi fuq l-ammonti kkontribwiti mill-Istati Membri għall-Inizjattiva tal-SME u l-modalità ta' implimentazzjoni magħżula tagħhom (sikurizzazzjoni jew garanziji mhux limitati).

Ibbażat fuq il-miri ta' ingranaġġ tal-COSME, kien stmat li l-ammont totali ta' finanzjament immobilizzat ivarja minn EUR 1,8 miljun għal EUR 2,7 miljun għall-baġit tal-2014. Dawn in-numri jirreferu għal portafolli ta' self ġodda għall-SMEs żviluppati matul il-perjodu kollu ta' disponibbiltà ta' tranżazzjonijiet individwali ma' intermedjarji finanzjarji awtorizzati skont il-baġit tal-2014.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Is-Servizz ta' Self għar-R&I għal SMEs u Kumpaniji Żgħar b'kapitalizzazzjoni medja skont l-Orizzont 2020 — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014 –2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'“Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014 –2020)” u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014 –2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata taġġhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Din il-faċilità ta' garanzija tirnexxi u tinfina l-pilota RSI skont l-RSFF fl-PK7, u hija parti minn strument finanzjarju ta' dejn waħdieni li jappoġġa t-tkabbir tal-intrapriżi u l-attivitajiet taġġhom ta' R&I. Hi timmira SMEs xprunati mir-R&I u kumpaniji żgħar (sa 499 impjegat) li jeħtieġu self ta' bejn EUR 25 000 u EUR 7,5 miljun. Self ta' iktar minn EUR 7,5 miljun jiġi kkunsidrat fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) jimplementa din il-faċilità billi jipprovdigaranziji diretti għal intermedjarji finanzjarji bħal banek, li jestendu s-self attwali lil riċeventi finali. Il-garanzija tkopri sa 50 % tat-telf potenzjali tal-intermedjarji. Il-FEI toffri wkoll kontrogaranzija lil intermedjarji finanzjarji (bħal istituzzjonijiet ta' garanzija) jipprovdri protezzjoni tar-riskju lil banek li jestendu s-self lil SMEs xprunati mir-R&I u kumpaniji żgħar.

SMEs xprunati mir-R&I jew kumpaniji żgħar li jixtiequ japplikaw għal self għandhom jikkuntattjaw wieħed mill-intermedjarji finanzjarji biex jiffirmaw ftehim (ara l-proċedura ta' selezzjoni) mal-FEI. Din hija faċilità xprunata mid-domanda, mingħajr allokazzjonijiet minn qabel bejn setturi, pajjiżi jew reġjuni. Madankollu, soġġetta għall-konklużjoni b'suċċess tan-negożjati, il-Kummissjoni tinċentiva l-FEI biex jagħmel sforz partikolari biex jiżgura li proporzjon sinifikanti ta' reċipjenti finali huma SMEs ekoinnovattivi u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

L-impatt mistenni: SMEs xprunati mir-R&I u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja kapaċi jwettqu ammont kbir ta' R&I. L-indikaturi huma l-għadd ta' ftehimiet iffirmati ma' intermedjarji finanzjarji u l-għadd u l-volum ta' self magħmul. Miri se jiġi stabbiliti matul negożjati mal-FEI.

Skeda ta' żmien indikattiva: Din il-faċilità aktarx tkun disponibbli fi tmiem it-tieni kwart tal-2014.

**Il-proċedura tal-għażla:**

- a) Għal intermedjarji finanzjarji: Il-FEI toħroġ sejħa waħda jew iktar għal espressjoni ta' interess, bi kriterji ta' eliġibbiltà u selezzjoni definiti bħala parti ta' kull sejħa wara konsultazzjoni mad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni.
- b) Għal self: skont il-proċessi interni tal-bank intermedjarju jew istituzzjoni finanzjarja oħra li għalihom l-SME jew il-kumpanija żgħira b'kapitalizzazzjoni medja japplikaw, billi juża kriterji kummerċjali normali.



KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Il-baġit totali previst għall-perjodu tal-ippogrammar 2014 –2020 għas-Servizz ta' Dejn għar-R&I tal-SMEs u Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li ġej mill-“Access għal Finanzjament ta' Riskju” parti mill-Orizzont 2020 huwa EUR 800 miljun.

Il-baġit indikattiv għall-2014 kien ta' EUR 87,75 miljun. L-arranġament ta' kondivizzjoni tar-riskji mal-FEI jingrana l-kontribuzzjoni tal-UE għas-Servizz ta' Self għar-R&I tal-SMEs u Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja b'fatur li jista' jitle' għal 10, li b'hekk jirriżulta f'finanzjament ta' self għal SMEs u kumpaniji żgħar xprunati mir-R&I ta' madwar EUR 875 miljun.

L-istrument jikkontribwixxi wkoll għall-istrumenti finanzjarji li jiġu użati skont l-inizjattiva konġunta tal-SME kif approvata mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2013. Din il-kontribuzzjoni tista' tiegħu l-forma ta' garanziji mhux limitati ta' portafoll jew operazzjonijiet ta' sikurizzazzjoni u kopertura, flimkien ma' riżorsi mill-ESIF, COSME u l-FEI, il-porzjon mezzan tal-portafoll.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress skont il-“Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-Unjoni (EaSI) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238.).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 04 03 02 03 — Mikrofinanzjament u Imprenditorjat Soċjali — Niffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għall-impreduturi, speċjalment dawk l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol u l-intrapriżi soċjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-oġġettiv ġenerali ta' dawn l-istrumenti finanzjarji ġie deskritt fir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 u jista' jinsab skont l-Artikolu 4(1)(e):

Jiġu promossi l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali billi jżid id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mikrofinanzjament għal nies vulnerabbli li jixtiequ jibdew mikrointrapriża kif ukoll mikrointrapriżi eżistenti, u billi jagħti aċċess akbar għall-finanzjament għall-intrapriżi soċjali.

Oġġettivi speċifiċi huma msemmija skont l-Artikolu 26:

— jizjed l-aċċess għal mikrofinanzjament u d-disponibbiltà għalih għal:

— persuni vulnerabbli li tilfu jew li huma fir-riskju li jtilfu l-impjieg tagħhom, jew li għandhom diffikultà biex jidħlu jew jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, jew huma friskju ta' esklużjoni soċjali, jew li huma soċjalment esklużi, u li huma f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi proprji tagħhom;

— mikrointrapriżi sew fil-fażi tal-bidu kif ukoll tal-iżvilupp, speċjalment mikrointrapriżi li jimpjegaw persuni kif imsemmi fil-punt (i);

— tinbena l-kapaċità istituzzjonali tal-fornituri tal-mikrokreditu;

— jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-suq tal-investiment soċjali u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi għal intrapriżi soċjali billi tirrendi disponibbli l-ekwità, il-kważi-ekwità, l-istrumenti tas-self u l-għotjiet li jistgħu jilhqgħu l-EUR 500 000 disponibbli għall-intrapriżi soċjali, li jew għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx it-EUR 30 miljun, jew total annwali tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx it-EUR 30 miljun, li huma stessm humiex intrapriża tal-investiment kollettiv.

Il-baġit tal-istrumenti finanzjarji ta' Mikrofinanzjament u Intrapriża Soċjali għall-perjodu 2014 –2020 jammonta għal EUR 193,08 miljun.

Id-diviżjoni tiegħu tirrispetta l-perċentwali minimi li ġejjin:

— il-mikrofinanzjament għal gruppi vulnerabbli u mikrointrapriżi: 45 %

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

— (b) intraprenditorija soċjali: 45 %

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Riżultati fil-mira indikattivi huma 41 000 mikroself mogħti lil riċeventi finali u 1 350 self mogħtija lil intrapriżi soċjali. Il-mira għal mikrofinanzjament ġie bbażat fuq l-esperjenza passata mal-Mikrofinanzjament għall-Progress. Il-mira għal intrapriżi soċjali ġie bbażat fuq il-volum totali tal-garanziji u tal-fondi tal-istrumenti ffinanzjati, immultiplikati mill-ingranaġġ mistenni u diviżi minn daqs ta' investiment medju ta' EUR 200 000 għal kull intrapriża soċjali. Għall-istrumenti ffinanzjati, koinvestment mistenni ta' EUR 20 miljun ġie kkunsidrat. Dawn il-miri huma soġġetti għal bidla hekk kif it-tfassil tal-faċilità u l-koinvestimenti potenzjali mhumx magħrufa f'dan l-istadju.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Settur Kulturali u Kreattiv ("Programm Ewropa Kreattiva") — 2014 sa 2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE and Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

L-Artikolu 15 04 01 — It-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi, partikolarment għal SMEs u ogranizzazzjonijiet (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-objettiv kumplessiv tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi huwa f'konformità ma' dawk tal-Programm Qafas Ewropew għall-Kreattività, li huwa:

— li jrawwem is-salvagwardja u l-promozzjoni tal-kultura Ewropea u d-diversità lingwistika u

— li jsaħħaħ il-kompetittività tas-settur kulturali u kreattiv, bil-għan li jkun promos tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020.

L-objettiv speċifiku tal-qasam tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi huwa li jsaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi.

Il-kwistjonijiet li se taħdem bis-sħiħ biex tindirizza huma:

— id-diffikultajiet għal SMEs u proġetti kulturali u kreattivi biex ikollhom aċċess għall-krediti bankarji,

— it-tixrid u d-disseminazzjoni limitati ta' ħila esperta fost l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-qasam tal-analiżi finanzjarja ta' SMEs u proġetti kulturali u kreattivi fl-UE kollha.

Sabiex ikun hemm reazzjoni għal dawn il-kwistjonijiet, l-objettivi operattivi jkun:

— li jkun pprovduti garanziji lill-banek li jittrattaw SMEs kulturali u kreattivi u b'hekk jippermettulhom aċċess eħfef għall-krediti bankarji,

— li jkun pprovduti ħila esperta/bini ta' kapaċità lill-istituzzjonijiet finanzjarji,

— li jiżdied l-għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji li lesti jaħdmu ma' SMEs kulturali u kreattivi,

— li tkun massimizzata d-diversifikazzjoni ġeografika Ewropea ta' istituzzjonijiet finanzjarji li lesti jaħdmu ma' SMEs kulturali u kreattivi.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

L-impenji baġitarji previsti jammontaw għal EUR 121 miljun, flimkien ma' EUR 2 miljun ta' rkupri mistennija mill-istrument finanzjarju preċedenti tal-MPGF. Abbażi tal-effett tal-ingranaġġ previst ta' 5,6, il-volum immirat huwa stmat li jkun ta' EUR 690 miljun ta' self garantit.

KUMMISSJONI  
INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU**Faċilità ta' Garanzija ta' Self għall-Istudenti (Erasmus+) — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-"Erasmus+": il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE and Nru 1298/2009/KE

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Il-Partita 15 02 01 01 (fparti) — Il-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ Ewropej u r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-objettiv tal-faċilità ta' garanzija ta' self għall-istudenti "Erasmus+ Master" huwa li jrawwem u jappoġġa l-mobbiltà sħiħa tal-programm flivell ta' Master (it-tieni ċiklu tal-edukazzjoni superjuri). Biex isir dan, il-Faċilità se tipprovdi garanziji parzjali għall-intermedjarji finanzjarji li jgħorġu self b'kundizzjonijiet favorevoli lill-istudenti mill-pajjiżi parteċipanti fl-Erasmus+ li jkunu qed isegwu programm sħiħ (ta' sena jew sentejn) fil-livell ta' Masters lil hinn mill-pajjiż ta' residenza tagħhom, u lil hinn mill-pajjiż minn fejn ikunu kisbu l-kwalifika tagħhom fil-livell ta' Baċellarat.

Il-garanziji maħruġa permezz tal-faċilità għandhom ikopru self eliġibbli għid għall-istudenti sa massimu ta' EUR 12 000 għal programm ta' sena fil-livell ta' Masters u sa massimu ta' EUR 18 000 għal programm ta' sentejn fil-livell ta' Masters.

Il-Faċilità għaldaqstant tirrappreżenta kontribuzzjoni diretta għall-mira tal-UE u l-Proċess Ministerjali ta' Bolonja li jirduppjaw il-proporzjon ta' studenti li jtemmu perjodu ta' studju jew taħriġ barra minn pajjiżhom għal 20 % sal-2020.

L-immaniġġjar tal-Faċilità fil-livell tal-Unjoni se jkun fdat lill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), li se jikkonkludi ftehimiet ma' intermedjarji finanzjarji bħal banek u istituzzjonijiet nazzjonali/reġjonali li jagħtu self lill-istudenti. Dawn l-intermedjarji finanzjarji parteċipanti min-naħa tagħhom jgħaddu l-benefiċċju tal-garanzija tal-UE billi jagħmlu s-self għall-istudenti disponibbli mingħajr ebda rekwiżit ta' kollateral mill-istudent jew mill-familja u b'kundizzjonijiet favorevoli pereż. rata ta' interessi iktar baxxa mir-rata tas-suq, u salvagwardji biex l-istudenti ma jbatux li jinkludu "perjodu ta' grazzja". Il-perjodu ta' grazzja jippermetti lill-gradwati jsibu impjeg qabel jibdew iħallsu lura s-self u "vaganza ta' pagamenti" li permezz tagħha l-pagamenti lura jistgħu jiġu ffriżati jekk ikun meħtieġ bħal waqt perjodu ta' qgħad jew maternità.

Il-kapital għas-self huwa ingranat mill-intermedjarji finanzjarji parteċipanti, bl-UE tkun garanti parzjali kontinua inadempjenzi fuq self possibbli mill-istudenti. Il-ħlas lura tas-self isir permezz ta' mekkaniżmi ta' self bankarji "normali", bl-informazzjoni operattiva u l-ipproċessar isir flivell lokali.

Il-bażi ġuridika tal-Programm Erasmus+ 2014–2020 tipprevedi kontribuzzjoni totali tal-UE ta' EUR 517 -il miljun, li jippermetti lil madwar 200 000 student biex jibbenefika minn self appoġġat mill-Faċilità.

Il-perjodu ta' żmien tal-istrument jestendi sal-2037 (jiġifieri il-programm se jidm fis-seħħ sal-2020+ sentejn(2) skadenza tal-impenn + sa 15-il sena maturità fuq is-self tal-istudenti).

Il-faċilità se tipprovdi garanziji parzjali sa 90 % tal-ewwel telfiet li jirriżultaw mill-inadempjenzi tal-istudenti b'limitu tal-garanziji ta' 18 % tal-portafoll tas-self. L-ingranaġġ stmat huwa 6,17 (jiġifieri, EUR 3,2 biljun li għandhom jiġu pprovduti bħala capital għas-self tal-istudenti mill-intermedjarji finanzjarji parteċipanti).

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

L-impjenji baġitarji previsti għall-2014 jammontaw għal EUR 29,86 miljun. Abbażi tal-effett tal-ingranaġġ previst ta' 6,1, il-volum immirat huwa stmat li jkun ta' EUR 184 miljun ta' self garantit.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**It-tieqa ta' Garanzija PF4EE — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 147, 20.12.2014, p. 185), b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

L-Artikolu 34 02 01 — It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014)

L-Artikolu 34 02 02 — Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Unjoni għat-tibdil fil-klima (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014)

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-implimentazzjoni tal-istrument PF4EE (Finanzjament Privat għal Effiċjenza fl-Enerġija) tkun fdata lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) permezz ta' maniġment indirett.

L-istrument PF4EE se jipprovdi (i) mekkaniżmu ta' parteċipazzjoni ta' riskju (Faċilità ta' Kondiviżjoni tar-Riskji) għall-istituzzjonijiet finanzjarji tas-settur privat u (ii) appoġġ ta' esperti għall-intermedjarji finanzjarji (Faċilità ta' Appoġġ mill-Esperti) ikkombinat ma' (iii) finanzjament għal tul ta' żmien mill-BEI (Self tal-BEI għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija).

— Il-PF4EE jkun jista' jipprovdi Strument Finanzjarju ta' Kondiviżjoni tar-Riskji fil-format ta' garanzija limitata biex jinqasam ir-riskju bejn il-Kummissjoni (bħala finanzjatur) u l-intermedjarji finanzjarji (bħala selliefa),

— Il-Faċilità ta' Qsim tar-Riskju hija mfassla biex tnaqqas ir-riskju kreditizzju ffaċċjat mill-intermedjarji finanzjarji meta jsellfu lis-settur tal-EE u biex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tagħhom. L-impatt se jiddependi fuq il-kundizzjonijiet tas-suq u l-karatteristiċi speċifiċi tal-proġetti. Il-Faċilità RS hija mistennija li żżid l-attività ta' self tagħha, l-aċċess għall-finanzi u/jew kundizzjonijiet aħjar ta' self lir-riċeventi finali, inklużi prezzijiet aktar baxxi, maturitajiet itwal, kollateral aktar baxx u affarijiet oħrajn.

Jeħtieġ li l-PF4EE jkun operazzjonali sakemm is-self sottostanti kopert mill-Faċilità RS jibqa' pendenti. Il-perjodu massimu li għandu jitħalla skont il-Faċilità RS ser ikun ta' 20 sena. Għaldaqstant, il-PF4EE ser ikun fis-seħħ sa 20 sena wara t-tmiem tal-perjodu tal-implimentazzjoni (2042).

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Ir-riċeventi jinkludu individwi privati, assoċjazzjonijiet ta' sidien ta' djar, SMEs, korporazzjonijiet u/jew istituzzjonijiet/korpi pubbliċi li jagħmlu investimenti għall-EE skont in-NEEAP (Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija) ta' kull Stat Membru.

Id-daqs tas-self għall-EE mogħti lill-benefiċjarji jvarja minn EUR 40 000, li jista' jitnaqqas biex jakkomoda investimenti żgħar fis-settur residenzjali, sa EUR 5 miljun u f'każijiet eċċezzjonali anki sa EUR 15 -il miljun.

Taħt il-PF4EE bejn 10 u 15-il fteħima ta' finanzjament (Self tal-BEI għall-EE u Faċilitajiet ta' Kondiviżjoni tar-Riskji/Appoġġ mill-Esperti) jistgħu jiġu ffirmati mal-intermedjarji finanzjarji fil-perjodu l-2014 –2017. Fteħim ta' finanzjament jista' jkopri l-implimentazzjoni tal-istrument f'iktar minn Stat Membru wieħed u intermedjarju finanzjarju jista' jiffirma iktar minn fteħim ta' finanzjament wieħed.

Huwa mistenni li tul il-ħajja tal-programm (2014 — 17) u bi preżunzjoni li l-investment medju jkum EUR 300 000, madwar 2 500 benefiċjarji u proġetti finali se jirċievu finanzjament ta' self totali ta' madwar EUR 600 miljun.

Il-baġit previst li se jkun allokat lill-PF4EE bejn l-2014 u l-2017 huwa ta' EUR 80 miljun. L-investment totali f'PF4EE tul dan il-perjodu jista' jkun ta' madwar EUR 800 miljun. Għalhekk, l-effett tal-ingranaġġ mistenni jkun ta' madwar għaxra.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

### **Strumenti ta' kondivizzjoni tar-riskji**

#### **Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondivizzjoni tar-Riskji skont l-FP7 (RSFF) inkluża r-RSI (faċilità ta' garanzija pilota għal SMEs u Kumpaniji Żgħar b'kapitalizzazzjoni medja xprunati mir-R&I — Qabel l-2014**

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: Kapaċitajiet li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Artikolu 08 09 0 — Kooperazzjoni — Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondivizzjoni tar-Riskji (RSFF) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013); krediti primarji ta' EUR 800 miljun,

Artikolu 08 18 01 — Kooperazzjoni — Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondivizzjoni tar-Riskji (RSFF) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013); krediti primarji ta' EUR 200 miljun,

Artikolu 08 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm qafas preċedenti għar-riċerka — Is-Seba' Programm Qafas — KE azzjoni indiretta (2007 sal-2013) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

Fil-perjodu 2007–2013, ġie impenjat ammont totali ta' EUR 1 230,73 miljun mill-baġit tal-UE (baġit inizjali FP7 flimkien ma' approprjazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn Pajjiżi Terzi għall-FP7) u dan tħallas lill-BEI biex jappoġġa kemm il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondivizzjoni tar-Riskji (RSFF) kif ukoll l-Istrument tal-Kondivizzjoni tar-Riskji (RSI).

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-objettiv ewlieni tal-RSFF huwa li jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament bid-dejn għal investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-UE speċjalment minn promoturi privati. Hija tikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet finanzjarji ta' proġetti u kumpaniji ta' innovazzjoni ta' kull daqs u sjieda, inklużi kumpaniji żgħar b'kapital medju u SMEs.

L-RSFF isostni l-aċċess għall-finanzi fil-firxa kollha tar-Riċerka, Żvilupp, Dimostrazzjoni u Innovazzjoni (RŻI), minn riċerka fundamentali għal żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni. L-RSFF tindirizza objettivi ta' politiki transsettorjali u bżonnijiet ta' investiment relatati b'mod li hu xprunat mid-domanda abbażi ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel".

L-RSFF, żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-BEI, ġiet stabbilita f'Ġunju 2007. L-UE u l-BEI huma msieħba fil-kondivizzjoni tar-riskji għal self ipprovdut mill-BEI direttament jew indirettament lill-benefiċjarji. L-Unjoni Ewropea, permezz tar-riżorsi baġitarji tal-FP7 u l-BEI, allokaw ammont totali sa massimu ta' EUR 2 biljuni (sa massimu ta' EUR 1 biljun kull wieħed) għall-perjodu 2007-2013 sabiex ikopru telfiet jekk self RSFF ma jitħallasx lura. Permezz ta' dawn il-kontribuzzjonijiet mingħand l-UE/BEI għall-kondivizzjoni tar-riskji u l-kopertura tat-telf, il-BEI jista' jestendi l-volum tas-self ta' EUR10 biljuni lill-kumpaniji u lill-komunità tar-riċerka għall-investimenti tagħhom fir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-benefiċjarji tal-RSFF jistgħu jkunu entitajiet Ewropej ta' riċerka intensiva (kumpaniji, proġetti singoli) kif ukoll infrastrutturi ta' riċerka. Is-self RSFF jappoġġa investimenti fir-RŻI li jkunu saru minn promoturi/ benefiċjarji li jinsabu fit-28 Stat Membru tal-UE u l-Pajjiżi assoċjati.

Il-kondiviżjoni tar-riskji bejn l-UE u l-BEI inizjalment kienet saret abbażi ta' self b'self (sal-2010). Mill-2011, wara rakkomandazzjoni minn grupp indipendenti ta' esperti, il-kondiviżjoni tar-riskji isir abbażi ta' portafolji, bl-ewwel telf tiegħu l-UE. Il-BEI qed jassumi telf ulterjuri oġġla minn ċertu limitu fil-każ li l-assorbiment tar-riskju tal-UE jkun ġie eżawrit.

Fil-perjodu 2007-2013, ġie impenjat ammont totali ta' EUR 960,73 miljuni mill-baġit tal-Unjoni (baġit inizjali FP7 flimkien ma' approprjazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għall-FP7) u dan tħallas lill-BEI biex isostni finanzjament ta' self RSFF. Id-"data ta' skadenza" (perjodu ta' żmien) tal-programm hija mistennija li tkun fl-2020-2022.

Fil-bidu tal-2012, tnediet faċilità ta' garanzija pilota ġdida, RSI (Strument tal-Kondiviżjoni tar-Riskji għall-SMEs u kumpaniji żgħar, b'massimu ta' 499 impjegat) biex jittjieb l-aċċess għall-finanzjament ta' self għal investimenti fir-RŻI. Il-faċilità ta' garanzija RŻI hija parti mill-implimentazzjoni tar-RSFF imwettqa mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Għal din il-faċilità ta' garanzija pilota ta' RŻI, il-baġit tal-Unjoni li ġej minn FP7 (flimkien ma' approprjazzjonijiet mill-EFTA u minn Pajjiżi Terzi għall-FP7) għall-perjodu 2012/2013 ammonta għal EUR 270 miljun (barra l-ammont imsemmi hawn fuq).

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti***

Għas-sena baġitarja 2013, qed tiġi prevista kontribuzzjoni totali mill-FP7 ta' EUR 224,8 miljuni (inkluża approprjazzjoni mill-EFTA u pajjiżi Terzi) ġiet allokata għall-RSFF u r-RŻI. L-arranġament tal-kondiviżjoni tar-riskji mal-BEI u l-FEI (għal garanziji tar-RŻI) jingrana l-kontribuzzjoni tal-UE mill-FP7 b'fattur ta' ħamsa (self RSFF) u tmienja (garanziji tar-RŻI), u għaldaqstant jiġġenera impatt għoli fuq il-finanzjament disponibbli għall-investimenti tar-RŻI.

F'dan il-kuntest, għas-sena baġitarja 2013, qed jiġu previsti mill-BEI operazzjonijiet ġodda ta' self RSFF (firem) ta' EUR 2,8 biljun, għal madwar 28 operazzjoni ġdida. Dan huwa konformi mal-mira prevista mill-BEI ta' 2,7 biljun, għal madwar 30 operazzjoni ġdida.

Rigward il-garanziji tar-RŻI għal intermedjarji finanzjarji għal self lil SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, volum ta' garanzija totali ta' EUR 1,2 biljun ġie ffirmat sa tmiem Diċembru 2013 li jippermetti l-estensjoni ta' self li jammonta għal EUR 2,4 biljun għal madwar 4 800 benefiċjarju. L-għadd aggregat ta' applikazzjonijiet minn intermedjarji finanzjarji huwa 47, inklużi erba' żidied ta' garanzija. Fi żmien sentejn biss dawn l-intermedjarji finanzjarji qed ikopru 19-il pajjiż fl-Unjoni Ewropea u l-Pajjiżi Assoċjati.

Bil-qbiż tal-aspettattivi inizjali ta' volum ta' self totali ta' EUR 10,5 biljuni r-riżultati tar-RSFF skont FP7 li jkopru l-perjodu 2007 sal-2013 urew għadd totali ta' 117-il operazzjoni ta' self għar-RŻI li ġew iffirmati u jattivaw il-kontabbiltà għal EUR 11 313,2 miljun.

B'rabta mal-fażi pilota tar-RŻI, mill-bidu tal-2012 sal-2013, l-għadd totali ta' tranżazzjonijiet tal-SMEs huwa ta' 602, b'ammont ta' EUR 374,8 miljun impenjati għal riċeventi finali.



**Strument ta' Garanzija ta' Self (LGTT) — Qabel l-2014****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1°).

Ir-Regolament (UE) Nru 670/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 1).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Artikolu 06 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

Artikolu 06 03 03 — Sostenn finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-LGTT huwa strument ta' dejn konġunt tal-kondiviżjoni tar-riskji stabbilit mill-Unjoni u mill-BEI fl-2008, biex jgħaġġel u jimplimenta proġetti tal-infrastruttura TEN-T.

Il-“faċilitajiet LGTT” huma faċilitajiet ta' garanzija pprovduti mill-BEI skont l-LGTT lis-settur privat (sponsors ta' proġetti/ promoturi), li jsaħħu l-klassifikazzjoni tal-kreditu tad-dejn superjuri billi jnaqqsu r-riskju tat-traffiku. Il-BEI jipprovdi garanzija fil-forma ta' linja ta' kreditu ta' kontinġenza, li l-promotur ta' proġett jista' jirrikorri għaliha matul l-ewwel 5 sa 7 snin tal-operazzjoni, jekk id-dħul iġġenerat minn proġett mhux suffiċjenti biex jiżgura r-rimborż tad-dejn superjuri, fil-każ li d-dħul reali minn proġett jaqa' taħt il-livell previst;

L-istrument LGTT ġie mfassal fl-2008, qabel il-kriżi finanzjarja globali. Minn dakinhar 'il quddiem, proġetti bbażati fuq id-dħul saru inqas komuni minħabba l-apatija tas-settur privat biex jieħu riskju fuq id-domanda tat-traffiku.

L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-UE attwalment disponibbli għall-appoġġ ta' proġetti LGTT huwa ta' EUR 250 miljun, li minnhom EUR 205 miljun ġew impenjati sal-2012 u EUR 45 miljun ġew impenjati fl-2013.

Fl-2013, wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 670/2012, il-mudell tal-kondiviżjoni tar-riskji mexa minn pari passu għal kondiviżjoni tar-riskji bbażata fuq portafoll bejn il-Kummissjoni u l-EIB.

Skont l-“approċċ ta' portafoll”, ir-riskju huwa diviż f'żewġ segmenti. Il-Portafoll tal-Ewwel Biċċa Telf (Portfolio First Loss Piece (PFLP)), li għaliha l-UE tikkontribwixxi 95 % u l-BEI 5 % u s-segment tar-riskju residwu li huwa kopert kollu mill-BEI. L-esponiment massimu tal-UE għar-riskju ma jstax jaqbeż il-kontribuzzjoni baġitarja għal-LGTT indipendentement mill-mudell tal-kondiviżjoni tar-riskji magħżul.

L-LGTT huwa disponibbli għal tranżazzjonijiet approvati mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI sa tmiem l-2014 bl-għeluq finanzjarju sal-2016. Il-garanziji jistgħu jirrikorru għalihom matul l-ewwel ħames sa seba' snin tal-operazzjoni; fil-portafoll kurrenti, l-aħħar data li fiha jistgħu jinġibdu flus għal proġett hija l-aħħar tal-2021. Għalhekk, l-istrument se jiġi stralċjat sa mhux iktar tard minn tmiem l-2028.

Il-BEI ippreżenta lista ta' tranżazzjonijiet potenzjali li twassal għall-preżunzjoni li l-ammont sħiħ impenjat għall-istrumenti LGTT se jintuża għal operazzjonijiet.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Sal-lum, seba' operazzjonijiet LGTT ġew iffirmati, li minnhom operazzjoni waħda ġie ikkanċellata u waħda qed tiġi ristrutturata.

Sal-2013, EUR 155 miljun tħallsu lill-BEI, dan wassal għal ammont totali ta' garanziji LGTT ta' EUR 497 miljun ta' investimenti ta' appoġġ tul sitt proġetti TEN-T li l-ispiża totali kapitali tagħhom tammonta għal EUR 11 716-il miljun. Fi tmiem l-2013, l-imgħax nett u l-introjti ġew regolarizzati u l-profitt nett ta' EUR 6,9 miljun ġie miżjud mal-kontribuzzjoni ta' EUR 155 miljun tal-Kummissjoni li wasslu għal total ta' EUR 161,9 miljun.

L-ingranaġ totali ta' LGTT jista jinqasam f'żewġ elementi,

- il-proġett tal-ingranaġ, li jesprimi proporzjon bejn l-investment totali ta' proġett u d-daqs tal-faċilità LGTT (PL= investment totali/ faċilità LGTT)
- u l-istrument tal-ingranaġ, li jesprimi proporzjon bejn il-faċilità LGTT u l-Kontribuzzjoni totali tal-UE friskju flimkien ma' pagamenti ta' spejjeż grossi (IL= faċilità LGTT/ Kontribuzzjoni totali tal-UE friskju flimkien ma' pagamenti ta' spejjeż grossi).

L-ingranaġ totali huwa multiplikazzjoni bejn il-proġett u l-istrument ta' ingranaġ.

Mill-31 ta' Diċembru 2013 l-ingranaġ tal-proġett kien ta' 24 (11,716 / 497) u l-istrument ta' ingranaġ kien ta' 11 (497/45 — l-ammont ta' kontribuzzjoni tal-UE friskju, EUR 38,7 miljun flimkien mal-pagamenti ta' spejjeż grossi ta' EUR 6,5 miljun). Meta t-tnejn jiġu mmultiplikati, dan jirriżulta f'ingranaġ totali bejn il-kontribuzzjoni tal-UE friskju u l-investment totali ta' 259.

Ir-Regolament ta' Emenda (UE) Nru 670/2012 jawtorizza bidla fil-mudell tal-kondiviżjoni tar-riskji minn *pari passu* għal Portafoll tal-Ewwel Biċċa Telf (PFLP).

Minn Jannar 2014, din il-bidla għall-kondiviżjoni tar-riskji se tiżdied inizjalment is-sehem tal-kontribuzzjoni friskju tal-UE ikkumparata mal-ammont ta' garanziji u għalhekk tnaqqas l-Istrument u l-Ingranaġ totali, iżda mhux il-Proġett tal-Ingranaġ L-Istrument tal-ingranaġ se jonqos għal multiplu ta' tlieta, li jirriżulta f'ingranaġ totali ta' 70.

Fl-2014, kien mistenni li l-LGTT jiġi fuż skont l-Istrument wiesgħa ta' Dejn CEF kif indikat fir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

## Inizjattiva ta' Bonds tal-Proġetti (IBP) — Qabel l-2014

### (i) Referenza għall-att bażiku

Ir-Regolament (UE) Nru 670/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuma finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (EU) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 and (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

### (ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti

L-Artikolu 06 02 51 (parzjali) — L-ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

Artikolu 06 03 03 — Sostenn finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

L-Artikolu 32 02 51 — L-ikkompletar ta' appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tal-enerġija trans-Ewropew (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014)

L-Artikolu 32 03 02 — Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tal-enerġija trans-Ewropew (fin-nomenklatura baġitarja tal-2013).

L-Artikolu 09 04 53 01 — L-ikkompletar ta' Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP) (mill-2007 sal-2013) (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

L-Artikolu 09 03 01 — Il-programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT-PSP) (fin-nomenklatura baġitarja tal-2013).

### (iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit

L-Inizjattiva ta' Bonds tal-Proġetti hija strument finanzjarju żviluppat, stabbilit u appoġġat konġuntament mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) <sup>(1)</sup>.

Hi timmira biex tistimula l-finanzjament tal-kapital tas-suq għal proġetti ta' infrastruttura fiż-żoni tan-netwerks Trans-Ewropej fit-trasport u l-enerġija kif ukoll fin-netwerks tal-broadband billi ttejjeb l-kwalità tal-kreditu tad-dejn superjuri b'tali mod li tkun tista' tiġi ffinanzjata minn ħruġ ta' bonds li huwa attraenti *inter alia* għal investituri istituzzjonali bħal kumpaniji tal-assigurazzjoni jew fondi tal-pensjoni. Barra l-finanzjament pprovdut għall-benefiċċju ta' proġetti individwali, l-oġettiv huwa li titwitta t-triq għall-ħolqien ta' klassi ġdida ta' assi għall-infrastruttura tal-UE li hija investibbli għal investituri istituzzjonali. B'dan il-mod, l-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti biħsiebha tiftaħ riżorsi ġodda għall-finanzjament ta' infrastrutturi biex tikkomplimentat r-restrizzjonijiet fil-baġits pubbliċi u t-tnaqqis fis-self mill-banek għal proġetti ta' infrastruttura b'maturitajiet ta' terminu twil.

L-istrument jista' jiffinanzja proġetti jew parti minn proġetti eliġibbli skont il-linji gwida għat-TEN-T, TEN-E u l-kriterji għal proġetti tal-broadband definiti fil-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni emendat. Normalment proġetti huma strutturati bħala Veikolu bi Skop Speċjali (SPV) stabbilit biex jibni, jiffinanzja u jopera proġett ta' infrastruttura. Il-faċilità IBP tipprovdi porzjon ta' dejn subordinat għall-istruttura finanzjarja tal-kumpanija tal-proġett. Din il-faċilità jaf tiegħu l-forma ta' linja tal-kreditu kontinġenti ("faċilità mhux iffinanzjata") jew self subordinat ("faċilità iffinanzjata") u hija limitata sa massimu ta' 20 % tal-ammont totali ta' dejn superjuri. F'każ li l-"faċilità mhux iffinanzjata" tissejjaħ, il-BEI jsir kreditur għall-kumpanija tal-proġett u ammonti dovuti skont il-PBI jirranka bħala subordinat għas-servizz ta' dejn subordinat u superjuri għall-ekwità. L-ammont massimu disponibbli għal tisħiħ tal-kreditu skont il-PBI hija ta' 20 % tan-nominal tad-dejn superjuri.

<sup>(1)</sup> Dan l-istrument jaf jiġi implimentat ukoll f'kooperazzjoni ma' entitajiet oħrajn fil-futur.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskjibejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI jopera fuq abbażi tal-prinċipju tal-Ewwel Biċċa Telf; ir-riskju għall-baġit tal-Unjoni u l-BEI huwa diviż f'żewġ segmenti, Portafoll tal-Ewwel Biċċa Telf (PFLP), li jissejjaħ l-ewwel f'każ ta' indeboliment fuq operazzjonijiet PBI, u Segment tar-Riskju Residwu (RRT) li huwa użat biss jekk il-PFLP ikun ġie eżawrit. L-UE u l-BEI jikkontribwixxu għal 95 % u 5 % għal PFLP, rispettivament. Is-segment tar-riskju residwu huwa kopert fis-sħiħ mill-BEI.

Operazzjonijiet Individwali PBI setgħu jiġu approvati mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI mhux iktar tard minn tmiem l-2014 u l-għelqu finanzjarju għandu jseħħ mhux iktar tard minn tmiem l-2016. L-istrument jistralċja meta ma jkunx hemm aktar esponiment kontinġenti skont kwalunkwe operazzjoni PBI (jew meta tali esponiment ikun ġie ddikkjarat mill-BEI bħala mhux irrekuperabbli).

Il-fażi pilota għandha pakkett finanzjarju totali ta' EUR 230 miljun: EUR 200 miljun mill-baġit TEN-T, EUR 10 miljuni mill-baġit TEN-E u EUR 20 miljun mis-CIP ICT.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Il-pagamenti baġitarji previsti għall-2014 kienu dawn li ġejjin: EUR 80 miljun għat-TEN-T u EUR 13 -il miljun għal-ICT.

Sa tmiem l-2013, operazzjoni waħda tal-PBI fis-settur TEN-E laħaq għeluq finanzjarju (tranżazzjoni oħra ta' bond ta' proġett-twerttqet mill-BEI mingħajr appoġġ baġitarju tal-Unjoni). Id-daqs tat-tisħiħ ta' kreditu għall-bonds tal-proġetti għal din it-tranżazzjoni hija ta' EUR 54,9 miljuni għal daqs ta' proġett ta' EUR 421 miljun (inklużi dejn u ekwità). Il-kontribuzzjoni baġitarja tal-Unjoni skont it-TEN tal-Enerġija huwa ta' EUR 10 miljuni. B'hekk, l-effett tal-ingranaġġ qabeż l-40.

Fl-2014, kien mistenni li l-PBI jiġi fuż skont l-Istrument wiesgħa ta' Dejn CEF kif indikat fir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

**Is-servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni taħt Orizzont 2020 — 2014 –2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104)).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020" — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament Nru 1906/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-għan huwa li jitjeb l-aċċess għal finanzjament ta' dejn — self, garanziji, kontra-garanziji u forom oħra ta' dejn u finanzjament ta' riskji — għal entitajiet pubbliċi u privati u sħubijiet pubbliċi-privati involuti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jirrikjedu investiment riskjużi sabiex ikollhom riżultati. Il-fokus se jkun is-sostenn għal riċerka u innovazzjoni li għandhom potenzjal għoli għal eċċellenza.

Ir-riċeventi finali fil-mira potenzjalment għandhom ikunu entitajiet ġuridiċi ta' kull daqs li jistgħu jissellfu l-flus u jħallsuhom lura u, b'mod partikolari, SMEs bil-potenzjal li jwettqu innovazzjoni u jikbru malajr; kumpanniji ta' daqs medju u intrapriżi kbar; universitajiet u istituti ta' riċerka; infrastrutturi ta' riċerka u infrastrutturi ta' innovazzjoni; sħubiji pubbliċi-privati; u strumenti jew proġetti bi skop partikolari.

Is-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se jiġi implimentat lejn approċċ ta' pjattaforma li joffri diversi prodotti mfasslin speċifikament biex jindirizzaw bżonnijiet partikolari. Is-sieħba ewlenija bħala entità fdata għall-implimentazzjoni għas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se tkun il-Bank tal-Investment Ewropew (BEI).

Il-finanzjament tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu jkollu żewġ komponenti ewlenin:

— **Komponent xprunat mid-Domanda**, li jipprovdi self u garanziji fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, b'sostenn speċifiku għal benefiċjarji bħal SMEs u kumpanniji mezzana. Dan il-komponent għandu jirrispondi għal tkabbir regolari u kontinwu li jidher mill-volum ta' self RSFF li huwa mmexxi mid-domanda. Għall-SMEs, se jkunu appoġġjati attivitajiet li għandhom l-għan li jtejbju l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u kumpannija żgħira b'kapital medju li huma xprunati mir-riċerka u l-iżvilupp u/jew l-innovazzjoni b'ammonti ta' self ta' EUR 150 000 sa EUR 7,5 miljun. SMEs u kumpanniji żgħira b'kapital medju xprunati mir-Riċerka u l-Innovazzjoni b'self li jammonta sa massimu ta' EUR 150 000 se jkunu sostnuti mill-Faċilità ta' Garanzija ta' Self tal-COSME.

Dan il-komponent xprunat mid-domanda se jkun sostnut mill-baġit tal-programm għall-Aċċess għall-Finanzjament tar-Riskji tal-Orizzont 2020.

— **Mira**. Iffukar fuq politiki u setturi ewlenin li huma kruċjali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali, tissaħħaħ il-kompetittività, jiġi appoġġjat tkabbir sostenibbli, li jagħmel użu baxx mill-karbonju, u inklussiv u li jiġu pprovdu ti oġġetti ambjentali u pubbliċi oħrajn. Dan il-komponent għandu jgħin lill-Unjoni biex tindirizza aspetti tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' objettivi ta' politiki settorjali u se jkun sostnut minn partijiet oħra ta' Orizzont 2020, oqfsa, programmi u linji baġitarji oħra fil-baġit tal-Unjoni, reġjuni u Stati Membri partikolari li jixtiequ jikkontribwixxu bir-riżorsi proprji tagħhom (inkluż permezz tal-Fondi Strutturali) u/jew entitajiet speċifiċi (bħall-Inizjattivi Konġunti għat-Teknoloġija) jew inizjattivi.

Id-data tal-iskadenza tal-istrument hija mistennija li tkun bejn l-2027 u l-2030.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-baġit totali (krediti primarji) previsti għall-perjodu tal-ipprogrammar 2014 –2020 għall-parti xprunata mid-domanda tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni hija ta' EUR 1,060 biljun. Din il-kontribuzzjoni tal-baġit Orizzont 2020 sejra, minn tal-inqas, tkun imqabbla mill-BEI permezz tar-riżorsi tagħha stess, u b'hekk tippermetti ż-żieda tal-impatt u l-kapaċità totali ta' self tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni b'fattur ta' tnejn.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-baġit previst għas-sena 2014 kien ta' EUR 107,80 miljun.

Abbażi tal-esperjenza tal-RSFF, jista' jiġi previst effett ta' ingranaġ ta' sebgħa (7) tal-baġit tal-Unjoni għal self dirett u indirett lill-benefiċjarji mill-parti xprunata mid-domanda tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jirriżulta f'volum totali tas-suq ta' madwar EUR 750 miljun.

**Strument għall-Kondiviżjoni tar-riskji tas-CEF (Kondiviżjoni tar-riskji tas-self u Bonds tal-Proġetti) — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Partita 06 02 01 05 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014),

Artikolu 09 03 02 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014),

Partita 32 02 01 04 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investment privat għal proġetti enerġetiċi (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-istrument ta' dejn skont iċ-CEF, inkluż is-suċċessur għall-faċi pilota tal-PBI, jiġi żviluppat skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013. Skont l-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ta' hawn fuq, l-istrument jimmira lejn proġetti ta' interess komuni fis-setturi tat-trasport, telekomunikazzjoni u l-infrastrutturi tal-enerġija.

Operazzjonijiet ta' dejn individwali jistgħu jiġu approvati mill-BEI jew entità fdata oħra qabel il-31 ta' Diċembru 2022. F'dak li għandu x'jaqsam mal-faċi pilota tal-PBI, l-istrument jistralcja meta ma jkunx hemm aktar esponiment kontinġenti skont kwalunkwe operazzjoni PBI (jew meta tali esponiment ikun ġie ddikkjarat mill-BEI bħala irrekuperabbli).

Il-kontribuzzjoni ġenerali mill-baġit tal-Unjoni għall-istrumenti finanzjarji ma taqbiżx l-10 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali taċ-CEF (l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013). L-ammont preċiż dedikat lill-istrument ta' dejn skont iċ-CEF skont il-perjodu ġenerali ta' impenn għadu ma ġiex deċiż. Fir-rigward tal-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti, din għandha titla gradwalment sa massimu ta' EUR 230 miljun matul is-snin 2014 u 2015.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Fl-2014, il-Programmi ta' Xogħol rispettivi għal CEF-Trasport, CEF-ICT and CEF-Enerġija jinkludu l-ammonti li ġejjin għall-istrument ta' debitu taħt CEF: EUR 70 miljun għal CEF-Trasport, EUR 16,5 miljun għal CEF-ICT u EUR 40,8 miljun għal CEF-Enerġija.

Ir-Regolament taċ-CEF jara li l-effett tal-ingranaġġ tal-istrument ta' dejn skont il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (definita bħala ffinanzjar totali diviż mill-Kontribuzzjoni tal-Unjoni) jkun mistenni f'firxa ta' bejn sitta u 15. B'hekk, il-volum immirat għandu jvarja bejn EUR 725 miljun u EUR 1 811 -il miljun.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Faċilità Finanzjarja ta' Kapital Naturali (NCFE) — 2014 sal-2020****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2014, p. 185), b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

L-Artikolu 07 02 02 — It-twaqqif tat-telf u r-restawr tal-bijodiversità (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

L-Artikolu 34 02 02 — Iż-Żieda tar-reżiljenza tal-Unjoni għat-tibdil fil-klima (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Faċilità Finanzjament Kapitali Naturali (NCFE) tiffinanzja investiment bil-quddiem u kostijiet operazzjonali għal proġetti pilota li jiġġeneraw id-dħul jew li jiffrankaw il-kostijiet u li jipromwovu l-konservazzjoni, ir-restawr, l-immaniġġar u t-titjib tal-kapital naturali għall-bijodiversità u l-benefiċċji tal-adattament, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ekosistemi għall-isfidi relatati mal-art, il-ħamrija, il-forestrija, l-agrikoltura, l-ilma u l-iskart. In-NCFE jikkumbinaw finanzjament dirett u indirett ta' proġetti permezz tad-djun u l-ekwità.

Peress li l-proġetti appoġġati min-NCFE se jkunu proġetti li l-Bank ta' Investiment Ewropew (BEI) normalment ma jinwestix fihom, jew għax huma żgħar wisq jew għax ir-riskju għoli previst tagħhom mhux kompatibbli mal-klassifikazzjoni AAA tal-bank, il-faċilità se tinkludi mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskji li bih il-fondi tal-UE jassorbu l-ewwel telf f'każ li l-proġett ifalli. Il-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni preċiż se jiġi stabbilit fi ftehim ta' delegazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-BEI, li se jiddefinixxi wkoll il-kriterji preċiżi tal-esklużjoni/l-għażla għall-proġetti, fejn jiġi żgurat li l-prijoritajiet korretti jiġu integrati fil-proċess tal-għażla u li jkun hemm kopertura settorjali u ġeografika biżżejjed.

Faċilità ta' appoġġ mill-esperti se tingħata biex jiġi żgurat li l-proġetti jilhqo stadju suffiċjenti ta' maturità għall-finanzjament. L-implimentazzjoni tal-istrument NCFE se tkun fdata lill-BEI permezz ta' maniġment indirett.

Il-fażi pilota NCFE hija prevista li ddum mill-2014 sal-2017. Il-baġit globali previst għal dan il-perjodu huwa ta' EUR 60 million inkluż EUR 10 miljun għall-faċilità ta' appoġġ.

Il-proġetti jaqgħu f'erba' kategoriji wiesgħa:

— Pagamenti għal servizzi ta' Ekosistemi (PES): proġetti li jinvolvu pagamenti għall-flussi tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-kapital naturali, ġeneralment tranżazzjoni volontarja bilaterali fuq skala żgħira b'xerref identifikat sew u bejjiegħ ta' servizz ta' ekosistema. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipju li l-benefiċjarju jħallas, fejn il-pagamenti jsiru biex jiżguraw is-servizzi kritiċi tal-ekosistemi,

— Infrastruttura Ekoloġika (IE): IE hija netwerk ipplanat b'mod strateġiku ta' żoni naturali u seminaturali b'karatteristiċi ambjentali oħra mfassal u mmaniġġjat biex jipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema. Jinkorpora spazji ekoloġiċi (inkella marittimi fir-rigward ta' ekosistemi akkwatiċi) u karatteristiċi fiżiċi oħrajn f'żoni fuq l-art (inklużi mal-kosta) u f'żoni marini. Fuq l-art, l-IE teżisti f'żoni rurali u f'żoni urbani. Il-proġetti tal-IE għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw introjtu u li jiffrankaw il-kostijiet ibbażati fuq il-provvediment ta' prodotti u servizzi inkluż l-immaniġġar tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-forestrija, ir-rikreazzjoni, il-kontroll tal-għargħar/l-erożjoni/in-nirien, il-pollinazzjoni u reżiljenza miżjuda għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima,

— Kumpens għall-bijodiversità: dawn huma azzjonijiet ta' konservazzjoni intiżi biex jikkumpensaw għall-ħsara residwa u inevitabli lill-bijodiversità kkawżata minn proġetti ta' żvilupp. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, fejn il-kumpens isir għall-konformità jew biex jiġu mmitigati r-riskji għar-reputazzjoni. Il-proġetti mmirati lejn il-kumpens tad-danni li jsiru f'siti ta' Natura 2000 skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE mhumieq eliġibbli għal finanzjament mill-NCFE,



KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

— Investimenti favur il-bijodiversità u ta' adattament innovattivi: dawn huma proġetti li jinvolvu l-forniment tal-prodotti u s-servizzi, ħafna drabi mill-SMEs, li jimmiraw li jipproteġu l-bijodiversità jew li jżidu r-reżiljenza tal-komunitajiet u ta' setturi oħrajn tan-negozju.

L-għan ikun li jiġu identifikati u ffinanzjati proġetti b'kopertura ġeografika u settorjali wiesgħa biżżejjed, filwaqt li jiġu ttestjati diversi mekkaniżmi ta' finanzjament, biex tiġi żgurata r-replikabbiltà mal-UE kollha tul il-fażi operazzjonali. Ir-regoli tal-eliġibbiltà għall-proġetti u l-politika tal-investment għall-Faċilità (pereżempju l-istabbiliment ta' limiti fuq is-setturi u l-kopertura ġeografika, kif ukoll kriterji minimi li għandhom jiġu ssodisfati u/jew prinċipji li magħhom għandu jkun hemm konformità, pereż. l-ġerarkija tal-mitigazzjoni) se jiġu ddefiniti qabel it-twaqqif tagħha u jiġu maqbula b'mod kuntrattwali bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

L-NCFE ser jiġi żviluppat f'żewġ fażijiet; fażi pilota ser tippermetti li jsir ittestjar tal-għażliet ta' finanzjament differenti, sabiex ikun hemm enfasi fuq l-aktar approċċi xierqa fit-tieni fażi operazzjonali.

Minħabba l-fażi pilota inizjali, l-NCFE huwa mistenni li jeżegwixxi bejn disa' u 12-il operazzjoni (inklużi operazzjonijiet indiretti), jew bejn tlieta u erba' operazzjonijiet fis-sena. L-investimenti individwali jibqgħu taħt l-EUR 10-15-il miljun.

L-ingranaġġ smat tal-valur tal-faċilità għall-provvediment LIFE huwa bejn 2,2 u 3,2 darbiet. B'kunsiderazzjoni tal-kontribuzzjoni possibbli tar-riċevituri finali fil-kostijiet tal-proġetti ta' 25 %, l-ingranaġġ tal-investment totali għall-provvediment LIFE jista' jkun bejn 2,8 u 4,2 darbiet. L-investment totali fil-proġetti ta' mmaniġġar kapitali naturali tul il-fażi pilota biss jista' jlaħħaq sa EUR 210 miljun.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Veikoli ta' investiment iddedikati****FCP-FIS tal-Mikrofinanzjament Ewropew Progress (EPMF FCP-FIS) — Qabel l-2014****(i) Referenza għall-att bażiku**

Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Artikolu 04 04 15 — Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 04 03 53 (parzjali) — Ikkompletar ta' attivitajiet oħra (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-iskop tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress jinqasam fi tnejn: minn naħa, iżid id-disponibilità tal-mikrofinanzjament għall-persuni li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikroimpriżi tagħhom, inkluż għall-impjeg indipendenti, fis-sens li tippermetti lill-fornituri tal-mikrofinanzjament fl-UE sabiex ikabbru l-volumi ta' self tagħhom lil dawn l-individwi. Min-naħa l-oħra, il-Mikrofinanzjament Progress isaħħaħ l-aċċess għall-mikrofinanzjament billi jnaqqas ir-riskju tal-fornituri ta' mikrofinanzjament. Din il-karatteristika tippermetti sabiex il-fornituri tal-mikrofinanzjament jilhqqu gruppi li normalment ma setgħux jinqadew qabel, pereżempju, għaliex persuni minn dawn il-gruppi ma setgħux jipprovdu biżżeġjed kollateral jew għaliex ir-rati tal-imgħax kellhom ikunu għoljin wisq biex jiġġustifikaw il-profil ta' riskju propju tagħhom.

Il-Faċilità tipprovdi riżorsi tal-Unjoni sabiex iżżid l-aċċess għall-mikrofinanzjament u d-disponibilità tiegħu għal:

— persuni li tilfu jew li qegħdin friskju li jtilfu x-xogħol, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll persuni li qegħdin jaffaċċjaw il-periklu ta' esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew ikomplu jiżviluppaw il-mikroimpriza tagħhom stess, inkluż l-impjeg indipendenti,

— mikroimpriżi, speċjalment fl-ekonomija soċjali, kif ukoll mikroimpriżi li jħaddmu persuni msemminjati fl-incep ta' qabel dan.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-Faċilità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 tammonta għal EUR 105 miljun, li minnhom EUR 25 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija Mikrofinanzjarja EPMF (EPMF-G) u EUR 80 miljun għall-EPMF *Fonds Commun de Placement — Fons d'Investissements Spécialisé* (EPMF FCP-FIS).

Il-Faċilità hija implimentata billi jintużaw it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

— garanziji (EPMF-G),

— strumenti ta' dejn U EKWITÀ (FCP-FIS),

— Miżuri ta' sostenn, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, li huma direttament neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE u għall-ksib tal-oġġettivi tagħha..

It-tieqa ta' garanzija tal-mikrokreditu tibqa' fis-seħħ b'mod u effett sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2020.

L-FCP-FIS huwa mistenni jintemm fit-30 ta' April 2020.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Għall-perjodu kollu mit-30 ta' Settembru 2013 (l-iktar data riċenti disponibbli bħala data miktuba), il-kisbiet tal-EPMF għall-komponent FCP-FIS tal-programm kienu kif ġejjin.

— Għadd ta' mikroself: 6 236,

— Ammont totali ta' ftehimiet ta' mikrokreditu ffirmati minn Intermedjarji : EUR 51,62 miljun,

— Għadd totali ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom u impjegati ta' riċeventi finali ta' Mikrointrapriżi, mid-data tal-firma tal-ftehim ta' Mikrokreditu: 11 487.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Ebda impenni baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenn. L-impenni baġitarji aggregati tal-EPMF-FIS għall-perjodu 2010 –2013 jammontaw għal total ta' EUR 80 miljun u l-pagamenti baġitarji jammontaw għal EUR 16,6 miljuni sat-tlestija tal-attivitajiet. Il-volumi mmirati ta' self lil mikrointrapriżi benefiċjarji huma stmati li jilhqqu l-EUR 928 miljun għall-faċilità ta' istrumenti ta' ekwità u Dejn EPMF (impenni baġitarji ta' EUR 80 miljun effett ta' ingranaġġ ta' EUR 11,6).

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Il-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (Marguerite) — Qabel l-2014****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill C(2010) 941 tal-25 ta' Frar 2010 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (il-Fond Marguerite)

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Artikolu 06 03 03 — Sostenn finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 06 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Fond Marguerite huwa fond tal-ekwiwità Pan-Ewropew żviluppat fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u fir-rikonoxximent tal-ħtieġa għal investiment fit-tul b'suċċess fl-infrastruttura fl-Ewropa. Isostni l-investiment fl-infrastruttura fis-setturi tat-trasport (TEN-T), l-enerġija (TEN-E) u l-enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri u ser jinvesti l-iktar fil-Proġetti Greenfield.

L-isponsors ewlenin jinkludu investituri pubbliċi fit-tul minn Franza (CDC), l-Italja (CdP), il-Ġermanja (KfW), Spanja (ICO) u l-Polonja (PKO) kif ukoll il-BEI u l-Kummissjoni Ewropea. Id-daqs tal-Fond fl-għeluq finali huwa ta' EUR 710 miljun.

Impenni baġitarji aggregati tal-Unjoni: EUR 80 miljun mill-baġit tat-TEN-T

Riżultati mistennija:

— 30 % sa 40 % tal-impenni totali investiti fis-settur tat-Trasport,

— 25 % sa 35 % investiti fis-settur tal-Enerġija,

— 35 % sa 45 % investiti fis-settur tal-Enerġiji Rinnovabbli.

— Tal-inqas 3,5 darbiet l-impenn tal-KE għandu jiġi investit fi proġetti eliġibbli tat-TEN-T.

Il-perjodu ta' investiment jintemm f'Diċembru 2016 (b'estensjoni possibbli ta' sentejn oħra) filwaqt li d-data ta' tmiem/il-maturità tal-fond ġew stabbiliti bit-terminu massimu ta' 20 sena mill-għeluq inizjali (Marzu 2010) iżda tista' tiġi estiża sa żewġ perjodi addizzjonali ta' sena (sas-sena 2032).

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

It-total tat-EUR 80 miljun tal-impenji baġitarji għall-Fond tqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-2010. Bil-multiplikatur ta' 128x (kif stmat hawn taħt għall-2014), il-volumi fil-mira ta' spejjeż kapitali akkumulati ta' proġetti (Valur intraprenditorjali) tul il-ħajja tal-Fond x'aktarx li jilhq u l-EUR 10,2 biljun, li minnhom *circa* EUR 4 biljuni huma mistennija li jiġu allokati lil proġetti tat-trasport TEN-T.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-kalkoli tal-multiplikatur tal-2014 ta' hawn taħt huma bbażati fuq l-ammont mistenni ta' sejħiet ta' kapital fl-2014 għall-proġetti kollha eliġibbli, skont l-informazzjoni riċevuta minn Konsulent ta' Marguerite.

Il-perċentwali presunt tal-ekwità tal-Fond Marguerite mill-ispejjeż totali tal-kapital tal-proġetti huwa bbażat għal sena partikolari fuq il-proporzjon għall-proġetti kollha fil-portafoll sa dik is-sena inkluża: pereżempju għall-2012 il-proporzjon ta' 6,7 % jikkorrispondi għall-ewwel sitt proġetti sal-park eoliku Chirnogeni (Rumanija).

Bl-użu tal-prinċipju ta' prudenza, l-ispejjeż amministrattivi koperti minn sejħiet kapitali għall-2014 huma presunti li huma fil-livell tal-2012. Fl-2013, dawn l-ispejjeż ġew koperti kollha permezz ta' dħul mill-proġetti eżistenti, iżda dan mhux ċert għall-2014E.

Nota: hemm dewmien fiż-żmien bejn iż-żmien (sena) tas-sejħa tal-kapital u l-konstruzzjoni tal-assi (li tirrappreżenta l-Valur tal-Intraprenditorija). Xi kultant l-ekwità tinħareġ fil-bidu, xi kultant fl-aħħarnett ta' proġett; it-tul ta' perjodu ta' konstruzzjoni ta' proġett jista' jkun sa erba' snin jew iktar.

**Kalkolu tal-multiplikatur (f'EUR miljun)**

	2012 A	2013 A	2014E <sup>(1)</sup>
Sejħiet ta' kapitali magħmulin matul il-perjodu permezz tal-fond (100 %)	128,9	159,75	170,4
inqas spejjeż operattivi koperti mis-sejħiet ta' kapital (100 %) <sup>(2)</sup>	(10,3)	(12,7)	(12,7)
<b>Flus kontanti investiti jew fuq B/S (100 %)(A)</b>	<b>118,6</b>	<b>7,8</b>	<b>160,1</b>
<i>bħala % tas-sejħa ta' kapital</i>	92 %	92 %	94 %
Ekwità tal-Fond Marguerite bħala % tal-Valur Totali tal-Intraprenditorija tal-Proġetti <sup>(3)</sup>	6,5 %	6,5 %	6,5 %
<b>Valur Totali tal-Impriża tal-Proġetti (B)</b>	<b>1 769,6</b>	<b>1 136,0</b>	<b>2 463,1</b>
Kontribuzzjoni tal-KE (11,268 % tas-sejħiet totali ta' kapital) (C)	14,5	18,0	19,2
Multiplikatur tal-kontribuzzjoni tal-KE (B/C)	121,9×	136,53×	128,3×

**Noti**

<sup>(1)</sup> Valuri stmati bbażati fuq suppożizzjoni tad-daqs tas-sejħa ta' kapital, il-proporzjon stmat tal-ekwità tal-Fond Marguerite bħala % tal-Valur totali tal-Intraprenditorija tal-Proġetti u suppożizzjoni dwar il-livell tal-kost tal-fond operatorju.

<sup>(2)</sup> Kostijiet amministrattivi u operattivi.

<sup>(3)</sup> Kostanti stmat bejn 2013 A u 2014 E.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEE) — Qabel l-2014****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 663/2009 li jstabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajjuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 346, 30.12.2010, p. 5).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 32 04 14 04 — Proġett enerġetiku li jgħin l-irkupru ekonomiku — L-effiċjenza enerġetika u l-inizjattivi rinnovabbli (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 32 02 52 (parzjali) — Ikkompletar ta' Proġetti enerġetiċi li jgħinu l-irkupru ekonomiku (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Fl-1 ta' Lulju 2011, ġew allokati EUR 146,3 miljun mill-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR) għal Fond Ewropew għid għall-Effiċjenza Enerġetika — EEEF (fil-forma ta' fond ta' investiment speċjalizzat (SICAV)). L-EEEE jinvesti fl-effiċjenza enerġetika, fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u fi trasport urban nadif b'mod partikolari f'żoni urbani, li tal-inqas jiffrankaw 20 % tal-enerġija jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG/CO<sub>2</sub>.

Il-benefiċjarji jridu jkunu awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet pubbliċi jew privati li jaġixxu fisimhom, inklużi ESCOs <sup>(1)</sup>.

Il-Fond tnedja fl-1 ta' Lulju 2011 b'volum inizzjali ta' EUR 265 miljun: flimkien ma kontribuzzjoni tal-UE (EUR 125 miljun f'ishma-C" inferjuri), Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) investa EUR 75 miljun (l-aktar "ishma A" superjuri), Cassa Depositi e Prestiti SpA (CDP) EUR 60 miljun (l-aktar "ishma A" superjuri); u l-manijer tal-investiment magħżul (Deutsche Bank) EUR 5 miljun ("ishma B" intermedji).

Il-fond joffri firxa ta' prodotti finanzjarji mhux standard bħal self superjuri u subordinarju, garanziji, parteċipazzjoni ekwitarja jew skemi ta' rtirar li jistgħu jitħalltu b'mod flessibbli ma' finanzjament standard.

Barra minn hekk, madwar EUR 20 miljun tal-finanzjament tal-UE huwa disponibbli għal assistenza teknika (fil-forma ta' għotjiet) biex l-isponsors ikunu megħjunin jagħmlu l-proġetti bankabbli għall-Fond.

Finalment, twaqqaf programm ta' EUR 1,3 miljun biex jiżdied l-għarfien dwar il-metodi ta' finanzjament u l-alternattivi għall-EE u l-RE (enerġiji rinnovabbli) fost l-awtoritajiet nazżjonali u reġjonali li jimmaniġġjaw il-fondi ta' Koeżjoni/Strutturali. L-EPEC <sup>(2)</sup> imexxi dan il-programm.

F'konformità mar-Regolament emendatorju, il-fondi tal-UE kellhom jiġu allokati għal proġetti ta' investiment u Assistenza teknika (AT) sal-31 ta' Marzu 2014. Barra din, m'hemmx data ta' skadenza fissa għall-proposti. L-istralċ tal-istrument aktarx li jseħħ wara l-2024

*Manijer tal-Fond/Investiment*

Deutsche Bank (DB) huwa responsabbli, jiġifieri, għall-għażla tal-proġetti u t-tmexxja ta' proċess ta' diliġenza qabel ma jiġu ppreżentati l-proġetti quddiem il-Kumitat tal-Investiment tal-Fond għall-parir u l-Bord ta' Amministrazzjoni għall-approvazzjoni. DB jamministra wkoll il-komponent tal-AT, għall-preżentazzjoni tal-proposti tat-TA lid-DĠ ENER għal approvazzjoni.

<sup>(1)</sup> Kumpanija ta' servizz ta' enerġija (ESCO), permezz ta' kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPC), tista' tippermetti lil awtorità pubblika sabiex timplimenta investimenti bil-quddiem (eż. biex ittejjeb il-livelli ta' rendiment ta' binjiet pubbliċi jew biex tinstalla dwal effiċjenti fit-toroq) bla ma tieħu r-riskju finanzjarju.

<sup>(2)</sup> Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP (EPEC) huwa inizjattiva konġunta tal-BEI, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati. L-EPEC jgħin sabiex isahħ il-kapaċità tal-membri tas-settur pubbliku tiegħu biex jidhru fi transazzjonijiet ta' Sħubija Pubblika-Privata (PPP).

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

*Kumitat tal-Investment*

Il-Kumitat tal-Investment (IC) huwa responsabbli għall-valutazzjoni tal-proġetti ppreżentati lill-manigier tal-fond u għall-ġoti ta' rakkomandazzjonijiet lill-Bord ta' Amministrazzjoni. Żewġ membri tal-BEI u membru tas-CDP inħatru ad interim sakemm jintlaħaq qbil fuq il-kriterji tal-għażla u l-prinċipji li jirregolaw.

*Bord ta' Amministrazzjoni*

Il-Bord ta' Amministrazzjoni (BA) għandu setgħat wisgħin biex jamministra u jmexxi l-Fond; jiddeċiedi fuq l-investimenti wara rakkomandazzjoni mill-KI. Madankollu, ma jistax jiddeċiedi fuq kwistjonijiet kbar (bħal bidla tal-istatuti u dokumentazzjoni) bla approvazzjoni mill-Bord Superviżorju (BS). Jirrapporta b'mod trimestrali lill-BS. Dan huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea (1), il-BEI (1, il-President) u CDP (1).

*Bord Superviżorju*

Il-kompiti ewlenin tal-bord superviżorju jinkludu superviżjoni permanenti tat-tmexxija tal-Fond, l-ġoti ta' pariri strateġiċi lill-BA, il-proposta tal-pjan annwali ta' direzzjoni tan-negozju tal-Fond għall-approvazzjoni tal-Azzjonisti, u l-approvazzjoni ta' bidliet fil-linji gwida dwar l-investimenti, eċċ. Huwa magħmul minn żewġ membri tal-Kummissjoni Ewropea, wieħed tal-BEI u wieħed tas-CDP.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti***

Il-pjan attwali tan-negozju ppjanat (Marzu 2014) ippreżentat mill-manigier tal-Fond jipprevedi sensiela ta' proġetti ppjanati akkumulati ta' madwar EUR 217-il miljun tal-allokazzjoni tal-proġett, li jirriżultaw f'kontribuzzjoni ta' madwar EUR 125 miljun li għandhom jinġiebu mill-KE (ingranaġġ ta' 1,5). Il-kontribuzzjoni sħiħa tal-UE għet allokata għal proġetti sa tmiem Marzu 2014.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Faċilitajiet Esterni (mhux iffinanzjati esklussivament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp)****Faċilitajiet Reġjonali****Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF)****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006).

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

Waħda mill-prijoritajiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), hija l-promozzjoni ta' proġetti ta' investiment f'Pajjiżi Msieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkopri l-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF).

L-UE nediet l-NIF fl-2007. It-tmien Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ġejjin ġew adottati għal dan l-istrument matul il-perjodu 2007 –2012 għal pakkett totali ta' EUR 545 miljun (EUR 324,7 miljun għal-linja baġitarja tan-Nofsinhar tal-ENPI u EUR 220,3 miljun mil-linja baġitarja tal-Lvant tal-ENPI): C(2007) 6280, C(2008) 2698, C(2009) 3951, C(2009) 8985, C(2010) 4400, C(2010) 7989, C(2011) 5547 u C(2012) 4533. Barra minn hekk, f'Diċembru 2012, mid-Deċiżjoni tal-ENPI (2012) 4533 ġie deċiż riforniment li jammonta għal EUR 12,7 miljun għal-linja baġitarja tal-Lvant u EUR 9,2 miljun mil-linja baġitarja tan-Nofsinhar. Fl-2013 impenni addizzjonali ta' EUR 133,3 miljuni għal NIF tan-Nofsinhar u EUR 77,2 miljun għal-NIF tal-Lvant ġew approvati. Dan iwassal għal ċifra aggregata ta' EUR 467 220 334 għan-Nofsinhar u EUR 310 200 000 għal-Lvant (il-pakkett totali ta' NIF 2007 –2013 huwa ta' EUR 777 420 334).

Sa mill-bidu tal-2011, il-NIF inkludiet Tiegħa dwar it-Tibdil fil-Klima (CCW) skont il-Programm Tematiku dwar l-Ambjent u l-Immaniġġar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija (ENRTP) tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ) biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-proġetti li jgħinu lill-pajjiżi msieħba jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew adattament. Is-CCW tal-NIF hija mmexxija b'mod simplifikat u b'mod ġenerali għandha l-istess regoli u l-istess modalitajiet ta' finanzjament u implimentazzjoni bħall-NIF.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 19 08 01 01 — Viċinat Ewropew u Partenarjat Kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi tal-Mediterran (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 19 08 01 03 — Viċinat Ewropew u Partenarjat kooperazzjoni finanzjarja mal-Ewropa tal-Lvant (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 21 04 01 — L-Ambjent u l-Immaniġġar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għar-Regġun tal-Viċinat jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) jew prijoritajiet politiċi tematiċi relatati tal-UE billi jingranaġġa finanzjament addizzjonali għar-regġun.



## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-objettiv globali tal-NIF huwa li timmobilizza iktar investimenti biex jappoġġjaw it-twaqqif ta' żona ta' prosperità u viċinanza tajba li tinvolvi l-UE u l-pajjiżi ġirien. Flimkien ma' programmi oħrajn iffinanzjati mill-UE, l-NIF tista' trawwem tkabbir sostenibbli u inklużiv u klima tal-investimenti favorevoli fil-pajjiżi msieħba tagħna.

Fdan il-qafas, l-NIF tfittex li tilħaq tliet Obiettivi Strateġiċi, b'mod partikolari:

- It-twaqqif ta' interkonnessjonijiet aħjar tal-infrastruttura tal-enerġija u t-trasport bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien u fost il-pajjiżi ġirien stess,
- L-indirizzar tal-perikli għall-ambjent komuni tagħna inkluż it-tibdil fil-klima,
- Il-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari permezz ta' sostenn għal intrapriżi żgħar u medji.

L-operazzjonijiet tal-NIF ser ikompli jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-ENP u jiffokaw fuq ħames setturi ewlenin: l-Enerġija, l-Ambjent b'enfasi partikolari fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għali, it-Trasport, l-Iżvilupp Soċjali u l-Iżvilupp tal-Intrapriżi Żgħar u Medji.

#### *Kopertura ġeografika u riċeventi finali*

Il-Pajjiżi msieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li huma direttament eliġibbli għall-NIF huma pajjiżi tal-viċinat li ffirmaw pjan ta' azzjoni mal-UE, minbarra dawk li ma jikkwalifikawx minħabba l-livell ta' żvilupp tagħhom. Fuq bażi ta' każ b'każ, pajjiżi oħrajn li mhumiex direttament eliġibbli jistgħu jibbenefikaw minn interventi tal-NIF filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi reġjonali jew speċifiċi. L-eliġibilità tagħhom ikollha tiġi deċiża b'mod unanimu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Riċeventi finali oħrajn ikunu s-settur privat u, b'mod partikolari l-SMEs. L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għall-iżvilupp kemm dawk nazzjonali kif ukoll dawk multilaterali jistgħu jkunu benefiċjarji diretti u partijiet interessati tal-faċilità.

#### *Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

Skont l-istrument, jistgħu jintużaw il-kapital ta' riskju (investimenti ta' ekwità u kważi ekwità), strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji, garanziji, self, finanzjament ieħor bħala għotjiet ta' investment, sussidju tar-rata tal-imgħax u assistenza teknika.

#### *Durata u impatt fuq il-baġit*

Id-Deċiżjonijiet relatati ma' dan l-istrument huma validi għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007 –2013 u jistgħu jiġu estiżi iktar f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014 –2020.

Id-data finali għall-kuntrattar (għaż-żewġ reġjuni) hija s-6 ta' Lulju 2015 rigward deċiżjonijiet mill-2012. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilitajiet iżda d-data finali għall-kuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jwaqqfu l-faċilità. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ u mhijiex limitata.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Id-disaggregazzjoni baġitarja ta' EUR 777 420 334 miljun bejn iż-żewġ sottoreġjuni tal-Viċinat hija kif ġej:

Referenza tas-CRIS	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu 2007 — Diċembru 2013)		Linja baġitarja
	Viċinat Nofsinhar		
ENPI/2007/019548	158 000 000		19 08 01 01
ENPI/2011/023086	309 220 334		19 08 01 01
<b>Total</b>	<b>467 220 334</b>		
	Viċinat Lvant		
ENPI/2007/019549	137 000 000		19 08 01 03
ENPI/2011/023087	173 230 000		19 08 01 03
<b>Total</b>	<b>310 200 000</b>		
<b>Lvant u Nofsinhar Totali</b>	<b>777 420 334</b>		

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Fl-2013, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (C(2013) 1276) ġiet adottata fil-11 ta' Marzu 2013 għal kontribuzzjoni massima ta' EUR 200 miljun inklużi fit-tabella ta' hawn fuq.

L-impatt baġitarju miftiehem bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji baġitarji għal-NIF huwa ta' EUR 770 420 334 għal NIF Nofsinhar u Lvant. L-effett tal-ingranaġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġ matul il-perjodu 2008 –2013 għal NIF huwa smat kif ġej:

Il-kost totali tal-proġett (circa EUR 20,8 biljun) / kontribuzzjonijiet NIF (circa EUR 753 miljun) : 27,6

Riżorsi tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Eliġibbli (circa EUR 9.6 biljun) / kontribuzzjonijiet NIF : 12,7

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

Il-volum totali potenzjali ta' pagamenti li għandu jiġi ġġenerat fl-2014 għal NIF kien mistenni jilħaq l-EUR 104 070 000.

**Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument finanzjarju għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014 –2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

Fuq il-bażi tal-ewwel riżultati mill-NIF, il-Kummissjoni pproponiet it-twaqqif ta' faċilitajiet ta' investiment li jimmiraw pajjiżi skont ir-Regolament dwar l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), għall-ewwel fl-Asja Ċentrali, l-Asja u l-Amerika Latina. Żewġ faċilitajiet ġew stabbiliti għall-Asja: il-Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) fl-2010 u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF) fl-2011. Dawn iż-żewġ faċilitajiet issawru fuq il-mudell tal-NIF u għandhom l-istess tipi ta' objettivi u kamp ta' applikazzjoni bħal dawk definiti fil-Qafas Ġenerali tal-NIF li sar qbil dwaru f'Marzu 2008 (ara t-taqsimha ta' dan id-dokument ta' ħidma NIF).

Sal-aħħar tal-2013, ittieħdu tliet deċiżjonijiet għall-IFCA ffinanzjata permezz tal-baġits tal-2010, 2011 u 2013 u żewġ deċiżjonijiet għall-AIF iffinanzjati permezz tal-baġits tal-2011 u 2012 (konġunti) u l-baġit tal-2013.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Artikolu 19 10 02 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Asja Ċentrali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013),

Partita 19 10 01 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Asja (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-iskop ewlieni tal-IFCA huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin b'enfasi prijoritarju fl-ewwel perjodu ta' implimentazzjoni fuq l-enerġija u l-ambjent. Fuq il-bażi tal-iżvilupp tal-Istrateġiji tal-Asja Ċentrali, iktar tard tista' tiġi prevista estensjoni għas-setturi tat-trasport, l-SMEs u l-infrastruttura soċjali fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali.

L-iskop ewlieni tal-AIF huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin b'enfasi prijoritarju fuq it-tibdil fil-klima u investimenti "ekoloġiċi" fl-oqsma tal-ambjent u l-enerġija kif ukoll fl-SMEs u l-infrastruttura soċjali. Iktar tard tista' tiġi prevista estensjoni għas-settur tat-trasport.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Il-riċeventi finali ta' dawn iż-żewġ faċilitajiet huma l-pajjiżi ta' dawn iż-żewġ reġjuni. Riċeventi finali oħrajn se jkunu s-settur privat u, b'mod partikolari, l-SMEs.

L-istituzzjonijiet ta' finanzjament eliġibbli jistgħu jkunu benefiċjarji diretti u partijiet interessati importanti ta' dawn iż-żewġ faċilitajiet.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati huma dawn li ġejjin:

— Kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika,

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

- Finanzjament tal-kostijiet għall-garanziji fuq is-self,
- sussidji fuq ir-rata tal-imgħax,
- Assistenza teknika,
- Operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju.

Modi possibbli ta' ġestjoni huma ġestjoni ċentralizzata (diretta u indiretta), konġunta u parzjalment deċentralizzata (modi ta' ġestjoni baġitarja fis-seħħ sa tmiem l-2013).

*Durata u impatt fuq il-baġit*

L-IFCA u l-AIF huma stabiliti għat-tul tal-bażi ġuridika, jiġifieri, sal-31 ta' Diċembru 2013 u jista' jiġi estiż wara li jittieħdu deċiżjonijiet f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014 –2020.

Id-dati finali għall-kuntrattar huma t-23 ta' Diċembru 2016 għall-IFCA u l-31 ta' Diċembru 2014 għall-AIF, it-tnejn li huma relatati ma' deċiżjonijiet mill-2013. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilitajiet iżda d-data finali għall-kuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jwaqqfu l-faċilitajiet. It-tul tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ u mhijiex limitata.

Id-disaggregazzjoni baġitarja ta' EUR 145 567 000 miljun bejn iż-żewġ reġjuni hija kif ġej:

Referenza tad-deċiżjoni	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu)		Linja baġitarja
	Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA)		
DCI-ASIE/2010/021-627	20 000 000		19 10 02
DCI-ASIE/2011/023-117	45 000 000		19 10 02
DCI-ASIE/2013/024-950	20 567 000		19 10 02
<b>Total</b>	<b>85 567 000</b>		
	Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)		
DCI-ASIE/2011/022-036	30 000 000		19 10 01 01
DCI-ASIE/2013/024-917	30 000 000		19 10 01 01
<b>Total</b>	<b>60 000 000</b>		

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti***IFCA*

Fl-2013, skont il-Pjan ta' Azzjoni Annwali (DCI-ASIE/2010/021-627) ġie deċiż riforniment ta' EUR 20,57 miljun għall-IFCA. L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenni baġitarji għall-IFCA huwa ta' EUR 85 567 000. L-effett tal-ingranaġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġ matul il-perjodu 2010 –2013 għall-IFCA huwa stmat kif ġej:

Il-kost totali tal-proġett (circa EUR 425 miljun) / kontribuzzjonijiet IFCA (circa EUR 64 miljun) : 6,64

Riżorsi tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Eliġibbli (circa EUR 317 -il miljun) / kontribuzzjonijiet NIF : 4,9

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-volum totali potenzjali ta' pagamenti li għandu jiġi ġġenerat fl-2014 għall-IFCA se jilħaq l-EUR 4 854 000.

AIF

Fl-2013, skont il-Pjan ta' Azzjoni Annwali (DCI-ASIE/2010/024-917), ġie deċiż riforniment ta' EUR 30 miljun għall-AIF. L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji baġitarji għall-AIF huwa ta' EUR 60 miljun. L-effett tal-ingranaġġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġġ matul il-perjodu 2011 –2013 għall-AIF huwa stmat kif ġej:

Il-kost totali tal-proġett (*circa* EUR 889 miljun) / kontribuzzjonijiet AIF (*circa* EUR 64 miljun) : 24,6

Riżorsi tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Eliġibbli (*circa* EUR 358 miljun) / kontribuzzjonijiet AIF : 9,9

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

Il-volum totali potenzjali ta' pagamenti li għandu jiġi ġġenerat fl-2014 għall-AIF kien mistenni jilħaq l-EUR 13 795 000.

## KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina (LAIF)****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument finanzjarju għall-koperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014 –2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

Il-Faċilità twaqqfet fl-2009 permezz tar-Regolament DCI msemmi hawn fuq għall-perjodu 2009-2013 bil-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni li jridu jiġu deċiżi kull sena.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Artikolu 19 09 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerika Latina (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013),

Artikolu 21 04 01 — L-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-iskop ewlieni tal-LAIF ikun li tippromwovi investimenti addizzjonali fl-infrastrutturi fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u l-ambjent u li ssostni s-settur soċjali bħas-saħħa u l-edukazzjoni, u l-iżvilupp tas-settur privat fil-pajjiżi tal-Amerika Latina. Il-Faċilità tappoġġa t-tkabbir tal-SMEs, billi tqiegħed għad-dispożizzjoni medda ta' strumenti finanzjarji fl-Amerika Latina.

Sa mill-bidu tal-2011, il-LAIF inkludiet ukoll Tiegħa dwar it-Tibdil fil-Klima biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti li jgħinu lill-pajjiżi msieħba jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew adattament.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Ir-riċevituri finali jkunu l-pajjiżi tal-Amerika Latina previsti fir-Regolament DCI (KE) Nru 1905/2006 u dawk previsti fir-Regolament (UE) Nru 233/2014.

Riċevituri finali oħrajn jkunu s-settur privat u b'mod partikolari l-SMEs għal kategoriji ta' operazzjonijiet iddedikati għall-iżvilupp tas-settur privat. Istituzzjonijiet Finanzjarji Eliġibbli se jkunu partijiet interessati tal-operazzjonijiet ta' dan l-istrument finanzjarju.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-LAIF huma dawn li ġejjin:

— Kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika,

— Finanzjament tal-kostijiet għall-garanziji fuq is-self,

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

- sussidji fuq ir-rata tal-imgħax,
- Assistenza teknika,
- Operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju.

Modi possibbli ta' ġestjoni huma ġestjoni ċentralizzata (diretta u indiretta), konġunta u parzjalment deċentralizzata (modi ta' ġestjoni baġitarja fis-seħħ sa tmiem l-2013).

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Il-LAIF ġiet stabbilita mir-Regolament DCI (KE) Nru 1905/2006 sal-31 ta' Diċembru 2013 u l-pakkett baġitarju ppjanat jammonta għal EUR 179,35 miljun. Il-Faċilità tista' tiġi estiża iktar wara deċiżjonijiet f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014 - 2020.

Id-data finali għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2014 rigward deċiżjonijiet mill-2013. Din mhijiex id-data tat-tul tal-faċilitajiet iżda d-data finali għall-ikkuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jstabbilixxu l-faċilità. It-tul tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ u mhijiex limitata.

Referenza tad-Deċiżjoni tas-CRIS	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu 2007-April 2013)	Linja baġitarja
DCI-ALA/2009/21734	129 850 000	19 09 01
DCI ENV	17 300 000	21 04 01

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Fl-2013, twettqu tliet rifornimenti għal-LAIF (deċiżjoni ta' rifornimenti 21734) ta' EUR 49,5 miljun. L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenni baġitarji għal-LAIF huwa ta' EUR 179 350 000. L-effett tal-ingranaġġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġġ matul il-perjodu 2010-2013 għal-LAIF huwa stmat kif ġej:

Il-kost totali tal-proġett (*circa* EUR 5 460 biljun) / kontribuzzjonijiet LAIF (*circa* EUR 190 miljun) : 28.8

Riżorsi tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Eliġibbli (*circa* EUR 2,3 miljun) / kontribuzzjonijiet LAIF : 11,9

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Faċilitajiet Addizzjonali

### Sostenn għall-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija (FEMIP)

(i) **Referenza għall-att bażiku**

L-atti preċedenti kienu l-*Mesures d'accompagnement financières et techniques* (MEDA I u MEDAII għall-1996-2006).

L-att attwali għall-FEMIP huwa l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI għall-2007-2013) li l-bażi legali għalih huwa r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 19 08 01 01 — Viċinat Ewropew u Partenarjat kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi tal-Mediterran (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-għan tas-Sostenn għall-FEMIP huwa li jipprovdi kapital lis-settur privat tal-pajjiżi msieħba tal-Mediterran b'termini li mhumiex lokalment disponibbli.

Il-kapital ta' riskju huwa investit direttament jew indirettament sabiex (i) jagħti sostenn li s-settur privat, jiġifieri jippermetti l-ħolqien, ir-ristrutturar jew it-tkabbir tal-intrapriżi (ii) isaħħaħ ir-rwol tas-settur finanzjarju lokali billi jappoġġja l-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda jew it-twaqqif ta' attivitajiet ġodda għall-benefiċċju tas-settur privat.

L-assistenza teknika hija mobilizzata sabiex isaħħaħ l-operazzjonijiet tal-FEMIP fir-reġjun tal-Mediterran, b'enfasi speċjali fuq l-iżvilupp tas-settur privat.

*Kopertura ġeografika u riċeventi finali*

Il-FEMIP ikopri l-disa' Stati fin-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-benefiċjarji tal-Faċilità tal-Kapital ta' Riskju huma s-settur privat b'mod ġenerali u l-SMEs kif ukoll l-intermedjarji finanzjarji. Il-benefiċjarji tal-assistenza teknika huma l-intrapriżi privati, l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-intermedjarji finanzjarji.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

Din l-azzjoni bil-għan ta' finanzjament tal-Operazzjonijiet tal-Kapital ta' Riskju u Assistenza Teknika ser tiġi implimentata f'ġestjoni ċentralizzata indiretta mal-Bank Ewropew tal-Investment.

Il-Bank Ewropew tal-Investment huwa inkarigat mit-tweqqif tal-operazzjonijiet li ġejjin:

- Operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju,
- operazzjonijiet tal-assistenza teknika.

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Il-FEMIP ġiet stabbilita għad-durata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007-2013. Kien hemm impenn baġitarju annwali ta' EUR 32 miljun kontra l-linja baġitarja 19 08 01 01. Għaldaqstant, il-pakkett finanzjarju totali għall-2007-2013 huwa ta' EUR 224 miljun.

Id-data finali ta' implimentazzjoni għall-impenji tal-2013 hija l-31 ta' Diċembru 2029.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Kien mistenni li l-iskema tal-FEMIP tirċievi EUR 32 miljun iffinanzjati bl-appropriazzjonijiet baġitarji tal-2013.



KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u għall-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument finanzjarju għall-koperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014 –2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

Il-GEEREF għie approvat fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali (AAPs) tal-Programm Tematiku ta' erba' snin għall-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija [ENRTP2007-2010].

Bażi ġuridika għall-Faċilità ta' Appoġġ tal-Fond Reġjonali (RFSF): azzjoni ta' thejġija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) (qabel l-Artikolu 49(6)) tar-Regolament Finanzjarju.

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Artikolu 21 04 01 — L-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

Il-GEEREF huwa veikolu ta' finanzjament innovattiv li għandu l-għan li jipromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-ekonomiji fi transizzjoni. Filwaqt li huwa strutturat bħala Fond ta' Fondi, l-istrateġija tal-GEEREF hija li jinvesti f'fondi tal-ekwità privata reġjonali li l-investimenti tagħhom ser ikollhom fil-mira proġetti żgħar u medji dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, u b'hekk jgħin om fl-iżvilupp.

L-objettivi huma biex jikkontribwixxu għall-espansjoni tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u teknoloġiji oħrajn relatati mal-enerġija nadifa għas-swieq u s-servizzi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u ekonomiji fi transizzjoni, bl-objettiv li jżied l-aċċess għal enerġija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, sigura u affordabbli, u sabiex jiġi megħjun it-titjib taċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali ta' popolazzjonijiet nieqsa mis-servizzi jew żvantaġġati, biex jittejjeg l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, filwaqt li tiġi promossa l-protezzjoni tal-ambjent.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-GEEREF huwa li jappoġġa s-sottofondi reġjonali għall-Istati tal-Afrika ta' Taħt is-Sahara, il-Karibew u l-Gżejjer Paċifiċi, il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja, l-Amerika Latina u l-Asja (inkluża l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani). Ser ikun hemm enfasi speċjali fuq il-qadi tal-bżonnijiet tal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Id-data ta' tmiem tal-attivitàjiet skont il-GEEREF hija l-13 ta' Diċembru 2022, kif ikkalkolata mid-data li fiha għie rreġistrat l-aħħar impenn.

Referenzi tad-deċiżjonijiet	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu)	Linja baġitarja
DCI-ENV/2007/147331 flimkien ma' addenda b'referenza tas-CRIS 168 899 u 282 314)	76 100 000	21 04 01

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Barra minn hekk, EUR 5 miljun huma allokati mill-Artikolu 21 04 05 biex jappoġġaw it-twaqqif ta' faċilità ta' sostenn integrata għall-GEEREF.

Fl-2014 rikostituzzjoni ta' 20 miljun għall-fond GEEREF seħħet biex jikkontribwixxi għall-"Enerġija għal kulħadd" iffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

L-impenni baġitarji ppjanati skont il-baġit tal-2015 għall-GEEREF għadhom mhumiex magħrufa.

KUMMISSJONI  
INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

## Strumenti Finanzjarji fil-Pajjiżi tat-Tkabbir

### Il-Balkani tal-Punent

#### Faċilità ta' Garanzija fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Faċilità ta' Garanzija jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

L-objettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekundizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal għoli. L-istrument ser jiggwarantixxi portafolli ta' self tal-SMEs maħruġin minn banek kummerċjali għal għoti b'self ġdid lil SMEs. Dan ser jinvolvi titjib tal-aċċess tal-SMEs għat-teħid b'self u potenzjalment jista' jnaqqas l-ispejjeż tat-teħid b'self.

Skont dan l-istrument, jistgħu jintużaw garanziji tal-ewwel telf ta' self ġdid lil SMEs fil-mira b'rata ta' garanzija li tasal sa 70 % u limitu massimu tal-garanzija li jasal sa 25 % fil-portafoll globali tas-self. Ir-rata u l-limitu preċiżi tal-garanzija huma ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Kummissjoni timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju (permezz ta' Ftehim ta' Fiduċja u Ġestjoni). Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Il-Faċilità għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-istrument li nbeda fl-2013 u se jiggwarantixxi self b'maturità sal-2023. Il-kopertura ġeografika se tkun il-Balkani tal-Punent b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 236/2014.

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 21,9 miljun (li minnhom EUR 1,9 miljuni huwa provvediment għal tariffi għall-EIF bħala Maniġer u EUR 20 miljun huwa l-kapital ta' garanzija) li kien imwiegħed u mħallas lill-FEI. Mill-31 ta' Diċembru 2013 l-ammont huwa kkunsidrat bħala ekwivalenti ta' flus (kont fiduċjarju) fuq il-karta tal-bilanċ tad-DĠ ELARG u li għadu mhux istrument finanzjarju u kien mistenni li l-garanziji skont il-faċilità jiġu allokati matul l-2014 Dan l-ammont se jingrana investiment totali ta' EUR 110 miljun eċċessiv, li jimplika fattur ta' ingranaġġ ta' 5,5.

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 21,9 miljun mill-IPA I huwa mistenni li jiġi miżjud skont il-Programm Multi-benefiċjarju IPA II soġġett għal adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji korrispondenti.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Impriżi tal-Balkani tal-Punent****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Faċilità ta' Garanzija (ENEF) jikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

L-oġġettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekundizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal għoli. L-istrument ser jiffinanzja l-iżvilupp u l-kapital ta' espansjoni f'SMEs stabbiliti b'potenzjal għoli ta' tkabbir fis-swieq rispettivi tagħhom permezz ta' parċipazzjoni tal-ekwità. Skont l-istrument, jista' jintuża investment ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Kummissjoni ser timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Il-Faċilità għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-ewwel investimenti taħt l-istrument huma mistennija fl-ewwel nofs tal-2015. Wara perjodu ta' investment ta' massimu ta' ħames snin, il-portafoll tiegħu ser jiġi stralċat f'perjodu sussegwenti ta' massimu ta' ħames snin (tul sal-2025). Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 11,0 miljun (li minnhom EUR 1,1 miljun huwa provvediment għal tariffi għall-FEI bħala Fiduċjarju għall-Kummissjoni, EUR 0,4 miljun huwa provvediment għal assistenza teknika u EUR 9,5 miljun hija l-parti tal-ekwità). EUR 10,4 miljun tħallsu lill-FEI fil-funzjoni tiegħu bħala fiduċjarju f'Diċembru 2012. Mill-31 ta' Diċembru 2013 l-ammont huwa kkunsidrat bħala ekwivalenti ta' flus (kont fiduċjarju) fuq il-karta tal-bilanċ tad-DĠ ELARG u li għadu mhux bħala strument finanzjarju u kien mistenni li l-istrument jibda fl-2014. Dan l-ammont se jingrana investment totali fil-fond ta' madwar EUR 55 miljun, li jimplika fattur ta' ingranaġġ ta' ħamsa (5). Ikkumbinat ma' koinvestimenti EBRD 1:1 previsti mill-Faċilità tal-Intraprenditorija Lokali l-investment totali jista' jilħaq l-EUR 110 miljun li jimplika l-fattur tal-ingranaġġ ta' 10.

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 11,0 miljun mill-IPA I huwa mistenni li jiġi miżjud skont il-Programm Multi-benefiċjarju IPA II soġġett għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji korrispondenti.

**Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) jikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent. L-oġġettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekontinjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi fi stadju bikri permezz ta' investimenti ta' ekwità. L-istrument jiffinanzja kapital fil-fażi bikrija sal-fażi tal-iżvilupp u espansjoni f'SMEs innovattivi. Skont l-istrument, jista' jintuża investiment ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Kummissjoni timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). L-istrument ser jiġi implimentat bil-ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-istrument huwa mistenni jibda fl-ewwel nofs tal-2015. Wara perjodu ta' investiment ta' massimu ta' ħames snin, il-portafoll tiegħu jiġi stralċat f'perjodu sussegwenti ta' massimu ta' ħames snin (sal-2023). Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 21,2 miljun (li minnhom EUR 0,9 miljun huma provvedimenti għal tariffi għall-FEI bħala Fiduċjarju għall-Kummissjoni, EUR 6,2 miljun huma provvedimenti għal assistenza teknika u EUR 14,1 miljun hija l-parti tal-ekwità) li kien imwiegħed u mħallas lill-FEI fil-funzjoni tiegħu bħala fiduċjarju. Mill-31 ta' Diċembru 2013 l-ammont huwa kkunsidrat bħala ekwivalenti ta' flus (kont fiduċjarju) fuq il-karta tal-bilanċ tad-DĠ ELARG u li għadu mhux bħala istrument finanzjarju u huwa mistenni li l-istrument jibda fl-2014. Dan l-ammont se jingrana investiment totali ta' madwar EUR 40 miljun, li jimplika fattur ta' ingranaġġ ta' tnejn.

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 21,2 miljun mill-IPA I huwa mistenni li jiġi miżjud skont il-Programm Multi-benefiċjarju IPA II soġġett għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji korrispondenti.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

**Oħrajn (Mixxellanji)****Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE)****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE), Għajnuna Komunitarja għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabilizzazzjoni (CARDS) 2006/018-264, IPA 2007/019-344, IPA 2008/020-300 u IPA 2009/021-373

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE) huwa forma ta' sħubija pubblika privata. L-għan tiegħu huwa li jattira kapital mis-settur pubbliku u b'hekk jingranaġġa fondi donaturi pubbliċi li ser jassistu fl-iżvilupp tas-settur privat fir-reġjun. L-EFSE jestendi self lil banek kummerċjali lokali u istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament fil-Balkani tal-Punent sabiex jergġu jisilfuh lil intrapriżi mikro u żgħar u familji. Il-Fond Ewropew għall-Investment (EIF) jamministra EFSE, dan tal-aħħar li jiġġenera impatti fuq tliet livelli differenti:

— Sostenn lil intrapriżi mikro u żgħar bħala l-pedament tal-ekonomiji lokali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni tad-dħul u l-ħolqien tal-impjiegi,

— Issodisfar tal-ħtieġa bażika ta' kenn diċenti,

— Tisħiħ tas-swieq finanzjarji lokali.

Tul sal 2015–2017 (estensjoni fi-żmien qed tiġi kkunsidrata).

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 83,9 miljun (li minnhom EUR 25,5 miljuni ġew ikkuntrattati direttament (BEI bħala Fiduċjarju) u mħallsa mid-DĠ ELARG skont kuntratt ta' ġestjoni indiretta ċentralizzata, b'assi finanzjarji b'valur ta' EUR 47,0 miljun trasferiti minn fondi rotanti fl-2006 u EUR 11,4 miljun fi trasferimenti ta' flus minn fondi oħrajn. Il-pakkett finanzjarju ta' EUR 83,9 miljun jingrana investiment totali ta' EUR 588 miljun, li jimplika l-fattur tal-ingranaġġ ta' 7,1.

L-ebda impenn għal finanzjament addizzjonali tal-EFSE ma kien previst fl-2014.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

### Fond “Green for Growth” (GGF)

(i) **Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Pakkett ta' Rispons għal Kriżi, IPA 2009/021-373

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

(ii) **Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti**

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

(iii) **Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

Il-Fond Green for Growth (GGF) huwa fond innovattiv imniedi fl-2009 mill-Bank Ewropew tal-Investment u l-KfW Entwicklungsbank (KfW) bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Fond jipprovdi finanzjament iddedikat għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli biex jgħin lill-pajjiżi fil-mira jnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-enerġija.

Dan jinkiseb billi jingħataw fondi b'self lil negozji u familji permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji u permezz ta' finanzjament dirett. Il-Kummissjoni qed tinvesti fil-GGF f'isem il-benefiċjarji, biex issostni l-istabilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji u l-ekonomiji. Dawn l-investimenti jsiru fis-segment l-aktar subordinat tal-Fond sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament jibqa' disponibbli għas-settur pubbliku u privat tal-enerġija u li l-pajjiżi jżommu l-potenzjal tagħhom għoli li jilhqgħu l-miri tal-enerġija 20/20/20 tal-UE. L-attivitajiet tal-GGF isiru flimkien mal-Faċilità ta' Assistenza Teknika.

Soġġetti għall-programmazzjoni 2014–2020.

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli (Fond Green for Growth) jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi tad-Dokument Indikattiv ta' Ppjanar Multiannwali (MIPD) 2010-2013, fost l-oħrajn is-sostenn għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika bħala motivatur potenzjali ewlieni tal-irkupru mill-kriżi ekonomika u t-tkabbir ekonomiku sostnut.

L-oġġettivi ewlenin tiegħu huma li jikkontribwixxi fil-forma ta' sħubija pubblika-privata bi struttura ta' riskju/redditu maqsuma f'saffi, biex jissaħħu l-effiċjenza enerġetika (EE) u l-enerġija rinnovabbli (RE) fir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa, l-iktar bil-forniment ta' finanzjament iddedikat lin-negozji u l-familji permezz tas-sħubija mal-istituzzjonijiet finanzjarji u finanzjament dirett.

L-istrument jiffinanzja lil Istituzzjonijiet Finanzjarji (banek kummerċjali u istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek, bħal kumpaniji ta' lokazzjoni) biex fil-parti l-kbira jiffinanzjaw investimenti f'EE u RE minn familji u intrapriżi żgħar u medji privati; finanzjament dirett tal-Kumpaniji ta' Servizz ta' Enerġija (ESCOs), proġetti żgħar tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll kumpaniji u entitajiet municipli. Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent u t-Turkija skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014.

Skont l-Istrument, jistgħu jintużaw self superjuri fil-perjodu medju sal-perjodu fit-tul, self subordinat, self sindikat, ittri ta' kreditu, garanziji, strumenti ta' dejn intermedji, titoli ta' dejn lokali u ekwità.

## KUMMISSJONI

## INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-Kummissjoni timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Żvilupp multilaterali li ġeja: il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI).

L-istrument beda f'Diċembru 2009. Wara perjodu ta' investment ta' massimu ta' sitt snin, il-portafoll tiegħu ser jiġi stralċat f'perjodu ta' massimu ta' għaxar snin (jiġifieri tul massimu sal-2025).

(iv) **L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 38,6 miljuni li ġew imwegħda u mħallsa (li minnhom EUR 5,0 miljun huma għal assistenza teknika, EUR 19,6 miljun ġew ikkuntrattati direttament u mħallsa mid-DĠ ELARG skont kuntratt ta' ġestjoni indiretta ċentralizzata u EUR 14,0 -il miljun kienet il-kontribuzzjoni mwettqa mill-KfW f'isem id-DĠ ELARG).

Dan l-ammont jingrana investment totali ta' EUR 200 miljun, li jimplika fattur tal-ingranaġġ ta' ħamsa.

L-ebda impenn għal finanzjament addizzjonali tal-GGF ma kien previst fl-2014.



**Self ta' Sostenn lit-Turkija għall-Irkupru tal-SMEs****(i) Referenza għall-att bażiku**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Pakkett ta' Rispons għal Kriżi, IPA 2009/021-373

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

**(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet rilevanti**

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

**(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit**

L-oġettiv globali tas-Self ta' Sostenn għall-Irkupru tal-SMEs għat-Turkija huwa li jimmitiga l-impatt tal-kriżi għall-SMEs u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ekonomija u s-settur tal-impjiegi tat-Turkija. L-oġettiv ewlieni huwa li jappoġġja lill-SMEs b'investimenti produttivi konkreti billi jagħti aċċess għal finanzjament tad-dejn attraenti u għal perjodi itwal. Il-kofinanzjament tas-self għandu jiġi pprovdut lil banek kummerċjali lokali li joperaw fit-Turkija (l-“Intermedjarji Finanzjarji”) għall-benefiċċju tal-investimenti eliġibbli mwettqa mill-SMEs. Fil-kuntest tal-Azzjoni, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jestendi self mir-riżorsi tiegħu stess flimkien mas-self ta' Kontribuzzjoni tal-Unjoni.

L-SMEs individwali huma eliġibbli għal finanzjament minn Intermedjarju Finanzjarju li juża finanzjament disponibbli permezz tal-Azzjoni (kull wieħed “Sottoself”) sa ammont massimu ta' EUR 5 miljun u ammont minimu ta' EUR 200 000 u b'maturità minima ta' erba' snin.

L-impenn finanzjarju tal-UE għall-istrument jammonta għal EUR 30,0 miljun (li minnhom EUR 370 000 huma għal tariffi tal-ġestjoni). Hija azzjoni ta' ġestjoni konġunta mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) li jikkontribwixxi EUR 120,0 miljun. L-azzjoni ser tintemm f'Diċembru 2016. It-tul kollu ta' appoġġ għall-irkupru aktarx li se jestendi sal-2026.

**(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti**

L-impenn tal-UE għall-2009 ta' EUR 30 miljun appoġġa volum ta' self ta' EUR 150 miljun għaż-żewġ banek Torok parteċipanti, li jimplika fattur tal-ingranaġġ ta' ħamsa.

KUMMISSJONI

**UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET**

## DĦUL

## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013	% 2013/2015
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	<i>Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra</i>	3 215 000	3 225 000		
4 0 3	<i>Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoniji, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	p.m.	p.m.		
4 0 4	<i>Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarju tal-membri tal-istituzzjoniji, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu</i>	670 000	673 000		
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	3 885 000	3 898 000		
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	<i>Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni</i>	4 320 000	4 311 000		
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	4 320 000	4 311 000		
	<b>Titolu 4 — Total</b>	<b>8 205 000</b>	<b>8 209 000</b>		

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

## TITOLU 4

### MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

#### KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI

#### 4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
3 215 000	3 225 000	

##### *Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi l-qligħ kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsqa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

##### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

##### *Atti ta' referenza*

Il-protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

#### 4 0 3 *Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	

##### *Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tal-qligħ mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjegat li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

##### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verzjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

**KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI (ikompli)****4 0 4 Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarju tal-membri tal-istituzzjonijiet, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
670 000	673 000	

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

**KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET****4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
4 320 000	4 311 000	

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha imnaqqsa fix-xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju; skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u użati biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.



**TITOLU 6****KONTRIBUZZJONIJET GĦAL PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIMBORS TA' NEFQA U DĦUL****KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJET U KONTRIBUZZJONIJET OĦRA****6 6 0 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra**

## 6 6 6 0 Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, tirċievi kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża biex jipprovi approprjazzjonijiet addizzjonali għan-nefqa finanzjarja li għaliha huwa assenjat id-dħul.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

## NEFQA

### Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2015 u 2014) u eżitu (2013)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
<b>A2</b>	<b>UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET</b>			
A2 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA	72 748 000	73 642 000	74 050 575,40
A2 02	ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI	7 091 000	7 091 000	16 680 988,15
A2 10	RIŻERVI	p.m.	p.m.	0,—
	<b>Titolu A2 — Total</b>	<b>79 839 000</b>	<b>80 733 000</b>	<b>90 731 563,55</b>



## TITOLU A2

## UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

## KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

## KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
	KAPITOLU A2 01				
<b>A2 01 01</b>	<b>Nefqa relatata ma' aġenti uffiċjali u temporanji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	54 361 000	54 431 000	54 725 000,—	100,67
<b>A2 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra</b>				
A2 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 413 000	2 748 000	3 010 000,—	124,74
A2 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	600 000	700 000	520 950,—	86,83
	<i>Artikolu A2 01 02 — Total</i>	<b>3 013 000</b>	<b>3 448 000</b>	<b>3 530 950,—</b>	<b>117,19</b>
<b>A2 01 03</b>	<b>Nefqa fuq binjiet u nefqa relatata</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	15 371 000	15 469 000	15 551 125,40	101,17
<b>A2 01 50</b>	<b>Politika u ġestjoni tal-ħaddiema</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	270 000	221 500,—	
<b>A2 01 51</b>	<b>Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	19 000	19 000,—	
<b>A2 01 60</b>	<b>Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	5 000	3 000,—	100,00
	<b>KAPITOLU A2 01 — TOTAL</b>	<b>72 748 000</b>	<b>73 642 000</b>	<b>74 050 575,40</b>	<b>101,79</b>
	KAPITOLU A2 02				
<b>A2 02 01</b>	<b>Produzzjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 280 000	1 035 000	3 159 672,78	246,85
<b>A2 02 02</b>	<b>Katalogar u Arkivjar</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 800 000	2 000 000	1 769 794,71	98,32
<b>A2 02 03</b>	<b>Distribuzzjoni fiżika u promozzjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 700 000	2 337 000	6 833 426,48	401,97
<b>A2 02 04</b>	<b>Siti web pubbliċi</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 311 000	1 719 000	4 918 094,18	212,81
	<b>KAPITOLU A2 02 — TOTAL</b>	<b>7 091 000</b>	<b>7 091 000</b>	<b>16 680 988,15</b>	<b>235,24</b>



## TITOLU A2

## UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

## KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

A2 01 01 *Nefqa relatata ma' aġenti uffiċjali u temporanji*

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
54 361 000	54 431 000	54 725 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,
- assigurazzjonijiet kontra aċċidenti u mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni fisem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orijini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet mixxellanji,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat lill-parti mill-emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjeg,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu, meta jtemmu l-impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg,
- il-gratifiki għall-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg, u meta dawn itemmu l-impjeg u jirrisistemaw x'imkien ieħor,
- l-ispejjeż ta' ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjeg, u meta dawn itemmu l-impjeg u jirrisistemaw x'imkien ieħor,
- l-ispiża ta' kull aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

**A2 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra**

A2 01 02 01 Persunal estern

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 413 000	2 748 000	3 010 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,
- in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-uu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,
- il-kost ta' ħaddiema maċ-ċivil nazzjonali jew esperti oħra sekondati jew assenjati temporanjament mal-Uffiċċju u spejjeż supplimentari li joriġinaw mis-sekondar ta' uffiċjali ma' servizzi ċivili nazzjonali jew organizzazzjonijiet internazzjonali,
- l-ispiża ta' kull aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,
- servizzi ta' sostenn fil-qasam tal-qari tal-provi, nefqa konnessa mal-persunal ta' aġenzija jew freelance u nefqa amministrattiva relatata.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A2 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
600 000	700 000	520 950,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew seconded,

**KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** (ikompli)**A2 01 02** (ikompli)**A2 01 02 11** (ikompli)

- ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-tweġiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li tieħdu mill-Kummissjoni),
- il-kostijiet ta' ospitalità u ta' ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,
- nefqa mixellanja marbuta ma' konferenzi, kongressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,
- nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza skont il-bżonnijiet tal-Uffiċċju:
- tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-tweġiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,
- tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġar, strateġija, kwalità u mmaniġġar tal-ħaddiema,
- il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikliet u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,
- l-iffinanzjar ta' materjal pedagoġiku,
- in-nefqa fuq studji u konsultazzjoni speċjalizzati li jkunu saru minn esperti kkwalfikati ħafna (individwi jew kumpanija) permezz ta' kuntratt, meta l-impjegati tal-Uffiċċju ma jkunux jistgħu jwettqu dan ix-xogħol, inkluż ix-xiri ta' studji li jkunu saru diġà,
- l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju fil-Bridge Forum Dialogue.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A2 01 03 Nefqa fuq binjiet u nefqa relatata

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
15 371 000	15 469 000	15 551 125,40

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa marbuta mal-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, partikolarment:

- il-kosti tax-xiri jew kiri b'lokazzjoni tal-binjiet jew il-kostruzzjoni tal-binjiet,
- kera u ċens, taxxi varji u l-eżerċizzju tal-opzjoni tax-xiri ta' binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,
- il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- tariffi tal-ilma, gass, elettriku u tisħin tal-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- in-nefqa għall-manutenzjoni tal-kmamar, tal-liftijiet, eċċ, u tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; in-nefqa li tirriżulta minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ibbilċjar u għad-dry-cleaning, eċċ. kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,
- rinovament tal-bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartimenti, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid, kisi tal-art, u l-kost ta' bidliet fil-kablaġġ marbut mal-attrezzaturi, u l-kost tal-apparat neċessarju (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa), l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti minuri ta' tagħmir (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- spejjeż marbuta mas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,
- nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (għbir tal-iskart, eċċ.),
- debiti għal assistenza teknika marbuta ma' rinovament maġġuri tal-binjiet,

**KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A2 01 03 (ikompli)**

- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' tagħmir u stallazzjonijiet tekniċi,
- ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir ta' ġarr,
- assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabilità ċivili u kontra s-serq),
- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u partikolarment:
  - xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċina teknika u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kasha, tkabir u ħmieġ anormali,
  - xiri jew rimbors tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-binjiet jkunu attrezzat b'telekomunikazzjonijiet, partikolarment ix-xiri, il-kera, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' panewi tal-kontrolli u distributuri tat-telefown, sistemi awdjo, ta' vidjokonferenza, ta' telefownija interna u telefownija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni u manutenzjoni ta' komputers, terminals, minikomputers, periferali, apparat ta' konnessjoni u softwer meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni u manutenzjoni ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, faks, fotokopjatriċi, skeners u mikrokopjatriċi,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' tajpraeters, proċessaturi tat-testi jew kull apparat elettroniku ieħor,
- stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,
- il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju, eċċ,
- nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Uffiċċju,
- debiti ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefowns fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), nefqa fuq netwerks ta'datatrazmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- il-kost ta' konnessjonijiet tat-telefown u tal-kompjuter bejn il-binjiet u linji ta' trasmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-Unjoni,

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

**KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A2 01 03 (ikompli)**

- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u kostijiet relatati u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk fuq il-karta jew f'forma elettronika, eċċ., persunal operatorju estern, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji dwar is-sikurezza u l-garanzija tal-kwalità marbuta ma' apparat u softwer tal-kompjuter,
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament dispost għaliha hawn fuq.

Din l-appropriazzjoni ma tkoprix in-nefqa marbuta ma' kompiti industrijali taċ-ċentru ta' distribuzzjoni.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 10 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għal xogħol b'taġhmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A2 01 50 *Politika u ġestjoni tal-ħaddiema***

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	270 000	221 500,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-għajnuna mill-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi fil-Lussemburgu, u kull inizjattiva mfassla biex tinkuraġġixxi l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal u għat-trasport tat-tfal,
- bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:
  - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
  - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
  - it-tfal dipendenti kollha fis-sens tar-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.



**KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A2 01 50 (ikompli)**

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

**A2 01 51 *Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija***

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	19 000	19 000,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- spejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' ristoranti, kafetteriji u canteens,
- ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obligazzjonijiet ta' terza parti, u n-nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm ebda talba legali.

**A2 01 60 *Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji***

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
3 000	5 000	3 000,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-dejta, ħlas ta' miżati għal gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju,
- il-kostijiet ta' abbonamenti fl-aġenziji tal-istampa (aġenziji tal-aħbarijiet u bullettini ta' stampa u informazzjoni),

**KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI****A2 02 01 *Produzzjoni***

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 280 000	1 035 000	3 159 672,78

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

**KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI** (*ikompli*)

**A2 02 01** (*ikompli*)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha relatata mal-attività ta' produzzjoni, inkluż:

- produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet fil-forom kollha (karta, elettroniċi), inkluż kopubblikazzjoni,
- l-istampar mill-ġdid ta' publikazzjonijiet u korrezzjonijiet ta' żbalji li l-Uffiċċju jkun responsabbli għalihom,
- ix-xiri jew il-kiri ta' apparat u infrastruttura għar-riproduzzjoni ta' dokumenti f'kull forma, inklużi l-kost tal-karta u oġġetti konsumabbli oħra.

It-total tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq il-EUR 2 200 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

**A2 02 02** **Katalogar u Arkivjar**

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 800 000	2 000 000	1 769 794,71

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet tal-katalogar u arkivjar, b'mod partikolari:

- għbir f'katalogi, li jinkludu l-kosti tal-analiżi dokumentarja u dik parzjalment ġudizzjarja, indiċjar, speċifikazzjoni u l-abbozzar, reġistrazzjoni tal-input u manutenzjoni,
- abbonamenti annwali ma' aġenziji internazzjonali fil-qasam tal-katalogar,
- ħżin elettroniku,
- preżervazzjoni fit-tul ta' dokumenti elettroniċi u servizzi relatati, diġitizzazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 1974 dwar l-awtomazzjoni tad-dokumentazzjoni legali (ĠU C 20, 28.1.1975, p. 2).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 1991 dwar ir-riorganizzjoni tal-istrutturi operattivi tas-sistema CELEX (dokumentazzjoni awtomatizzata tal-liġi tal-Komunità (ĠU C 308, 28.11.1991, p.2).

**KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI (ikompli)****A2 02 02 (ikompli)**

Ir-risoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1994 dwar it-tixrid elettroniku tal-liġi tal-Komunità u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess imtejjeb (ĠU C 179, 1.7.1994, p. 3).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

**A2 02 03 Distribuzzjoni fiżika u promozzjoni**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 700 000	2 337 000	6 833 426,48

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet ta' distribuzzjoni fiżika u promozzjoni", b'mod partikolari:

- attivitajiet ta' ħżin għall-pubblikazzjonijiet: tqegħid f'maħżen, entrati/tneħħijiet, eċċ.,
- ippakkjar u indirizzar (magni, installazzjonijiet, affarijiet konsumibbli, maniġġ, eċċ.),
- spejjeż ta' dispaċċ: posta, trasport, shuttles, eċċ.,
- akkwist u ġestjoni ta' listi ta' indirizzi: produzzjoni, input/kodifikar, aġġornar, eċċ.,
- promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni: esibizzjonijiet, katalogi, prospetti, reklamar, studji tas-suq, eċċ.,
- informazzjoni u assistenza lill-pubbliku,
- tagħmir għal-libreriji: indicijar tal-kards, xkaffar, għamara, unitajiet ta' katalogi, eċċ.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq il-EUR 5 000 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

**A2 02 04 Siti web pubbliċi**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 311 000	1 719 000	4 918 094,18

KUMMISSJONI  
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

**KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI** (*ikompli*)

**A2 02 04** (*ikompli*)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha relatata mal-attivitajiet tal-websajts pubbliċi (primarjament il-pubblikazzjoni tal-Bookshop tal-UE, il-websajts Who's Who u parti mill-websajt tal-EUR-Lex), b'mod partikolari:

- manutenzjoni u żvilupp ta' siti web pubbliċi,
- ċentru ta' assistenza għal min juża s-siti web.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

**KAPITOLU A2 10 — RIŻERVI**

**A2 10 01** **Approprjazzjonijiet proviżorji**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

L-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn intestatura oħra tal-baġit skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A2 10 02** **Riżerva għall-kontinġenzi**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

**L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI**

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

## DĦUL

## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013	% 2013/2015
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	<i>Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra</i>	3 069 000	2 981 000		
4 0 3	<i>Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	p.m.	p.m.	0,—	
4 0 4	<i>Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoniji, tal-funzjonarji u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu.</i>	627 000	615 000		
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	3 696 000	3 596 000	0,—	
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	<i>Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni</i>	3 232 000	3 148 000		
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	3 232 000	3 148 000		
	<b>Titolu 4 — Total</b>	<b>6 928 000</b>	<b>6 744 000</b>	<b>0,—</b>	

## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
3 069 000	2 981 000	

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra, mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

4 0 3 *Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg attiv, li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-ħaddiema tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

4 0 4 *Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjonijiet, tal-funzjonarji u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu.*

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
627 000	615 000	

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

**KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI**

**4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni**

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
3 232 000	3 148 000	

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tal-kontribuzzjonijiet imnaqqsa kull xahar mill-pagi tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u użat biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.





KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

## TITOLU 6

### KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL

#### KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

#### 6 6 0 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra

#### 6 6 0 0 Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
p.m.	p.m.	0,—

#### Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tirċievi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul li ma jidherx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jwassal għall-għotja ta' approprijazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

## NEFQA

## Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2015 u 2014) u eżitu (2013)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
<b>A3</b>	<b>L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI</b>			
A3 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA	55 596 000	55 346 000	55 119 180,57
A3 02	IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI	1 950 000	1 650 000	2 327 971,33
A3 03	NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI	200 000	200 000	200 000,—
A3 10	RIŻERVI	p.m.	p.m.	0,—
	<b>Titolu A3 — Total</b>	<b>57 746 000</b>	<b>57 196 000</b>	<b>57 647 151,90</b>

KUMMISSJONI

L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

## TITOLU A3

## L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 03 — NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
	KAPITOLU A3 01				
<b>A3 01 01</b>	<b>Nefqa relatata mal-uffiċjali u l-persunal temporanju</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	39 032 000	38 507 000	36 253 440,25	92,88
<b>A3 01 02</b>	<b>Persunal estern u nefqa manigġerjali oħra</b>				
A3 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 625 000	2 612 000	2 838 712,68	108,14
A3 01 02 11	Spejjeż oħra ta' ġestjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 289 000	2 689 000	2 221 878,69	97,07
	<i>Artikolu A3 01 02 — Total</i>	4 914 000	5 301 000	5 060 591,37	102,98
<b>A3 01 03</b>	<b>Bini u nefqa relatata</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	11 632 000	11 520 000	13 790 643,84	118,56
<b>A3 01 50</b>	<b>Politika tal-personal u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	3 000	0,—	0
<b>A3 01 51</b>	<b>Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
<b>A3 01 60</b>	<b>Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	15 000	15 000	14 505,11	96,70
	<b>KAPITOLU A3 01 — TOTAL</b>	<b>55 596 000</b>	<b>55 346 000</b>	<b>55 119 180,57</b>	<b>99,14</b>
	KAPITOLU A3 02				
<b>A3 02 01</b>	<b>Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 700 000	1 400 000	1 945 451,98	114,44
<b>A3 02 02</b>	<b>Miżuri għall-protezzjoni tal-Ewro kontra l-falsifikazzjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	50 000	50 000	47 831,22	95,66
<b>A3 02 03</b>	<b>Miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	200 000	200 000	334 688,13	167,34
	<b>KAPITOLU A3 02 — TOTAL</b>	<b>1 950 000</b>	<b>1 650 000</b>	<b>2 327 971,33</b>	<b>119,38</b>
	KAPITOLU A3 03				
<b>A3 03 01</b>	<b>Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni</b>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	200 000	200 000	200 000,—	100,00
	<b>KAPITOLU A3 03 — TOTAL</b>	<b>200 000</b>	<b>200 000</b>	<b>200 000,—</b>	<b>100,00</b>



KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

### TITOLU A3

#### L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

##### KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

##### A3 01 01 *Nefqa relatata mal-uffiċjali u l-persunal temporanju*

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
39 032 000	38 507 000	36 253 440,25

##### *Kummenti*

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fejn għandhom x'jaqsmu l-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkun fil-pjan tal-istabbilment:

- salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni fisem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orijini tagħhom,
- benefiċċji u għotjiet varji oħra,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdedw l-impjeg, meta jtemmu l-impjeg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor,
- *allowances* ta' installazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdedw impjeg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjeg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdedw impjeg jew meta dawn imorru f'post ta' impjeg ġdid, u meta jtemmu l-impjeg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikabbli għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

##### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A3 01 02 **Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra**

## A3 01 02 01 Persunal estern

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 625 000	2 612 000	2 838 712,68

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni tal-persunal b'kuntratt (fit-tifsira mogħtija fit-Titolu IV tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal b'kuntratt, kif deskritta fit-Titolu IV, u n-nefqa fuq il-piżijiet applikati għar-remunerazzjonijiet ta' tali persunal,
- in-nefqa li tkun saret (salarji, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba ħaddiema temporanji mqabbdha minn aġenziji u ħaddiema esterni oħra li jkunu fuq kuntratt ta' liġi privata,
- l-ispejjeż ta' ħaddiema inklużi f'kuntratti tas-servizz u f'subkuntrattar tekniku u amministrattiv,
- In-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

## A3 01 02 11 Spejjeż oħra ta' ġestjoni

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 289 000	2 689 000	2 221 878,69

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, inklużi spejjeż anċillari marbuta ma' biljetti u riżervazzjonijiet, il-benefiċċji ta' sosteniment ta' kuljum u nfiq anċillari jew eċċeżżjonali li jkun sar b'rabta ma' missjonijiet mill-ħaddiema uffiċjali tal-Kummissjoni u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew issekondati mad-dipartimenti tal-Kummissjoni,
- ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju b'mod uffiċjali (ir-rimbors ma jkunx possibbli għall-ispejjeż li jkunu saru fit-tweqqif ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),
- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttehdhu mill-Kummissjoni),
- l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,
- l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĠJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

**A3 01 02 (ikompli)**

**A3 01 02 11 (ikompli)**

- l-ispejjeż biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
  - Tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,
  - miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,
  - l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma'prodotti stampati u ma' prodotti multimedia,
- l-iffinanzjar ta' għodda tat-tagħlim.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

**A3 01 03 *Bini u nefqa relatata***

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
11 632 000	11 520 000	13 790 643,84

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

- l-ispejjeż ta' xiri jew ta' kera bl-għażla ta' xiri ta' bini jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- kera u ċens, id-diversi taxxi u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivi, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,
- il-ħlas tal-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,



## KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

## A3 01 03 (ikompli)

- l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet tal-bini okkupati mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry-cleaning, eċċ kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,
- xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, installazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' plumbing, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' cabling ta' networks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu (qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indicijar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indicijar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],
- in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat-tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indicijar, il-perijodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' sħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),
- xi nfiq għall-għajna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,
- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku,
  - ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
  - ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,
- l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),
- l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
  - ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetteriji),
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jaġhmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, il-wear and tear mhux normali u t-tbajja',

## KUMMISSJONI

## L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

## KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

## A3 01 03 (ikompli)

- ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-software tal-kompjuter meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,
- ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters, word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,
- it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzer, u videokonferenzer), spejjeż ta' networks tat-trażmissjoni tad-data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,
- l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elektronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-tweqqif ta' proġetti ta' teknoloġija tal-informatika,
- spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 20 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)****A3 01 03 (ikompli)**

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**A3 01 50 Politika tal-personal u t-tmexxija**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
3 000	3 000	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri:

- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:
  - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-orġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabbiltà u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

**A3 01 51 Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' ristoranti, kafetteriji u canteens.

KUMMISSJONI  
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

**A3 01 60 Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
15 000	15 000	14 505,11

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm); il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-data; l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' publikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju.

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI

**A3 02 01 Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 700 000	1 400 000	1 945 451,98

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq kollu marbut ma' miżuri kontra l-frodi li ma jkunux jaqaw taħt il-responsabbiltà amministrattiva tal-Uffiċċju.

Din l-approprjazzjoni maħsuba partikolarment sabiex tippermetti:

- t-tfassil, l-iżvilupp, it-titjib u t-tmexxija ta' sistemi ta' skambju ta' informazzjoni u infrastutturi komuni, filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà,
- it-tfittxija, il-ġbir, l-eżaminazzjoni, l-użu u l-ghojta lid-dipartimenti ta' investigazzjoni nazzjonali tat-tagħrif kollu bżonnjuż fit-tfittxija u l-lokalizzazzjoni tal-frodi (eż. permezz ta' databases),
- li jkunu appoġġjati l-isforzi tal-Istati Membri, l-aktar f'każi ta' frodi transnazzjonali, fejn ikun hemm bżonn li tittieħed azzjoni fuq livell tal-Unjoni,
- miżuri ta' ffinanzjar bil-għan li tiżdied l-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni, tal-kontrolli u tal-investigazzjonijiet,
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, partikolarment fil-qasam tal-ġlieda kontra-l-kuntra-bandu tas-sigaretti,
- l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fuq il-post,
- li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż ta' vvjaġġar u l-benefiċċji ta' sosteniment għall-ispetturi u l-maġistrati nazzjonali li jkunu qed jaħdmu barra minn pajjiżhom b'rabta ma' żjajjar ta' kontroll, spezzjonijiet fuq il-post, laqgħat ta' koordinazzjoni u kull meta l-bżonn ta' investigazzjoni tiġġustifikahom,
- li jkunu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-benefiċċji ta' sosteniment u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jaħdmu mal-Uffiċċju matul l-investigazzjonijiet jew biex jagħtu opinjoni professjonali fuq materja speċifika,
- li jkunu koperti l-ispejjeż ta' konferenzi, kungressi u laqgħat li l-Uffiċċju jorganizza fix-xogħol tiegħu tal-ġlieda kontra l-frodi.

**KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI (ikompli)****A3 02 01 (ikompli)***Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri ta' transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' ffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18).

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri ħidma ta' sistemazzjoni, inklużi:

- studji dwar l-adattar u l-estensjoni tal-bini tal-istituzzjonijiet,
- ħidma fuq l-istallazzjonijiet f'bini għall-iskopijiet tas-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u l-proprjetà,
- is-sistemazzjoni u t-trasformazzjoni tal-bini skont il-ħtiġiet operattivi,

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI (ikompli)

2 0 0 (ikompli)

2 0 0 2 (ikompli)

— l-adattament tal-bini u l-installazzjonijiet tekniċi biex jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà u l-istandards fis-seħħ. Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

2 0 1 **Nefqa relatata ma' bini**

2 0 1 0 Tindif u manutenzjoni

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
4 330 000	3 999 000	3 715 505,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' tindif u manutenzjoni li ġejjin:

- it-tindif tal-uffiċċji, il-ħwienet tax-xogħol u l-imħażen (inklużi purtieri, purtieri tax-xibka, twapet, persjani, eċċ.),
- sostituzzjoni ta' purtieri, purtieri tax-xibka u twapet użati,
- żebgħa,
- manutenzjoni mixxellanja,
- tiswijiet ta' installazzjonijiet tekniċi,
- provvisti tekniċi,
- kuntratti għall-manutenzjoni ta' apparat tekniku varju (arja kkondizzjonata, tisħin, rimi ta' skart, liftijiet, tagħmir tas-sigurtà u kmamar ta' safe-speech).

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 1 1 Ilma, gass, elettriku u tisħin

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 293 000	1 318 000	1 403 000,—



**KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI** (ikompli)**2 0 1** (ikompli)**2 0 1 1** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-ilma, il-gass, l-elettriku u t-tisħin.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**2 0 1 2** Sigurtà u sorveljanza tal-bini

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
5 700 000	5 928 000	6 400 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefġiet għall-manutenzjoni u s-sorveljanza tal-binjiet okkupati mis-SEAE.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**2 0 1 3** Assikurazzjoni

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
60 000	74 500	74 500,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-primjums fuq kuntratti konklużi ma' kumpanniji tal-assikurazzjoni għall-binjiet okkupati mill-EEAS u l-assigurazzjoni ta' responsabbiltà pubblika li tkopri min iżur il-bini.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**2 0 1 4** Nefqa oħra relatata mal-bini

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
130 000	170 000	130 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra kurrenti relatata mal-binjiet (inklużi l-binjiet ta' Cortenberg u l-ER) li mhux provdut għalihom fl-artikoli l-oħra ta' dan il-kapitolu, b'mod partikolari l-ispejjeż ta' tneħħija ta' skart, tagħmir tas-sinjali, sħarriġ minn korpi speċjalizzati, eċċ.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA

## 2 1 0 Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjoni

## 2 1 0 0 Teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
12 837 000	12 837 000	16 737 000,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal informazzjoni mhux klassifikata u teknoloġija tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari nefqa relatata ma':

- ix-xiri jew il-kiri ta' tagħmir jew softwer għal sistemi u applikazzjonijiet tal-kompjuter,
- assistenza u t-taħriġ provdut minn kumpanniji ta' servizzi u konsulenza relatati mal-kompjuter għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter u applikazzjonijiet inkluż l-appoġġ għall-utenti,
- servizz u manutenzjoni għal tagħmir tal-kompjuters kif ukoll tas-softwer tas-sistemi u applikazzjonijiet,
- provvedituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni,
- il-prezz ta' komunikazzjoni u trażmissjoni tad-data.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## 2 1 0 1 Kriptografija uteknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' kunfidenzjalità għolja

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
13 745 000	13 745 000	5 600 456,47

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal kriptografija u teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' sigurtà għolja, b'mod partikolari nefqa relatata ma':

- ix-xiri jew il-kiri ta' tagħmir jew softwer għal sistemi sikuri u applikazzjonijiet ta' kompjuuter,
- assistenza u t-taħriġ provdut minn kumpanniji ta' servizzi u konsulenza relatati mal-kompjuter għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter u applikazzjonijiet inkluż l-appoġġ għall-utenti — servisjar u manutenzjoni ta' tagħmir sigur tal-kompjuter u applikazzjonijiet tas-softwer,
- abbonament għal servizzi tal-komunikazzjoni sigura,
- il-prezz tal-komunikazzjonijiet u t-trażmissjonijiet ta' data siguri.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA** (ikompli)**2 1 0** (ikompli)**2 1 0 2** Sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sal-livell “ristrett UE”

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
2 550 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' informazzjoni sal-livell “ristrett UE”, b'mod partikolari nefqa għal dak l-għan relatata ma':

- ix-xiri jew il-kiri ta' apparat jew softwer,
- assistenza u t-taħriġ provdut minn kumpanniji ta' servizzi u konsulenza relatati mal-kompjuter għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi sikuri tal-kompjuter u applikazzjonijiet inkluż l-appoġġ għall-utenti,
- il-manutenzjoni u l-isservissjar tal-apparat tal-kompjuters kif ukoll tas-software tas-sistemi u applikazzjonijiet,
- abbonament għal servizzi tal-komunikazzjoni,
- il-prezz tal-komunikazzjonijiet u t-trażmissjonijiet ta' data.

Ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**2 1 0 3** Kontromiżuri tekniċi ta' sigurtà

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 250 000		

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' informazzjoni permezz ta' kontromiżuri tekniċi ta' sigurtà, partikolarment nefqa għal dak il-għan marbuta ma':

- ix-xiri jew il-kiri ta' apparat jew software għat-tfittxija tal-bini fil-kwartieri ġenerali, f'delegazzjonijiet u f'bini użati għal konferenzi u laqgħat,
- assistenza u taħriġ ipprovduti minn kumpanniji speċjalizzati ta' servizzi, ditti tal-manifattura u konsulenza għall-operat u l-iżvilupp ta' tali tagħmir jew software, inkluż appoġġ lill-utenti,
- il-manutenzjoni u l-isservissjar ta' tagħmir bħal dan, u software ta' sistemi u applikazzjonijiet,
- l-ispiża tat-trasportazzjoni ta' tagħmir ta' tfittxija tal-bini,
- l-akkwist, it-trasport u l-installazzjoni ta' tagħmir speċifiku meħtieġ għal kmamar safe-speech,
- il-kostijiet għal missjonijiet li jiġġarbu mill-persunal meħtieġ għat-tfittxija tal-bini jew biex jgħammru l-kmamar safe-speech.

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA (ikompli)

2 1 0 (ikompli)

2 1 0 3 (ikompli)

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 1 **Għamara, apparat tekniku u trasport**

2 1 1 0 Għamara

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
200 000	200 000	212 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ix-xiri jew sostituzzjoni ta' għamara u għamara speċjalizzata,
- il-kiri ta' għamara waqt il-missjonijiet u l-laqgħat barra mill-bini tal-SEAE,
- il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 1 1 Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
50 000	150 000	250 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ix-xiri jew is-sostituzzjoni ta' tagħmir tekniku mobbli u fiss mixxellanji u installazzjonijiet, partikolarment b'rabta mal-arkivjar, sigurtà, konferenzi, canteens u bini,
- assistenza teknika u superviżjoni, partikolarment b'rabta ma' konferenzi u canteens,
- il-kiri ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi u l-ispiża taż-żamma fi stat tajjeb, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tali tagħmir u installazzjonijiet tekniċi.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA (ikompli)****2 1 1** (ikompli)**2 1 1 2** Trasport

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
95 000	200 000	300 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fost l-oħrajn:

- il-kiri jew l-akkwist ta' vetturi tas-servizz,
- l-ispiża għall-kiri ta' karożżi meta jkun impossibbli li jsir użu mill-mezzi ta' trasport disponibbli għas-SEAE, partikolarment waqt il-missjonijiet,
- l-ispiża għall-operar u l-manutenzjoni ta' karożżi tas-servizz (xiri ta' fjuwil, tajers, eċċ.).

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OħRA****2 2 0** *Konferenzi, kongressi u laqgħat***2 2 0 0** Organizzazzjoni ta' laqgħat, konferenzi u kongressi

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
485 000	485 100	600 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri għajjnuna għal:

- l-organizzar informali ta' laqgħat tal-Kunsill tal-Affarijiet Esteri u laqgħat informali oħra,
- organizzar ta' laqgħat ta' djalogu politiku fil-livelli ministerjali u ta' uffiċjali anzjani,
- l-organizzazzjoni ta' konferenzi u kongressi,
- laqgħat interni, inkluż fejn neċessarju l-ispejjeż ta' ikel u xorb servut f'okkażjonijiet speċjali,
- ħlas ta' obbligi li jaqgħu fuq l-istituzzjoni fil-forma ta' spejjeż ta' riċeviment u rappreżentanza,
- attivitajiet relatati mal-protokoll.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA (ikompli)

## 2 2 0 (ikompli)

## 2 2 0 1 Spejjeż tal-ivjaġġar tal-esperti

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
50 000	79 200	50 000,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri allowances ta' vvjaġġar u għal manteniment ta' kuljum għal esperti mistiedna għal laqgħat jew mibgħuta fuq missjoni mis-SEAE.

Ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 1 **Informazzjoni**

## 2 2 1 0 Nefqa għad-dokumentazzjoni u għall-biblijoteka

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
923 000	674 685	625 409,49

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-ispejjeż ta' aċċess għal databases esterni dokumentattivi u statistiċi inkluż għad-data ġeografika,
- l-abbonamenti għal gazzetti, perjodiċi, servizzi li jfornu analiżi tal-kontenut tagħhom u pubblikazzjonijiet oħra onlajn; din l-approprijazzjoni tkopri wkoll kwalunkwe spejjeż ta' drittijiet tal-awtur li jirriżultaw mir-riproduzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' tali pubblikazzjonijiet f'forma stampata u/jew elettronika,
- ix-xiri ta' kotba u xogħlijiet oħra f'forma stampata u/jew elettronika għal-liberija,
- l-ispejjeż ta' abbonamenti għal aġenziji ta' aħbarijiet permezz tat-teleprinter,
- illegal ta' kotba u spejjeż oħra essenzjali għall-preservazzjoni ta' kotba u perjodiċi.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 dwar l-istabbiliment tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 27, 30.1.2001, p. 7).

**KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA (ikompli)****2 2 1 (ikompli)****2 2 1 1 Stampi mis-satellita**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
450 000	495 000	500 000,—

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż sabiex jinkisbu stampi mis-satellita għas-SEAE bil-għan li jiġu evitati l-kriżijiet u li jkun hemm ġestjoni tal-kriżijiet.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**2 2 1 2 Pubblikazzjonijiet ġenerali**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
41 000	41 580	25 565,36

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tħejjija, il-pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, b'mezzi tradizzjonali (karta jew mikrofilm) jew metodi elettroniċi, u d-disseminazzjoni ta' pubblikazzjonijiet tal-SEAE, inkluż dawk pubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

**2 2 1 3 Informazzjoni Pubblika u avvenimenti pubbliċi**

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
295 000	232 650	237 882,50

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- servizzi awdjoviżivi biex jinfuraw lill-pubbliku dwar il-politika estera tal-Unjoni u l-azzjoni tar-Rappreżentant Għoli,
- l-iżvilupp u t-tħaddim tal-websajt tas-SEAE,
- in-nefqa fuq pubbliċità u l-promozzjoni ta' pubblikazzjonijiet u avvenimenti pubbliċi relatati mal-attivitajiet tal-istituzzjoni inkluża l-ġestjoni anċillari u l-ispiża infrastrutturali,
- nefqa fuq l-informazzjoni taħt il-PSDK/PESK,
- l-ispiża tal-informazzjoni mixxellanja u attivitajiet marbuta mar-relazzjonijiet pubbliċi inkluż oġġetti promozzjonali.

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA (ikompli)

2 2 1 (ikompli)

2 2 1 3 (ikompli)

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 2 **Servizzi tal-lingwa**

2 2 2 0 Traduzzjoni

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mas-servizzi ta' traduzzjoni pprovduti lill-SEAE mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u mill-Kummissjoni.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 2 1 Interpretazzjoni

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
450 000	579 150	690 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi pprovduti lill-SEAE mill-interpreti tal-Kummissjoni.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri s-servizzi pprovduti lill-Kunsill mill-interpreti tal-Kummissjoni fl-okkażjoni ta' laqgħat tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà u l-Kumitat Militari u ta' laqgħat oħra miżmuma b'mod speċifiku fil-qafas tal-PSDK/PESK.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 111/2007 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni li tikkonċerna l-interpretazzjoni għall-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu.

2 2 3 **Nefqa mixxellanja**

2 2 3 0 Provvisti għall-uffiċċji

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
323 000	323 235	490 000,—



**KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA** (ikompli)

2 2 3 (ikompli)

2 2 3 0 (ikompli)

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ix-xiri ta' karti,
- fotokopji u miżati,
- karti u provvisti għall-uffiċċji (provvisti għall-ħidma ta' kuljum),
- materjal stampat,
- provvisti għal dispaċċ ta' posta (inviolopsijiet, karti għat-tgeżwir, pjanċi għall-magna tal-franking),
- provvisti għall-ħwienet tax-xogħol għar-riproduzzjoni ta' dokumenti (linka għall-istampaturi, pjanċi tal-offset, films u kimika għat-tħejjija tal-pjanċi).

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 1 Ħlasijiet postali

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
155 000	177 210	156 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet postali.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 2 Nefqa għal studji, sondaġġi u konsultazzjonijiet

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
49 500	49 500	0,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' studji u konsultazzjonijiet ikkummissjonati lil esperti kwalifikati sew.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA (ikompli)

## 2 2 3 (ikompli)

## 2 2 3 3 Kooperazzjoni interistituzzjonali

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
1 795 000	1 846 350	1 476 996,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-attivitajiet interistituzzjonali, notevolment il-kost tal-Uffiċċji tal-Kummissjoni u l-persunal amministrattiv tal-Kunsill li jimmaniġġja l-persunal, il-binjiet u l-arkivji tas-SEAE.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## 2 2 3 4 Rilokazzjonijiet

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
120 000	148 500	50 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għar-rilokazzjoni u t-trasport ta' tagħmir.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## 2 2 3 5 Ħlasijiet finanzjarji

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
5 000	19 800	3 500,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet finanzjarji, inkluż ħlasijiet bankarji.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## 2 2 3 6 Nefqa u spejjeż legali, danni u kumpens

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
25 000	42 570	25 000,—

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-ispejjeż li l-SEAE jista' jiġi obligat iħallas mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u l-ispiża għall-impjeg ta' avukat minn barra biex jirrappreżentaw lill-SEAE fil-qorti,

**KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA** (ikompli)

2 2 3 (ikompli)

2 2 3 6 (ikompli)

— spejjeż ta' konsultazzjoni ta' avukati minn barra,

— id-danni u l-kumpens li għalih jista' jkun responsabbli l-SEAE.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 7 Spejjeż operattivi oħra

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
10 000	9 900	0,—

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż ta' xiri ta' lbies tax-xogħol għall-persunal tas-servizz tal-konferenzi u tal-persunal tas-servizz tas-sigurtà, tagħmir tax-xogħol għall-persunal tal-ħanut tax-xogħol u persunal tas-servizzi interni u t-tiswija u l-manutenzjoni ta' lbies tax-xogħol,

— il-kontribut tal-SEAE lejn in-nefqa ta' xi assoċjazzjonijiet li l-attivitajiet tagħhom huma direttament relatati ma' dawk tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni,

— infiq operattiv ieħor mhux previst b'mod speċjali taħt it-titoli preċedenti,

— ix-xiri ta' uniformijiet u aċċessorji, b'mod partikolari għall-persunal tas-sigurtà responsabbli mill-bini ta' Cortenberg u l-bini ER.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 8 Prevenzjoni tal-Kunflitti u Servizzi għall-Appoġġ tal-Medjazzjoni (l-ewwel fażi)

Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
—	p.m.	421 894,—

*Kummenti*

Fl-2011 u 2012, ġiet implimentata azzjoni preparatorja għat-twaqqif ta' Grupp ta' Appoġġ għall-Medjazzjoni tal-UE (MSG) għas-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna. L-azzjoni preparatorja kienet meqjusa bħala l-ewwel pass għat-tisħiħ u l-għoti ta' appoġġ sostenibbli għall-inizjattivi tal-medjazzjoni billi l-ewwel iżżid il-kapaċitajiet interni tal-Unjoni mingħajr ma teskludi l-appoġġ taħt forma ta' perizja esterna u kuntrattwali.

Fl-2013, din l-approprjazzjoni kienet maħsuba biex tkopri:

— l-iskjerament tal-persunal b'appoġġ ta' proċessi ta' medjazzjoni u djalogu,

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA (ikompli)

2 2 3 (ikompli)

2 2 3 8 (ikompli)

- kuntrattar jew stedina ta' esperti interni u esterni tal-medjazzjoni u d-djalogu, b'kunsiderazzjoni għall-ħidma li għaddejja tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet oħra fit-tfassil ta' rosters,
- involviment fl-immaniġġjar tal-għarfien, inkluż l-analiżi tal-konflitt u tagħlimiet miksuba minn studji u gruppi ta' ħidma, l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni tal-aħjar prattiċi u linjigwida,
- taħriġ u bini tal-kapaċità interni b'konnessjoni ma' ħidmiet relatati mal-medjazzjoni u d-djalogu u għarfien tas-sitwazzjoni għall-persunal tas-SEAE fil-kwartieri ġenerali, persunal tal-Unjoni f'missjonijiet u kapijiet tad-delegazzjonijiet u l-persunal tagħhom.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 4 **Prevenzjoni tal-Kunflitti u Servizzi għall-Appoġġ tal-Medjazzjoni (kontinwazzjoni)**

2 2 4 0 Prevenzjoni tal-Kunflitti u Servizzi għall-Appoġġ tal-Medjazzjoni (Kontinwazzjoni)

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
450 000	500 000	

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-iskjerament tal-persunal tal-Unjoni b'appoġġ għal proċessi ta' medjazzjoni u djalogu,
- l-ikkuntrattar ta' esperti interni ta' medjazzjoni u djalogu kif ukoll l-aċċess għal servizzi esterni ta' appoġġ għall-medjazzjoni, filwaqt li jitqies ix-xogħol li jkun qiegħed isir min-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet oħrajn fl-istabbiliment ta' rosters,
- involviment fl-immaniġġjar tal-għarfien, inkluż l-organizzazzjoni ta' workshops u analiżi ta' kunflitti, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' studji ta' tagħlimiet, l-aħjar prattiċi u linji gwida,
- taħriġ u bini tal-kapaċità interni b'konnessjoni ma' twissijiet bikrija, analiżi tal-kunflitti u medjazzjoni u djalogu għall-persunal tal-Unjoni fil-kwartieri ġenerali, il-persunal tal-Unjoni skjerat f'missjonijiet, l-EUSRs, il-kapijiet tad-delegazzjonijiet u l-persunal tagħhom.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

## TITOLU 3

## DELEGAZZJONIJIET

## KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2015	Approprjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
	KAPITOLU 3 0				
<b>3 0 0</b>	<b>Delegazzjonijiet</b>				
3 0 0 0	Rimunerazzjoni u intitolamenti għall-persunal statutorju				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	105 510 000	103 417 857	104 210 307,18	98,77
3 0 0 1	Persunal estern u servizzi minn barra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	60 068 000	59 835 029	57 232 459,08	95,28
3 0 0 2	Nefqa oħra marbuta mal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 587 285	19 035 000	20 853 623,52	101,29
3 0 0 3	Binjiet u spejjeż assoċjati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	155 799 301	103 062 000	99 416 624,22	63,81
3 0 0 4	Nefqa amministrattiva oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	41 937 800	20 379 000	22 950 749,51	54,73
3 0 0 5	Il-kontribut tal-Kummissjoni għad-delegazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	269 246 720,19	
	<i>Artikolu 3 0 0 — Total</i>	383 902 386	305 728 886	573 910 483,70	149,49
	<b>KAPITOLU 3 0 — TOTAL</b>	383 902 386	305 728 886	573 910 483,70	149,49
	<b>Titolu 3 — Total</b>	<b>383 902 386</b>	<b>305 728 886</b>	<b>573 910 483,70</b>	<b>149,49</b>

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

**TITOLU 3****DELEGAZZJONIJIET****KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET****3 0 0 Deleazzjonijiet****3 0 0 0 Rimunerazzjoni u intotolamenti għall-persunal statutorju**

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
105 510 000	103 417 857	104 210 307,18

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li saret fost id-deleazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea barra l-Unjoni u deleazzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin barra l-Unjoni fir-rigward ta' uffiċjali u persunal temporanju li jkollhom pożizzjoni pprovdut għaliha fil-pjan ta' stabbiliment:

- salarji bażiċi, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet biex iwaqqfu jew iżommu għalihom id-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orġini tagħhom,
- allokkazzjonijiet u għotjiet mixxellanji,
- sahra,
- kemm jiġu jiswew il-koeffiċjenti korrettivi meta applikati għar-rimunerazzjoni,
- il-kost ta' kull aġġustament għar-rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas ta' kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mis-SEAE.

**3 0 0 1 Persunal estern u servizzi minn barra**

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
60 068 000	59 835 029	57 232 459,08

**KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET** (*ikompli*)**3 0 0** (*ikompli*)**3 0 0 1** (*ikompli*)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li saret mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn barra l-Unjoni u delegazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin fl-Unjoni.

- ir-rimunerazzjoni ta' persunal lokali u/jew bil-kuntratt, u spejjeż tas-sigurtà soċjali u benefiċċji li jinġarru minn min iħaddem,
- il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-kopertura supplimentari tas-sigurtà soċjali għall-persunal lokali,
- is-servizzi ta' persunal ta' aġenzija u freelance.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

**3 0 0 2** Nefqa oħra marbuta mal-persunal

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
20 587 285	19 035 000	20 853 623,52

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li saret mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn barra l-Unjoni u delegazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin fl-Unjoni.

- in-nefqa relatata mal-impjieg ta' Esperti ta' grad inferjuri (gradwati mill-Università) fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea,
- in-nefqa tas-seminars organizzati għad-diplomati żgħażaġħ mill-Istati Membri u pajjiżi terzi,
- in-nefqa dwar l-issekondar jew post temporanju ta' uffiċjali mill-Istati Membri lid-delegazzjonijiet,
- l-allokkazzjonijiet ta' stallazzjoni u ta' ristabiliment dovuti lill-membri tal-persunal obbligati li jbiddu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom jew meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u finalment meta jħallu l-istituzzjoni u jirristabilixxu ruħhom x'imkien ġdid,
- l-spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-membri tal-persunal (inkluż il-familji tagħhom) meta jibdew jaqdu dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ieħor ta' impjieg jew meta jtilqu mill-istituzzjoni,
- l-ispejjeż tal-ġarr dovuti lill-membri tal-persunal li kienu obbligati li jbiddu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u meta fl-aħħar jtilqu mill-istituzzjoni u jstabilixxu ruħhom x'imkien ieħor,

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET (ikompli)

3 0 0 (ikompli)

3 0 0 2 (ikompli)

- spejjeż u allokazżjonijiet mixxelanji dwar persunal ieħor, inklużi konsultazzjonijiet legali,
- Nefqa li ġeja minn proċeduri ta' reklutaġġ ta' uffiċjali, aġenti temporanji, persunal bil-kuntratt u persunal lokali, inklużi spejjeż ta' pubblikazzjoni, vjaġġar u spejjeż ta' sussistenza u assigurazzjoni għall-inċidenti għal kandidati li jkunu msejħa għal eżamijiet u intervisti, spejjeż konnessi mal-organizzazzjoni ta' testijiet għal reklutaġġ ta' gruppi u eżamijiet mediċi ta' qabel ir-reklutaġġ,
- il-kisba, is-sostituzzjoni, il-konverżjoni u l-manutenzjoni ta' tagħmir ta' natura medika installati fid-delegazzjonijiet,
- spejjeż relatati mal-ispiża ta' eżamijiet mediċi annwali ta' uffiċjali, persunal b'kuntratt u persunal lokali, inklużi analiżi u testijiet imwettqa bħala parti minn eżamijiet bħal dawn, il-kosti ta' konsulenti mediċi u dentali u l-kosti marbuta mal-politika dwar l-AIDS fuq ix-xogħol,
- attivitajiet u inizjattivi kulturali sabiex jinkoraġġixxu kuntatti soċjali bejn persunal espatrijat u persunal lokali,
- il-benefiċċju fiss mogħti lill-uffiċjali li regolarment ikollhom spejjeż ta' rappreżentazzjoni minħabba dmirijiethom, u r-rimbors ta' spejjeż magħmula minn uffiċjali awtorizzati biex jirrappreżentaw lill-Kummissjoni u/jew is-SEAE fl-interess tas-servizz u minħabba dmirijiethom (fil-każ ta' delegazzjonijiet ġewwa t-territorju tal-Unjoni, parti mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni jkunu koperti mill-benefiċċju fiss għar-rappreżentazzjoni),
- nefqa fuq l-ivvjaġġar, benefiċċji għas-sussistenza ta' kuljum għal missjonijiet u spejjeż inċidentali jew eċċezzjonali li jsiru b'konnessjoni ma' missjonijiet minn uffiċjali tal-Kummissjoni u persunal ieħor,
- nefqa fuq spejjeż ta' vjaġġar u konċessjonijiet tal-għixien ta' kuljum għal kandidati li jgħaddu u jiġu msejħa għal taħriġ qabel jibdew fil-kariga tagħhom,
- in-nefqa tal-ispejjeż tal-ivjaġġar, l-allowances għas-sussistenza ta' kuljum u assigurazzjoni marbuta ma' evakwazzjonijiet mediċi,
- in-nefqa li ġeja minn sitwazzjonijiet ta' kriżi, fosthom l-ivvjaġar, l-akkomodazzjoni u allokazżjonijiet għas-sussistenza ta' kuljum,
- in-nefqa fuq taħriġ ġenerali u dak tal-lingwa imfassal biex itejjeb il-ħiliet tal-persunal u l-prestazzjoni tal-istituzzjoni,
- miżati għall-esperti impjegati biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tat-taħriġ, ifasslu, jiżviluppaw u jattendu korsijiet u jevalwaw u jsegwu r-riżultati,
- miżati għal konsulenti f'diversi oqsma, b'mod partikolari f'metodi ta' organizzazzjoni, ippjanar, ġestjoni, strateġija, assigurazzjoni tal-kwalità u ġestjoni perosnali,
- nefqa magħmula fit-tiswir, l-organizzazzjoni u l-valutazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-istituzzjoni fil-forma ta' korsijiet, seminars u konferenzi (l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-għalliem/kelliema fil-korsijiet u l-ispejjeż tas-sussistenza tagħhom, u l-materjali tat-tagħlim),
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi u loġistiċi tal-organizzazzjoni tal-korsinijiet li jinkludu l-kera tal-bini, it-trasport u t-tagħmir għat-taħriġ u seminars lokali u reġjonali kif ukoll spejjeż relatati bħal dawk għall-ikel u x-xorb,



**KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET** (*ikompli*)**3 0 0** (*ikompli*)**3 0 0 2** (*ikompli*)

- l-ispiża tal-parteċipazzjoni f'konferenzi u simpożja, u abbonamenti f'assoċjazzjonijiet professjonali u xjentifiċi,
- in-nefqa fit-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u informazzjoni, siti tal-internet assoċjati u x-xiri ta' għodod għat-tagħlim, abbonamenti u liċenzji għal tagħlim mil-bogħod, kotba, u prodotti tal-istampa u dawk multimedjali,
- l-ispejjeż assoċjati mal-programm ta' skambju diplomatiku, bħal pereżempju l-ivvjaġġar u l-kosijiet tal-istallazzjoni skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

**3 0 0 3** Binjiet u spejjeż assoċjati

Approprijazzjonijiet 2015	Approprijazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
155 799 301	103 062 000	99 416 624,22

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li saret mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn barra l-Unjoni u delegazzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin fl-Unjoni.

- konċessjonijiet għal akkomodazzjoni temporanja u konċessjonijiet ta' kuljum għal uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali,
- fir-rigward tal-keru u spejjeż oħra fuq il-bini għad-delegazzjonijiet barra l-Unjoni:
  - għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet barra l-Unjoni jew minn uffiċjali li jaħdmu barra l-Unjoni: kirjiet (li jinkludu akkomodazzjoni temporanja) u taxxi, primjums ta' assigurazzjoni, tiġdid u tiswijiet kbar, nefqa ta' rutina dwar is-sigurtà tal-persuni u l-oġġetti (magni cipher, kaxxaforti, żbarri tat-twieqi, eċċ.),
  - għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet barra l-Unjoni u r-residenzi tad-delegati: spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u karburant, manutenzjoni u tiswijiet, tqandil, tiġdid u spejjeż oħra ta' rutina (taxxi lokali għall-manutenzjoni tat-toroq u l-għbir tal-iskart u x-xiri ta' sinjali u tabelli),
- fir-rigward tal-keru u spejjeż oħra fuq bini ġewwa t-territorju tal-Unjoni:
  - għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet: keru; imposti tal-ilma, il-gass, l-elettriku u l-enerġija għat-tisħin; primjums tal-assigurazzjoni; manutenzjoni u tiswijiet; tiġdid u tiswijiet kbar; nefqa dwar is-sigurtà, partikolarment kuntratti għas-sorveljanza u l-kiri u l-mili mill-ġdid tat-tagħmir għat-tifi tan-nar; ix-xiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir tat-tifi tan-nar u l-bdil ta' tagħmir ta' uffiċjali volontarji tat-tifi tan-nar; l-ispiża ta' spezzjonijiet statutorji, eċċ.,
  - għall-bini jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċjali: rimbors tan-nefqa dwar is-sigurtà tal-binja,
- nefqa magħmula mill-kisba ta' art għall-bini u bini (xiri jew alternattiva ta' xiri-twellija) jew il-bini ta' uffiċċji jew akkomodazzjoni oħra, inkluż l-ispejjeż ta' studji preliminari u diversi miżati.

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

## KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET (ikompli)

3 0 0 (ikompli)

3 0 0 3 (ikompli)

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) introduċa fl-Artikolu 203 il-possibilità għall-istituzzjonijiet biex jiffinanzjaw l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà permezz ta' self. Din il-partita tkopri kostijiet iġġenerati mit-tali self (kapital u imgħax) għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà għad-delegazzjonijiet.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal: EUR 275 000.

3 0 0 4 Nefqa amministrattiva oħra

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
41 937 800	20 379 000	22 950 749,51

## Kummenti

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li saret mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn barra l-Unjoni u delegazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin fl-Unjoni.

- ix-xiri, il-kiri, it-twellija, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara u t-tagħmir, b'mod partikolari awdjoviv, li jarkivja, jistampa, tal-librerija, tal-interpretazzjoni u t-tagħmir speċjalizzat tal-uffiċċju (photocopiers, reader-printers, magni tal-faks, eċċ.) kif ukoll il-kisba ta' dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- ix-xiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir tekniku bħal ġeneraturi, kondizzjonaturi tal-arja, eċċ., u l-istallazzjoni ta' tagħmir għall-faċilitajiet tal-benesseri fid-delegazzjonijiet,
- ix-xiri, il-bdil, il-kiri, it-twellija, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi, inklużi l-għodod,
- primjums tal-assigurazzjoni għall-vetturi,
- ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi, inklużi aġġornamenti u abbonamenti ta' gazzetti, perjodiċi u diversi pubblikazzjonijiet, u l-ispiża tal-legatura u spejjeż oħra għall-preservazzjoni tal-perjodiċi,
- l-abbonament għal aġenziji tal-aħbarijiet,
- ix-xiri ta' karti, envelopes, provvisti tal-uffiċċju u provvisti għar-riproduzzjoni, u xi stampar ikkuntrattat lill-fornituri tas-servizz minn barra,
- it-trasport u r-rilaxx mid-dwana ta' tagħmir, ix-xiri u tindif ta' uniformijiet għall-messaġġiera, xufiera, eċċ., diversi tipi ta' assicurazzjoni (b'mod partikolari responsabilità fil-konfront ta' terzi u kontra s-serq), nefqa għall-laqgħat interni (xorb, ikel servut f'okkażjonijiet speċjali),
- l-ispiża ta' studji, surveys u konsultazzjonijiet konnessi mal-operazzjoni amministrattiva tad-delegazzjonijiet u kull spiża oħra operattiva mhux speċifikatament koperta mill-partiti l-oħra ta' dan l-artikolu,

**KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET** (*ikompli*)**3 0 0** (*ikompli*)**3 0 0 4** (*ikompli*)

- spejjeż postali u tal-konsenja għall-posta, għar-rapporti u l-pubblikazzjonijiet, il-pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija,
- l-ispiża tal-posta diplomatika,
- kull nefqa għall-għamara u attrezzaturi għall-akkomodazzjoni residenzjali disponibbli għall-uffiċjali,
- ix-xiri, il-kiri jew t-twellija ta' tagħmir għall-iproċessar tad-data (kompjuters, terminals, mini-kompjuters, peripherals, apparat ta' kuntatt) bis-softwer meħtieġ,
- is-servizzi mogħtija b'kuntratt, per eżempju għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-appoġġ ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informatika fid-delegazzjonijiet,
- ix-xiri, il-kiri jew it-twellija ta' tagħmir għar-riproduzzjoni tal-informazzjoni fuq karta, bħal stampanti u skeners,
- ix-xiri, il-kiri jew it-twellija ta' exchanges tat-telefown u swiċċboards u tagħmir għat-trasmissjoni tad-data bis-softwer meħtieġ,
- imposti ta' abbonament u spejjeż fissi għall-komunikazzjoni bil-cable jew bir-radju (telefown, telegrafu, telex, faks), nefqa għan-netwerks għat-trasmissjoni tad-data, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- l-ispiża ta' stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, appoġġ, għajnuna, dokumentazzjoni u provisti għal dan it-tagħmir,
- kull nefqa għal operazzjonijiet ta' sigurtà attiva f'delegazzjonijiet f'emerġenzi,
- l-ispejjeż finanzjarji kollha, inkluż spejjeż tal-banek,
- għal kontijiet tal-flus akkont, aġġustamenti fejn ittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa mill-uffiċjal li jawtorizza biex jieħu ħsieb is-sitwazzjoni u fejn l-ispiża ta' aġġustament ma tista' tiġi rreġistrata f'linja speċifika tal-baġit,
- aġġustamenti f'sitwazzjoni fejn pretensjoni sħiħa jew parti minnha tiġi kkanċellata wara li tkun tniżżlet fuq il-kontijiet bħala dħul (partikolarment fiċ-ċirkostanza ta' tpattija ta' dejn),
- aġġustamenti f'każijiet fejn il-VAT ma nġabritx u fejn mhuwiex aktar possibbli li jiġi rreġistrat l-ammont fil-linja li kopriet in-nefqa ewlenija,
- għal kwalunkwe imġax fuq il-każi ta' hawn fuq, fejn ma tkunx tista' titniżżel ma' linja baġitarja speċifika oħra,

Din il-partita hija wkoll maħsuba biex takkomoda, jekk meħtieġ, approprijazzjoni biex tkopri kull telf li jirriżulta mill-likwidazzjoni jew il-waqfien ta' attivitajiet ta' banek li magħhom l-Kummissjoni għandha kontijiet għall-iskopijiet ta' ħlasijiet bil-quddiem.

Din il-partita tista' tiffinanzja spejjeż magħmula mid-delegazzjonijiet fil-qafas tal-kooperazzjoni lokali mal-Istati Membri, notevolment fil-kuntest ta' kriżi.

## SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET (*ikompli*)3 0 0 (*ikompli*)3 0 0 4 (*ikompli*)

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30) u b'mod partikolari l-Artikolu 5(10) tagħha.

3 0 0 5 Il-kontribut tal-Kummissjoni għad-delegazzjonijiet

Appropriazzjonijiet 2015	Appropriazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	269 246 720,19

*Kummenti*

Kwalunkwe dħul mill-Kummissjoni u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) li jikkontribwixxi għall-kost tad-delegazzjonijiet li jirriżultaw mill-preżenza tal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet jista' jwassal biex appropriazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefġiet li ġejjin tal-persunal tal-Kummissjoni, inkluż il-persunal tal-Kummissjoni ffinanzjat mill-FEŻ imqiegħed fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea barra l-Unjoni u delegazzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali li jinsabu fl-Unjoni:

— salarji u nefqa marbuta mas-salarji ta' aġenti lokali (u persunal tal-aġenziji),

— is-sehem min-nefqa koperti bil-partita 3 0 0 0 (Rimunerazzjoni u intitolamenti ta' persunal statutorju), 3 0 0 1 (Persunal estern u servizzi minn barra), 3 0 0 2 (Nefqa oħra marbuta mal-persunal), 3 0 0 3 (Bini u spejjeż assoċjati) u 3 0 0 4 (Nefqa amministrattiva oħra) għal tali l-persunal.

Barra minn hekk, din l-appropriazzjoni tista' tkopri nfiq ieħor, bħal attivitajiet li jirrigwardaw ġurnali u informazzjoni, eżegwiti abbażi ta' ftehimiet fil-livell ta' servizz konklużi ma' istituzzjonijiet oħra.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal: p.m.

## TITOLU 10

## SPEJJEŻ OĦRAJN

## KAPITOLU 10 0 — APPROPJAZZJONIJIET PROVIŻORJI

## KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Artikolu Partita	Intestatura	Appropjazzjonijiet 2015	Appropjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013	% 2013/2015
	KAPITOLU 10 0	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	<b>Titolu 10 — Total</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>0,—</b>	
	<b>GRAN TOTAL</b>	<b>602 836 886</b>	<b>518 628 447</b>	<b>765 987 738,09</b>	<b>127,06</b>

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

**TITOLU 10****SPEJJEŻ OĦRAJN****KAPITOLU 10 0 — APPROPJAZZJONIJIET PROVIŻORJI**

Appropjazzjonijiet 2015	Appropjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

L-appropjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu huma proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara li jkunu trasferiti għal kapitoli oħra skont ir-Regolament Finanzjarju.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA**

Appropjazzjonijiet 2015	Appropjazzjonijiet 2014	Eżitu 2013
p.m.	p.m.	0,—

*Kummenti*

Din l-appropjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tirriżulta mid-deċiżjonijiet baġitarji meħuda matul is-sena finanzjarja (nefqa li ma tistax tiġi stmata).

**PERSUNAL****Taqsim X — Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna**

Grupp ta' funzjoni u grad	2015		2014	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Li għandu jiġi trasferit lill-SEAE	
			Karigi permanenti	Karigi temporanji
AD 16	7		7	
AD 15	29		29	
AD 14	119		119	
AD 13	198		198	
AD 12	183		185	
AD 11	69		69	
AD 10	70		78	
AD 9	83		83	
AD 8	44		44	
AD 7	76		70	
AD 6	42		42	
AD 5	44		44	
<b>Total AD</b>	<b>964</b>	<b>0</b>	<b>968</b>	<b>0</b>
AST 11	31		31	
AST 10	27		27	
AST 9	62		51	
AST 8	57	1	57	1
AST 7	92		98	
AST 6	84		95	
AST 5	102		109	
AST 4	59		58	
AST 3	58		58	
AST 2	58		68	
AST 1	30		40	
<b>Total AST</b>	<b>660</b>	<b>1</b>	<b>692</b>	<b>1</b>
AST/SC 6				
AST/SC 5				
AST/SC 4				
AST/SC 3				
AST/SC 2	10			
AST/SC 1	10			
<b>Total AST/SC</b>	<b>20</b>			
<b>It-total ta' kollox</b>	<b>1 644</b>	<b>1</b>	<b>1 660</b>	<b>1</b>
<b>Persunal totali</b>	<b>1 645</b>		<b>1 661</b>	